Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat

# Konvenzjoni tat-30 ta’ Ġunju 2005 dwar il-Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti

Test adottat mill-Għoxrin Sessjoni

# Rapport ta’ Spjegazzjoni minn

Trevor Hartley u Masato Dogauchi

Editjat mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza
Scheveningseweg 6, L-Aja, il-Pajjiżi l-Baxxi

HCCH
HAGUE CONFERENCE ON PRIVATE INTERNATIONAL LAW
CONFÉRENCE DE LA HAYE DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat

# Konvenzjoni tat-30 ta' Ġunju 2005
# dwar il-Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti

Test adottat mill-Għoxrin Sessjoni

# Rapport ta' Spjegazzjoni minn

Trevor Hartley u Masato Dogauchi

Editjat mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza
Scheveningseweg 6, L-Aja, il-Pajjiżi l-Baxxi

HCCH
HAGUE CONFERENCE ON PRIVATE INTERNATIONAL LAW
CONFÉRENCE DE LA HAYE DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ

Il-Kummissjoni Ewropea

Ippubblikat mill-
**Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat**
**Il-Bureau Permanenti**
Churchillplein 6b
2517 JW The Hague
The Netherlands

Telefown: +31 70 363 3303
Faks: +31 70 360 4867
Posta elettronika: secretariat@hcch.net
Sit web: www.hcch.net

© Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat 2013

Drittijiet kollha riżervati. L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta, maħżuna f'sistema minn fejn tista' terġa' tittella', jew trażmessa bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, fosthom iffotokopjar jew irreġistrar, mingħajr il-permess bil-miktub tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Grazzi għall-ġenerożità tal-Kummissjoni Ewropea/DĠ Ġustizzja, ir-Rapport ta' Spjefazzjoni dwar *il-Konvenzjoni tal-Aja tat-30 ta' Ġunju 2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti*, imħejji minn Trevor Hartley u Masato Dogauchi, ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tal-Ingliż, il-Franċiż, l-Ispanjol u l-Ġermaniż peress li dawn il-verżjonijiet lingwistiċi kienu diġà jeżistu. It-traduzzjoni bl-Ispanjol ta' din il-pubblikazzjoni kienet ġentilment ipprovduta mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ta' Spanja u t-traduzzjoni Ġermaniża kienet ir-riżultat ta' kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet Awstrijaċi, l-awtoritajiet Ġermaniżi u l-awtoritajiet Żvizzeri. It-traduzzjonijiet ta' din il-pubblikazzjoni f'lingwi oħra (bl-eċċezzjoni tal-Ispanjol) ma ġewx riveduti mill-Bureau Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

Il-verżjonijiet uffiċjali ta' din il-pubblikazzjoni, bl-Ingliż u bil-Franċiż, huma disponibbli fuq is-sit web tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (www.hcch.net).

ISBN 978-92-79-58152-6

Stampat il-Belġju

## Daħla

1. Il-kontenuti ta' din il-pubblikazzjoni ttieħdu minn Tome III tal-Proċedimenti tal-Għoxrin Sessjoni. Dik il-pubblikazzjoni fiha, flimkien mar-Rapport ta' Spjegazzjoni riprodott iktar 'l isfel, id-dokument u l-minuti rilevanti kollha tad-diskussjonijiet tal-Għoxrin Sessjoni tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, iddedikata lill-Konvenzjoni dwar il-Ftehimiet tal-Għażla tal-Qorti. Dan il-volum sħiħ jista' jiġi ordnat jew mingħand il-pubblikatur Intersentia jew permezz ta' bejjiegħa professjonali tal-kotba. Il-pubblikazzjonijiet tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat jistgħu jiġu kkonsultati wkoll fis-sit tal-Konferenza (< www.hcch.net >, taħt it-taqsima "Publications").

2. Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni ta' Trevor Hartley u Masato Dogauchi jservi ta' kummentarju dwar il-Konvenzjoni adottata mill-Għoxrin Sessjoni, li hija stabbilita fl-Att Finali tat-30 ta' Ġunju 2005.

L-Aja, Ottubru 2013

# Konvenzjoni

Silta mill-Att Finali
tal-Għoxrin Sessjoni
iffirmata fit-30 ta’ Ġunju 2005

IL-KONVENZJONI DWAR IL-FTEHIMIET DWAR L-GĦAŻLA TAL-QORTI

L-Istati li huma Partijiet f’din il-Konvenzjoni,

Billi jixtiequ jippromwovu l-kummerċ u l-investiment internazzjonali permezz ta’ kooperazzjoni ġudizzjarja msaħħa,

Billi jemmnu li kooperazzjoni bħal din tista’ tissaħħaħ permezz ta’ regoli uniformi dwar il-ġurisdizzjoni u dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta’ sentenzi barranin fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali,

Billi jemmnu li kooperazzjoni msaħħa bħal din teħtieġ partikolarment sistema legali internazzjonali li tipprovdi ċertezza u tiżgura l-effettività ta’ ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti bejn il-partijiet fi tranżazzjonijiet kummerċjali u li tirregola r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi li jirriżultaw minn proċedimenti bbażati fuq tali ftehimiet,

Iddeċidew li jikkonkludu din il-Konvenzjoni u qablu fuq id-dispożizzjonijiet li ġejjin –

KAPITOLU I - KAMP TA’ APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1* *Kamp ta’ applikazzjoni*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tapplika f’kawżi internazzjonali għal ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti konklużi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

2. Għall-finijiet tal-Kapitolu II, kawża tkun internazzjonali sakemm il-partijiet ma jkunux residenti fl-istess Stat Kontraenti u r-relazzjoni tal-partijiet u l-elementi l-oħrajn kollha rilevanti għat-tilwima, irrispettivament mill-post fejn tinsab il-qorti magħżula, ikunu marbutin biss ma’ dak l-Istat.

3. Għall-finijiet tal-Kapitolu III, kawża tkun internazzjonali meta jiġi mfittex ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta’ sentenza barranija.

*Artikolu 2* *Esklużjonijiet mill-kamp ta’ applikazzjoni*

1. Din il-Konvenzjoni ma għandhiex tapplika għal ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti –

*a)* li tkun parti fihom persuna fiżika li taġixxi primarjament għal raġunijiet personali, familjari jew domestiċi (konsumatur);

*b)* relatati ma’ kuntratti ta’ impjieg, inklużi ftehimiet kollettivi.

2. Din il-Konvenzjoni ma għandhiex tapplika għall-kwistjonijiet li ġejjin –

*a)* l-istatus u l-kapaċità legali ta’ persuni fiżiċi;

*b)* l-obbligi ta’ manteniment;

*ċ)* kwistjonijiet oħrajn tal-liġi tal-familja, inklużi s-sistemi ta’ proprjetà matrimonjali u drittijiet jew obbligi oħrajn li jirriżultaw miż-żwieġ jew minn relazzjonijiet simili;

*d)* testmenti u suċċessjoni;

*e)* insolvenza, akkordji u kwistjonijiet analogi;

*f)* il-ġarr ta’ passiġġieri u merkanzija;

*g)* it-tniġġis tal-baħar, il-limitazzjoni tar-responsabbiltà għal pretensjonijiet marittimi, il-medja ġenerali, l-irmunkar u s-salvataġġ f’każ ta’ emerġenza;

*h)* kwistjonijiet ta’ antitrust (kompetizzjoni);

*i)* ir-responsabbiltà għal dannu nukleari;

*j)* pretensjonijiet għal korriment personali miġjub minn jew għan-nom ta’ persuni fiżiċi;

*k)* pretensjonijiet ta' delitt għal dannu fuq proprjetà tanġibbli li ma jirriżultawx minn relazzjoni kuntrattwali;

*l)* drittijiet *in rem* fi proprjetà immobbli u kiri ta’ proprjetà immobbli;

*m)* il-validità, in-nullità, jew ix-xoljiment ta’ persuni legali, u l-validità tad-deċizjonijiet tal-organi tagħhom;

*n)* il-validità tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali minbarra dawk tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati;

*o)* ksur ta’ drittijiet ta’ proprjetà intellettwali minbarra d-drittjiet tal-awtur u drittijet relatati, ħlief meta l-proċedimenti ta’ ksur jitressqu dwar ksur ta’ kuntratt bejn il-partijiet b’rabta ma’ tali drittijiet, jew setgħu jitressqu għall-ksur ta’ dak il-kuntratt;

*p)* il-validità tar-reġistrazzjonijiet fir-reġistri pubbliċi.

3. Minkejja l-paragrafu 2, il-proċedimenti mhumiex esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din il-Konvenzjoni fejn kwistjoni eskluża taħt dak il-paragrafu tinħoloq sempliċiment bħala domanda preliminari u mhux bħala suġġett tal-proċedimenti. B’mod partikolari, is-sempliċi fatt li kwistjoni eskluża taħt il-paragrafu 2 tinħoloq mid-difiża

ma jeskludix il-proċedimenti mill-Konvenzjoni, jekk dik il-kwistjoni ma tkunx is-suġġett tal-proċedimenti.

4. Din il-Konvenzjoni ma tapplikax għall-arbitraġġ u għal proċedimenti relatati.

5. Il-proċedimenti mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni minħabba s-sempliċi fatt li Stat, inkluż gvern, aġenzija governattiva jew kwalunkwe persuna li taġixxi għal Stat, huwa parti minnha.

6. Ma hemm xejn f'din il-Konvenzjoni li jaffettwa l-privileġġi u l-immunitajiet ta' Stati jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, fir-rigward tagħhom stess jew tal-proprjetà tagħhom.

*Artikolu 3 Ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti*

Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni –

*a)* "ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti" jfisser ftehim konkluż bejn żewġ partijiet jew aktar li jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu *ċ)* u jinnomina, għall-iskop li jiġi deċiż it-tilwim li jkun inħoloq jew jista' jinħoloq b'rabta ma' relazzjoni legali partikolari, il-qrati ta' Stat Kontraenti wieħed jew qorti speċifika waħda jew aktar ta' Stat Kontraenti wieħed bl-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni ta' qrati oħrajn;

*b)* ftehim dwar l-għażla tal-qorti li jinnomina l-qrati ta' Stat Kontraenti wieħed jew qorti speċifika waħda jew aktar ta' Stat Kontraenti wieħed għandu jitqies bħala esklussiv sakemm il-partijiet ma jkunux espressament ipprovdew mod ieħor;

*ċ)* ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti għandu jiġi konkluż jew iddokumentat –

*i)* bil-miktub; jew

*ii)* permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni li jagħmel l-informazzjoni aċċessibbli biex tkun tista' tintuża għal referenza sussegwenti;

*d)* ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti li jifforma parti minn kuntratt għandu jiġi ttrattat bħala ftehim indipendentament mit-termini l-oħrajn tal-kuntratt. Il-validità tal-ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti ma tistax tiġi kkontestata biss fuq il-bażi li l-kuntratt mhuwiex validu.

*Artikolu 4 Definizzjonijiet oħrajn*

1. F'din il-Konvenzjoni, "sentenza" tfisser kwalunkwe deċiżjoni fuq il-merti mogħtija minn qorti, irrispettivament minn kif tissejjaħ, inkluż digriet jew ordni, u determinazzjoni tal-ispejjeż mill-qorti (inkluż uffiċjal tal-qorti), diment li d-determinazzjoni tkun relatata ma' deċiżjoni fuq il-merti li jistgħu jiġu rikonoxxuti jew infurzati skont din il-Konvenzjoni. Miżura provviżorja ta' protezzjoni mhijiex sentenza.

2. Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, entità jew persuna li mhijiex persuna fiżika għandha titqies bħala residenti fl-Istat –

*a)* fejn għandha s-sede statutorja tagħha;

*b)* li skont il-liġi tiegħu ġiet inkorporata jew iffurmata;

*ċ)* fejn għandha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha; jew

*d)* fejn għandha l-post prinċipali tan-negozju tagħha.

KAPITOLU II – IL-ĠURISDIZZJONI

*Artikolu 5 Il-ġurisdizzjoni tal-qorti magħżula*

1. Il-qorti jew qrati ta' Stat Kontraenti nnominat fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti għandu jkollhom ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar tilwima li għaliha japplika l-ftehim, sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett skont il-liġi ta' dak l-Istat.

2. Qorti li għandha ġurisdizzjoni skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tastjeni milli teżerċita l-ġurisdizzjoni fuq il-bażi li t-tilwima għandha tiġi deċiża f'qorti ta' Stat ieħor.

3. Il-paragrafi preċedenti ma għandhomx jaffettwaw ir-regoli –

*a)* dwar il-ġurisdizzjoni relatata mas-suġġett inkwistjoni jew mal-valur tal-pretensjoni;

*b)* dwar l-allokazzjoni interna tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati ta' Stat Kontraenti. Madankollu, fejn il-qorti magħżula jkollha d-diskrezzjoni dwar jekk il-kawża għandhiex tiġi ttrasferita, l-għażla tal-partijiet għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa.

*Artikolu 6 L-obbligi ta' qorti li mhijiex magħżula*

Qorti ta' Stat Kontraenti minbarra dak tal-qorti magħżula għandha tissospendi jew tirrinunzja l-proċedimenti li għalihom japplika ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti sakemm –

*a)* il-ftehim ma jkunx null u bla effett skont il-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula;

*b)* parti minnhom ma setgħetx tikkonkludi ftehim skont il-liġi tal-Istat tal-qorti invokata;

*ċ)* l-għoti ta' effett lill-ftehim ma twassalx għal inġustizzja ċara jew ma tkunx tmur kontra l-ordni pubbliku tal-Istat tal-qorti invokata b'mod ċar;

*d)* għal ragunijiet eċċezzjonali ’lil hinn mill-kontroll tal-partijiet, il-ftehim ma jkunx jista’ jitwettaq b’mod raġonevoli; jew

*e)* il-qorti magħżula ma tkunx iddeċidiet li ma tismax il-kawża.

*Artikolu 7 Miżuri provviżorji ta’ protezzjoni*

Il-miżuri provviżorji ta’ protezzjoni mhumiex irregolati minn din il-Konvenzjoni. Din il-Konvenzjoni la titlob u lanqas tipprekludi l-għoti, ir-rifjut jew it-terminazzjoni ta’ miżuri provviżorji ta’ protezzjoni minn qorti ta’ Stat Kontraenti u ma taffettwax jekk parti tistax titlob jew qorti għandhiex tagħti, tirrifjuta jew tittermina tali miżuri jew le.

KAPITOLU III – IR-RIKONOXXIMENT U L-INFURZAR

*Artikolu 8 Rikonoxximent u infurzar*

1. Sentenza mogħtija minn qorti ta’ Stat Kontraenti nnominata fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti għandha tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stati Kontraenti oħrajn b’konformità ma’ dan il-Kapitolu. Ir-rikonoxximent jew l-infurzar jistgħu jiġu rrifjutati biss għar-raġunijiet speċifikati f’din il-Konvenzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għal rieżami bħal dan kif meħtieġ għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu, ma għandu jkun hemm l-ebda rieżami tal-merti tas-sentenza mogħtija mill-qorti tal-oriġini. Il-qorti indirizzata għandha tkun marbuta mill-konstatazzjonijiet ta’ fatt li fuqhom il-qorti tal-oriġini bbażat il-ġurisdizzjoni tagħha, sakemm is-sentenza ma tkunx ingħatat f’kontumaċja.

3. Sentenza għandha tiġi rikonoxxuta biss jekk ikollha effett fl-Istat tal-oriġini u għandha tiġi infurzata biss jekk tista’ tiġi infurzata fl-Istat tal-oriġini.

4. Ir-rikonoxximent jew l-infurzar jistgħu jiġu posposti jew irrifjutati jekk is-sentenza tkun soġġetta għal rieżami fl-Istat tal-oriġini jew jekk it-terminu preskrittiv biex jintalab rieżami ordinarju ma jkunx skada. Rifjut ma jipprevenix applikazzjoni sussegwenti għal rikonoxximent jew infurzar tas-sentenza.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal sentenza mogħtija minn qorti ta’ Stat Kontraenti wara trasferiment tal-kawża mill-qorti magħżula f’dak l-Istat Kontraenti kif permess mill-Artikolu 5, il-paragrafu 3. Madankollu, fejn il-qorti magħżula jkollha d-diskrezzjoni dwar jekk għandhiex tittrasferixxi l-kawża għal qorti oħra, ir-rikonoxximent jew l-infurzar tas-sentenza jistgħu jiġu rrifjutati kontra parti li tkun oġġezzjonat b’mod f’waqtu għat-trasferiment fl-Istat tal-oriġini.

*Artikolu 9 Rifjut tar-rikonoxximent jew tal-infurzar*

Ir-rikonoxximent jew l-infurzar jistgħu jiġu rrifjutati jekk –

*a)* il-ftehim kien null u bla effett skont il-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula, sakemm il-qorti magħżula ma tkunx iddeterminat li l-ftehim huwa validu;

*b)* parti minnhom ma setgħetx tikkonkludi l-ftehim skont il-liġi tal-Istat rikjest;

*ċ)* id-dokument li beda l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti, li jinkludi l-elementi essenzjali tal-pretensjoni –

*i)* ma ġiex innotifikat lill-konvenut fi żmien suffiċjenti b’tali mod li jagħtih il-possibbiltà li jħejji għad-difiża tiegħu, sakemm il-konvenut ma jkunx deher jew ippreżenta l-każ tiegħu mingħajr ma kkontesta n-notifika fil-qorti tal-oriġini, bil-kundizzjoni li l-liġi tal-Istat tal-oriġini tippermetti li n-notifika tiġi kkontestata; jew

*ii)* ma ġiex innotifikat lill-konvenut fl-Istat rikjest b’mod li huwa inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-Istat rikjest fir-rigward tan-notifika tad-dokumenti;

*d)* is-sentenza tkun inkisbet bi frodi b’rabta ma’ kwistjoni ta’ proċedura;

*e)* ir-rikonoxximent jew l-infurzar ikunu inkompatibbli biċ-ċar mal-ordni pubbliku tal-Istat rikjest, inklużi sitwazzjonijiet fejn il-proċedimenti speċifiċi li jwasslu għas-sentenza kienu inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali ta’ ġustizzja proċedurali ta’ dak l-Istat;

*f)* is-sentenza hija inkonsistenti ma’ sentenza mogħtija fl-Istat rikjest f’tilwima bejn l-istess partijiet; jew

*g)* is-sentenza hija inkonsistenti ma’ sentenza preċedenti mogħtija minn Stat ieħor bejn l-istess partijiet dwar l-istess kawża ta’ azzjoni, bil-kundizzjoni li s-sentenza preċedenti tissodisfa l-kundizzjonijet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat rikjest.

*Artikolu 10 Domandi preliminari*

1. Fejn kwistjoni eskluża taħt l-Artikolu 2, il-paragrafu 2, jew taħt l-Artikolu 21, tkun inqalgħet bħala domanda preliminari, id-deċiżjoni dwar dik il-mistoqsija ma għandhiex tiġi rikonoxxuta jew infurzata skont din il-Konvenzjoni.

2. Ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta’ sentenza jistgħu jiġu rrifjutati jekk u safejn is-sentenza kienet ibbażata fuq deċiżjoni dwar kwistjoni eskluża taħt l-Artikolu 2, il-paragrafu 2.

3. Madankollu, fil-każ ta’ deċiżjoni dwar il-validità ta’ dritt ta’ propjetà intellettwali minbarra d-dritt tal-awtur jew dritt relatat, ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta’ sentenza jistgħu jiġu rrifjutati jew posposti skont il-paragrafu preċedenti biss fejn –

*a)* dik id-deċiżjoni ma tkunx konsistenti ma’ sentenza jew deċiżjoni ta’ awtorità kompetenti fuq dik il-kwistjoni

mogħtija fl-Istat, li skont il-liġi tiegħu nħoloq id-dritt ta' proprjetà intellettwali; jew

*b)* il-proċedimenti li jikkonċernaw il-validità tad-dritt ta' proprjetà intellettwali jkunu pendenti f'dak l-Istat.

4. Ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jistgħu jiġu rrifjutati jekk u safejn is-sentenza kienet ibbażata fuq deċiżjoni dwar kwistjoni eskluża skont dikjarazzjoni magħmula mill-Istat rikjest skont l-Artikolu 21.

*Artikolu 11 Kumpens għal danni*

1. Ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jistgħu jiġu rrifjutati jekk u safejn is-sentenza tagħti kumpens għal danni, inklużi danni eżemplari jew punittivi, li ma jikkumpensawx lil parti għal telf jew dannu effettivament imġarrab.

2. Il-qorti indirizzata għandha tikkunsidra jekk u safejn il-kumpens għad-danni mogħti mill-qorti tal-oriġini jservi biex ikopri l-ispejjeż relatati mal-proċedimenti.

*Artikolu 12 Soluzzjonijiet ġudizzjarji* (transactions judiciaires)

Is-soluzzjonijiet ġudizzjarji (*transactions judiciaires*) li jkunu ġew approvati minn qorti ta' Stat Kontraenti innominat fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti, jew li ġew konklużi quddiem dik il-qorti matul il-proċedimenti, u li huma infurzabbli bl-istess mod bħal sentenza fl-Istat tal-oriġini, għandhom jiġu infurzati skont din il-Konvenzjoni bl-istess mod bħal sentenza.

*Artikolu 13 Dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati*

1. Il-parti li tkun qed titlob rikonoxximent jew li tkun qed tapplika għall-infurzar għandha tippreżenta –

*a)* kopja sħiħa u ċċertifikata tas-sentenza;

*b)* il-ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti, kopja ċċertifikata tiegħu, jew evidenza oħra tal-eżistenza tiegħu;

*ċ)* jekk is-sentenza ngħatat b'kontumaċja, l-oriġinal jew kopja ċċertifikata ta' dokument li juri li d-dokument, li permezz tiegħu nbdew il-proċedimenti jew dokument ekwivalenti, ġie nnotifikat lill-parti kontumaċja;

*d)* kull dokument neċessarju biex jiġi stabbilit li s-sentenza għandha effett jew, fejn applikabbli, tista' tiġi infurzata fl-Istat tal-oriġini;

*e)* fil-każ imsemmi fl-Artikolu 12, ċertifikat ta' qorti tal-Istat tal-oriġini li juri li s-soluzzjoni ġudizzjarja jew parti minnha tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħal sentenza fl-Istat tal-oriġini.

2. Jekk it-termini tas-sentenza ma jippermettux lill-qorti indirizzata li tivverifika jekk il-kundizzjonijet ta' dan il-Kapitolu ġewx issodisfati, din il-qorti tista' titlob kull dokument ieħor li jkun meħtieġ.

3. Applikazzjoni għar-rikonoxximent jew għall-infurzar tista' tkun akkumpanjata minn dokument, maħruġ minn qorti (inkluż uffiċjal tal-qorti) tal-Istat tal-oriġini, fil-forma rakkomandata u ppubblikat mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

4. Jekk id-dokumenti msemmija f'dan l-Artikolu mhumiex bil-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest, dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni ċċertifikata f'lingwa uffiċjali, sakemm il-liġi tal-Istat rikjest ma tipprovdix mod ieħor.

*Artikolu 14 Proċedura*

Il-proċedura għar-rikonoxximent, id-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jew ir-reġistrazzjoni għall-infurzar, kif ukoll l-infurzar tas-sentenza, huma rregolati mil-liġi tal-Istat rikjest sakemm din il-Konvenzjoni ma tipprovdix mod ieħor. Il-qorti indirizzata għandha taġixxi mill-aktar fis.

*Artikolu 15 Diviżibilità*

Ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' parti separabbli ta' sentenza għandhom jingħataw meta jintalab ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' dik il-parti, jew meta parti mis-sentenza biss tista' tkun rikonoxxuta jew infurzata skont din il-Konvenzjoni.

KAPITOLU IV – KLAWŻOLI ĠENERALI

*Artikolu 16 Dispożizzjonijiet tranżitorji*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tapplika għall-ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti konklużi wara d-dħul fis-seħħ tagħha fl-Istat tal-qorti magħżula.

2. Din il-Konvenzjoni ma għandhiex tapplika għall-proċedimenti li bdew qabel id-dħul fis-seħħ fl-Istat tal-qorti invokata.

*Artikolu 17 Kuntratti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni*

1. Il-proċedimenti skont kuntratt tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni fuq il-bażi li l-kuntratt ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jikkonċerna kwistjoni li għaliha ma tapplikax din il-Konvenzjoni.

2. Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenza fir-rigward ta' responsabbiltà skont it-termini ta' kuntratt ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ma jistgħux jiġu limitati jew irrifjutati fuq il-bażi li r-responsabbiltà skont dan il-kuntratt tinkludi responsabbiltà li l-persuna assigurata jew assigurata mill-ġdid tiġi kkumpensata fir-rigward ta' –

*a)* kwistjoni li għaliha ma tapplikax din il-Konvenzjoni; jew

*b)* għoti ta' kumpens għal danni li għalih jista' japplika l-Artikolu 11.

*Artikolu 18 Ebda legalizzazzjoni*

Id-dokumenti kollha mibgħuta jew konsenjati skont din il-Konvenzjoni għandhom ikunu eżenti mil-legalizzazzjoni jew minn kwalunkwe formalità analoga, inkluża Apostille.

*Artikolu 19 Dikjarazzjonijiet li jillimitaw il-ġurisdizzjoni*

Stat jista' jiddikjara li l-qrati tiegħu jistgħu jirrifjutaw li jiddeċiedu dwar tilwim li għalihom japplika ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti jekk, ħlief għall-post tal-qorti magħżula, ma jkun hemm l-ebda rabta bejn dak l-Istat u l-partijiet jew it-tilwima.

*Artikolu 20 Dikjarazzjonijiet li jillimitaw ir-rikonoxximent u l-infurzar*

Stat jista' jiddikjara li l-qrati tiegħu jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew jinfurzaw sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Kontraenti ieħor, jekk il-partijiet ikunu residenti fl-Istat rikjest u r-relazzjoni tal-partijiet u l-elementi l-oħrajn kollha rilevanti għat-tilwima, minbarra l-post tal-qorti magħżula, ikunu marbutin biss mal-Istat rikjest.

*Artikolu 21 Dikjarazzjonijiet rigward kwistjonijiet speċifiċi*

1. Meta Stat ikollu interess qawwi li ma japplikax din il-Konvenzjoni għal kwistjoni speċifika, dak l-Istat jista' jiddikjara li mhuwiex ser japplika l-Konvenzjoni għal dik il-kwistjoni. L-Istat li jagħmel dikjarazzjoni bħal din għandu jiżgura li d-dikjarazzjoni ma tkunx aktar wiesgħa milli meħtieġ u li l-kwistjoni speċifika eskluża tkun definita b'mod ċar u preċiż.

2. Fir-rigward ta' dik il-kwistjoni, il-Konvenzjoni ma għandhiex tapplika –

*a)* fl-Istat Kontraenti li għamel id-dikjarazzjoni;

*b)* fi Stati Kontraenti oħrajn, fejn ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti jinnomina l-qrati, jew qorti speċifika waħda jew aktar, tal-Istat li għamel id-dikjarazzjoni.

*Artikolu 22 Dikjarazzjonijiet reċiproċi dwar ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti*

*1. Stat Kontraenti jista' jiddikjara li l-qrati tiegħu ser jirrikonoxxu u jinfurzaw sentenzi mogħtija minn qrati ta' Stati Kontraenti oħrajn innominati fi ftehim dwar l-għażla tal-qorti konkluż minn żewġ partijiet jew aktar li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3, il-paragrafu ċ),* u jinnomina, għall-iskop li jiġi deċiż it-tilwim li nqala' jew li jista' jinqala' b'konnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari, qorti jew qrati ta' Stat Kontraenti wieħed jew aktar (ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti).

2. Fejn ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza mogħtija fi Stat Kontraenti li għamel tali dikjarazzjoni jintalab fi Stat Kontraenti ieħor li għamel tali dikjarazzjoni, is-sentenza għandha tiġi rikonoxxuta u infurzata skont din il-Konvenzjoni, jekk –

*a)* il-qorti tal-oriġini ġiet innominata minn ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti;

*b)* la teżisti sentenza mogħtija minn xi qorti oħra li quddiemha setgħu jitressqu l-proċedimenti skont il-ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti u lanqas hemm xi proċediment pendenti bejn l-istess partijiet fi kwalunkwe qorti oħra bħal din dwar l-istess kawża ta' azzjoni; u

*ċ)* il-qorti tal-oriġini kienet l-ewwel qorti li semgħet il-kawża.

*Artikolu 23 Interpretazzjoni uniformi*

Fl-interpretazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, għandu jiġi kkunsidrat il-karattru internazzjonali tagħha u tingħata attenzjoni lill-ħtieġa li tiġi promossa uniformità fl-applikazzjoni tagħha.

*Artikolu 24 Rieżami tat-tħaddim tal-Konvenzjoni*

Is-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat għandu jagħmel arranġamenti f'intervalli regolari sabiex –

*a)* jiġi eżaminat mill-ġdid it-tħaddim ta' din il-Konvenzjoni, inklużi d-dikjarazzjonijiet; u

*b)* jiġi kkunsidrat jekk humiex mixtieqa xi emendi għal din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 25 Sistemi legali mhux unifikati*

1. Fir-rigward ta' Stat Kontraenti fejn japplikaw żewġ sistemi jew aktar f'unitajiet territorjali differenti fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni indirizzata f'din il-Konvenzjoni –

*a)* kull referenza għal-liġi jew għall-proċedura ta' Stat għandha tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għal-liġi jew għall-proċedura fis-seħħ fl-unità territorjali rilevanti;

*b)* kull referenza għal residenza fi Stat għandha tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għal residenza fl-unità territorjali rilevanti;

*ċ)* kull referenza għall-qorti jew qrati ta' Stat għandha tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għall-qorti jew qrati fl-unità territorjali rilevanti;

*d)* kull referenza għal konnessjoni ma' Stat għandha tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għal konnessjoni mal-unità territorjali rilevanti.



*Konvenzjoni adottata*

2. Minkejja l-paragrafu preċedenti, Stat Kontraenti b'żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom japplikaw sistemi legali differenti ma għandux ikun marbut li japplika din il-Konvenzjoni għal sitwazzjonijiet li jinvolvu biss tali unitajiet territorjali differenti.

3. Qorti f'unità territorjali ta' Stat Kontraenti b'żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom japplikaw sistemi legali differenti ma tkunx marbuta li tirrikonoxxi jew tinforza sentenza minn Stat Kontraenti ieħor sempliċiment minħabba li s-sentenza kienet rikonoxxuta jew infurzata f'unità territorjali oħra tal-Istess Stat Kontraenti skont din il-Konvenzjoni.

4. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

*Artikolu 26 Ir-relazzjoni ma' strumenti internazzjonali oħrajn*

1. Safejn ikun possibbli, din il-Konvenzjoni għandha tiġi interpretata bħala li hija kompatibbli ma' trattati oħrajn fis-seħħ għall-Istati Kontraenti, kemm jekk konklużi qabel kif ukoll wara din il-Konvenzjoni.

2. Din il-Konvenzjoni ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni minn Stat Kontraenti ta' trattat, kemm jekk konkluża qabel kif ukoll wara din il-Konvenzjoni, f'kawżi fejn l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Parti mit-trattat.

3. Din il-Konvenzjoni ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni minn Stat Kontraenti ta' trattat li ġie konkluż qabel din il-Konvezjoni daħlet fis-seħħ għal dak l-Istat Kontraenti, jekk l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni ma tkunx konsistenti mal-obbligi ta' dak l-Istat Kontraenti fil-konfront ta' kwalunkwe Stat mhux Kontraenti. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal trattati li jirrevedu jew jissostitwixxu trattat konkluż qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni għal dak l-Istat Kontraenti, ħlief bl-eċċezzjoni ta' meta r-reviżjoni jew is-sostituzzjoni joħolqu inkonsistenzi ġodda ma' din il-Konvenzjoni.

4. Din il-Konvenzjoni ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni minn Stat Kontraenti ta' trattat, kemm jekk konkluż qabel kif ukoll wara din il-Konvenzjoni, għall-iskop li jinkiseb rikonoxximent jew infurzar ta' sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Kontraenti li huwa wkoll Parti minn dak it-trattat. Madanakollu, is-sentenza ma għandhiex tiġi rikonoxxuta jew infurzata b'mod inqas milli previst f'din il-Konvenzjoni.

5. Din il-Konvenzjoni ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni minn Stat Kontraenti ta' trattat li, fir-rigward ta' kwistjoni speċifika, jirregola l-ġurisdizzjoni jew ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenzi, anki jekk konklużi wara din il-Konvenzjoni u anki jekk l-Istati kollha kkonċernati jkunu Partijiet minn din il-Konvenzjoni. Dan il-paragrafu għandu japplika biss jekk l-Istat Kontraenti jkun għamel dikjarazzjoni fir-rigward tat-trattat skont dan il-paragrafu. F'każ ta' tali dikjarazzjoni, Stati Kontraenti oħrajn ma għandhomx ikunu obbligati li japplikaw din il-Konvenzjoni għal dik il-kwistjoni speċifika safejn ikun hemm xi inkonsistenza, fejn ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti jinnomina l-qrati, jew qorti speċifika waħda jew aktar, tal-Istat Kontraenti li għamel id-dikjarazzjoni.

6. Din il-Konvenzjoni ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tar-regoli ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hija Parti minn din il-Konvenzjoni, kemm jekk adottati qabel kif ukoll wara din il-Konvenzjoni –

*a)* fejn ebda waħda mill-partijiet ma tkun residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Stat Membru tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika;

*b)* f'dak li għandu x'jaqsam mar-rikonoxximent jew mal-infurzar ta' sentenzi bejn Stati Membri tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

## KAPITOLU V – KLAWŻOLI FINALI

*Artikolu 27 L-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni*

1. Din il-Konvenzjoni hija miftuħa għall-iffirmar mill-Istati kollha.

2. Din il-Konvenzjoni hija soġġetta għar-ratifika, għall-aċċettazzjoni jew għall-approvazzjoni mill-Istati firmatarji.

3. Din il-Konvenzjoni hija miftuħa għall-adeżjoni mill-Istati kollha.

4. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni għandhom jiġu ddepożitati lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Netherlands, depożitarju tal-Konvenzjoni.

*Artikolu 28 Dikjarazzjonijiet rigward is-sistemi legali mhux unifikati*

1. Jekk Stat ikollu żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom japplikaw sistemi legali differenti fir-rigward tal-kwistjonijiet ittrattati f'din il-Konvenzjoni, dan jista', mal-iffirmar, mar-ratifika, mal-aċċettazzjoni, mal-approvazzjoni jew mal-adeżjoni, jiddikjara li l-Konvenzjoni għandha testendi għall-unitajiet territorjali kollha tiegħu jew għal unità waħda biss jew aktar minnhom, u jista' jimmodifika din id-dikjarazzjoni billi jissottometti dikjarazzjoni oħra fi kwalunkwe ħin.

2. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi nnotifikata lid-depożitarju u tiddikjara espressament l-unitajiet territorjali li għalihom tapplika l-Konvenzjoni.

3. Jekk Stat ma jagħmel ebda dikjarazzjoni skont dan l-Artikolu, il-Konvenzjoni għandha testendi għall-unitajiet territorjali kollha ta' dak l-Istat.

4. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

*Artikolu 29 Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika*

1. Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, li hija magħmula minn Stati sovrani biss u li għandha l-kompetenza fuq uħud mill-kwistjonijiet jew fuq il-kwistjonijiet kollha li huma rregolati minn din il-Konvenzjoni, tista' bl-istess mod tiffirma, taċċetta, tapprova l-Konvenzjoni jew taderixxi magħha. F'dak il-każ, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika jkollha d-drittijiet u l-obbligi ta' Stat Kontraenti, safejn l-Organizzazzjoni jkollha kompetenza fuq il-kwistjonijiet irregolati minn din il-Konvenzjoni.

2. L-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika għandha, mal-iffirmar, mal-aċċettazzjoni, mal-approvazzjoni jew mal-adeżjoni, tinnotifika lid-depożitarju bil-miktub dwar il-kwistjonijiet irregolati minn din il-Konvenzjoni li l-kompetenza tagħhom ġiet ittrasferita għal din l-Organizzazzjoni mill-Istati Membri tagħha. L-Organizzazzjoni għandha tinnotifka minnufih lid-depożitarju bil-miktub dwar kull bidla fil-kompetenzi tagħha, kif speċifikat fl-aktar avviż riċenti skont dan il-paragrafu.

3. Għall-finijiet tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, kull strument iddepożitat minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ma għandux jingħadd sakemm l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ma tkunx iddikjarat, skont l-Artikolu 30, li l-Istati Membri tagħha mhux ser ikunu Partijiet minn din il-Konvenzjoni.

4. Kwalunkwe referenza għal "Stat Kontraenti" jew "Stat" f'din il-Konvenzjoni għandha tapplika bl-istess mod, fejn ikun xieraq, għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hija Parti minnha.

*Artikolu 30 Adeżjoni minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika mingħajr l-Istati Membri tagħha*

1. Fil-ħin tal-iffirmar, tal-aċċettazzjoni, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni, Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika tista' tiddikjara li teżerċita kompetenza fuq il-kwistjonijiet kollha rregolati minn din il-Konvenzjoni u li l-Istati Membri tagħha mhux ser ikunu Partijiet minn din il-Konvenzjoni, iżda għandhom ikunu marbutin permezz tal-iffirmar, l-aċettazzjoni, l-approvazzjoni tal-Organizzazzjoni jew l-adeżjoni magħha.

2. F'każ li ssir dikjarazzjoni minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika b'konformità mal-paragrafu 1, kwalunkwe referenza għal "Stat Kontraenti" jew "Stat" f'din il-Konvenzjoni għandha tapplika bl-istess mod, fejn ikun xieraq, għall-Istati Membri tal-Organizzazzjoni.

*Artikolu 31 Dħul fis-seħħ*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-depożitu tat-tieni strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 27.

2. Minn hemm 'il quddiem, din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ –

*a)* għal kull Stat jew Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li sussegwentement jirratifikaw, jaċċettaw, japprovaw din il-Konvenzjoni jew jaderixxu magħha, fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-depożitu tal-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni;

*b)* għal unità territorjali li għaliha ġiet estiża din il-Konvenzjoni b'konformità mal-Artikolu 28, il-paragrafu 1, fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur min-notifika tad-dikjarazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 32 Dikjarazzjonijiet*

1. Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 19, 20, 21, 22 u 26 jistgħu jsiru mal-iffirmar, mar-ratifika, mal-aċċettazzjoni, mal-approvazzjoni jew mal-adeżjoni jew fi kwalunkwe ħin aktar tard u jistgħu jiġu mmodifikati jew irtirati fi kwalunkwe ħin.

2. Id-dikjarazzjonijiet, il-modifiki jew l-irtirar għandhom jiġu nnotifikati lid-depożitarju.

3. Dikjarazzjoni magħmula fil-ħin tal-iffirmar, tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni għandu jkollha effett fl-istess ħin mad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni għall-Istat ikkonċernat.

4. Dikjarazzjoni magħmula aktar tard, kif ukoll kull modifika jew irtirar ta' dikjarazzjoni, għandu jkollhom effett fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-data li fiha d-depożitarju jirċievi n-notifika.

5. Dikjarazzjoni skont l-Artikoli 19, 20, 21 u 26 ma għandhiex tapplika għall-ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti konklużi qabel din tidħol fis-seħħ.

*Artikolu 33 Denunzja*

1. Din il-Konvenzjoni tista' tiġi denunzjata permezz ta' notifika bil-miktub lid-depożitarju. Id-denunzja tista' tkun limitata għal ċerti unitajiet territorjali ta' sistema legali mhux unifikata li għaliha tapplika din il-Konvenzjoni.

2. Id-denunzja għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tnax-il xahar mid-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva n-notifika. F'każ li fin-notifika jiġi speċifikat perjodu ta' żmien itwal biex id-denunzja tidħol fis-seħħ, din tidħol fis-seħħ wara l-iskadenza ta' tali perjodu itwal mid-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva n-notifika.

Artikolu 34 Notifiki mid-depożitarju

Id-depożitarju għandu jinnotifika lill-Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u Stati u Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika oħrajn li ffirmaw, irratifikaw, aċċettaw, approvaw l-Artikoli 27, 29 u 30, jew aderixxu magħhom, b'dan li ġej –

*a)* il-firem, ir-ratifiki, l-aċċettazzjonijiet, l-approvazzjonijiet u l-adeżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 27, 29 u 30;

*b)* id-data li fiha l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ b'konformità mal-Artikolu 31;

*ċ)* in-notifiki, id-dikjarazzjonijiet, il-modifiki u l-irtirar tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 19, 20, 21, 22, 26, 28, 29 u 30;

*d)* id-denunzji msemmija fl-Artikolu 33.

B'xhieda ta' dan, aħna hawn taħt sottoskritti, debitament awtorizzati biex nagħmlu dan, iffirmajna din il-Konvenzjoni.
Magħmula fl-Aja, fit-30 ta' Ġunju 2005, bil-lingwa Ingliża u b'dik Franċiża, biż-żewġ testi huma ugwalment awtentiċi, f'kopja unika li tiġi ddepożitata fl-arkivji tal-Gvern tar-Renju tan-Netherlands u li tagħha se tintbagħat kopja ċċertifikata, permezz ta' mezzi diplomatiċi, lil kull Stat Membru tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat mid-data tal-Għoxrin Sessjoni tagħha u lil kull Stat li pparteċipa f'dik is-Sessjoni.

L-Għoxrin Sessjoni

Tirrakkomanda lill-Istati li huma Partijiet mill-*Konvenzjoni dwar il-Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti* sabiex jużaw il-formola li ġejja li tikkonferma l-ħruġ u l-kontenut ta' sentenza mogħtija mill-qorti tal-oriġini għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar skont il-Konvenzjoni –

FORMOLA RAKKOMANDATA
SKONT IL-KONVENZJONI DWAR
IL-FTEHIMIET DWAR L-GĦAŻLA TAL-QORTI
("IL-KONVENZJONI")

(Formola kampjun li tikkonferma l-ħruġ u l-kontenut ta' sentenza mogħtija mill-qorti tal-oriġini għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar skont il-Konvenzjoni)

1. (IL-QORTI TAL-ORIĠINI) ..........................................................................................................................

INDIRIZZ ..........................................................................................................................

TEL. ..........................................................................................................................

FAKS ..........................................................................................................................

POSTA ELETTRONIKA..........................................................................................................................

2. NUMRU TAL-KAWŻA / DOKUMENT TAL-KONSENJI

3. ...................................................................................... (RIKORRENT)

v.

...................................................................................... (KONVENUT)

4. (IL-QORTI TAL-ORIĠINI) tat sentenza fil-kwistjoni msemmija fuq nhar (DATE) fi (BELT, STAT).

5. Din il-qorti ġiet innominata fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni:

IVA ☐ LE ☐

MA TISTAX TIKKONFERMA ☐

6. Jekk iva, il-ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti ġie konkluż jew iddokumentat bil-mod li ġej:

7. Din il-qorti tat il-pagament ta' flus li ġej *(jekk jogħġbok indika, fejn applikabbli, kwalunkwe kategoriji rilevanti ta' danni inklużi)*:

8. Din il-qorti tat imgħax kif ġej *(jekk jogħġbok speċifika r-rata/i tal-imgħax, il-porzjon(ijiet) tal-għotja li għaliha japplika l-imgħax, id-data minn meta jibda jinħadem l-imgħax, u kwalunkwe informazzjoni oħra rigward l-imgħax li tkun ta' għajnuna għall-qorti indirizzata)*:

9. Din il-qorti inkludiet fis-sentenza l-ispejjeż li ġejjin b'rabta mal-proċedimenti *(jekk jogħġbok speċifika l-ammonti ta' kwalunkwe għotjiet bħal dawn, inkluż, fejn applikabbli, kwalunkwe ammont(i) f'għotja monetarja maħsuba biex tkopri l-ispejjeż relatati mal-proċedimenti)*:

10. Din il-qorti tat l-għajnuna mhux monetarja li ġejja *(jekk jogħġbok iddeskrivi n-natura ta' din l-għajnuna)*:

11. Din is-sentenza tista' tiġi infurzata fl-Istat tal-oriġini:

IVA □ LE □

MA TISTAX TIKKONFERMA □

12. Din is-sentenza (jew parti minnha) bħalissa hija s-suġġett ta' rieżami fl-Istat tal-oriġini:

IVA □ LE □

MA TISTAX TIKKONFERMA □

*Jekk "iva", jekk jogħġbok speċifika n-natura u l-istatus ta' tali rieżami:*

13. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra:

14. Mehmuża ma' din il-formola huma d-dokumenti mmarkati fil-lista li ġejja *(jekk disponibbli)*:

- ☐ kopja sħiħa u ċċertifikata tas-sentenza;
- ☐ il-ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti, kopja ċċertifikata tiegħu jew evidenza oħra tal-eżistenza tiegħu;
- ☐ jekk is-sentenza ngħatat b'kontumaċja, l-oriġinal jew kopja ċċertifikata ta' dokument li juru li d-dokument, li permezz tiegħu bdew il-proċedimenti jew dokument ekwivalenti, ġie nnotifikat lill-parti kontumaċja;
- ☐ kull dokument meħtieġ biex jiġi stabbilit li s-sentenza għandha effett jew, fejn applikabbli, tista' tiġi infurzata fl-Istat tal-oriġini;

*(elenka jekk applikabbli)*:

- ☐ fil-kawża msemmija fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni, ċertifikat ta' qorti tal-Istat tal-oriġini li juri li s-soluzzjoni ġudizzjarja jew parti minnha tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħal sentenza fl-Istat tal-oriġini;
- ☐ dokumenti oħrajn:

15. Datat f'dan il-………………….jum ta' …………………, 20… fi ……….

16. Firma u / jew timbru mill-qorti jew minn uffiċjal tal-qorti:

PERSUNA TA' KUNTATT:

TEL.:

FAKS:

POSTA ELETTRONIKA:

Rapport ta' Spjegazzjoni minn
Trevor Hartley u Masato Dogauchi

**Werrej** Paġna


PARTI I: DAĦLA 18

Dokumenti 20

Rikonoxximenti 21

Terminoloġija 21

PARTI II: ĦARSA ĠENERALI 21

PARTI III. KUMMENTARJU ARTIKOLU B'ARTIKOLU 27

Artikolu 1 – Kamp ta' applikazzjoni 27
Artikolu 2 – Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni 28
Artikolu 3 – Ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti 34
Artikolu 4 – Definizzjonijiet oħrajn 37
Artikolu 5 – Il-ġurisdizzjoni tal-qorti magħżula 38
Artikolu 6 – L-obbligi ta' qorti li mhijiex magħżula 40
Artikolu 7 – Miżuri provviżorji ta' protezzjoni 43
Artikolu 8 – Rikonoxximent u Infurzar 43
Artikolu 9 – Rifjut tar-rikonoxximent jew tal-infurzar 46
Artikolu 10 – Domandi preliminari 48
Artikolu 11 – Kumpens għal danni 49
Artikolu 12 – Soluzzjonijiet ġudizzjarji (transactions judiciaires) 51
Artikolu 13 – Dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati 52
Artikolu 14 – Proċedura 52
Artikolu 15 – Diviżibilità 53
Artikolu 16 – Dispożizzjonijiet tranżitorji 53
Artikolu 17 – Kuntratti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni 54
Artikolu 18 – Ebda legalizzazzjoni 55
Artikolu 19 – Dikjarazzjonijiet li jillimitaw il-ġurisdizzjoni 55
Artikolu 20 – Dikjarazzjonijiet li jillimitaw ir-rikonoxximent u l-infurzar 55
Artikolu 21 – Dikjarazzjonijiet rigward kwistjonijiet speċifiċi 56
Artikolu 22 – Dikjarazzjonijiet reċiproċi dwar ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti 57
Artikolu 23 – Interpretazzjoni uniformi 59
Artikolu 24 – Rieżami tat-tħaddim tal-Konvenzjoni 59
Artikolu 25 – Sistemi legali mhux unifikati 59
Artikolu 26 – Relazzjoni ma' strumenti internazzjonali oħrajn 60
Artikolu 27 – L-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni 67
Artikolu 28 – Dikjarazzjonijiet rigward sistemi legali mhux unifikati 67
Artikolu 29 – Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika 67
Artikolu 30 – Adeżjoni minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika mingħajr l-Istati Membri tagħha 67
Artikolu 31 – Dħul fis-seħħ 68
Riżervi 68
Artikolu 32 – Dikjarazzjonijiet 68
Artikolu 33 – Denunzja 68
Artikolu 34 – Notifiki mid-depożitarju 68


## PARTI I: DAĦLA

*L-adozzjoni tal-Konvenzjoni*

It-test definittiv tal-Konvenzjoni tfassal waqt l-Għoxrin Sessjoni tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat mill-Kummissjoni II tagħha bejn l-14 u t-30 ta' Ġunju 2005. L-Att Finali ġie adottat mis-Sessjoni Plenarja fit-30 ta' Ġunju 2005 u l-Konvenzjoni nfetħet għall-iffirmar f'dik id-data.

*L-Oriġini tal-Konvenzjoni*

L-oriġini intellettwali tal-proġett li eventwalment wassal għall-Konvenzjoni tista' tiġi rintraċċata għall-proposti mressqa mill-mibki Arthur T. von Mehren tal-Harvard Law School.[1] Kien hu li ssuġġerixxa li l-Istati Uniti tal-Amerika għandhom jikkonkludu konvenzjonijiet dwar ir-rikonoxximent tas-sentenzi mal-Istati, b'mod partikolari, fl-Ewropa. Wara d-diskussjonijiet inizjali, ġie deċiż li konvenzjoni dinjija dwar il-ġurisdizzjoni u s-sentenzi, innegozjata fil-qafas tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, kienet l-aħjar triq 'il quddiem. Wara l-istudji preliminari li bdew fl-1994, fl-1996 ittieħdet id-deċiżjoni li jinbeda l-proġett.[2]

**Il-proġett oriġinali: konvenzjoni "mħallta".** Oriġinarjament, il-professur von Mehren issuġġerixxa li l-proġett għandu jieħu l-forma ta' konvenzjoni "mħallta".[3]

[1] Arthur von Mehren għex biex jara t-tlestija tal-proġett li għalih iddedika tant u tant enerġija, iżda miet f'Jannar 2006.

[2] Dwar l-oriġini storiċi tal-Konvenzjoni, ara r-Rapport ta' Nygh / Pocar (*infra*, in-nota 11), pp. 25 *et seq.* Għal aktar dettalji, ara F. Pocar and C. Honorati (eds), *The Hague Preliminary Draft Convention on Jurisdiction and Judgments*, CEDAM, Milan, l-Italja, 2005. Dan ix-xogħol imsemmi l-aħħar jinkludi wkoll ir-Rapport ta' Nygh / Pocar.

[3] Ara A.T. von Mehren, "Recognition and Enforcement of Foreign Judgments: A New Approach for the Hague Conference?", *Law & Contemporary Problems*, Vol. 57 f'p. 271 (1994); *id.*, "The Case for a Convention-mixte Approach to Jurisdiction to Adjudicate and Recognition and

Din hija konvenzjoni fejn ir-raġunijiet ġurisdizzjonali huma maqsuma fi tliet kategoriji. Hemm listi ta' raġunijiet approvati ta' ġurisdizzjoni u ta' raġunijiet ipprojbiti ta' ġurisdizzjoni. Ir-raġunijiet l-oħrajn kollha ta' ġurisdizzjoni jaqgħu fl-hekk imsejħa "żona griża". L-idea hija li meta l-qorti jkollha ġurisdizzjoni għal raġuni approvata, hija tista' tisma' l-kawża, u s-sentenza li tirriżulta tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stati Kontraenti oħrajn skont il-Konvenzjoni (diment li jiġu ssodisfati ċerti rekwiżiti oħrajn). Qorti ta' Stat Kontraenti mhijiex permessa li tieħu ġurisdizzjoni għal raġunijiet ipprojbiti. Il-qrati huma permessi li jieħdu ġurisdizzjoni fuq il-bażi taż-"żona griża", iżda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni b'rabta mar-rikonoxximent u l-infurzar ma japplikawx għas-sentenza li tirriżulta.[4]

Għalkemm dan l-approċċ kien appoġġjat mill-Grupp ta' Ħidma inizjali fuq il-proġett,[5] sar evidenti, hekk kif ipproċeda x-xogħol, li mhux ser ikun possibbli li jitfassal test sodisfaċenti għal konvenzjoni "mħallta" f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Ir-raġunijiet għal dan inkludew id-differenzi wiesgħa fir-regoli eżistenti ta' ġurisdizzjoni fl-Istati differenti u l-effetti imprevedibbli tal-iżviluppi teknoloġiċi, inkluż l-Internet, fuq ir-regoli ġurisdizzjonali li jistgħu jiġu stipulati fil-Konvenzjoni. Fi tmiem l-Ewwel Parti tad-Dsatax-il Sessjoni, li saret f'Ġunju 2001, kien deċiż li tiġi posposta deċiżjoni dwar jekk għandux isir xogħol ulterjuri fuq l-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni. Sabiex issib triq 'il quddiem, il-Kummissjoni dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Politika tal-Konferenza tal-Aja, li ltaqgħet f'April 2002, iddeċidiet li l-Uffiċċju Permanenti, assistit minn Grupp ta' Ħidma Informali, għandu jħejji test li jrid jintbagħat lil Kummissjoni Speċjali. Ġie deċiż li l-punt tat-tluq għal dan il-proċess ikun tali oqsma ewlenin bħall-ġurisdizzjoni bbażata fuq il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti fil-kawżi bejn negozju u ieħor, is-sottomissjoni, il-forum tal-konvenut, il-kontrotalbiet, il-fondi fiduċjarji, id-delitti fiżiċi u ċerti raġunijiet possibbli oħrajn.

Wara tliet laqgħat, il-Grupp ta' Ħidma Informali ppropona li l-objettiv għandu jitnaqqas għal konvenzjoni dwar il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti f'kawżi kummerċjali. B'mod ġenerali, l-Istati Membri qiesu din il-Konvenzjoni proposta bħala li tikseb għal dawn il-ftehimiet u s-sentenzi li jirriżultaw dak li miksub mill-*Konvenzjoni ta' New York tal-1958 dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin* għall-ftehimiet għall-arbitraġġ u s-sentenzi li jirriżultaw. Wara li waslu reazzjonijiet pożittivi mill-Istati Membri tal-Konferenza tal-Aja, f'Diċembru 2003 saret laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali sabiex jiġi diskuss l-abbozz li tħejja mill-Grupp ta' Ħidma Informali. Din il-laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali pproduċiet abbozz ta' test (*abbozz tal-Konvenzjoni tal-2003*) li ġie ppubblikat bħala d-Dokument ta' Ħidma Nru 49 Rivedut. F'April 2004 saret laqgħa oħra, li kkunsidrat mill-ġdid dan id-dokument u indirizzat il-kwistjonijiet li kien għad fadal. Il-laqgħa ta' April 2004 ipproduċiet abbozz rivedut (*l-abbozz tal-Konvenzjoni tal-2004*), li ġie ppubblikat bħala d-Dokument ta' Ħidma Nru 110 Rivedut. Dan ifforma l-bażi tat-test ikkunsidrat waqt il-Konferenza Diplomatika f'Ġunju 2005, li pproduċiet it-test finali tal-Konvenzjoni. Id-dokumenti li ġejjin ikkostitwixxew l-aktar kisbiet importanti fil-progress tal-Konvenzjoni:

1. Proposta minn grupp ta' ħidma speċjali, fil-forma ta' abbozz tal-Konvenzjoni ("Abbozz tal-Grupp ta' Ħidma Informali"), ippubblikata bħala d-Dokument Preliminari Nru 8 (Marzu 2003);[6]

2. Fl-2003 tfassal abbozz tal-Konvenzjoni (*"Abbozz tal-Konvenzjoni tal-2003"*), li kien ibbażat fuq l-Abbozz tal-Grupp ta' Ħidma Informali, ippubblikat bħala d-Dokument ta' Ħidma Nru 49 Rivedut ta' Diċembru 2003;

3. Verżjoni riveduta u kompluta tal-abbozz tal-Konvenzjoni tal-2003, imfassla fl-2004 ("*Abbozz tal-Konvenzjoni tal-2004*"), ippubblikat bħala d-Dokument ta' Ħidma Nru 110 Rivedut ta' April 2004; u

4. It-test finali, imfassal fl-2005.

Hemm żewġ Rapporti dwar l-abbozzi preċedenti tal-Konvenzjoni: wieħed dwar l-abbozz tal-Konvenzjoni tal-2003 u wieħed dwar l-abbozz tal-Konvenzjoni tal-2004.

### Uffiċjali

***Fl-ewwel fażi (1997–2001), saru l-ħatriet li ġejjin:***

| | |
|---|---|
| **President:** | Is-Sur T. Bradbrooke Smith (il-Kanada); |
| **Viċi President:** | Is-Sur Andreas Bucher (l-Iżvizzera); |
| | Is-Sur Masato Dogauchi (il-Ġappun); |
| | Is-Sur Jeffrey D. Kovar (l-Istati Uniti tal-Amerika); |
| | Is-Sur José Luis Siqueiros (il-Messiku); |
| **Ko-Reporters:** | Is-Sur Peter Nygh (l-Awstralja);[7] |
| | Is-Sur Fausto Pocar (l-Italja); |

Enforcement of Foreign Judgments", *Rabels Zeitschrift für ausländisches und internationales Privatrecht*, Vol. 61, Nru 1, f'p. 86 (1997).

[4] L-istrumenti Ewropej f'dan il-qasam (ir-Regolament ta' Brussell, il-Konvenzjoni ta' Brussell u l-Konvenzjoni ta' Lugano) huma bbażati fuq idea kemmxejn differenti. Meta l-konvenut ikun domiċiljat fi Stat ieħor li għalih japplika l-istrument, ma teżisti ebda żona griża: il-ġurisdizzjoni tista' tiġi eżerċitata biss għar-raġunijiet stipulati fl-istrument. Madankollu, meta l-konvenut ma jkunx domiċiljat fi Stat bħal dan, il-ġurisdizzjoni tista', suġġetta għal ċerti eċċezzjonijiet, tiġi eżerċitata għal kwalunkwe raġuni permessa mil-liġi nazzjonali; is-sentenza li tirriżulta xorta waħda għandha tiġi rikonoxxuta u infurzata fl-Istati l-oħrajn.

[5] Ara l-"*Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-infurzar tas-sentenzi"*, Dok. Prel. Nru 19 ta' Novembru 1992, Il-Proċedimenti tas-Sbatax-il Sessjoni, Tome I, p. 257 *et seq.*, il-para. 5 u 6.

[6] "Ir-riżultat preliminari tal-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Informali dwar il-Proġett tas-Sentenzi", Dok. Prel. Nru 8 ta' Marzu 2003 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' April 2003 dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Politika tal-Konferenza.

[7] Sfortunatament, Peter Nygh miet f'Ġunju 2002. Il-mewt tiegħu kienet telfa traġika.


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

**President tal- Kumitat tal-Abbozzar:**
Is-Sur Gustaf Möller (il-Finlandja).

Is-Sra. Catherine Kessedjian, imbagħad Viċi Segretarja Ġenerali, ħejjiet bosta dokumenti preliminari.

***Fit-tieni fażi (2002–2005), saru l-ħatriet li ġejjin:***

**President:** Is-Sur Allan Philip (id-Danimarka) (2003–2004);[8]

Is-Sur Andreas Bucher (l-Iżvizzera) (2005);

**Viċi President:** Is-Sur David Goddard (New Zealand);

Is-Sur Jeffrey D. Kovar (l-Istati Uniti tal-Amerika);

Is-Sur Alexander Matveev (il-Federazzjoni Russa);

Is-Sra. Kathryn Sabo (il-Kanada);

Is-Sur Jin Sun (iċ-Ċina);

**Ko-Reporters:** Is-Sur Trevor C. Hartley (ir-Renju Unit);

Is-Sur Masato Dogauchi (il-Ġappun);

**President tal- Kumitat tal-Abbozzar:**
Is-Sur Gottfried Musger (l-Awstrija).

Is-Sra. Andrea Schulz, l-Ewwel Segretarja, ħejjiet bosta dokumenti preliminari u wettqet xogħol ieħor.

*Dokumenti*

Din li ġejja hija lista tal-aktar dokumenti importanti msemmija matul in-negozjati u ċċitati f'dan ir-Rapport. Huma stabbiliti f'żewġ kategoriji: dokumenti relatati mal-ewwel fażi tal-proġett u dokumenti relatati mat-tieni fażi. Huma jissemmew fil-forma mqassra stabbilita hawn taħt. Id-dokumenti relatati mat-tieni fażi huma dawk li jikkonċernaw il-Konvenzjoni l-aktar mill-qrib: huma jikkostitwixxu materjal ta' sfond essenzjali. Id-dokumenti relatati mal-ewwel fażi huma rilevanti biss sal-punt li d-dispożizzjonijiet fil-verżjonijiet preċedenti tal-Konvenzjoni jiġu ttrasferiti għall-verżjoni finali.

*(a) L-ewwel stadju*

**"abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999":** Abbozz preliminari tal-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni u s-Sentenzi Barranin fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali tal-1999. Dan tfassal fi ħdan il-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata fl-1999. Huwa kopra ħafna minn dak li kienu jkopru l-Konvenzjonijiet[9] ta' Brussell u ta' Lugano.[10] Il-ħidma fuqu waqfet temporanjament meta sar evidenti li kien ser ikun diffiċli li jintlaħaq qbil globali f'dak iż-żmien. It-test tiegħu, flimkien ma' Rapport mill-mibki s-Sur Peter Nygh u s-Sur Fausto Pocar, kien ippubblikat mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja f'Awwissu tas-sena 2000.[11]

**"Ir-Rapport ta' Nygh / Pocar":** Rapport dwar l-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999 (ara n-nota 11).

**"Test Interim tal-2001":** Sommarju tal-Eżitu tad-Diskussjoni fil-Kummissjoni II tal-Ewwel Parti tal-Konferenza Diplomatika ta' bejn is-6 u l-20 ta' Ġunju 2001.[12] In-numru kbir ta' parentesi kwadri fit-test jindika li d-delegati ma setgħux jaqblu fuq ħafna punti.

*(b) It-tieni fażi*

**"Abbozz tal-Grupp ta' Ħidma Informali":** L-Abbozz ta' Konvenzjoni mfassal mill-Grupp ta' Ħidma Informali, ippubblikat bħala d-Dokument Preliminari Nru 8 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Politika tal-Konferenza (Marzu 2003).[13]

**"L-Ewwel Rapport ta' Schulz":** Rapport mis-Sra. Andrea Schulz dwar l-Abbozz tal-Grupp ta' Ħidma Informali, ippubblikat f'Ġunju 2003 bħala d-Dokument Preliminari Nru 22.[14]

---

[8] Allan Philip miet f'Settembru 2004, okkażjoni ta' dispjaċir kbir għal dawk kollha kkonċernati bil-Konvenzjoni.

[9] Il-"Konvenzjoni ta' Brussell": *Il-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Infurzar ta' Sentenzi fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali* tas-27 ta' Settembru 1968. Test ikkonsolidat jista' jinstab f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ("ĠU"), 1998, il-Volum 27 tas-serje "Ċ", p. 1. Fl-1999, fil-parti l-kbira tagħha hija kienet sorpassata mir-Regolament ta' Brussell (ara *infra*, in-nota 50). Sadakinhar, hija kienet tapplika għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Ir-Rapport minn Paul Jenard dwar il-Konvenzjoni ta' Brussell oriġinali huwa ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali 1979 C 59, p. 1.

[10] Il-"Konvenzjoni ta' Lugano": *Il-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Infurzar ta' Sentenzi fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali* tas-16 ta' Settembru 1988, ĠU 1988 L 319, p.9. Hija tinkludi dispożizzjonijiet simili għall-Konvenzjoni ta' Brussell, iżda ż-żewġ Konvenzjonijiet mhumiex identiċi. L-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Lugano huma l-15-il Stat Membru tal-UE "antiki" u ċerti Stati oħrajn fl-Ewropa. Fiż-żmien li qed tinkiteb din il-pubblikazzjoni, dawn huma l-Islanda, in-Norveġja, il-Polonja u l-Iżvizzera. Id-demarkazzjoni bejn il-Konvenzjoni ta' Brussell u l-Konvenzjoni ta' Lugano hija stipulata fl-Art. 54B tal-Konvenzjoni ta' Lugano. Hija bbażata fuq il-prinċipju li l-Konvenzjoni ta' Lugano mhijiex ser tapplika għar-relazzjonijiet fost il-15-il Stat Membru tal-UE l-"antiki", iżda ser tapplika fejn ikun involut wieħed mill-pajjiżi l-oħrajn imsemmija hawn fuq (ħlief il-Polonja). Ir-Rapport uffiċjali huwa mħejji minn Paul Jenard u Gustaf Möller; huwa ppubblikat fil-ĠU 1990 C 189, p. 57.

[11] "Abbozz preliminari tal-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u s-sentenzi barranin fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, adottat mill-Kummissjoni Speċjali u Rapport minn Peter Nygh u Fausto Pocar", Dok. Prel. Nru 11 ta' Awwissu tas-sena 2000, imħejji għall-attenzjoni tal-Għoxrin Sessjoni ta' Ġunju 2001. Sakemm ma jiġix espliċitament iddikjarat mod ieħor, id-dokumenti preliminari kollha msemmija f'dan ir-Rapport huma disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Konvenzjonijiet" – "Nru 37" – "Dokumenti Preliminari".

[12] Disponibbli fuq < www.hcch.net >.

[13] Disponibbli fuq < www.hcch.net >.

[14] A. Schulz, "Rapport dwar il-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Informali dwar il-Proġett tas-Sentenzi, b'mod partikolari dwar it-test preliminari miksub waqt it-tielet laqgħa tiegħu – bejn il-25 u t-28 ta' Marzu 2003", Dok. Prel. Nru 22 ta' Ġunju 2003, disponibbli fuq < www.hcch.net >.


Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi

**"Abbozz tal-Konvenzjoni tal-2003":** Abbozz tat-test tal-Konvenzjoni, imfassal mill-Kummissjoni Speċjali dwar il-Ġurisdizzjoni, ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Sentenzi Barranin fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali f'Diċembru 2003 (Dokument ta' Ħidma Nru 49 Rivedut). Huwa kien ibbażat fuq l-Abbozz tal-Grupp ta' Ħidma Informali.[15]

**"L-Ewwel Rapport":** Ir-Rapport dwar l-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-2003, imfassal fil-forma ta' kummentarju f'Marzu 2004 u ppubblikat bħala Dokument Preliminari Nru 25.[16]

**"Abbozz tal-Konvenzjoni tal-2004":** Abbozz preliminari tal-Konvenzjoni uffiċjalment magħruf bħala l-Abbozz dwar il-Ftehimiet Esklussivi dwar l-Għażla tal-Qorti. Dan kien verżjoni riveduta tal-abbozz tal-Konvenzjoni tal-2003 u tfassal f'April 2004. Huwa kien ippubblikat bħala d-Dokument ta' Ħidma Nru 110 Rivedut.[17]

**"It-Tieni Rapport":** Ir-Rapport dwar l-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-2004, imfassal fil-forma ta' kummentarju f'Diċembru 2004. Huwa kien ippubblikat bħala Dokument Preliminari Nru 26.[18]

**"Abbozz ta' April 2005":** Modifiki possibbli għall-abbozz tal-Konvenzjoni tal-2004 imħejjija mill-Kumitat tal-Abbozzar waqt il-laqgħa tiegħu ta' bejn it-18 u l-20 ta' April 2005. Test tal-abbozz ta' Konvenzjoni tal-2004, li jinkorpora l-abbozz ta' April 2005, kien ippubblikat bħala d-Dokument ta' Ħidma Nru 1 tal-Għoxrin Sessjoni tal-Konferenza.

**"It-Tieni Rapport ta' Schulz":** "Rapport dwar il-Laqgħa tal-Kumitat tal-Abbozzar tat-18-20 ta' April 2005 bħala Tħejjija għall-Għoxrin Sessjoni ta' Ġunju 2005". Dan jikkummenta fuq l-abbozz ta' April 2005 u kien ippubblikat f'Mejju 2005 bħala d-Dokument Preliminari Nru 28.[19]

*Rikonoxximenti*

L-awturi tar-Rapport preżenti jixtiequ jirrikonoxxu l-obbligazzjoni tagħhom għall-awturi ta' dawn ir-rapporti preċedenti, speċjalment għall-awturi tar-Rapport ta' Nygh / Pocar, il-mibki s-Sur Peter Nygh u s-Sur Fausto Pocar.

Huma jixtiequ jirringrazzjaw lid-delegazzjonijiet nazzjonali li kkummentaw fuq l-abbozzi preċedenti tar-Rapport. Dawn il-kummenti kienu ta' għajnuna kbira u kkontribwixxew b'mod sinifikanti għall-verżjoni finali.

Huma jixtiequ jirrikonoxxu wkoll l-assistenza mogħtija mis-Sra. Andrea Schulz tal-Uffiċċju Permanenti u lis-Sur Gottfried Musger, il-President tal-Kumitat tal-Abbozzar. Dawn iż-żewġ persuni ddedikaw ħafna ħin għar-Rapport. Huma kkoreġew ħafna żbalji u ssuġġerew ħafna titjib. Mingħajr l-għajnuna tagħhom, ir-Rapport kien ikollu nuqqasijiet serji. Ikoll għandna nkunu konsiderevolment grati lejhom.

*Terminoloġija*

F'din il-Konvenzjoni tintuża t-terminoloġija li ġejja:

**"qorti tal-oriġini"**: il-qorti li tat is-sentenza;

**"Stat tal-oriġini"**: l-Istat fejn tinsab il-qorti tal-oriġini;

**"qorti indirizzata":** il-qorti li tintalab sabiex tirrikonoxxi jew tinforza s-sentenza;

**"Stat rikjest"**: l-Istat fejn tinsab il-qorti indirizzata.[20]

F'dan ir-Rapport:

**"Parti"** (bl-ittra "P" kbira) tfisser Parti mill-Konvenzjoni jew, fejn xieraq, Stat marbut bil-Konvenzjoni skont l-Artikolu 30;

**"parti"** (bl-ittra "p" żgħira) tfisser parti minn kuntratt jew taħrika;

**"Stat"** (bl-ittra "S" kbira) ifisser Stat fis-sens internazzjonali;

**"stat"** (bl-ittra "s" żgħira) ifisser unità territorjali ta' Stat federali (pereżempju, stat fl-Istati Uniti tal-Amerika).

*L-Istruttura ta' dan ir-Rapport*

Il-Parti preżenti ta' dan ir-Rapport (Parti I) hija segwita minn żewġ Partijiet oħrajn. Il-Parti II ("Ħarsa ġenerali") hija maħsuba biex tispjega l-istruttura tal-Konvenzjoni. L-enfasi hija fuq il-funzjoni tad-dispożizzjonijiet differenti u kif dawn jirrelataw ma' xulxin. Il-Parti III ("Kummentarju Artikolu b'Artikolu") tanalizza kull Artikolu individwali sabiex tikkjarifika t-tifsira tiegħu.

*Eżempji*

Fl-eżempji mogħtija hawn taħt, huwa preżunt (sakemm ma jiġix iddikjarat il-kuntrarju) li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet[21] minnha.

## PARTI II: ĦARSA ĠENERALI[22]

1. **L-għan.** Jekk il-Konvenzjoni trid tilħaq l-għan tagħha li tagħmel il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti kemm jista' jkun effettivi possibbli, hija għandha tiżgura tliet affarijiet. L-ewwelnett, il-qorti magħżula għandha tisma' l-kawża meta jitressqu proċedimenti quddiemha; it-tieni, kwalunkwe qorti oħra li quddiemha jitressqu proċedimenti

[15] Disponibbli fuq < www.hcch.net >.
[16] Disponibbli fuq < www.hcch.net >.
[17] Disponibbli fuq < www.hcch.net >.
[18] Disponibbli fuq < www.hcch.net >.
[19] Disponibbli fuq < www.hcch.net >.
[20] L-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999 juża "Stat indirizzat" fil-verżjoni bil-Malti minflok "Stat rikjest" kif użat f'dan ir-Rapport.
[21] Għat-tifsira ta' "Parti", ara hawn fuq.

[22] Il-ħarsa ġenerali f'din il-Parti tar-Rapport hija maħsuba biex tagħti stampa ġenerali tal-Konvenzjoni għall-benefiċċju ta' dawk li mhumiex familjari magħha. Din mhijiex dikjarazzjoni sħiħa tat-termini tal-Konvenzjoni. Ħafna Artikoli ma jissemmew xejn; oħrajn huma diskussi parzjalment biss; u l-kwalifiki u l-eċċezzjonijiet mhux dejjem jissemmew. Kummentarju sħiħ jinstab fil-Parti III tar-Rapport.

għandha tirrifjuta li tismagħhom; u t-tielet, is-sentenza tal-qorti magħżula għandha tiġi rikonoxxuta u infurzata. Dawn it-tliet obbligi ġew inkorporati fil-Konvenzjoni, fejn huma jikkostitwixxu d-dispożizzjonijiet ewlenin tagħha. It-tama hija li l-Konvenzjoni tagħmel għall-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti dak li l-*Konvenzjoni ta' New York dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin* tal-10 ta' Ġunju 1958 għamlet għall-ftehimiet dwar l-arbitraġġ.[23]

2. **Eċċezzjonijiet.** Madankollu, għalkemm dawn l-obbligi huma essenzjali, huma ma jistgħux jiġu imposti b'mod assolut. Huwa maqbul b'mod ġenerali li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet, ġeneralment ta' natura eċċezzjonali, li fihom ix-xewqa li jingħata effett lil ftehim dwar l-għażla tal-qorti tista' tiġi ssuperata minn kunsiderazzjonijiet oħrajn. Għal din ir-raġuni, il-Konvenzjoni tipprovdi eċċezzjonijiet għal kull waħda mit-tliet obbligi ewlenin. Madankollu, jekk tali eċċezzjonijiet ikunu wiesgħa u vagi wisq, il-Konvenzjoni tkun ta' valur żgħir. Għalhekk, it-tfittxija għall-bilanċ xieraq bejn il-flessibbiltà u ċ-ċertezza kienet wieħed mill-aktar kompiti importanti tas-Sessjoni Diplomatika li fasslet il-Konvenzjoni.

3. **Il-qorti magħżula għandha tisma' l-kawża.** L-Artikolu 5 jitlob lil qorti nnominata fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti sabiex tisma' l-kawża meta titressaq quddiemha tilwima.[24] Hija ma tistax tirrifjuta li tisma' l-kawża fuq il-bażi li qorti ta' Stat ieħor hija aktar xierqa (*forum non conveniens*) jew li tali qorti kienet invokata l-ewwel (*lis pendens*). L-eċċezzjoni ewlenija fl-Artikolu 5[25] hija li l-qorti magħżula ma jkollhiex bżonn tisma' l-kawża meta l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jkun null u bla effett skont il-liġi tagħha, inklużi r-regoli tagħha dwar l-għażla tal-liġi.[26]

4. **Qrati oħrajn mhumiex permessi li jisimgħu l-kawża.** L-Artikolu 6 jgħid li qorti fi Stat Kontraenti ieħor minbarra dak tal-qorti magħżula għandha tissospendi jew tirrinunzja l-proċedimenti li għalihom japplika ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti.[27] Madankollu, hemm ħames eċċezzjonijiet speċifiċi, li huma stabbiliti fil-paragrafi *(a)* sa *(e)* tal-Artikolu 6. L-ewwel waħda, stabbilita fil-paragrafu *a)*, hija parallela għall-eċċezzjoni għall-Artikolu 5, jiġifieri li l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti huwa null u bla effett skont il-liġi tal-qorti magħżula, inklużi r-regoli tagħha dwar l-għażla tal-liġi. Mill-erba' eċċezzjonijiet l-oħrajn għall-Artikolu 6, l-aktar waħda importanti hija probabbilment dik stabbilita fil-paragrafu *ċ)*, li tapplika meta l-attwazzjoni tal-ftehim twassal għal inġustizzja jew tkun kontra l-ordni pubbliku tal-Istat tal-qorti li tkun qed tisma' l-kawża b'mod ċar.[28] *Huwa importanti li tiġi apprezzata d-differenza fl-approċċ bejn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet fil-paragrafi a)* u *ċ).* Taħt il-paragrafu *a)*, il-qorti (mhux magħżula) li quddiemha jitressqu l-proċedimenti għandha tapplika l-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula (inklużi r-regoli tagħha dwar l-għażla tal-liġi); taħt il-paragrafu *ċ)*, min-naħa l-oħra, hija tapplika l-kunċetti tagħha stess ta' "inġustizzja ċara" u "ordni pubbliku". F'dan ir-rigward, il-Konvenzjoni hija differenti mill-*Konvenzjoni ta' New York tal-1958 dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin,* li tispeċifika l-liġi applikabbli f'dawn iċ-ċirkostanzi.

5. **Rikonoxximent u infurzar.** Il-valur ta' ftehim dwar l-għażla tal-qorti jkun akbar jekk is-sentenza li tirriżulta tiġi rikonoxxuta u infurzata[29] f'kemm jista' jkun Stati possibbli. L-Artikolu 8(1) ifittex li jilħaq dan l-għan.[30] Għal darba oħra, hemm eċċezzjonijiet, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma stabbiliti fl-Artikolu 9.[31] Xi wħud jirriflettu dawk imsemmija fl-Artikolu 6 – pereżempju, l-eċċezzjoni applikabbli meta l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ikun null u bla effett skont il-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula, inklużi r-regoli tagħha dwar l-għażla tal-liġi.[32] Ir-rikonoxximent jew l-infurzar jistgħu jiġu rrifjutati meta jkunu inkompatibbli b'mod ċar mal-ordni pubbliku tal-Istat rikjest.[33] Eċċezzjonijiet oħrajn jikkonċernaw is-servizz tad-dokument li beda l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti,[34] u l-frodi b'konnessjoni ma' kwistjoni ta' proċedura.[35]

6. **Sentenzi konfliġġenti.** L-Artikolu 9 jittratta wkoll is-sitwazzjoni fejn ikun hemm sentenza bejn l-istess partijiet mogħtija minn qorti oħra (li hawn taħt issir referenza għaliha bħala "sentenza konfliġġenti") li ma tkunx konsistenti mas-sentenza tal-qorti magħżula. *L-Artikolu jagħti trattament separat lill-kawża fejn is-sentenza konfliġġenti tingħata mill-istess Stat* bħal dak fejn jitressqu proċedimenti sabiex tiġi infurzata s-sentenza tal-qorti magħżula, u lill-kawża fejn is-sentenza konfliġġenti tingħata minn *Stat ieħor.* Fil-kawża msemmija l-ewwel, l-eżistenza ta' sentenza konfliġġenti bħala tali tikkostitwixxi bażi li fuqha jista' jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent tas-sentenza tal-qorti magħżula. Fil-kawża msemmija l-aħħar, is-sentenza konfliġġenti għandha tkun ingħatat qabel is-sentenza tal-qorti magħżula; hija għandha tinvolvi wkoll l-istess kawża ta' azzjoni u tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat rikjest. Madankollu, il-qorti f'ebda waħda minn dawn il-kawżi ma hija obbligata li tirrikonoxxi s-sentenza konfliġġenti jew li

[23] Ovvjament, il-Konvenzjoni tmur 'lil hinn mill-Konvenzjoni ta' New York b'diversi modi, li ser jiġu diskussi f'aktar dettall hawn taħt b'konnessjoni mal-Artikoli kkonċernati.

[24] Għal diskussjoni dettaljata, ara l-para. 124 *et seq., infra.*

[25] Għal eċċezzjoni possibbli oħra, ara l-Art. 19.

[26] Il-Para. 3 tal-Art. 5 fih dispożizzjonijiet speċjali li jippermettu lill-qorti magħżula tapplika r-regoli tagħha dwar il-ġurisdizzjoni fuq suġġett partikolari u dwar l-allokazzjoni tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati ta' Stat Kontraenti.

[27] Għal diskussjoni dettaljata, ara l-para. 141 *et seq., infra.*

[28] L-eċċezzjonijiet l-oħrajn huma: *(b)* parti ma kellhiex il-kapaċità li tikkonkludi l-ftehim skont il-liġi tal-Istat tal-qorti invokata; *(d)* għal raġunijiet eċċezzjonali mhux fil-kontroll tal-partijiet, il-ftehim ma jistax jiġi esegwit b'mod raġonevoli; u *(e)* il-qorti magħżula ddeċidiet li ma tismax il-kawża.

[29] "Rikonoxximent", kif mifhum mill-Konvenzjoni, ifisser li tiġi aċċettata d-determinazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi magħmula mill-qorti tal-oriġini. "Infurzar" ifisser li jiġi żgurat li d-debitur tas-sentenza jobdi l-ordni tal-qorti tal-oriġini.

[30] Għal diskussjoni dettaljata, ara l-para. 164 *et seq., infra.*

[31] Għal eċċezzjonijiet possibbli oħrajn, ara l-Art. 10 u 20.

[32] L-Art. 6 *(a)* huwa rifless fl-Art. 9 *(a)*; l-Art. 6 *(b)* huwa rifless fl-Art. 9 *(b)*; u l-Art. 6 *(ċ)* huwa rifless fl-Art. 9 *(e).*

[33] Art. 9 *(e).*

[34] Art. 9 *(ċ).*

[35] Art. 9 *(d).* Il-frodi fir-rigward tas-sustanza tal-pretensjoni jista' jiġi kopert minn dispożizzjonijiet oħrajn, bħal – f'ċirkostanzi estremi – dik li tikkonċerna l-ordni pubbliku.

tirrifjuta r-rikonoxximent għas-sentenza tal-qorti magħżula.

7. **Kumpens għal danni.** Eċċezzjoni oħra hija inkluża fl-Artikolu 11. Din tistabbilixxi li r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jistgħu jiġu rrifjutati jekk u safejn is-sentenza tagħti kumpens għal danni, inklużi danni eżemplari jew punittivi, li ma jikkumpensawx lil parti għal telf jew dannu attwalment imġarrab.[36]

8. **Dispożizzjonijiet oħrajn.** Id-dispożizzjonijiet ewlenin imsemmija fuq huma l-qalba tal-Konvenzjoni. Madankollu, huma jikkostitwixxu biss parti relattivament żgħira mill-għadd totali ta' Artikoli. Id-dispożizzjonijiet li jifdal huma f'ċertu sens anċillari: xi wħud jikkonċernaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni; xi wħud jistabbilixxu eċċezzjonijiet u kwalifiki oħrajn għad-dispożizzjonijiet ewlenin; u xi wħud oħrajn jinkludu regoli tal-liġi internazzjonali pubblika dwar it-tħaddim tal-Konvenzjoni. F'din il-ħarsa ġenerali għandna nikkunsidraw biss dawk li huma l-aktar importanti.

9. **Xi ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti huma koperti mill-Konvenzjoni?** L-Artikoli 1 u 3 jispjegaw x'nifhmu bi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti għall-finijiet tal-Konvenzjoni. Huma biss il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti li jaqgħu fi ħdan dawn id-dispożizzjonijiet li huma koperti mill-Kapitolu II tal-Konvenzjoni.[37]

10. **Artikolu 1.** L-Artikolu 1 jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni bi tliet modi bażiċi. L-ewwelnett, dan jgħid li l-Konvenzjoni tapplika biss f'kawżi internazzjonali. Imbagħad, huwa jgħid li din tapplika biss għall-ftehimiet *esklussivi* dwar l-għażla tal-qorti. Madankollu, din il-limitazzjoni hija soġġetta għal żewġ kwalifiki: l-ewwelnett, teżisti regola, stipulata fl-Artikolu 3 *b),* li l-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti li jinnominaw il-qrati ta' Stat Kontraenti wieħed jew qorti speċifika waħda jew aktar ta' Stat Kontraenti wieħed jitqiesu bħala esklussivi sakemm il-partijiet ma jkunux espressament ipprovdew mod ieħor; it-tieni, l-Artikolu 22 fih dispożizzjoni ta' inklużjoni fakultattiva li testendi d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar għal sentenzi mogħtija minn qorti li kienet innominata fi ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti. It-tielet limitazzjoni fl-Artikolu 1 hija li l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti għandu jiġi konkluż fi kwistjoni ċivili jew kummerċjali. Madankollu, l-Artikolu 2(5) jgħid li l-proċedimenti mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni minħabba s-sempliċi fatt li Stat, inkluż gvern, aġenzija governattiva jew kwalunkwe persuna li qed taġixxi għal Stat, ikunu parti minnha.

11. **It-tifsira ta' "internazzjonali".** Minħabba li l-Konvenzjoni tapplika biss f'kawżi internazzjonali, jeħtieġ li tingħata definizzjoni ta' "internazzjonali". Din tingħata fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 1.[38] Il-paragrafu 2 jgħid li, għal finijiet ġurisdizzjonali, kawża titqies bħala internazzjonali sakemm il-partijiet ma jkunux residenti fl-istess Stat Kontraenti u l-elementi rilevanti l-oħrajn kollha minbarra l-post fejn tinsab il-qorti magħżula ma jkunux marbutin ma' dak l-Istat biss. Fi kliem ieħor, jekk altrimenti kawża tkun kollha kemm hi domestika, l-għażla ta' qorti barranija ma tagħmilhiex internazzjonali. Definizzjoni differenti tapplika għall-fini tar-rikonoxximent u l-infurzar (il-para. 3). Hawnhekk, huwa biżżejjed li s-sentenza ngħatat minn qorti barranija. Dan ifisser li kawża li ma kinitx internazzjonali meta ngħatat is-sentenza oriġinali tista' ssir internazzjonali jekk tqum il-kwistjoni tar-rikonoxximent jew l-infurzar tas-sentenza fi Stat ieħor. (Dan huwa soġġett għall-possibbiltà ta' dikjarazzjoni skont l-Art. 20, li tippermetti lil Stat li jiddikjara li l-qrati tiegħu jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew jinfurzaw sentenza mogħtija mill-qorti magħżula jekk il-kawża tkun – ħlief għall-post fejn tinsab il-qorti magħżula – kollha kemm hi domestika għall-Istat fejn jintalbu r-rikonoxximent u l-infurzar).[39]

12. **Definizzjoni ta' "ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti".** L-Artikolu 3 jistipula definizzjoni ta' ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti. Dan jgħid li l-Konvenzjoni tapplika biss għall-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti favur l-Istati Kontraenti. Il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jista' japplika kemm għat-tilwimiet tal-imgħoddi kif ukoll għal dawk tal-ġejjieni. Huwa jista' jirreferi b'mod ġenerali għall-qrati ta' Stat Kontraenti ("il-qrati ta' Franza"); jista' jirreferi għal qorti speċifika fi Stat Kontraenti ("il-Qorti Distrettwali Federali għad-Distrett tan-Nofsinhar ta' New York"); jew jista' jirreferi għal żewġ qrati speċifiċi jew aktar fl-istess Stat Kontraenti ("il-Qorti Distrettwali ta' Tokyo jew il-Qorti Distrettwali ta' Kobe"). Il-ġurisdizzjoni tal-qrati l-oħrajn kollha għandha tiġi eskluża; madankollu, hija titqies bħala li hija eskluża, sakemm il-partijiet ma jkunux espressament ipprovdew mod ieħor.

13. **Rekwiżiti relatati mal-forma.** L-Artikolu 3 *ċ)* jistipula r-rekwiżiti formali li ftehim dwar l-għażla tal-qorti għandu jikkonforma magħhom sabiex jaqa' taħt il-Konvenzjoni. Huwa għandu jiġi konkluż jew iddokumentat jew *i)* bil-miktub jew *ii)* b'xi mezz ta' komunikazzjoni ieħor li jagħmel l-informazzjoni aċċessibbli biex tkun tista' tintuża għal referenza sussegwenti.[40] Jekk ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti, huwa ma jkunx kopert mill-Konvenzjoni. Madankollu, il-Konvenzjoni ma twaqqafx lill-Istati Kontraenti milli jinforzaw ftehim bħal dan jew is-sentenza li tirriżulta skont il-liġi tagħhom stess.

14. **It-tifsira ta' "Stat".** Ħafna dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jirreferu għal "Stat" jew għal "Stat Kontraenti". Madankollu, it-tifsira ta' dawn it-termini mhijiex kwistjoni sempliċi, kif muri mill-Artikoli 25, 28, 29 u 30.

15. **Sistemi legali mhux unifikati.** Xi Stati huma magħmula minn żewġ unitajiet jew aktar, kull waħda bis-sistema legali tagħha. Dan ta' spiss iseħħ fil-każ tal-

[36] Madankollu, il-qorti indirizzata għandha tikkunsidra jekk u safejn il-kumpens għad-danni mogħti mill-qorti tal-oriġini jservi biex ikopri l-ispejjeż relatati mal-proċedimenti.

[37] L-Art. 22 jagħmilha possibbli li l-Kapitolu III tal-Konvenzjoni jkun japplika wkoll għall-ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti f'ċerti ċirkostanzi.

[38] Ara wkoll l-Art. 25(2).

[39] Ara l-para. 231 sa 233, *infra*.

[40] Il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni kienet ispirata mill-Art. 6(1) tal-Liġi Mudell ta' UNCITRAL dwar il-Kummerċ Elettroniku tal-1996.


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

federazzjonijiet. Pereżempju, l-Istati Uniti huma magħmula minn stati u l-Kanada hija magħmula minn provinċji u territorji. Dan jista' jseħħ ukoll fil-każ ta' ċerti Stati mhux federali, bħaċ-Ċina jew ir-Renju Unit. Dan tal-aħħar huwa magħmul minn tliet unitajiet: L-Ingilterra u Wales (unità waħda), l-Iskozja u l-Irlanda ta' Fuq. Dak li jagħmel l-Artikolu 25(1) huwa li jgħid li, fil-każ ta' dawn l-Istati, il-kelma "Stat" fil-Konvenzjoni tista' tapplika, fejn xieraq, jew għall-entità akbar – pereżempju, ir-Renju Unit – jew inkella għal sub-unità ta' dik l-entità – pereżempju, l-Iskozja.[41] Dak li huwa xieraq ser ikun jiddependi fuq għadd ta' fatturi, inkluża r-relazzjoni bejn l-entità akbar u s-sub-unitajiet taħt is-sistema legali tal-Istat inkwistjoni, kif ukoll fuq it-termini tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti. Sabiex nuru kif jaħdem l-Artikolu 25(1), nistgħu nieħdu l-eżempju tal-Artikolu 3, li jirreferi, fost l-oħrajn, għal ftehim li jinnomina "l-qrati ta' Stat Kontraenti wieħed". Jekk il-partijiet jagħżlu l-qrati ta' Alberta, "Stat Kontraenti" fl-Artikolu 3 ifisser Alberta; għalhekk, il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jaqa' fi ħdan it-termini tal-Konvenzjoni. Jekk, minn naħa waħda, huma nnominaw il-qrati tal-Kanada, "Stat Kontraenti" fl-Artikolu 3 jirreferi għall-Kanada; għalhekk, għal darba oħra, il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jkun kopert.

16. **Rattifika jew adeżjoni limitata għal ċerti unitajiet.** L-Artikolu 28 jittratta wkoll mal-Istati tat-tip imsemmi fil-paragrafu ta' qabel. Madankollu, huwa għandu skop differenti. Huwa jippermetti lil Stat bħal dan li jiddikjara li l-Konvenzjoni ser tapplika għal uħud biss mill-unitajiet tiegħu. Pereżempju, dan jippermetti lill-Kanada li tiddikjara li l-Konvenzjoni ser testendi biss għall-provinċja ta' Alberta. F'każ bħal dan, ftehim dwar l-għażla tal-qorti li jinnomina l-qrati ta' provinċja Kanadiża oħra ma jkunx kopert mill-Konvenzjoni.

17. **Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.** L-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, bħall-Komunità Ewropea, huma ttrattati fl-Artikoli 29 u 30.[42] Minbarra li jippermettu lil dawn l-organizzazzjonijiet isiru Partijiet mill-Konvenzjoni f'ċerti ċirkostanzi, l-Artikoli 29 u 30 jgħidu wkoll li kwalunkwe referenza għal "Stat" jew "Stat Kontraenti" f'din il-Konvenzjoni għandha tapplika bl-istess mod għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hija Parti minnha, fejn xieraq.[43] Dan ifisser li, skont dak li huwa xieraq, "Stat" fil-kuntest Ewropew jista' jfisser il-Komunità Ewropea jew wieħed mill-Istati Membri tagħha (pereżempju, ir-Renju Unit) jew inkella unità territorjali ta' tali Stat Membru (pereżempju, l-Iskozja). Minn dan jirriżulta li ftehim dwar l-għażla tal-qorti li jinnomina "l-qrati tal-Komunità Ewropea" jew li jirreferi speċifikament għall-"Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (il-Qorti tal-Prim Istanza)"[44] ikun kopert minn din il-Konvenzjoni.

18. **Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni.** L-Artikolu 2 jittratta l-esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni kienet maħsuba biex tapplika fil-qasam kummerċjali u ħafna esklużjonijiet jagħtu effett lil din il-politika, għalkemm ftit kwistjonijiet kummerċjali huma esklużi wkoll fejn japplikaw kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 jgħid li l-Konvenzjoni ma tapplikax għall-kuntratti tal-konsumaturi jew għall-kuntratti tal-impjiegi. Il-paragrafu 2 jgħid li hija ma tapplikax għal numru ta' kwistjonijiet speċifiċi elenkati fis-sittax-il subparagrafu tiegħu. Dawn ikopru diversi kwistjonijiet relatati mal-liġi tal-familja, bħall-manteniment u l-proprjetà matrimonjali, kif ukoll grupp mixxellanju ta' kwistjonijiet li jvarjaw mir-responsabbiltà għal dannu nukleari għall-validità tar-reġistrazzjonijiet fir-reġistri pubbliċi. Uħud minnhom ser jiġu diskussi hawn taħt, meta jiġu kkunsidrati fergħat partikolari tal-liġi.

19. **Deċiżjonijiet preliminari.** L-Artikolu 2(3) jistabbilixxi l-prinċipju importanti li l-proċedimenti fuq kwistjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ma jiqfux jiġu koperti minnha sempliċiment minħabba li l-qorti trid tagħti deċiżjoni preliminari fuq waħda mill-kwistjonijiet esklużi. Madankollu, l-Artikolu 10(1) jagħmilha ċara li d-deċiżjoni dwar il-kwistjoni eskluża mhijiex intitolata għal rikonoxximent u infurzar indipendenti skont il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 10(2) jippermetti (iżda ma jitlobx) lill-qorti indirizzata li tirrifjuta li tirrikonoxxi jew tinforza s-sentenza hija stess, sal-punt li hija tkun ibbażata fuq id-deċiżjoni. Madankollu, din is-setgħa ma għandhiex tiġi eżerċitata jekk id-deċiżjoni preliminari kienet tkun l-istess li kieku ngħatat minn qorti fl-Istat rikjest.

20. **Deċiżjonijiet preliminari dwar il-proprjetà intellettwali.** L-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) hija soġġetta għal restrizzjonijiet importanti meta d-deċiżjoni preliminari tkun dwar il-validità ta' dritt ta' proprjetà intellettwali (Art. 10(3)). Dan huwa spjegat hawn taħt, meta tiġi diskussa l-proprjetà intellettwali.

[41] Iżda l-Art. 25(2) jgħid li Stat bħal dan mhuwiex mitlub li japplika l-Konvenzjoni bejn dawn is-sub-unitajiet.

[42] Id-differenza bejn l-Art. 29 u 30 hija li tal-ewwel jikkonċerna s-sitwazzjoni fejn l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ssir Parti mill-Konvenzjoni *flimkien* mal-Istati Membri tagħha, filwaqt li tal-aħħar jikkonċerna s-sitwazzjoni fejn hija ssir Parti *mingħajr* l-Istati Membri tagħha. Fil-każ tal-Komunità Ewropea, dan jiddependi fuq jekk il-Komunità kellhiex kompetenza komuni jew kompetenza esklussiva komuni. F'dan ir-rigward, ara l-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tas-7 ta' Frar 2006 dwar il-kompetenza tal-Komunità biex tikkonkludi l-Konvenzjoni ġdida ta' Lugano *dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali* (Opinjoni 01/03), disponibbli fuq < http://curia.europa.eu/ >.

[43] Madankollu, ċerti Artikoli – pereżempju, l-Art. 28 – jgħidu espliċitament li huma ma japplikawx għall-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

[44] Skont l-Art. 238 tat-*Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea* (it-Trattat tal-KE), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandha ġurisdizzjoni skont "klawżola ta' arbitraġġ" (fir-realtà, klawżola dwar l-għażla tal-qorti) f'kuntratt konkluż mill-Komunità jew għan-nom tagħha. Din il-ġurisdizzjoni hija eżerċitata mill-Qorti tal-Prim Istanza: l-Art. 225(1) tat-Trattat tal-KE. B'hekk, jekk il-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet kuntratt kummerċjali ma' kumpanija residenti barra l-Komunità Ewropea, klawżola dwar l-għażla tal-qorti f'kuntratt bħal dan favur il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (il-Qorti tal-Prim Istanza) tkun koperta minn din il-Konvenzjoni.


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

21. **Dikjarazzjonijiet rigward kwistjonijiet speċifiċi.** L-Artikolu 21 jagħmilha possibbli għal Stat Kontraenti li jestendi l-lista ta' kwistjonijiet esklużi permezz ta' dikjarazzjoni li tispeċifika l-kwistjoni li huwa jrid jeskludi, diment li huwa jiddefinixxi dan b'mod ċar u preċiż. Fejn dan iseħħ, il-Konvenzjoni ma tapplikax fir-rigward ta' dik il-kwistjoni fl-Istat li jagħmel id-dikjarazzjoni.[45]

22. **It-trasparenza u n-nonretroattività.** L-Artikolu 21 jippermetti b'mod eċċezzjonali lil Stat Kontraenti li jispeċifika ċerti kwistjonijiet li għalihom ma tapplikax il-Konvenzjoni. Madankollu, skont l-Artikolu 32, kwalunkwe dikjarazzjoni bħal din għandha tiġi nnotifikata lid-depożitarju (il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands), li min-naħa tiegħu għandu jgħarraf lill-Istati l-oħrajn (il-prinċipju tat-trasparenza). Huwa previst ukoll li d-dikjarazzjonijiet ser jitpoġġew fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.[46] Jekk id-dikjarazzjoni ssir wara li l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għall-Istat li jagħmilha, hija ma tidħolx fis-seħħ għal mill-inqas tliet xhur.[47] Minħabba li hija ma tapplikax għall-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti konklużi qabel id-dħul fis-seħħ tagħha (il-prinċipju tan-nonretroattività),[48] ser ikun possibbli għall-partijiet li jkunu jafu minn qabel jekk ir-relazzjoni legali tagħhom hijiex ser tiġi affettwata.

23. **Ir-reċiproċità.** Huwa pprovdut mill-Artikolu 21(2) li, meta Stat jagħmel dikjarazzjoni bħal din, Stati oħrajn ma jintalbux japplikaw il-Konvenzjoni fir-rigward tal-kwistjoni kkonċernata fejn il-qorti magħżula tkun fl-Istat li għamel id-dikjarazzjoni (il-prinċipju tar-reċiproċità).

24. **Soluzzjonijiet ġudizzjarji (*transactions judiciaires*).** L-infurzar tas-soluzzjonijiet ġudizzjarji, magħrufa bil-Franċiż bħala "*transactions judiciaires*", huwa kopert mill-Konvenzjoni, diment li jkun hemm ftehim xieraq dwar l-għażla tal-qorti u s-soluzzjoni tkun akkumpanjata minn ċertifikat ta' qorti fl-Istat tal-oriġini.[49] Is-soluzzjonijiet ġudizzjarji f'dan is-sens mhumiex magħrufa fil-liġi komuni. Dawn mhumiex l-istess ħaġa bħas-soluzzjonijiet barra l-qorti; lanqas ma huma l-istess bħas-sentenzi dwar il-kunsens, għalkemm huma jissodisfaw l-istess funzjoni. Is-sentenzi dwar il-kunsens huma koperti mill-Konvenzjoni bl-istess mod bħal sentenzi oħrajn.

25. **Il-kunflitti ma' konvenzjonijiet oħrajn.** Din hija waħda mill-aktar kwistjonijiet diffiċli indirizzati fil-Konvenzjoni. Il-punt tat-tluq għandu jkun ir-regoli normali tal-liġi internazzjonali pubblika, li ġeneralment jitqiesu bħala li huma riflessi fl-Artikolu 30 tal-*Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati*, 1969. L-Artikolu 30(2) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna jgħid li meta trattat jgħid li huwa soġġett għal trattat ieħor (qabel jew wara), dak it-trattat l-ieħor jipprevali. L-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni tal-Aja jispeċifika erba' każijiet (il-para. 2 sa 5 tal-Art. 26) li fihom konvenzjoni oħra tipprevali fuqha. Il-paragrafu 6 tal-Artikolu 26 jittratta kwistjoni kemmxejn differenti: il-kunflitti bejn il-Konvenzjoni u r-regoli ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hija Parti mill-Konvenzjoni.

26. **Ir-Regolament ta' Brussell.**[50] Ir-regoli stipulati fl-Artikolu 26 huma kumplessi wisq sabiex jiġu diskussi b'mod sħiħ f'dan is-sommarju qasir. Madankollu, jista' jkun ta' valur li tingħabar fil-qosor l-applikazzjoni tagħhom fir-rigward tar-Regolament ta' Brussell. Jekk ikun hemm kunflitt tar-regoli fir-rigward tal-ġurisdizzjoni, ir-Regolament ta' Brussell jipprevali fuq il-Konvenzjoni fejn ebda waħda mill-partijiet ma tkun residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Stat Membru tal-Komunità Ewropea. Fejn waħda jew aktar mill-partijiet tkun residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Stat Membru tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni tipprevali.[51] B'hekk, pereżempju,[52] jekk kumpanija Amerikana u kumpanija Ġermaniża jagħżlu l-qorti distrettwali ta' Rotterdam, il-Konvenzjoni tipprevali; jekk, min-naħa l-oħra, kumpanija Belġjana u kumpanija Ġermaniża jagħżlu l-qorti ta' Rotterdam, ir-Regolament ta' Brussell jipprevali. Fil-prattika, il-kunflitti ta' natura ġurisdizzjonali bejn iż-żewġ strumenti x'aktarx ikunu rari. L-aktar eċċezzjoni importanti tikkonċerna r-regola tal-*lis pendens*, li tipprevali fuq ftehim dwar l-għażla tal-qorti skont ir-Regolament ta' Brussell[53] iżda dan ma jsirx skont il-Konvenzjoni.

27. Fir-rigward tar-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi, ir-Regolament ta' Brussell jipprevali fejn il-qorti

[45] Għall-pożizzjoni fejn kwistjoni soġġetta għal dikjarazzjoni skont l-Art. 21 tinqala' bħala kwistjoni preliminari, ara l-Art. 10(4).

[46] Dan huwa <www.hcch.net>.

[47] Art. 32(4).

[48] Art. 32(5).

[49] Art. 12 u 13(1) *e)*.

[50] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU 2001, L 12, p. 1. Huwa japplika fost l-Istati Membri kollha tal-UE, ħlief id-Danimarka, u jissostitwixxi l-Konvenzjoni ta' Brussell fir-relazzjonijiet reċiproċi bejn dawk l-Istati li għalihom tapplika. L-istess dispożizzjonijiet japplikaw għad-Danimarka bis-saħħa tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU 2005 L 299, pp. 61 u 62. Il-ftehim kien iffirmat fi Brussell fl-2005 u ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2007.

[51] L-Art. 4(2) tal-Konvenzjoni tgħid li korporazzjoni hija residenti f'kull wieħed minn dawn li ġejjin: l-Istat fejn għandha s-sede statutorja tagħha; l-Istat li skont il-liġi tiegħu kienet inkorporata jew ifformata; l-Istat fejn għandha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha; u l-Istat fejn għandha l-post tan-negozju prinċipali tagħha. Minn dan jirriżulta li, fit-teorija, kumpanija tista' tkun residenti f'erba' Stati. Jekk wieħed minn dawn huwa Parti mill-Konvenzjoni tal-Aja iżda mhux Stat Membru tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni tal-Aja tipprevali fuq ir-Regolament ta' Brussell safejn hija kkonċernata l-ġurisdizzjoni.

[52] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra*.

[53] Skont ir-Regolament ta' Brussell, jekk qorti ta' Stat Membru ieħor tal-Komunità Ewropea tiġi invokata qabel il-qorti magħżula, din tal-aħħar ikollha tissospendi l-proċedimenti li jitressqu quddiemha sakemm l-ewwel qorti invokata ċċedi l-ġurisdizzjoni: *Gasser* v. *MISAT*, il-Kawża C-116/02, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, [2003] Ġabra I-14721, disponibbli fuq < http://curia.europa.eu/ >. Skont il-Konvenzjoni, l-oppost huwa l-każ. Ara *infra*, il-para. 295 sa 301.

li tkun tat is-sentenza u l-qorti li fiha jintalab ir-rikonoxximent ikunu jinsabu t-tnejn li huma fil-Komunità Ewropea. Dan ifisser li r-raġunijiet ġeneralment aktar limitati għan-nuqqas ta' rikonoxximent stabbiliti fl-Artikolu 34 tar-Regolament ta' Brussell japplikaw minflok ir-raġunijiet usa' stabbiliti fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni; b'mod partikolari, il-qorti indirizzata normalment ma tkunx tista' tikkunsidra jekk il-qorti tal-oriġini kellhiex ġurisdizzjoni. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dan għandu jagħmilha aktar faċli għall-infurzar tas-sentenza.

28. **Ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti.** B'mod ġenerali, il-Konvenzjoni tapplika biss għall-ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti. Madankollu, l-Artikolu 22 jipprevedi sistema ta' dikjarazzjonijiet reċiproċi li jestendu d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar għall-ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti. Is-sentenzi konformi ma' dawn il-ftehimiet ser jiġu rikonoxxuti u infurzati jekk kemm l-Istat tal-oriġini kif ukoll l-Istat rikjest ikunu għamlu dikjarazzjoni bħal din, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 22.

29. **Fergħat partikolari tal-liġi.** Jista' jkun utli li wieħed jikkonkludi dan is-sommarju billi jikkunsidra l-effett tal-Konvenzjoni fuq ċerti fergħat partikolari tal-liġi. Ser jiġu kkunsidrati biss numru limitat.

30. **It-tbaħħir u t-trasport.** L-Artikolu 2(2) *f)* jeskludi l-ġarr tal-passiġġieri u tal-merkanzija mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni. Dan ikopri l-ġarr bil-baħar, kif ukoll fuq l-art u bl-ajru. L-Artikolu 2(2) *g)* jeskludi t-tniġġis tal-baħar, il-limitazzjoni tar-responsabbiltà għal pretensjonijiet marittimi, il-medja ġenerali u l-irmunkar u s-salvataġġ f'każ ta' emerġenza. Huma koperti oqsma oħrajn tal-liġi dwar it-trasport marittimu.[54]

31. **L-assigurazzjoni.** L-assigurazzjoni (inkluża l-assigurazzjoni marittima) hija koperta b'mod sħiħ mill-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni tiddikjara espliċitament li kuntratt tal-assigurazzjoni (jew riassigurazzjoni) ma jaqax barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, sempliċiment minħabba li huwa marbut ma' kwistjoni li hija eskluża.[55] Pereżempju, għalkemm il-ġarr tal-merkanzija bil-baħar huwa eskluż, kuntratt għall-assigurazzjoni tal-merkanzija ttrasportata bil-baħar mhuwiex eskluż. Huwa espliċitament ipprovdut ukoll[56] li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenza fir-rigward ta' responsabbiltà skont it-termini ta' kuntratt tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma jistgħux jiġu limitati jew irrifjutati fuq il-bażi li r-responsabbiltà skont dak il-kuntratt hija marbuta ma' kwistjoni li għaliha l-Konvenzjoni ma tapplikax. Barra minn hekk, jekk l-assiguratur jaqbel li jikkumpensa lill-assigurat għar-responsabbiltà li jħallas danni punittivi, sentenza mogħtija skont il-kuntratt tal-assigurazzjoni ma tistax tiġi rrifjutata milli tiġi infurzata sempliċiment minħabba li l-għoti ta' danni punittivi minnu nnifsu jista' ma jiġix infurzat bis-saħħa tal-Artikolu 11.

32. **Is-settur bankarju u l-finanzi.** Is-settur bankarju u l-finanzi jaqgħu kompletament fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Madankollu, il-ftehimiet internazzjonali dwar is-self ta' spiss ikunu soġġetti għal klawżola mhux esklussiva dwar l-għażla tal-qorti. F'każ bħal dan, il-Konvenzjoni ma tapplikax sakemm l-Istati kkonċernati ma jkunux għamlu dikjarazzjoni skont l-Artikolu 22. Ftehim asimmetriku dwar l-għażla tal-qorti (ftehim dwar l-għażla tal-qorti li permezz tiegħu parti waħda tkun tista' tressaq proċedimenti esklussivament fil-qorti nnominata, iżda l-parti l-oħra tkun tista' tħarrek fi qrati oħrajn ukoll) ma jitqiesx bħala esklussiv għall-finijiet tal-Konvenzjoni.

33. **Il-proprjetà intellettwali.** L-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-proprjetà intellettwali kienet soġġetta għal negozjati intensivi. L-eżitu kien li, minn naħa waħda, issir distinzjoni bejn drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u, min-naħa l-oħra, drittijiet oħrajn ta' proprjetà intellettwali (bħal privattivi, trejdmarks u disinji). Għandna nittrattaw dawn iż-żewġ kategoriji ta' drittijiet separatament.

34. **Id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati.** Id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati (drittijiet viċini) huma koperti b'mod sħiħ mill-Konvenzjoni. Dan huwa l-każ anki fir-rigward tat-tilwimiet dwar il-validità. Madankollu, billi sentenza hija infurzabbli skont il-Konvenzjoni biss kontra l-persuni li huma marbutin bil-ftehim dwar l-għażla tal-qorti, sentenza dwar il-validità qatt ma jista' jkollha effett[57] *in rem skont il-Konvenzjoni*; konsegwentement, sentenza li tgħid li dritt tal-awtur huwa invalidu mhijiex, skont il-Konvenzjoni, vinkolanti fuq partijiet terzi.[58]

35. **Drittijiet ta' proprjetà intellettwali oħrajn minbarra d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati.** L-Artikolu 2(2) *n)* jeskludi l-validità tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali oħrajn minbarra d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni. B'hekk, il-proċedimenti għal revoka jew għal dikjarazzjoni tal-invalidità mhumiex koperti.

36. **Ftehimiet dwar il-ħruġ ta' liċenzji.** Il-Konvenzjoni tapplika għall-ftehimiet dwar il-ħruġ ta' liċenzji u għal kuntratti oħrajn li jikkonċernaw il-proprjetà intellettwali. Jekk il-ftehim ikun fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti, sentenza mogħtija mill-qorti magħżula li tordna l-ħlas tad-drittijiet finanzjarji tkun tista' tiġi infurzata skont il-Konvenzjoni.

37. **Il-kontestazzjoni tal-validità bħala difiża.**[59] Jekk min jagħti l-liċenzja jħarrek lid-detentur tal-liċenzja għall-ħlas tad-drittijiet finanzjarji, dan tal-aħħar jista' jwieġeb billi jsostni li d-dritt ta' proprjetà intellettwali huwa invalidu. Dan jista' jikkostitwixxi difiża għat-talba, sakemm il-ftehim dwar il-ħruġ ta' liċenzji ma jkunx fih klawżola li tgħid li d-drittijiet finanzjarji huma dovuti, irrispettivament minn kwalunkwe kontestazzjoni għall-

[54] Ara *infra*, il-para. 59.
[55] Art. 17(1).
[56] Art. 17(2).
[57] Effett *in rem* xi drabi jissejjaħ ukoll effett "*erga omnes*".
[58] Dan japplika ugwalment għal drittijiet oħrajn ta' proprjetà. Pereżempju, sentenza dwar is-sjieda tal-merkanzija ma jistax ikollha effett *in rem* skont il-Konvenzjoni. Madankollu, fil-kawżi kollha, is-sentenza jista' jkollha effett *in rem* fuq xi bażi oħra.
[59] Ara l-para. 77, *infra.*

validità tad-dritt ta' proprjetà intellettwali (jekk nassumu li klawżola bħal din hija legali). Jekk l-obbligu li jitħallsu d-drittijiet finanzjarji jeżisti biss jekk id-dritt ikun validu, il-qorti li tisma' t-talba għall-ħlas tad-drittijiet finanzjarji jkollha tiddeċiedi fuq il-kwistjoni tal-validità. Dan ma jfissirx li t-talba għall-ħlas tad-drittijiet finanzjarji ma tibqax tkun koperta mill-Konvenzjoni.[60] Madankollu, id-deċiżjoni preliminari dwar il-validità mhijiex intitolata għal rikonoxximent skont il-Konvenzjoni.[61]

38. **L-infurzar ta' sentenza abbażi ta' deċiżjoni preliminari.** Jekk jitressqu proċedimenti sabiex tiġi infurzata s-sentenza għall-ħlas tad-drittijiet finanzjarji, u jekk dik is-sentenza kienet ibbażata fuq deċiżjoni preliminari dwar il-validità tad-dritt ta' proprjetà intellettwali, il-qorti indirizzata tista' tirrifjuta li tinforza s-sentenza jekk id-deċiżjoni preliminari tkun inkonsistenti ma' sentenza[62] dwar il-validità tad-dritt ta' proprjetà intellettwali mogħtija mill-qorti xierqa fl-Istat li skont il-liġi tiegħu tqajmet il-kwistjoni tad-dritt ta' proprjetà intellettwali (ġeneralment l-Istat tar-reġistrazzjoni).[63] Barra minn hekk, jekk il-proċedimenti dwar il-validità tad-dritt ikunu pendenti f'dak l-Istat, il-qorti indirizzata tista' tissospendi l-proċedimenti ta' infurzar sakemm joħroġ ir-riżultat tal-proċedimenti dwar il-validità. Jekk ma jkunx possibbli għaliha li tissospendi l-proċedimenti, hija tista' tirrinunzjahom, diment li jkunu jistgħu jitressqu proċedimenti ġodda ladarba tissolva l-kwistjoni tal-validità.[64]

39. **Proċedimenti ta' ksur.** L-Artikolu 2(2) *o)* jeskludi mill-Konvenzjoni dawk il-proċedimenti għall-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali minbarra dawk tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati. Madankollu, dan huwa soġġett għal eċċezzjoni importanti. Il-proċedimenti ta' ksur li jitressqu, jew li setgħu tressqu, għall-ksur ta' kuntratt bejn il-partijiet, mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Dan japplika għall-proċedimenti li jsiru wara allegat ksur ta' ftehim dwar il-ħruġ ta' liċenzji, għalkemm dan mhuwiex limitat għal dawn il-ftehimiet. Jekk il-ftehim dwar il-ħruġ ta' liċenzji jippermetti lid-detentur tal-liċenzja li juża d-dritt b'ċerti modi iżda mhux b'oħrajn, huwa jikkommetti ksur tal-kuntratt jekk juża d-dritt b'mod li huwa pprojbit. Madankollu, minħabba li ma jibqax protett mil-liċenzja, huwa jista' wkoll jinstab ħati ta' ksur tad-dritt ta' proprjetà intellettwali. L-eċċezzjoni għall-Artikolu 2(2) *o)* tgħid li azzjoni bħal din hija koperta mill-Konvenzjoni. Din tapplika anki jekk titressaq taħt delitt, minflok taħt kuntratt: l-azzjonijiet ta' ksur huma koperti, anki jekk jitressqu taħt delitt, diment li *setgħu* jitressqu taħt kuntratt.

PARTI III: KUMMENTARJU ARTIKOLU B'ARTIKOLU

*Artikolu 1 Il-kamp ta' applikazzjoni*

40. **Tliet limitazzjonijiet.** L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 jagħmilha ċara li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni huwa limitat bi tliet modi: hija tapplika biss f'kawżi internazzjonali; tapplika biss għall-ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti (għalkemm din il-limitazzjoni hija soġġetta għall-Art. 22); u tapplika biss fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali.

41. **Id-definizzjoni ta' "internazzjonali" fir-rigward tal-ġurisdizzjoni.** L-Artikolu 1(2) jiddefinixxi "internazzjonali" għall-finijiet tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni (li jinstabu fil-Kapitolu II tal-Konvenzjoni). Huwa jgħid li kawża tkun internazzjonali sakemm ma jiġux issodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin: l-ewwelnett, il-partijiet ikunu residenti[65] fl-istess Stat Kontraenti; u, it-tieni, ir-relazzjoni tal-partijiet u l-elementi l-oħrajn kollha rilevanti għat-tilwima (irrispettivament mill-post fejn tinsab il-qorti magħżula) jkunu marbutin biss ma' dak l-Istat. Dan ifisser li r-regoli ġurisdizzjonali tal-Konvenzjoni japplikaw jew jekk il-partijiet ma jkunux residenti fl-istess Stat, jew inkella jekk xi element ieħor rilevanti għat-tilwima (minbarra l-post fejn tinsab il-qorti magħżula) jkollu rabta ma' xi Stat ieħor.

42. L-effett ta' din ir-regola jinftiehem b'mod aktar ċar jekk nagħtu eżempju. Nassumu li l-partijiet fil-kuntratt huma t-tnejn residenti fil-Portugall.[66] Il-kuntratt isir fil-Portugall u għandu jiġi esegwit hemmhekk. Huma jagħżlu qorti fil-Ġappun. Ma hemm ebda element rilevanti (minbarra l-post fejn tinsab il-qorti magħżula) li huwa marbut ma' kwalunkwe Stat ieħor minbarra l-Portugall. Kawża bħal din ma titqiesx bħala internazzjonali għall-fini tar-regoli ġurisdizzjonali tal-Konvenzjoni. B'riżultat ta' dan, jekk parti waħda fil-kuntratt tressaq lill-parti l-oħra għad-danni fil-Portugall, il-Konvenzjoni ma titlobx lill-qorti Portugiża sabiex tapplika l-Artikolu 6 (sabiex tistabbilixxi jekk hijiex permessa li tipproċedi fil-kawża). Jekk il-proċedimenti jitressqu quddiem il-qorti magħżula fil-Ġappun, il-qorti Ġappuniża ma tintalabx sabiex tisma' l-kawża skont il-Konvenzjoni.[67] (Ovvjament, huwa possibbli li ż-żewġ qrati, li japplikaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom, jaslu għal riżultat simili għal dak li kien jinkiseb skont il-Konvenzjoni li kieku kienet applikabbli).

43. Konsegwenza oħra tal-istess regola hija li jekk il-partijiet f'kawża li hija purament domestika għall-

[60] Art. 2(3). L-istess jgħodd jekk id-detentur tal-liċenzja jagħmel kontrotalba għal revoka.
[61] Art. 10(1).
[62] Din tinkludi d-deċiżjoni ta' uffiċċju tal-privattivi jew ta' awtorità kompetenti oħra.
[63] Art. *10(3) (a).* Madankollu, ir-rikonoxximent u l-infurzar jistgħu jiġu rrifjutati biss *sal-punt li* s-sentenza tkun ibbażata fuq id-deċiżjoni dwar il-validità. Dan jirriżulta mill-fatt li l-Art. 10(3) ma joħloq ebda bażi indipendenti ta' nuqqas ta' rikonoxximent, iżda sempliċiment jikkwalifika l-bażi stipulata fl-Art. 10(2). Ara aktar *infra*, il-para. 197 *et seq.*
[64] Art. *10(3) (b).* Ix-*chapeau* għall-Art. 10(3) jirreferi kemm għar-rifjut tar-rikonoxximent jew tal-infurzar, kif ukoll għall-posponiment tar-rikonoxximent jew tal-infurzar. Tal-ewwel normalment ikun xieraq skont is-subparagrafu *(a)* u tal-aħħar skont is-subparagrafu *(b).*
[65] Ir-regoli għad-determinazzjoni tar-residenza ta' entità jew persuna oħra minbarra persuna fiżika huma stabbiliti fl-Art. 4(2).
[66] *Fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport, huwa preżunt li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, supra.*
[67] Billi l-kawża ma tkunx koperta mill-Konvenzjoni, ma jkunx meħtieġ li l-Ġappun jagħmel dikjarazzjoni skont l-Art. 19. Dikjarazzjoni skont l-Art. 19 tkun meħtieġa biss fejn il-kawża kellha element barrani li jmur 'lil hinn minn konnessjonijiet mal-Portugall, iżda fejn dak l-element

Portugall għażlu qorti Portugiża, u waħda minnhom ħarrket fi Stat Kontraenti ieħor, il-qrati ta' dak l-Istat l-ieħor ma jkunux obbligati skont il-Konvenzjoni li jirrinunzjaw il-proċedimenti. Madankollu, mhuwiex probabbli li titfaċċa din is-sitwazzjoni, minħabba li huwa improbabbli li kwalunkwe qorti oħra minbarra qorti Portugiża jkollha ġurisdizzjoni f'kawża bħal din.

44. **Id-definizzjoni ta' "internazzjonali" fir-rigward tar-rikonoxximent u l-infurzar.** L-Artikolu 1(3) jiddefinixxi "internazzjonali" għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar (il-Kapitolu III tal-Konvenzjoni). Huwa sempliċiment jgħid li kawża tkun internazzjonali għal dawn il-finijiet jekk is-sentenza li trid tiġi rikonoxxuta jew infurzata tkun barranija. B'riżultat ta' dan, kawża li ma kinitx internazzjonali skont l-Artikolu 1(2) meta ngħatat is-sentenza oriġinali ssir internazzjonali jekk hija tkun trid tiġi rikonoxxuta jew infurzata fi Stat Kontraenti ieħor.

45. B'hekk, jekk fl-eżempju mogħti fil-paragrafu 42, il-qorti magħżula tkun tinsab fil-Portugall, kwalunkwe sentenza mogħtija minnha tkun intitolata għal rikonoxximent u infurzar fi Stati Kontraenti oħrajn, anki jekk is-sitwazzjoni tkun għal kollox interna għall-Portugall. Dan l-approċċ għad-definizzjoni ta' "internazzjonali" jista' juri li huwa importanti fil-prattika, billi l-konvenut jista' joħroġ l-assi tiegħu mill-Portugall. Dan bil-għan li jkun żgurat dan ir-riżultat li jiġu adottati żewġ definizzjonijiet differenti ta' "internazzjonali".

46. Madankollu, ir-regola ser ikollha konsegwenzi oħrajn. Jekk (f'sitwazzjoni li altrimenti tkun purament interna għall-Portugall) żewġ residenti tal-Portugall jagħżlu qorti Ġappuniża u wieħed minnhom iħarrek lill-ieħor hemmhekk u jikseb sentenza, il-kawża ssir internazzjonali jekk jitressqu proċedimenti sabiex is-sentenza tiġi infurzata fi Stat Kontraenti ieħor. Il-Portugall jintalab mill-Konvenzjoni sabiex jinforza s-sentenza Ġappuniża, sakemm qorti Portugiża ma tkunx tat sentenza inkonsistenti fil-proċedimenti bejn l-istess partijiet,[68] jew il-Portugall ma jkunx għamel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 20.[69]

47. **Ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti.** *Kunsiderazzjoni sinifikanti sabiex il-Konvenzjoni tkun limitata għall-ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti kienet intiża għall-evitar tal-problemi li altrimenti jinqalgħu fir-rigward tal-lis pendens.*

48. L-Artikolu 5 (li jitlob lill-qorti magħżula sabiex tisma' l-kawża) ma jistax jiġi applikat billi huwa intiż għall-ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti, minħabba li qorti oħra minbarra l-qorti magħżula setgħet kienet invokata l-ewwel u din tista' tkun intitolata wkoll sabiex tisma' l-kawża jekk il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ma jkunx esklussiv. Dan iqajjem kwistjonijiet ta' *lis pendens* u *forum non conveniens* li kien ikun diffiċli li jiġu riżolti b'mod aċċettabbli. Barra minn hekk, l-Artikolu 6 (li jipprojbixxi lill-qrati minbarra dik magħżula milli jisimgħu l-kawża) ma jistax jiġi applikat jekk il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ma jkunx esklussiv. Dawn l-argumenti ma japplikawx bl-istess mod fl-istadju tar-rikonoxximent u tal-infurzar. Konsegwentement, l-Artikolu 22 jippermetti lill-Istati Kontraenti jagħmlu dikjarazzjonijiet reċiproċi li jestendu d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar għall-ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti, diment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.[70]

49. **Kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali.** Bħal kunċetti oħrajn użati fil-Konvenzjoni, dak ta' "kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali" għandu tifsira awtonoma: huwa ma jinvolvi ebda referenza għal liġi nazzjonali jew strumenti oħrajn. Il-limitazzjoni għal kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali hija komuni f'konvenzjonijiet internazzjonali ta' din ix-xorta. Hija primarjament maħsuba biex teskludi l-liġi pubblika u l-liġi kriminali.[71] Ir-raġuni għall-użu tal-kelma "kummerċjali" kif ukoll "ċivili" hija li, f'xi sistemi legali, "ċivili" u "kummerċjali" jitqiesu bħala kategoriji separati u esklussivi b'mod reċiproku. L-użu taż-żewġ termini huwa utli għal dawk is-sistemi legali. Huwa ma jagħmel ebda ħsara fir-rigward tas-sistemi li fihom il-proċedimenti kummerċjali huma subkategorija tal-proċedimenti ċivili.[72] Madankollu, ċerti kwistjonijiet li jaqgħu b'mod ċar fi ħdan il-kategorija ta' kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali xorta waħda huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 2.[73]

*Artikolu 2 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni*

50. **Kuntratti tal-konsumaturi.** L-Artikolu 2(1) *a)* jgħid li l-Konvenzjoni ma tapplikax għall-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti li minnhom hija parti persuna fiżika li taġixxi primarjament għal finijiet personali, familjari jew domestiċi (konsumatur). Din l-esklużjoni tkopri ftehim bejn konsumatur u xi ħadd li mhux konsumatur, kif ukoll wieħed bejn żewġ konsumaturi.[74]

barrani ma kienx konness mal-Ġappun (pereżempju, ir-residenza ta' parti fiċ-Ċina). F'kawża bħal din, il-Konvenzjoni tkun applikabbli skont l-Art. 1(2); għalhekk, il-qorti Ġappuniża tkun obbligata li tisma' l-kawża. Il-Ġappun jista' jevita dan l-obbligu billi jagħmel dikjarazzjoni skont l-Art. 19.

[68] Art. 9 *f)*. Ma hemmx bżonn li s-sentenza Portugiża tingħata qabel dik Ġappuniża.

[69] Ara l-para. 231 *et seq., infra.*

[70] Ara l-para. 240 *et seq., infra.*

[71] Madankollu, il-proċedimenti mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni minħabba s-sempliċi fatt li Stat, inkluż gvern, aġenzija governattiva jew kwalunkwe persuna li taġixxi għal Stat, huwa parti minnha: Art. 2(5), diskuss fil-para. 85 u 86, *infra.*

[72] Għal diskussjoni ulterjuri dwar "kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali", ara pp. 29 sa 31 tar-Rapport ta' Nygh / Pocar (*supra,* nota 11).

[73] Ara l-para. 50 *et seq., infra.* L-Art. 1(1) tal-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999 kien fih dispożizzjoni ulterjuri li tiddikjara espliċitament li l-Konvenzjoni ma tapplikax għal kwistjonijiet fiskali, doganali jew amministrattivi. Din id-dispożizzjoni ma kinitx inkluża f'abbozzi sussegwenti minħabba li kienet meqjusa bħala mhux meħtieġa: kien meqjus bħala ovvju li kwistjonijiet bħal dawn ma setgħux ikunu ċivili jew kummerċjali.

[74] Xi ftehimiet li persuna fiżika hija parti minnhom mhumiex esklużi mill-Art. 2(1) *(a)* – pereżempju, ftehimiet kummerċjali fejn parti waħda hija negozjant waħdieni (individwu li jaġixxi matul il-kors tan-negozju tiegħu). Meta l-ftehim ikun

51. **Kuntratti ta' impjieg.** L-Artikolu 2(1) *b)* jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni l-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti marbutin ma' kuntratti ta' impjieg individwali jew kollettivi. Kuntratt ta' impjieg individwali huwa wieħed bejn impjegatur u impjegat individwali; kuntratt ta' impjieg kollettiv huwa wieħed bejn impjegatur jew grupp ta' impjegaturi u grupp ta' impjegati jew organizzazzjoni bħal trejdunjin (unjin tal-ħaddiema) li tirrappreżentahom. L-esklużjoni tapplika wkoll għall-azzjonijiet għal danni li jirriżultaw mir-relazzjoni ta' impjieg – pereżempju, jekk l-impjegat iġarrab korriment personali waqt li jkun fuq il-post tax-xogħol.[75]

52. **Kwistjonijiet esklużi oħrajn.** *L-Artikolu 2(2) jgħid li l-Konvenzjoni ma tapplikax għall-kwistjonijiet elenkati fis-subparagrafi (a)* sa *(p).*[76] Madankollu, kif muri b'mod ċar mill-Artikolu 2(3), din l-esklużjoni tapplika biss meta waħda mill-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 tkun "oġġett" (is-suġġett jew wieħed mis-suġġetti).[77] tal-proċedimenti.[78] Dan ifisser li l-proċedimenti mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jekk waħda minn dawn il-kwistjonijiet tinqala' bħala domanda preliminari fil-proċedimenti li għandhom xi kwistjoni oħra bħala l-oġġett / is-suġġett tagħhom.[79]

53. Hemm diversi raġunijiet għaliex il-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) huma esklużi. F'xi każijiet, ikun involut l-interess pubbliku, jew dak ta' partijiet terzi, għalhekk, jista' jkun li l-partijiet ma jkollhomx id-dritt li jiddisponu mill-kwistjoni bejniethom. F'każijiet bħal dawn, qorti partikolari sikwit ikollha ġurisdizzjoni esklussiva li ma tistax titneħħa permezz ta' ftehim dwar l-għażla tal-qorti. F'każijiet oħrajn japplikaw sistemi legali multilaterali oħrajn; għalhekk, il-Konvenzjoni mhijiex meħtieġa u xi drabi jkun diffiċli li jiġi deċiż liema strument jipprevali li kieku l-Konvenzjoni kellha tkopri qasam bħal dan.[80]

54. **Status u kapaċità.** Is-subparagrafu *a)* jikkonċerna l-istatus u l-kapaċità tal-persuni fiżiċi. Dan jinkludi l-proċedimenti għal divorzju, annullament ta' żwieġ jew l-affiljazzjoni tat-tfal.

55. **Il-liġi tal-familja u s-suċċessjoni.** Is-subparagrafi *(b)* sa *(d)* jikkonċernaw il-liġi tal-familja u s-suċċessjoni.[81] Fis-subparagrafu *b),* "manteniment" jinkludi s-sostenn għat-tfal. Fis-subparagrafu *(ċ),* "proprjetà matrimonjali" tinkludi d-drittijiet speċjali li għandha konjugi għad-dar matrimonjali f'xi ġurisdizzjonijiet; filwaqt li "relazzjonijiet simili" tkopri relazzjoni bejn koppji mhux miżżewġin, sal-punt li din tingħata rikonoxximent legali.[82]

56. **L-insolvenza.** Is-subparagrafu *e)* jeskludi l-insolvenza, il-kompożizzjoni u kwistjonijiet analogi. *It-terminu "insolvenza" jkopri l-falliment ta' individwi, kif ukoll l-istralċ jew il-likwidazzjoni ta' korporazzjonijiet li huma insolventi, iżda ma jkoprix l-istralċ jew il-likwidazzjoni ta' korporazzjonijiet għal raġunijiet oħrajn minbarra insolvenza, li hija indirizzata mis-subparagrafu m).* It-terminu "kompożizzjoni" jirreferi għall-proċeduri li permezz tagħhom id-debitur jista' jidħol fi ftehimiet mal-kredituri fir-rigward ta' moratorju fuq il-ħlas tad-djun jew fuq il-kwittanza ta' dawk id-djun. It-terminu "kwistjonijiet analogi" jkopri firxa wiesgħa ta' metodi oħrajn li permezz tagħhom il-persuni jew l-entitajiet insolventi jkunu jistgħu jiġu assistiti sabiex jiksbu lura s-solvenza filwaqt li jissoktaw bil-kummerċ, bħall-Kapitolu 11 tal-Kodiċi dwar il-Falliment Federali tal-Istati Uniti.[83]

57. Il-proċedimenti huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni taħt is-subparagrafu *e)* jekk ikunu jikkonċernaw direttament l-insolvenza. Nassumu, pereżempju, li A (residenti fl-Istat X) u B (residenti fl-Istat Y) jidħlu f'kuntratt, li permezz tiegħu B tkun trid tħallas somma flus lil A.[84] Il-kuntratt jinkludi ftehim dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati tal-Istat Z. Imbagħad, A tiġi ddikjarata bħala falluta bħala riżultat tal-proċedimenti fl-Istat X. Il-Konvenzjoni tapplika għal kwalunkwe proċedimenti kontra B sabiex tkopri d-dejn, anki jekk dawn ikunu tressqu mill-persuna maħtura sabiex tamministra l-proprjetà falluta ta' A: diment li l-ħatra skont il-liġi dwar l-

konkluż minn persuna ġuridika, ma jkunx meħtieġ li din taġixxi matul il-kors tan-negozju. L-Art. 2(1) *(a)* ma jeskludix ftehim dwar l-għażla tal-qorti konkluż minn dipartiment tal-gvern jew karità.

[75] Tali proċedimenti jaqgħu wkoll barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni bis-saħħa tal-Art. *2(2) j).* F'xi Stati, il-liġi tippermetti lil impjegat iressaq azzjoni diretta kontra l-assiguratur tal-impjegatur fir-rigward ta' pretensjonijiet ta' korriment personali meta l-impjegatur ikun insolventi. F'dawk l-Istati, il-Konvenzjoni ma tapplikax ukoll għall-pretensjoni diretta tal-impjegat kontra l-assiguratur tal-impjegatur anki jekk kien hemm ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti bejn l-impjegatur u l-impjegat. L-Art. 17 ma japplikax hawnhekk, minħabba li l-proċedimenti ma jaqgħux "taħt" il-kuntratt tal-assigurazzjoni. Madankollu, l-Art. 2(1) *(b)* u l-Art. 2(2) *j)* ma jaffettwawx ir-relazzjoni bejn l-impjegatur u l-assiguratur: ara l-Art. 17.

[76] Fl-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999, uħud minn dawn il-kwistjonijiet huma msemmija fl-Art. 12; madankollu, f'dak l-abbozz, huma ma kinux esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, iżda kienu soġġetti għar-regoli ta' ġurisdizzjoni esklussiva. Madankollu, uħud mill-kummenti dwar l-Art. 12 fir-Rapport ta' Nygh / Pocar huma siewja sabiex ikun jista' jinftiehem it-test finali tal-Konvenzjoni.

[77] Bħat-test bil-Franċiż ("*objet*"), it-test bil-Malti juża l-kelma "oġġett", il-kelma li ntużat qabel f'xi konvenzjonijiet ta' din ix-xorta (*cf.* l-Art. 16 tal-Konvenzjoni ta' Brussell bil-Malti), iżda seta' daqstant ieħor qal "suġġett" hekk kif dan it-terminu forsi jintuża aktar ta' spiss fis-sistemi tal-liġi komuni. Huwa intiż biex ifisser kwistjoni li l-proċedimenti jikkonċernawha direttament.

[78] Għal eżempju, ara *infra*, il-para. 75 u 77.

[79] Madankollu, id-deċiżjoni dwar il-mistoqsija preliminari minnha nnifisha mhijiex soġġetta għal rikonoxximent jew infurzar skont il-Konvenzjoni: Art. 10(1).

[80] Għal xi eżempji, ara *infra*, il-para. 58 u 64.

[81] Uħud minn dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati fil-Konvenzjonijiet tal-Aja l-oħrajn.

[82] Fil-biċċa l-kbira tagħhom, dawn id-dispożizzjonijiet jittieħdu mis-subparagrafi *(a)* sa *(d)* tal-Art. 1(2) tal-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999 u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ikompli jiġi eżaminat f'pp. 32 sa 34 tar-Rapport ta' Nygh / Pocar.

[83] Hemm dispożizzjoni identika fl-Art. 1(2) *e)* tal-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999 u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jkompli jiġi eżaminat f'pp. 34 sa 35 tar-Rapport ta' Nygh / Pocar.

[84] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra.*

insolvenza tal-Istat X tkun rikonoxxuta fl-Istat Z, dik il-persuna tidħol fiż-żarbun ta' A u tkun marbuta bil-ftehim dwar l-għażla tal-qorti. Madankollu, il-Konvenzjoni ma tapplikax għall-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-amministrazzjoni tal-proprjetà falluta – pereżempju, il-klassifikazzjoni tal-krredituri differenti.

58. **Il-ġarr ta' passiġġieri u merkanzija.** Is-subparagrafu *f)* jeskludi l-kuntratti għall-ġarr nazzjonali u internazzjonali ta' passiġġieri u merkanzija.[85] Dan jinkludi l-ġarr bil-baħar, bl-art u bl-ajru, jew taħlita tat-tlieta li huma. Il-ġarr internazzjonali tal-persuni jew tal-merkanzija huwa soġġett għal għadd ta' konvenzjonijiet oħrajn, pereżempju r-Regoli tal-Aja dwar il-Poloz ta' Kargu.[86] Bl-esklużjoni ta' dawn il-kwistjonijiet tiġi evitata l-possibbiltà ta' kunflitt tal-konvenzjonijiet.

59. **Kwistjonijiet marittimi.** Is-subparagrafu *g)* jeskludi ħames kwistjonijiet marittimi: it-tniġġis tal-baħar; il-limitazzjoni tar-responsabbiltà għal pretensjonijiet marittimi; il-medja ġenerali; l-irmunkar f'każ ta' emerġenza; u s-salvataġġ f'każ ta' emerġenza. L-applikazzjoni tal-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti għal dawn il-kwistjonijiet tikkawża problemi għal xi Stati. Huma inklużi kwistjonijiet marittimi (trasport bil-baħar) oħrajn, pereżempju, l-assigurazzjoni marittima, l-irmunkar u s-salvataġġ mhux f'każ ta' emerġenza, il-bini tal-vapuri, l-ipoteki u r-rahan fuq il-vapuri.[87]

60. **Antitrust / kompetizzjoni.** Il-kwistjonijiet ta' antitrust / kompetizzjoni huma esklużi mis-subparagrafu *h).* L-esklużjoni hija miktuba bħala "antitrust / kompetizzjoni" minħabba li jintużaw termini differenti f'pajjiżi u sistemi legali differenti għal regoli ta' kontenut sostantiv simili (għalkemm mhux neċessarjament identiku). It-terminu standard fl-Istati Uniti huwa "liġi tal-antitrust"; fl-Ewropa huwa "liġi tal-kompetizzjoni". Għalhekk, iż-żewġ termini jintużaw f'din il-Konvenzjoni. Is-subparagrafu *h)* ma jkoprix dik li xi drabi tissejjaħ "kompetizzjoni inġusta" (bil-Franċiż, *concurrence déloyale*) – pereżempju, reklamar qarrieqi jew id-dikjarazzjoni tal-prodotti ta' xi ħadd bħala dawk ta' kompetitur.[88]

61. Il-proċedimenti kriminali ta' antitrust / kompetizzjoni mhumiex kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali; għalhekk, huma jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 1(1).[89]

62. Madankollu, il-kwistjonijiet ta' antitrust / kompetizzjoni jistgħu jifformaw is-suġġett tal-proċedimenti skont il-liġi privata. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jiżviluppaw minn relazzjoni kuntrattwali – *eż.* meta rikorrent li jkun parti minn ftehim anti-kompetittiv jinvoka n-nullità tal-ftehim, jew meta xerrej jitlob il-ħlas lura ta' prezzijiet għoljin b'mod eċċessiv imħallsin lill-bejjiegħ tiegħu bħala riżultat tal-fatt li dan tal-aħħar kien involut f'arranġament ta' ffissar tal-prezzijiet jew minħabba li abbuża mill-pożizzjoni dominanti tiegħu.[90] Azzjoni delittwali għal danni għall-ksur tal-liġi dwar l-antitrust / il-kompetizzjoni, possibbli kemm fl-Istati Uniti kif ukoll fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll f'xi pajjiżi oħrajn, hija eżempju mill-aqwa. Dawn l-azzjonijiet, anki jekk jitressqu skont ftehim dwar l-għażla tal-qorti, huma esklużi mill-Artikolu 2(2) *h),* minkejja li huma bejn partijiet privati.

63. Min-naħa l-oħra, jekk persuna tħarrek persuna oħra taħt kuntratt, u l-konvenut jafferma li l-kuntratt huwa bla effett minħabba li jikser il-liġi dwar l-antitrust / il-kompetizzjoni, il-proċedimenti *ma jaqgħux* barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, minħabba li l-kwistjonijiet ta' antitrust / kompetizzjoni mhumiex l-oġġett / is-suġġett tal-proċedimenti, iżda jinqalgħu sempliċiment bħala domanda preliminari.[91] L-oġġett / is-suġġett tal-proċedimenti huwa l-pretensjoni skont il-kuntratt: il-kwistjoni prinċipali quddiem il-qorti hija jekk is-sentenza għandhiex tingħata kontra l-konvenut minħabba li dan ikkommetta ksur tal-kuntratt.

64. **Responsabbiltà nukleari.** Is-subparagrafu *i)* jeskludi r-responsabbiltà għal dannu nukleari. Dan huwa s-suġġett ta' diversi konvenzjonijiet internazzjonali, li jgħidu li l-Istat fejn iseħħ inċident nukleari għandu ġurisdizzjoni esklussiva fuq l-azzjonijiet għad-danni għar-responsabbiltà li jirriżultaw mill-inċident.[92] F'xi każijiet, l-Artikolu 26 jista' jagħti prijorità lil dawk il-konvenzjonijiet fuq din il-Konvenzjoni. Madankollu, hemm xi Stati b'impjanti tal-enerġija nukleari li mhumiex partijiet minn xi waħda mill-konvenzjonijiet li jittrattaw ir-responsabbiltà nukleari.[93] Dawn l-Istati ma jkunux lesti li jippermettu li jitressqu proċedimenti legali fi Stat ieħor bis-saħħa ta' ftehim dwar l-għażla tal-qorti, minħabba li, meta l-operaturi tal-impjanti tal-enerġija nukleari jibbenifikaw minn

[85] Hawnhekk, "merkanzija" tinkludi l-bagalji tal-passiġġieri.
[86] Huma ġew adottati fl-1924 u kienu emendati mill-Protokoll ta' Brussell tal-1968. Xi drabi, dawn jissejħu r-"Regoli tal-Aja-Visby".
[87] Ara l-para. 30, *supra.*
[88] Minuti tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-Ġurisdizzjoni, ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Sentenzi Barranin fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali (mill-1 sad-9 ta' Diċembru 2003), Minuti Nru 13, p. 2 (dikjarazzjoni mill-President tal-Kumitat tal-Abbozzar, li tintroduċi d-Dokument ta' Ħidma Nru 39 tal-2003, li l-Art. 1(3) *g)* tiegħu kien ekwivalenti għall-Art. 2(2) *h)* tat-test finali tal-Konvenzjoni); ara l-Minuti ulterjuri Nru 1, p. 9 (l-Ewwel Segretarju); p. 10 (espert mill-Istati Uniti tal-Amerika); il-Minuti Nru 4, p. 1 (espert minn New Zealand); u p. 2 (espert mill-Iżvizzera). B'hekk, it-test bl-Ingliż kien maħsub biex ifisser l-istess bħat-test bil-Franċiż, li juża l-frażi "*les entraves à la concurrence*", frażi li ma tkoprix il-kompetizzjoni inġusta.
[89] Dan japplika wkoll għall-proċedimenti kważi-kriminali skont l-Art. 81 u 82 tat-*Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea* tal-2002.
[90] Ara L. Radicati di Brozolo, "Antitrust Claims: Why exclude them from the Hague Jurisdiction and Judgments Convention", *European Competition Law Review* 2004, Vol. 25, Nru 12, p. 780, f'782.
[91] Ara l-Art. 2(3).
[92] *Il-Konvenzjoni ta' Pariġi dwar ir-Responsabbiltà ta' Parti Terza fil-Qasam tal-Enerġija Nukleari* 1960, u l-emenda tagħha tal-2014; *il-Konvenzjoni Supplimentari għall-Konvenzjoni ta' Pariġi tal*-1963, u l-emenda tagħha tal-2014; *il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għad-Dannu Nukleari tal*-1963, u l-emenda tagħha tal-1997; il-*Konvenzjoni dwar il-Kumpens Supplimentari għad-Dannu Nukleari tal*-1997; il-*Protokoll Konġunt relatat mal-Applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Vjenna u tal-Konvenzjoni ta' Pariġi tal*-1988.
[93] Pereżempju, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Korea u l-Istati Uniti tal-Amerika.

responsabbiltà limitata skont il-liġi tal-Istat inkwistjoni, jew meta l-kumpens għad-dannu jitħallas minn fondi pubbliċi, tkun meħtieġa proċedura kollettiva waħda f'dak l-Istat skont il-liġi interna tiegħu sabiex ikun hemm soluzzjoni uniformi fir-rigward tar-responsabbiltà u distribuzzjoni ekwa ta' fond limitat fost il-vittmi.

65. **Korriment personali.** Is-subparagrafu *j)* jeskludi l-pretensjonijiet għal korriment personali miġjuba minn jew għan-nom ta' persuni fiżiċi. Il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti x'aktarx ikunu rari f'kawżi bħal dawn. Is-Sessjoni Diplomatika ġiet ippreżentata bil-fehma li "korriment personali" jinkludi xokk fis-sistema nervuża (anki jekk mhux akkumpanjat minn korriment fiżiku) – pereżempju, mill-preżenza waqt il-mewt ta' membru familjari – iżda mhux umiljazzjoni jew sentimenti ta' uġigħ – pereżempju, għal invażjoni tal-privatezza jew għal malafama.[94]

66. **Dannu fuq proprjetà tanġibbli.** Is-subparagrafu *k)* jeskludi l-pretensjonijiet ta' delitt[95] għal dannu fuq proprjetà tanġibbli li ma jirriżultawx minn relazzjoni kuntrattwali. Din l-esklużjoni ma tapplikax għall-pretensjonijiet kuntrattwali (fi kwalunkwe sitwazzjoni); hija lanqas ma tapplika għal pretensjonijiet ta' delitt li jirriżultaw minn relazzjoni kuntrattwali. Għalhekk, fil-prattika, hija jkollha biss effett limitat.

67. **Proprjetà immobbli.** Is-subparagrafu *l)* jeskludi d-drittijiet *in rem* fi proprjetà immobbli u kiri ta' proprjetà immobbli. *Ir-referenza għal drittijiet in rem* għandha tiġi interpretata bħala li hija marbuta biss ma' proċedimenti li jikkonċernaw is-sjieda jew drittijiet oħrajn *in rem* ta' proprjetà immobbli, mhux mal-proċedimenti dwar il-proprjetajiet immobbli li ma jikkonċernawx dritt *in rem.* B'hekk, hija ma tkoprix il-proċedimenti għal dannu fuq proprjetà immobbli (għalkemm tali proċedimenti jistgħu jkunu esklużi taħt is-subparagrafu *k)*), u lanqas ma tkopri pretensjoni għal danni għall-ksur ta' kuntratt għall-bejgħ tal-art.[96]

68. Il-kirjiet ta' proprjetà immobbli huma esklużi għal bosta raġunijiet. L-ewwelnett, f'xi pajjiżi, huma soġġetti għal leġiżlazzjoni speċjali maħsuba biex tipproteġi lill-kerrej. Sal-punt li din il-leġiżlazzjoni tapplika għad-djar privati, il-kerrej jikkostitwixxi konsumatur skont l-Artikolu 2(1) *a)* u l-ftehim ikun eskluż taħt dik id-dispożizzjoni. Madankollu, il-leġiżlazzjoni tista' tapplika wkoll f'sitwazzjonijiet oħrajn. It-tieni, matul id-diskussjonijiet li saru waqt is-Sessjoni Diplomatika, deher b'mod ċar li, f'xi ġurisdizzjonijiet, xi kirjiet jitqiesu bħala drittijiet *in rem* u, għalhekk, jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni permezz tal-ewwel parti tas-subparagrafu *l).* Kien meqjus bħala mixtieq li l-kirjiet kollha jiġu ttrattati bl-istess mod skont il-Konvenzjoni, irrispettivament mill-karatterizzazzjoni legali tagħhom fil-liġi interna.[97]

69. Il-proċedimenti ma jkunux esklużi mill-Konvenzjoni meta jkunu jikkonċernaw il-proprjetà immobbli indirettament biss – pereżempju, il-proċedimenti li jikkonċernaw id-drittijiet u l-obbligi tal-bejjiegħ u tax-xerrej taħt kuntratt għall-bejgħ ta' negozju, anki jekk dan ikun jinkludi impriża li tittrasferixxi l-kirja tal-bini. Min-naħa l-oħra, il-proċedimenti bejn sid tal-art u kerrej skont it-termini tal-kirja jiġu esklużi.

70. **Persuni ġuridiċi.** Is-subparagrafu *m)* jeskludi l-validità, in-nullità jew ix-xoljiment ta' persuni ġuridiċi, kif ukoll il-validità tad-deċizjonijiet tal-organi tagħhom.[98] Kien meqjus bħala mixtieq li tali kwistjonijiet, li ta' spiss ikunu jinvolvu d-drittijiet ta' partijiet terzi, għandhom jitneħħew mill-ġurisdizzjoni tal-qrati li altrimenti jkollhom ġurisdizzjoni fuqhom, speċjalment minħabba li dik il-ġurisdizzjoni ta' spiss tkun esklussiva.

71. **Il-proprjetà intellettwali.** Is-subparagrafi *n)* u *o)* japplikaw għall-proprjetà intellettwali. It-tnejn li huma jagħmlu distinzjoni bejn drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, minn naħa waħda, u d-drittijiet l-oħrajn kollha tal-proprjetà intellettwali, min-naħa l-oħra. Dawn ser jiġu diskussi separatament.

72. **Id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati.** Id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati huma koperti b'mod sħiħ mill-Konvenzjoni. Dan jinkludi l-proċedimenti li jikkonċernaw il-validità jew il-ksur ta' tali drittijiet. Madankollu, billi sentenza tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzata skont il-Konvenzjoni biss kontra dawk il-persuni li huma marbuta bil-ftehim dwar l-għażla tal-qorti, sentenza dwar il-validità ma jistax ikollha effett *in rem* skont il-Konvenzjoni.[99]

73. **Drittijiet relatati.** Id-drittijiet relatati xi drabi jissejħu wkoll drittijiet viċini. Eżempji ta' drittijiet relatati jinkludu:[100] id-drittijiet tal-artisti (bħal atturi u mużiċisti)

[94] Ara l-Minuti tal-Għoxrin Sessjoni, Kummissjoni II: il-Minuti Nru 20, il-para. 3 sa 7 u l-Minuti Nru 24, il-para. 16 sa 18. Is-Sessjoni Diplomatika kienet konxja li l-frażi fit-test bil-Franċiż ("*les dommages corporels et moraux y afférents*") tista' tidher aktar stretta, minħabba li hija tkopri x-xokk fis-sistema nervuża biss meta dan ikun akkumpanjat minn korriment fiżiku. Ma kienx possibbli għas-Sessjoni Diplomatika li ssib terminu bil-Franċiż li jesprimi b'mod aktar ċar li l-esklużjoni fis-subpara. *j)* tkopri x-xokk fis-sistema nervuża anki meta dan ikun l-uniku korriment imġarrab, mingħajr ma jkunu koperti wkoll is-sentimenti ta' uġigħ jew dannu għar-reputazzjoni tal-persuna (pereżempju, malafama), kif kien jagħmel it-terminu "*dommages moraux*" użat waħdu. Għalhekk, kien mitlub li r-Rapport għandu jiddikjara b'mod ċar l-intenzjoni tas-Sessjoni, minflok iwessa' l-esklużjoni bil-Franċiż 'lil hinn minn dak li huwa eskluż mit-test bl-Ingliż.

[95] Delitt huwa l-kunċett tal-liġi ċivili analogu għal "dannu" fis-sistemi legali tal-liġi komuni.

[96] Il-fatt li l-qorti jista' jkollha bżonn tiddeċiedi fuq mistoqsija preliminari dwar titolu għall-art ma jaffettwax dan: ara l-Art. 2(3).

[97] Ara l-Minuti Nru 13 tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II, il-para. 46 sa 87, b'mod partikolari, il-para. 56, 76, 84 u 86.

[98] Din l-istess frażi tidher (b'differenzi purament verbali) fl-Art. 12(2) tal-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999. Il-kummentarju dwarha fir-Rapport ta' Nygh / Pocar jinsab f'pp. 65 u 66.

[99] Effett *in rem* xi drabi jissejjaħ ukoll effett "*erga omnes*".

[100] Ara l-*Ftehim dwar l-Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjetà Industrijali* (TRIPs) 1994, Parti II Taqsima 1, kif ukoll it-*Trattat* tal-WIPO *dwar il-Prestazzjonijiet u l-Fonogrammi* (WPPT) 1996; il-*Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Produtturi tal-Fonogrammi Kontra d-Duplikazzjoni Mhux Awtorizzata tal-Fonogrammi Tagħhom* (Ġinevra 1971); u *l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Artisti, tal-Produtturi tal-Fonogrammi u tal-Organizzazzjonijiet tax-Xandir* (Ruma 1961).

fl-esebizzjonijiet artistiċi tagħhom, id-drittijiet tal-produtturi tar-reġistrazzjonijiet awdjo (pereżempju, reġistrazzjonijiet fuq cassettes u CDs) fir-reġistrazzjonijiet tagħhom u d-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tax-xandir fix-xandiriet tar-radju u tat-televiżjoni tagħhom.[101]

74. **Drittijiet oħrajn ta' proprjetà intellettwali.**[102] Is-subparagrafi *n)* u *o)* japplikaw biss għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali minbarra d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati. Is-subparagrafu *n)* jeskludi l-validità ta' dawn id-drittijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Is-subparagrafu *o)* jeskludi l-ksur ta' dawn id-drittijiet, għalkemm huwa soġġett għal eċċezzjoni importanti. Dawn iż-żewġ kwistjonijiet ser jiġu diskussi separatament.

75. **Il-validità.** Il-proċedimenti li jikkonċernaw il-validità tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali minbarra d-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati huma esklużi mill-Konvenzjoni. B'hekk, il-proċedimenti għar-revoka ta' dritt bħal dan jew għal dikjarazzjoni ta' validità jew invalidità ta' dritt bħal dan jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Madankollu, l-Artikolu 2(3) jagħmilha ċara li l-proċedimenti fuq kwistjoni koperta mill-Konvenzjoni mhumiex esklużi, sempliċiment minħabba li l-validità ta' dritt ta' proprjetà intellettwali tqum bħala kwistjoni preliminari. B'riżultat ta' dan, il-proċedimenti għall-infurzar ta' ftehim dwar ħruġ ta' liċenzji għal dritt ta' proprjetà intellettwali mhumiex esklużi, sempliċiment minħabba li l-konvenut iqajjem l-invalidità tad-dritt bħala difiża. Madankollu, l-Artikolu 10(1) jgħid li d-deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' validità preliminari mhijiex intitolata għal rikonoxximent indipendenti fi Stati Kontraenti oħrajn.[103] Min-naħa l-oħra, l-ordni finali[104] tal-qorti fil-proċedimenti skont il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti b'rabta mal-ftehim dwar il-ħruġ tal-liċenzji – pereżempju, sabiex titħallas somma flus – *tista'* tiġi rikonoxxuta u infurzata skont il-Konvenzjoni.[105]

76. **Il-kuntratti ta' proprjetà intellettwali.** Il-Konvenzjoni tapplika għall-kuntratti li jittrattaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, bħall-ftehimiet dwar il-ħruġ ta' liċenzji, il-ftehimiet ta' distribuzzjoni, il-ftehimiet ta' impriżi konġunti, il-ftehimiet ta' aġenziji u l-ftehimiet għall-iżvilupp ta' dritt ta' proprjetà intellettwali. Il-proċedimenti li jitressqu taħt kuntratti bħal dawn – pereżempju, il-proċedimenti għall-ħlas ta' drittijiet finanzjarji skont ftehim dwar il-ħruġ ta' liċenzji – huma koperti mill-Konvenzjoni.

77. **L-invalidità bħala difiża.**[106] Fil-proċedimenti taħt kuntratt, il-konvenut jista' jafferma li d-dritt ta' proprjetà intellettwali huwa invalidu. Jekk id-dritt tar-rikorrent taħt il-kuntratt – pereżempju, id-dritt li jitħallsu d-drittijiet finanzjarji – ikun jiddependi fuq il-validità tad-dritt ta' proprjetà intellettwali, il-qorti jkollha tiddeċiedi fuq il-validità bħala domanda preliminari qabel tkun tista' tiddeċiedi fuq il-kwistjoni ewlenija. Kif ġie spjegat hawn fuq, dan ma jfissirx li l-proċedimenti ma għadhomx koperti mill-Konvenzjoni. L-Artikolu 10(3) jistabbilixxi regoli speċjali dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenza.[107]

78. **Kontrotalba għal revoka.** Minflok iqajjem l-invalidità bħala difiża, il-konvenut jista' jagħmel kontrotalba għal revoka tad-dritt ta' proprjetà intellettwali. Talba bħal din taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, minħabba li s-suġġett tagħha jkun il-validità tad-dritt. Madankollu, il-fatt li hija tressqet ma jfissirx li t-talba skont il-kuntratt ma tibqax aktar koperta mill-Konvenzjoni.

79. **Ksur.** Il-proċedimenti ta' ksur (għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali minbarra d-drittjiet tal-awtur u drittijet relatati) huma esklużi, ħlief meta huma jitressqu għal ksur ta' kuntratt bejn il-partijiet b'rabta ma' tali drittijiet, jew setgħu jitressqu għall-ksur ta' dak il-kuntratt.[108] Dan ifisser li, l-ewwelnett, għandu jkun hemm kuntratt bejn il-partijiet b'rabta mad-dritt. Normalment, il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jkun inkluż f'dak il-kuntratt. It-tieni, il-proċedimenti għandhom ikunu jew għal ksur ta' dak il-kuntratt jew inkella għandhom ikunu proċedimenti li, anki jekk jitressqu għal danni, ikunu setgħu jitressqu għal ksur tal-kuntratt.[109]

80. **Eżempju.** L-aqwa eżempju huwa ftehim dwar il-ħruġ ta' liċenzji. Nassumu li l-ftehim jippermetti lid-detentur tal-liċenzja li juża d-dritt ta' proprjetà intellettwali b'modi partikolari iżda mhux b'oħrajn. Jekk huwa juża d-dritt b'mod ipprojbit mill-ftehim, huwa jkun ħati ta' ksur tal-kuntratt. Jekk min jagħti l-liċenzja jħarrku għal ksur tal-kuntratt, il-proċedimenti jkunu koperti mill-Konvenzjoni. Madankollu, jekk min jagħti l-liċenzja jippreferi jressaq lid-detentur tal-liċenzja għad-danni, il-proċedimenti jaqgħu wkoll fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni: huma jistgħu jitressqu għal ksur tal-kuntratt.

81. Din ir-regola hija importanti għal għadd ta' raġunijiet. F'xi pajjiżi, il-partijiet ikunu mitluba biss li jinvokaw il-fatti: hija r-responsabbiltà tal-qorti li tiddetermina l-karatterizzazzjoni legali xierqa. Jekk il-qorti tagħżilx kuntratt jew dannu jista' jiddependi fuq liema

[101] Ara TRIPs, l-Art. 14.

[102] Il-paragrafi li ġejjin ta' dan ir-Rapport jittrattaw biss id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali minbarra d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati.

[103] Ara l-para. 194 sa 196, *infra.*

[104] Għad-distinzjoni bejn l-"ordni finali" u d-deċiżjonijiet dwar id-domandi preliminari, ara l-para. 194 u 195, *infra.*

[105] Iżda ara wkoll l-Art. 10(3), diskuss *infra*, il-para. 197 sa 201.

[106] *Ara wkoll supra*, il-para. 37.

[107] Ara l-para. 197 *et seq., infra.*

[108] Il-proċedimenti ta' ksur fis-sens tal-Art. 2(2) *o)* jinkludu l-proċedimenti li jitressqu għal kumpens għall-atti li jseħħu bejn il-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, l-azzjonijiet li jitressqu għal dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ksur, kif ukoll l-azzjonijiet li jitressqu bil-għan li jiġi stabbilit jew ikkonfermat minn qabel id-dritt ta' utent li juża invenzjoni. Ara l-Minuti Nru 7 tal-Għoxrin Sessjoni, Kummissjoni II, il-para. 39 u 40.

[109] L-uniċi sitwazzjonijiet li fihom is-subparagrafu *o)* jeskludi kwistjoni li altrimenti tkun koperta huma fejn il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti japplika għal ksur li ma jikkostitwixxi ebda ksur tal-kuntratt fejn ikun jinsab jew ta' kwalunkwe kuntratt ieħor bejn il-partijiet, jew inkella fejn il-partijiet ikunu kkonkludew ftehim dwar l-għażla tal-qorti b'rabta ma' ksur li diġà seħħ u li ma kienx relatat ma' kwalunkwe kuntratt bejn il-partijiet. Ftehimiet bħal dawn ikunu rari.


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

huwa l-aktar faċli li jiġi stabbilit. F'pajjiżi oħrajn, il-partijiet infushom jiddeċiedu jekk iħarrkux f'kuntratt jew għad-danni. Jista' jkollhom raġunijiet tajbin (bħall-opportunità li jiksbu kumpens ogħla għad-danni) biex jagħżlu wieħed jew l-ieħor. Ma għandux jiddependi fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet aċċidentali jekk kawża tkunx koperta mill-Konvenzjoni jew le.

82. **Reġistri Pubbliċi.** Is-subparagrafu *p)* jeskludi l-validità ta' reġistrazzjonijiet f'reġistri pubbliċi.[110] Xi nies jistgħu ma jqisux din il-kwistjoni bħala waħda ċivili jew kummerċjali. Madankollu, billi xi strumenti internazzjonali[111] jipprevedu ġurisdizzjoni esklussiva fuq il-proċedimenti li għandhom il-validità ta' dawn ir-reġistrazzjonijiet bħala s-suġġett tagħhom, kien maħsub li jkun aħjar jekk dawn jiġu esklużi espliċitament sabiex jiġi evitat kull dubju.

83. **L-assigurazzjoni.** Il-kuntratti tal-assigurazzjoni (jew riassigurazzjoni) ma jaqgħux barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, sempliċiment minħabba li huma marbutin ma' waħda mill-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2. Il-fatt li r-riskju kopert jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ma jfissirx li l-kuntratt tal-assigurazzjoni jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. *B'hekk, l-assigurazzjoni tal-merkanzija ttrasportata bil-baħar mhijiex eskluża bis-saħħa tal-Artikolu 2(2) f)* u l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà għal dannu nukleari mhijiex eskluża bis-saħħa tal-Artikolu 2(2) *i).* Dan jidher b'mod ċar mill-Artikolu 17.[112]

84. **L-arbitraġġ.** Il-paragrafu 4 jeskludi l-arbitraġġ u l-proċedimenti marbutin miegħu.[113] Din għandha tiġi interpretata b'mod wiesa' u tkopri kwalunkwe proċedimenti fejn il-qorti tagħti assistenza għall-proċess arbitrali – pereżempju, sabiex tittieħed deċiżjoni dwar jekk ftehim ta' arbitraġġ huwiex validu jew le; sabiex il-partijiet jiġu ordnati jipproċedu għal arbitraġġ jew iwaqqfu l-proċedimenti ta' arbitraġġ; ir-revoka, l-emendar, ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' deċiżjonijiet arbitrali; il-ħatra jew it-tneħħija tal-arbitri; l-iffissar tal-post fejn isir l-arbitraġġ; jew l-estensjoni tal-limitu ta' żmien għall-għoti tad-deċiżjonijiet tal-arbitraġġ. L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tiżgura li l-Konvenzjoni preżenti ma tinterferix mal-istrumenti eżistenti fuq l-arbitraġġ.[114]

85. **Il-gvernijiet.** L-Artikolu 2(5) jgħid li l-proċedimenti mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni minħabba s-sempliċi fatt li Stat, inkluż gvern, aġenzija governattiva jew persuna li qed taġixxi għal Stat, ikunu parti minnha.[115] Il-proċedimenti jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, madankollu, jekk jiżviluppaw minn ftehim dwar l-għażla tal-qorti konkluż fi kwistjoni li mhijiex ċivili jew kummerċjali.[116] B'hekk, awtorità pubblika hija intitolata għall-benefiċċji tal-Konvenzjoni u tassumi r-responsabbiltajiet tagħha meta tidħol fi tranżazzjonijiet kummerċjali, iżda mhux meta taġixxi fil-kapaċità sovrana tagħha.[117] Bħala regola ġenerali, wieħed jista' jgħid li jekk awtorità pubblika qiegħda tagħmel xi ħaġa li jista' jagħmel kwalunkwe ċittadin ordinarju, il-kawża probabbilment tkun tinvolvi kwistjoni ċivili jew kummerċjali. Jekk, min-naħa l-oħra, hija tkun qiegħda teżerċita setgħat governattivi li ma jitgawdewx minn ċittadini ordinarji, il-kawża probabbilment ma tkunx ċivili jew kummerċjali.

86. Żewġ eżempji jistgħu juru dan b'mod aktar ċar. Jekk dipartiment tal-gvern (ministeru) jagħmel sejħa għall-offerti għall-provvista ta' karti għall-istampar tad-dokumenti, u kumpanija barranija tingħata l-kuntratt (li jkun jinkludi ftehim dwar l-għażla tal-qorti), il-proċedimenti skont dak il-kuntratt kważi ċertament ikunu koperti mill-Konvenzjoni. Min-naħa l-oħra, jekk barrani, mad-dħul tiegħu fil-pajjiż, jiffirma kuntratt (li jkun jinkludi ftehim dwar l-għażla tal-qorti) li permezz tiegħu huwa jaqbel li jħallas kwalunkwe multa (penali kriminali) li jista' jġarrab bħala riżultat tal-attivitajiet tiegħu hemmhekk, il-proċedimenti skont dak il-kuntratt kważi ċertament ikunu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.[118]

87. **Immunitajiet tal-Istati.** L-Artikolu 2(6) jgħid li fil-Konvenzjoni ma hemm xejn li jaffettwa l-privileġġi u l-immunitajiet tal-Istati, jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, fir-rigward tagħhom stess jew tal-proprjetà tagħhom.[119] Ir-raġuni għala din id-dispożizzjoni ddaħħlet fil-Konvenzjoni kienet li xi delegati ħasbu li l-Artikolu 2(5) jista' jiġi interpretat ħażin bħala li jaffettwa dawn il-kwistjonijiet: L-Artikolu 2(6) kien maħsub biex jagħmilha ċara li huwa ma jagħmilx dan.[120]

88. **Il-liġi proċedurali.** Ma kienx maħsub li l-Konvenzjoni taffettwa l-liġi proċedurali tal-Istati Kontraenti, ħlief fejn ikun speċifikament ipprovdut. Barra dawn iż-żoni, il-liġi proċedurali interna tapplika bħal qabel, anki fi proċedimenti skont il-Konvenzjoni.[121] Fil-

[110] Din l-istess frażi tidher (b'differenzi purament verbali) fl-Art. 12(3) tal-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999. Il-kummentarju dwarha fir-Rapport ta' Nygh / Pocar jinsab f'p. 66.

[111] Pereżempju, l-Art. 22(3) tar-Regolament ta' Brussell.

[112] Ara l-para. 221 sa 227, *infra.*

[113] Dispożizzjoni identika tinstab fl-Art. 1(2) *g)* tal-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999. Is-silta rilevanti fir-Rapport ta' Nygh / Pocar tinsab f'p. 35.

[114] Għal diskussjoni tar-relazzjoni bejn xi trattati li jirregolaw l-arbitraġġ, u l-*Konvenzjoni dwar il-Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti,* ara A. Schulz, "The Future Hague Convention on Exclusive Choice of Court Agreements and Arbitration", Dok. Prel. Nru 32 ta' Ġunju 2005 għall-attenzjoni tal-Għoxrin Sessjoni ta' Ġunju 2005.

[115] Din id-dispożizzjoni tittieħed (b'differenzi verbali biss) mill-Art. 1(3) tal-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999. Il-kummentarju dwarha fir-Rapport ta' Nygh / Pocar jinsab f'pp. 35 u 36.

[116] Ara l-Art. 1(1) u d-diskussjoni fil-para. 49, *supra.*

[117] Ara l-Minuti Nru 15 tal-Għoxrin Sessjoni, Kummissjoni II, il-para. 58.

[118] Meta wieħed ikun qed jikkunsidra kwistjonijiet bħal dawn, għandu jiġi mfakkar li, kif użata fil-Konvenzjoni, il-frażi "kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali" hija kunċett awtonomu li, għat-tifsira tiegħu, ma jiddependix fuq il-liġi nazzjonali jew konvenzjonijiet oħrajn.

[119] Din id-dispożizzjoni tittieħed mill-Art. 1(4) tal-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni tal-1999. Il-kummentarju dwarha fir-Rapport ta' Nygh / Pocar jinsab f'p. 36.

[120] *Ibid.*

[121] Fil-każ tar-rikonoxximent u l-infurzar, dan huwa muri b'mod ċar mill-Art. 14, li jgħid li l-proċedura għar-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenza hija rregolata mil-liġi tal-Istat rikjest.

paragrafi li ġejjin jingħataw xi eżempji, għalkemm dawn żgur li mhumiex eżawrjenti.

89. Il-Konvenzjoni ma titlobx lil Stat Kontraenti sabiex jagħti rimedju li mhuwiex disponibbli skont il-liġi tiegħu, anki meta jintalab sabiex jinforza sentenza barranija li permezz tagħha jkun ingħata tali rimedju. L-Istati Kontraenti ma għandhomx għaliex joħolqu tipi ġodda ta' rimedji għall-fini ta' din il-Konvenzjoni. Madankollu, huma għandhom japplikaw il-miżuri ta' infurzar disponibbli skont il-liġi interna tagħhom sabiex jagħtu kemm jista' jkun effett lis-sentenza barranija.

90. Il-limiti ta' żmien li fi ħdanhom għandhom jitressqu l-proċedimenti jew jittieħdu passi oħrajn skont il-liġi interna jibqgħu mhux affettwati mill-Konvenzjoni. Il-proċedimenti skont ftehim dwar l-għażla tal-qorti, jew il-proċedimenti għall-infurzar ta' sentenza skont ftehim bħal dan, għandhom jitressqu fil-limiti ta' żmien stabbiliti mil-liġi interna. Dan japplika skont jekk il-limiti ta' żmien humiex ikkaratterizzati bħala kwistjonijiet ta' sustanza jew bħala kwistjonijiet ta' proċedura.

91. Ir-regoli nazzjonali dwar il-kapaċità li jitressqu jew jiġu difiżi l-proċedimenti legali mhumiex affettwati mill-Konvenzjoni. B'hekk, jekk skont il-liġi tal-Istat rikjest, entità mingħajr ebda personalità legali ma tkunx tista' tidħol f'litigazzjoni, hija ma tkunx tista' tressaq proċedimenti skont il-Konvenzjoni sabiex tinforza sentenza, anki jekk il-qorti li tkun tat is-sentenza kienet tal-fehma li hija setgħet tressaq dawn il-proċedimenti.

92. Il-liġi nazzjonali tiddeċiedi jekk jeżistux appelli u rimedji simili u, jekk iva, f'liema ċirkostanzi. Eżempji jinkludu: appelli f'qorti ogħla fl-istess Stat; referenzi għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja, inklużi konvenzjonijiet li minnhom il-Komunità hija Parti; referenzi għal qorti speċjali li tiddeċiedi fuq kwistjonijiet kostituzzjonali; u referenzi għal uffiċċju tal-privattivi jew għal awtorità oħra sabiex tiġi deċiża l-validità ta' privattiva. Japplikaw regoli nazzjonali ta' evidenza, anki sabiex tiġi pprovata l-eżistenza ta' ftehim dwar l-għażla tal-qorti u sabiex jiġi pprovat jekk ir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-forma ġewx issodisfati.

*Artikolu 3 Ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti*

93. **Definizzjoni: ħames rekwiżiti.** Ħlief meta Stat ikun iddikjara mod ieħor skont l-Artikolu 22,[122] il-Konvenzjoni tapplika biss għall-ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti. L-Artikolu 3 *a)* jagħti definizzjoni ta' ftehim bħal dan. Id-definizzjoni tinkludi r-rekwiżiti li ġejjin: l-ewwelnett, għandu jkun hemm ftehim bejn żewġ partijiet jew aktar; it-tieni, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti formali tal-paragrafu *ċ);* it-tielet, il-ftehim għandu jinnomina l-qrati ta' Stat wieħed, jew qorti speċifika waħda jew aktar fi Stat wieħed, għall-esklużjoni tal-qrati l-oħrajn kollha; ir-raba', il-qorti nnominata jew il-qrati nnominati għandha tkun / għandhom ikunu fi Stat Kontraenti; u fl-aħħarnett, in-nomina għandha ssir sabiex jiġu deċiżi tilwimiet li jkunu nqalgħu jew li jistgħu jinqalgħu b'rabta ma' relazzjoni legali partikolari.[123]

94. **L-ewwel rekwiżit.** Ftehim dwar l-għażla tal-qorti ma jistax jiġi stabbilit b'mod unilaterali: għandu jkun hemm qbil. Jekk hemmx kunsens jew le normalment jiġi deċiż mil-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula, inklużi r-regoli dwar l-għażla tal-liġi,[124] għalkemm f'xi ċirkostanzi, il-kapaċità tiġi ddeterminata wkoll minn sistemi oħrajn tal-liġi.[125]

95. Madankollu, il-Konvenzjoni b'mod ġenerali titħaddem biss jekk ikun hemm ftehim dwar l-għażla tal-qorti u dan jassumi li jeżistu r-rekwiżiti fattwali bażiċi tal-kunsens. Jekk, skont kwalunkwe standards normali, dawn ma jeżistux, qorti tkun intitolata li tassumi li l-Konvenzjoni mhijiex applikabbli, mingħajr ma jkollha għaliex tikkunsidra l-liġi barranija.

96. Dan li ġej huwa eżempju.[126] X, li huwa residenti fil-Panama, jibgħat ittra elettronika mhux mitluba lil Y, li huwa residenti fil-Messiku, fejn jagħmillu offerta fuq termini li huma estremament sfavorevoli għal Y. L-offerta tinkludi klawżola dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati ta' Ruritania (Stat immaġinarju) u tikkonkludi: "Jekk ma tkunx weġibt fi żmien sebat ijiem, inti titqies bħala li aċċettajt din l-offerta." L-ittra elettronika titħassar mis-softwer ta' kontra l-ispams ta' Y u allura huwa jispiċċa qatt ma jaqraha. Wara sebat ijiem, X isostni li hemm kuntratt bi ftehim dwar l-għażla tal-qorti u jressaq proċedimenti fil-qrati ta' Ruritania. Jekk, kuntrarju għal-liġi ta' kull Stat ieħor fid-dinja, il-liġi ta' Ruritania kienet tal-fehma li kien jeżisti kuntratt u li l-"ftehim" dwar l-għażla tal-qorti kien validu, Stati oħrajn, inkluż il-Messiku, xorta waħda jkunu intitolati li jittrattaw il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti bħala mhux eżistenti.

97. Diment li l-partijiet oriġinali jagħtu l-kunsens tagħhom għall-ftehim dwar l-għażla tal-qorti, il-ftehim jista' jorbot lill-partijiet terzi li ma jkunux taw il-kunsens espress tagħhom għalih, jekk il-pożizzjoni tagħhom li jressqu l-proċedimenti tkun tiddependi fuq it-teħid tal-pussess tad-drittijiet u tal-obbligi ta' waħda mill-partijiet oriġinali. Jekk dan huwiex il-każ ser ikun jiddependi fuq il-liġi nazzjonali.[127]

[122] L-Art. 22 jippermetti lil Stat, permezz ta' dikjarazzjoni, sabiex jestendi fuq bażi reċiproka l-applikazzjoni tal-Kapitolu dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi mogħtija minn qorti li kienet innominata fi ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti. Ara aktar *infra*, il-para. 240 *et seq.*

[123] Ovvjament, il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti għandu jkun validu u applikabbli fil-ħin rilevanti. Jekk ma jkunx għadu fis-seħħ – pereżempju, minħabba li l-partijiet ikunu qablu li jitterminawh – huwa ma jibqax jitqies bħala ftehim dwar l-għażla tal-qorti għall-fini tal-Konvenzjoni.

[124] L-Art. 5(1), 6 *(a)* u 9 *(a)*.

[125] Fl-Art. 6 *(b)* hemm referenza għal-liġi tal-Istat tal-qorti invokata, u fl-Art. 9 *(b)* għal-liġi tal-Istat rikjest. Għalhekk, il-kapaċità hija soġġetta għal żewġ liġijiet: ara l-para. 150.

[126] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra.*

[127] Ara l-Minuti Nru 2 tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II, il-para. 2 sa 10. Ara l-para. 142, *infra.*


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

98. **It-tieni rekwiżit.** Dan jikkonċerna l-forma tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti. Ir-regoli rilevanti huma stipulati fil-paragrafu *ċ)*, diskuss hawn taħt.

99. **It-tielet rekwiżit.** Dan jitlob li l-għażla tkun esklussiva: il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti għandu jinnomina[128] *lill-qrati ta' Stat wieħed jew lil qorti speċifika waħda jew aktar fi Stat wieħed bħala li għandhom ġurisdizzjoni esklussiva*. Dan ser jiġi diskuss hawn taħt b'rabta mal-paragrafu *b)*, li jgħid li ftehim dwar l-għażla tal-qorti jitqies bħala esklussiv sakemm il-partijiet ma jkunux espressament ipprovdew mod ieħor.[129]

100. **Ir-raba' rekwiżit.** Il-Konvenzjoni tapplika biss għall-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati ta' Stat Kontraenti: il-ftehimiet li jinnominaw lill-qrati (jew qorti speċifika waħda jew aktar) ta' Stat mhux Kontraenti mhumiex koperti. Pereżempju,[130] nassumu li jiġi konkluż ftehim dwar l-għażla tal-qorti li jinnomina lill-qrati ta' Stat X, Stat mhux Kontraenti, bejn parti residenti fil-Peru u parti residenti fil-Venezwela. Jekk il-parti Peruvjana tħarrek lill-parti Venezwelana fil-Venezwela, il-qorti Venezwelana ma tkunx mitluba li tapplika l-Artikolu 6 (li jista' jitlobha tissospendi jew tirrinunzja l-proċedimenti).[131] Jekk jitressqu proċedimenti quddiem il-qorti magħżula fl-Istat X, il-qrati fil-Peru jew fil-Venezwela ma jkunux mitluba mill-Konvenzjoni li jirrikonoxxu s-sentenza li tirriżulta.[132]

101. **Il-ħames rekwiżit.** Dan jgħid li n-nomina għandha ssir sabiex jiġu deċiżi t-tilwimiet li nqalgħu jew li jistgħu jinqalgħu b'rabta ma' relazzjoni legali partikolari. Dan jagħmilha ċara li l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jista' jkun ristrett għal, jew jinkludi, tilwimiet li diġà nqalgħu. Huwa jista' jkopri wkoll tilwimiet futuri, diment li jkunu marbutin ma' relazzjoni legali partikolari. Il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti mhuwiex limitat għal pretensjonijiet fil-kuntratt, iżda jista', pereżempju, ikopri pretensjonijiet għal dannu li jirriżultaw minn relazzjoni partikolari. B'hekk, klawżola dwar l-għażla tal-qorti fi ftehim ta' sħubija tista' tkopri l-azzjonijiet ta' dannu bejn l-imsieħba b'rabta mas-sħubija. Jekk dan japplikax fi kwalunkwe kawża partikolari jiddependi fuq it-termini tal-ftehim.

102. **Ftehimiet meqjusa bħala esklussivi.** L-Artikolu 3 *b)* jistabbilixxi r-regola importanti (maħsuba minn qabel mit-tielet rekwiżit fil-paragrafu *a)*) li ftehim dwar l-għażla tal-qorti li jinnomina l-qrati ta' Stat Kontraenti wieħed jew qorti speċifika waħda jew aktar fi Stat Kontraenti wieħed jitqies bħala esklussiv sakemm il-partijiet ma jkunux espressament ipprovdew mod ieħor.[133]

103. L-ewwel element ta' dan huwa li l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jista' jirreferi jew għall-qrati ta' Stat Kontraenti b'mod ġenerali, jew inkella għal qorti speċifika waħda jew aktar fi Stat Kontraenti wieħed. B'hekk, ftehim li jinnomina "l-qrati ta' Franza" jitqies bħala esklussiv għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, anki jekk ma jispeċifikax *liema* qorti fi Franza ser tisma' l-proċedimenti u anki jekk huwa ma jeskludix espliċitament il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Stati oħrajn. F'kawża bħal din, il-liġi Franċiża tkun intitolata li tiddeċiedi f'liema qorti jew qrati tista' titressaq l-azzjoni.[134] Soġġett għal kwalunkwe regola bħal din, ir-rikorrent jista' jagħżel kwalunkwe qorti fi Franza.

104. Ftehim li jirreferi għal qorti partikolari fi Franza – pereżempju, il-Qorti Kummerċjali ta' Pariġi – ukoll ikun esklussiv.[135] L-istess japplika għal ftehim li jinnomina żewġ qrati speċifiċi jew aktar fl-istess Stat Kontraenti – pereżempju, "jew il-Qorti Kummerċjali ta' Pariġi jew inkella l-Qorti Kummerċjali ta' Lyons". Dan ukoll ikun ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti. Ftehim li jiddikjara li A jista' jħarrek lil B biss fil-Qorti Kummerċjali ta' Pariġi u li B jista' jħarrek lil A biss fil-Qorti Kummerċjali ta' Lyons ukoll jitqies bħala ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti skont il-Konvenzjoni, minħabba li jeskludi l-qrati tal-Istati l-oħrajn kollha. Madankollu, il-ftehim ma jitqiesx bħala esklussiv skont il-Konvenzjoni jekk iż-żewġ qrati jkunu fi Stati differenti.

105. **Ftehimiet asimmetriċi.** Xi drabi, ftehim dwar l-għażla tal-qorti jitfassal biex ikun esklussiv fir-rigward tal-proċedimenti li jitressqu minn parti waħda, iżda mhux fir-rigward tal-proċedimenti li jitressqu mill-parti l-oħra. Il-ftehimiet ta' self internazzjonali ta' spiss jitfasslu b'dan il-mod. Klawżola dwar l-għażla tal-qorti fi ftehim bħal dan tista' tgħid, "Il-proċedimenti mill-mutwatarju kontra l-mutwanti jistgħu jitressqu esklussivament fil-qrati tal-Istat X; il-proċedimenti mill-mutwanti kontra l-mutwatarju jistgħu jitressqu fil-qrati tal-Istat X jew fil-qrati ta' kwalunkwe Stat ieħor li għandu ġurisdizzjoni skont il-liġi tiegħu."

106. Kien maqbul mis-Sessjoni Diplomatika li, sabiex ikun kopert mill-Konvenzjoni, il-ftehim għandu jkun esklussiv, irrispettivament mill-parti li tressaq il-proċedimenti. Għalhekk, il-ftehimiet tat-tip imsemmi fil-paragrafu preċedenti mhumiex ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti għall-finijiet tal-Konvenzjoni.[136] Madankollu, huma jistgħu jkunu soġġetti għar-regoli tal-Konvenzjoni dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar jekk l-Istati inkwistjoni jkunu għamlu dikjarazzjonijiet skont l-Artikolu 22.[137]

[128] Is-sempliċi difiża ta' kawża fuq il-merti mingħajr ma ssir oġġezzjoni għall-ġurisdizzjoni minnha nnifisha ma tagħtix lill-qorti ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni, minħabba li *ma tinnominax* lil dik il-qorti skont it-termini tal-Art. 3.

[129] Ara l-para. 102 sa 104, *infra.*

[130] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra.*

[131] Madankollu, hija tista' tissospendi jew tirrinunzja l-proċedimenti skont il-liġi nazzjonali.

[132] Madankollu, huma jistgħu jagħmlu dan skont il-liġi nazzjonali.

[133] Għal dik li tidher li hija l-ewwel referenza għall-Konvenzjoni fi kwalunkwe kawża deċiża, ara *The Hongkong and Shanghai Banking Corporation Limited* v. *Yusuf Suveyke,* 392 F. Supp. 2d 489 (EDNY 2005).

[134] Ara l-Art. 5(3) *(b).*

[135] Il-problemi li jinqalgħu meta l-qorti magħżula ma tkunx tista' tisma' l-kawża skont il-liġi interna huma diskussi *infra*: ara l-para. 135 *et seq.*

[136] Ara l-Minuti Nru 3 tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II, il-para. 2 sa 11.

[137] Ara l-para. 240 *et seq.* Għal eżempji ta' ftehimiet oħrajn li ma jkunux esklussivi għall-finijiet tal-Konvenzjoni, ara l-para. 109.

107. **It-tifsira ta' "Stat" fil-każ ta' sistema legali mhux unifikata.** Il-kelma "Stat" jista' jkollha tifsiriet differenti fir-rigward ta' Stat Kontraenti fejn żewġ sistemi legali jew aktar japplikaw f'unitajiet territorjali differenti fir-rigward ta' kwistjoni indirizzata mill-Konvenzjoni – pereżempju, il-Kanada, iċ-Ċina, ir-Renju Unit jew l-Istati Uniti. Skont l-Artikolu 25, hija tista' tirreferi, kif xieraq, jew għall-Istat b'mod ġenerali – pereżempju, il-Kanada, iċ-Ċina, ir-Renju Unit jew l-Istati Uniti – jew inkella għal unità territorjali f'dak l-Istat – pereżempju, Ontario, Hong Kong, l-Iskozja jew New Jersey. Konsegwentement, kemm klawżola li tinnomina "l-qrati tal-Istati Uniti" kif ukoll klawżola li tinnomina "l-qrati ta' New Jersey" huma ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti skont din il-Konvenzjoni.[138]

108. **Eżempji ta' ftehimiet esklussivi.** L-Artikolu 3 *b)* jgħid li ftehim dwar l-għażla tal-qorti li jinnomina l-qrati ta' Stat Kontraenti wieħed jew qorti speċifika waħda jew aktar ta' Stat Kontraenti wieħed jitqies bħala esklussiv sakemm il-partijiet ma jkunux espressament ipprovdew mod ieħor. B'riżultat ta' dan, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti:[139]

- "Il-qrati tal-Istat X għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu proċedimenti skont dan il-kuntratt."
- "Il-proċedimenti skont dan il-kuntratt għandhom jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat X."

109. **Eżempji ta' ftehimiet mhux esklussivi.** Dawn li ġejjin ma jitqisux bħala esklussivi:[140]

- "Il-qrati tal-Istat X għandu jkollhom ġurisdizzjoni mhux esklussiva sabiex jisimgħu proċedimenti skont dan il-kuntratt."
- "Il-proċedimenti skont dan il-kuntratt jistgħu jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat X, iżda dan ma għandux iwaqqaf milli jitressqu proċedimenti quddiem il-qrati ta' kwalunkwe Stat ieħor li jkollu ġurisdizzjoni skont il-liġi tiegħu."
- "Il-proċedimenti skont dan il-kuntratt jistgħu jitressqu quddiem il-qorti A fl-Istat X jew il-qorti B fl-Istat Y, għall-esklużjoni tal-qrati l-oħrajn kollha."
- "Il-proċedimenti kontra A jistgħu jitressqu esklussivament fir-residenza ta' A fl-Istat A; il-proċedimenti kontra B jistgħu jitressqu esklussivament fir-residenza ta' B fl-Istat B."

110. **Ir-rekwiżiti formali.** Il-paragrafu *ċ)* jittratta r-rekwiżiti formali. Dawn huma kemm meħtieġa kif ukoll suffiċjenti skont il-Konvenzjoni: ftehim dwar l-għażla tal-qorti ma jkunx kopert mill-Konvenzjoni jekk ma jkunx konformi magħhom,[141] iżda, jekk ikun konformi, ma jistgħux jiġu imposti rekwiżiti oħrajn ta' natura formali skont il-liġi nazzjonali. B'hekk, pereżempju, qorti ta' Stat Kontraenti ma tistax tirrifjuta li ddaħħal fis-seħħ ftehim dwar l-għażla tal-qorti minħabba li:

- huwa miktub b'lingwa barranija;[142]
- mhuwiex miktub b'tipa grassa speċjali;
- huwa miktub b'tipa żgħira; jew
- mhuwiex iffirmat mill-partijiet separatament mill-ftehim prinċipali.[143]

111. Il-paragrafu *ċ)* jgħid li l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti għandu jiġi konkluż jew iddokumentat *i)* "bil-miktub" jew *ii)* "bi kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni li jagħmel l-informazzjoni aċċessibbli biex tkun tista' tintuża għal referenza sussegwenti".

112. Meta l-ftehim ikun bil-miktub, il-validità formali tiegħu ma tkunx tiddependi fuq l-iffirmar tiegħu, għalkemm in-nuqqas ta' firma jista' jagħmilha aktar diffiċli sabiex tiġi ppruvata l-eżistenza tal-ftehim. Il-forma possibbli l-oħra hija maħsuba biex tkopri l-mezzi elettroniċi tat-trasmissjoni jew tal-ħażna tad-dejta. Dan jinkludi l-possibbiltajiet normali kollha, diment li d-dejta tkun tista' tiġi rkuprata sabiex b'hekk tkun tista' ssir referenza għaliha u tinftiehem f'okkażjonijiet oħrajn fil-ġejjieni. Hija tkopri, pereżempju, il-posta elettronika u l-faks.[144]

113. Il-ftehim għandu jkun ġie konkluż f'waħda minn dawn il-forom jew inkella għandu jkun ġie *ddokumentat* fihom. Il-Konferenza ma laqgħetx il-frażi "evidenced in writing" fit-test bl-Ingliż favur "documented in writing" fuq il-bażi li "evidenced in writing" tista' tagħti l-impressjoni li l-Artikolu 3 *ċ)* kien jikkostitwixxi regola ta' evidenza. B'mod parallel, il-Konferenza ma laqgħetx il-frażi "*confirmé par écrit*" fit-test bil-Franċiż favur "*documenté par écrit*" fuq il-bażi li "*confirmé par écrit*"

[138] Klawżola li tinnomina "l-qrati statali tal-istat ta' New Jersey jew il-qrati federali li jinsabu f'dak l-istat" ukoll titqies bħala ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti.

[139] Din il-lista mhijex eżawrjenti. Għal eżempji ta' ftehimiet mhux esklussivi, ara *supra,* il-para. 104 (l-aħħar sentenza), il-para. 105, 106 u 109.

[140] Din il-lista mhijex eżawrjenti.

[141] F'xi Stati Kontraenti, il-liġi tista' tistabbilixxi rekwiżiti formali inqas riġidi għall-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti. Hija saħansitra ma tista' tistabbilixxi ebda rekwiżit formali. Il-Konvenzjoni ma tipprekludix lil qorti fi Stat bħal dan milli ddaħħal fis-seħħ ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti li huma validi skont il-liġi tagħha, anki jekk dawn ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Art. 3 *(ċ).* Pereżempju, jekk il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jkun validu skont il-liġi nazzjonali tal-qorti magħżula, dik il-qorti tista' tisma' l-kawża anki jekk ir-rekwiżiti formali tal-Art. 3 *(ċ)* ma jiġux issodisfati. Madankollu, il-qrati ta' Stati Kontraenti oħrajn ma jintalbux skont l-Art. 6 tal-Konvenzjoni sabiex joqogħdu lura milli jisimgħu l-proċedimenti koperti minn ftehim dwar l-għażla tal-qorti, u lanqas ma jkunu obbligati skont l-Art. 8 tal-Konvenzjoni sabiex jirrikonoxxu u jinfurzaw is-sentenza.

[142] Diment li xorta waħda jkun hemm kunsens.

[143] F'xi sistemi legali, dawn jistgħu jkunu rekwiżiti tal-liġi interna.

[144] Il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni kienet ispirata mill-Art. 6(1) tal-Liġi Mudell ta' UNCITRAL dwar il-Kummerċ Elettroniku tal-1996.

tista' tagħti l-impressjoni li r-regola kienet tirreferi għal element ta' intenzjoni.

114. Jekk il-ftehim sar bil-fomm u parti waħda implimentatu bil-miktub, ma tagħmilx differenza jekk din kienet dik li bbenifikat minnu – pereżempju, minħabba li l-qorti magħżula kienet fl-Istat ta' dik il-parti. Madankollu, fil-każijiet kollha, għandu jkun hemm kunsens miż-żewġ partijiet għall-ftehim bil-fomm oriġinali.

115. L-Artikolu 3 *d)* jgħid li ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti li jifforma parti minn kuntratt għandu jiġi ttrattat bħala ftehim indipendentement mit-termini l-oħrajn tal-kuntratt. Għaldaqstant, il-validità tal-ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti ma tistax tiġi kkontestata biss fuq il-bażi li l-kuntratt li minnu jifforma parti mhuwiex validu: il-validità tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti għandha tiġi ddeterminata indipendentement, skont il-kriterji stabbiliti fil-Konvenzjoni.[145] B'hekk, huwa possibbli għall-qorti nnominata li tqis il-kuntratt bħala wieħed invalidu mingħajr ma tiċħad il-validità tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti. Min-naħa l-oħra, ovvjament, huwa possibbli wkoll, għar-raġuni li għaliha l-kuntratt jitqies bħala invalidu, li dan jiġi applikat b'mod ugwali għall-ftehim dwar l-għażla tal-qorti: kollox jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi u l-liġi applikabbli.

*Artikolu 4 Definizzjonijiet oħrajn*

116. **"Sentenza".** L-Artikolu 4 fih żewġ definizzjonijiet oħrajn. L-ewwel waħda, fl-Artikolu 4(1), hija ta' "sentenza". Din hija definita b'mod wiesa' sabiex tkopri kwalunkwe deċiżjoni fuq il-merti, irrispettivament minn x'tissejjaħ, inkluża sentenza mogħtija b'kontumaċja.[146] Hija teskludi deċiżjoni proċedurali, iżda tkopri ordni li tirrigwardja l-ispejjeż jew l-infiq (anki jekk mogħtija minn uffiċjal tal-qorti, minflok minn imħallef), diment li din tkun relatata ma' sentenza li tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzata skont il-Konvenzjoni. Hija ma tkoprix deċiżjoni li jingħataw miżuri provviżorji (miżuri protettivi u provviżorji), billi din mhijiex deċiżjoni fuq il-merti.[147]

117. **"Residenza".** L-Artikolu 4(2) jiddefinixxi "residenza" fir-rigward ta' entità jew persuna oħra minbarra persuna fiżika. Id-definizzjoni hija primarjament intiża biex tapplika għall-korporazzjonijiet u ser tiġi spjegata fuq din il-bażi.[148]

118. Il-kunċett ta' residenza għandu rwol fl-Artikolu 1(2) (definizzjoni ta' kawża "internazzjonali" għall-fini ta' ġurisdizzjoni), fl-Artikolu 20 (ċerti eċċezzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar) u fl-Artikolu 26 (ir-relazzjoni ma' strumenti internazzjonali oħrajn). Dan jista' jkollu rwol ukoll taħt l-Artikolu 19.

119. Il-problema li ffaċċjat is-Sessjoni Diplomatika sabiex tiddefinixxi r-residenza ta' entitajiet oħrajn minbarra persuni fiżiċi kienet li tirrikonċilja l-kunċetti differenti tal-pajjiżi li jħaddnu l-liġi komuni u l-liġi ċivili, kif ukoll dawk fi ħdan il-pajjiżi li jħaddnu l-liġi ċivili.[149]

120. Fil-liġi komuni, il-liġi tal-post tal-inkorporazzjoni hija tradizzjonalment meqjusa bħala importanti sabiex jittieħdu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet marbuta mal-affarijiet interni tal-korporazzjoni.[150] Hija s-sistema legali li tagħti bidu għal dan u tagħtiha personalità legali. Madankollu, għall-finijiet ta' ġurisdizzjoni, il-post prinċipali tan-negozju u l-post tal-amministrazzjoni ċentrali tiegħu huma importanti wkoll.[151] Dan tal-aħħar huwa ċ-ċentru amministrattiv tal-korporazzjoni, il-post fejn jittieħdu l-aktar deċiżjonijiet importanti. Il-post tan-negozju prinċipali huwa ċ-ċentru tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu. Għalkemm normalment iseħħu fl-istess post, dawn it-tnejn jistgħu jkunu differenti. Pereżempju, kumpanija tat-tħaffir fil-minjieri li jkollha l-kwartieri ġenerali tagħha f'Londra (amministrazzjoni ċentrali) tista' tkompli bl-attività tagħha ta' tħaffir fil-minjieri fin-Namibja (il-post tan-negozju prinċipali). Minħabba li t-tliet kunċetti kollha huma importanti fil-liġi komuni, il-Konvenzjoni tgħid li korporazzjoni hija residenti fit-tliet postijiet kollha.

121. Għalkemm xi sistemi tal-liġi ċivili jħarsu wkoll lejn il-liġi tal-post tal-inkorporazzjoni bħala l-liġi personali tal-kumpanija,[152] il-fehma dominanti tiffavorixxi l-liġi tas-"sede korporattiva" (*siège social*). Il-post tas-sede korporattiva jitqies ukoll bħala d-domiċilju tal-korporazzjoni. Madankollu, hemm żewġ fehmiet dwar kif għandha tiġi ddeterminata s-sede korporattiva. Skont l-ewwel fehma, wieħed iħares lejn id-dokument legali li permezz tiegħu kienet kostitwita l-korporazzjoni (l-*istatut* tal-korporazzjoni). Dan jgħid fejn tinsab is-sede korporattiva. B'hekk, is-sede korporattiva ddeterminata tissejjaħ *siège statutaire*.

122. Madankollu, is-*siège statutaire* ma tistax tkun il-kwartieri ġenerali korporattivi proprji. It-tieni fehma hija li wieħed għandu jħares lejn il-post fejn il-kumpanija fil-fatt għandha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha, xi drabi msejjaħ *siège réel*. Dan jikkorrispondi għall-kunċett tal-liġi komuni tal-post tal-amministrazzjoni ċentrali.

123. B'hekk, sabiex jiġu koperti l-perspettivi kollha, kien meħtieġ li jiġi inkluż it-terminu *siège statutaire,* li huwa tradott għall-Malti bħala "sede statutorja". Madankollu, dan it-terminu ma jirreferix għas-sede tal-korporazzjoni kif stipulat minn ċertu statut (leġiżlazzjoni)[153] iżda kif stipulat mill-*istatut*, id-dokument

[145] Ara l-Art. 5(1), 6 u 9.

[146] Hija tkopri deċiżjoni mogħtija minn uffiċċju tal-privattivi li jeżerċita funzjonijiet kważi-ġudizzjarji.

[147] Dwar il-miżuri provviżorji, ara l-Art. 7.

[148] Stat jew awtorità pubblika ta' Stat ikunu residenti biss fit-territorju ta' dak l-Istat.

[149] Għal diskussjoni komparattiva ta' dawn il-kwistjonijiet, ara S. Rammeloo, *Corporations in Private International Law,* Oxford University Press 2001, il-Kapitoli 4 u 5.

[150] Għall-Ingilterra, ara A. Dicey, J. Morris & L. Collins, *The Conflict of Laws*, 14th ed., minn L. Collins & specialist editors, Sweet and Maxwell, Londra 2006, ir-Regoli 160(1) u 161 (pp. 1335–1344); għall-Istati Uniti tal-Amerika, ara *First National City Bank* v. *Banco Para El Comercio Exterior de Cuba*, 462 U.S. 611, 621; 103 S. Ct. 2591; 77 L. Ed. 2d 46 (1983).

[151] Għal-liġi Ingliża, ara A. Dicey, J. Morris & L. Collins, *The Conflict of Laws*, 14th ed., minn L. Collins & specialist editors, Sweet and Maxwell, Londra 2006, ir-Regola 160(2) (p. 1336).

[152] Pereżempju, il-Ġappun u n-Netherlands.

[153] It-terminu Franċiż għal "statut" huwa "*loi*".

li jinkludi l-kostituzzjoni tal-kumpanija – pereżempju, l-artikoli ta' assoċjazzjoni. Fil-liġi komuni, l-eqreb ekwivalenti huwa "uffiċċju rreġistrat".[154] Fil-prattika, l-Istat fejn il-korporazzjoni għandha s-sede statutorja tagħha kważi dejjem ikun l-Istat li skont il-liġi tiegħu kienet inkorporata jew imsawra; filwaqt li l-Istat fejn hija għandha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha ġeneralment ikun dak fejn hija għandha l-post tan-negozju prinċipali tagħha. Min-naħa l-oħra, mhijiex xi ħaġa mhux tas-soltu għal kumpanija li tkun inkorporata fi Stat wieħed – pereżempju, il-Panama – u li jkollha l-amministrazzjoni ċentrali u l-post tan-negozju prinċipali tagħha fi Stat ieħor.

*Artikolu 5 Il-ġurisdizzjoni tal-qorti magħżula*

124. L-Artikolu 5 huwa waħda mid-"dispożizzjonijiet ewlenin" tal-Konvenzjoni. Ftehim dwar l-għażla tal-qorti ftit li xejn ikollu valur jekk il-qorti magħżula ma tkunx semgħet il-kawża meta tressqu l-proċedimenti quddiemha. Għal din ir-raġuni, l-Artikolu 5(1) jgħid li qorti nnominata minn ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq tilwima li għaliha japplika l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti, sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett skont il-liġi tal-Istat tal-qorti nnominata. Skont l-Artikolu 5(2), il-qorti magħżula mhijiex permessa li tirrinunzja milli teżerċita l-ġurisdizzjoni fuq il-bażi li t-tilwima għandha tiġi deċiża minn qorti[155] fi Stat ieħor.[156]

125. **Null u bla effett.** Id-dispożizzjoni ta' "null u bla effett" hija l-unika eċċezzjoni applikabbli b'mod ġenerali għar-regola li l-qorti magħżula għandha tisma' l-kawża.[157] Il-kwistjoni ta' jekk il-ftehim huwiex null u bla effett tiġi deċiża skont il-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula. Il-frażi "liġi tal-Istat" tinkludi r-regoli dwar l-għażla tal-liġi ta' dak l-Istat.[158] B'hekk, jekk il-qorti magħżula hija tal-fehma li l-liġi ta' Stat ieħor għandha tiġi applikata skont ir-regoli dwar l-għażla tal-liġi tagħha, hija tapplika dik il-liġi. Dan jista' jseħħ, pereżempju, meta skont ir-regoli dwar l-għażla tal-liġi tal-qorti magħżula, il-validità tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti tiġi deċiża mil-liġi li tirregola l-kuntratt b'mod ġenerali – pereżempju, il-liġi nnominata mill-partijiet fi klawżola dwar l-għażla tal-liġi.

126. Id-dispożizzjoni "null u bla effett" tapplika biss għar-raġunijiet sostantivi (mhux formali) tal-invalidità. Hija maħsuba biex tirreferi primarjament għal raġunijiet rikonoxxuti b'mod ġenerali bħal frodi, żball, rappreżentazzjoni ħażina, forza u nuqqas ta' kapaċità.[159] Dan ma jikkwalifikax jew ma jippreġudikax ir-rekwiżiti tal-forma fl-Artikolu 3 *ċ)*, li jiddefinixxu l-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti koperti mill-Konvenzjoni u ma jħallu ebda lok għal-liġi nazzjonali safejn hija kkonċernata l-forma.

127. **Ir-rinunzja tal-ġurisdizzjoni.** L-Artikolu 5(2) jgħid li l-qorti magħżula mhijiex permessa li tirrinunzja milli teżerċita l-ġurisdizzjoni fuq il-bażi li t-tilwima għandha tiġi deċiża f'qorti ta' Stat ieħor. Din id-dispożizzjoni ssaħħaħ l-obbligu stipulat fl-Artikolu 5(1). Madankollu, l-Artikolu 5(2) japplika biss fir-rigward ta' qorti fi Stat ieħor, mhux fir-rigward ta' qorti fl-istess Stat.[160]

128. **It-tifsira ta' "Stat" skont l-Artikolu 5(2).** X'nifhmu bi "Stat" f'dan il-kuntest? Fil-każ ta' Stat li jkun fih distrett legali wieħed, ma hemm ebda problema. Min-naħa l-oħra, meta l-Istat ikun fih għadd ta' territorji soġġetti għal sistemi differenti ta' liġi, bħall-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada jew ir-Renju Unit, it-tweġiba hija inqas ovvja. Skont l-Artikolu 25(1) *ċ)* tal-Konvenzjoni, referenza għall-"qorti jew qrati ta' Stat" tfisser, fejn xieraq, il-qorti jew il-qrati fl-unità territorjali rilevanti.[161] Minn dan, jirriżulta li r-referenza fl-Artikolu 5(2) għal "qorti ta' Stat ieħor" tista' tinftiehem bħala li tirreferi għal qorti ta' unità territorjali oħra, fejn dan huwa xieraq.

129. Meta huwa xieraq li ssir referenza għal unità territorjali fi Stat? Dan jista' jiddependi fuq diversi fatturi, inkluża r-relazzjoni bejn l-entità akbar (pereżempju, ir-Renju Unit) u s-sub-unitajiet (pereżempju, l-Ingilterra u l-Iskozja) skont il-liġi tal-Istat inkwistjoni, iżda fil-kuntest tal-Artikolu 5, l-aktar importanti huwa probabbilment il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti. Jekk tirreferi għall-"qrati tal-Ingilterra", l-Ingilterra probabbilment tkun l-unità territorjali rilevanti u l-Artikolu 5(2) jipprekludi lill-qorti Ingliża milli tirrinunzja l-ġurisdizzjoni favur qorti fl-Iskozja: Għal dan il-għan, l-Iskozja titqies bħala "Stat" ieħor. Jekk, min-naħa l-oħra, il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jkun irrefera għall-"qrati tar-Renju Unit", "Stat" probabbilment ikun ifisser ir-Renju Unit u qorti fl-Ingilterra ma tkunx prekluża mill-Artikolu 5(2) milli tirrinunzja l-ġurisdizzjoni favur qorti fl-Iskozja.

---

[154] Għar-Renju Unit u għall-Irlanda, ara r-Regolament ta' Brussell, l-Art. 60(2).

[155] Ir-rekwiżit li tinstema' l-kawża ma jinkisirx meta qorti tirrinunzja l-ġurisdizzjoni fuq il-bażi li t-tilwima għandha tiġi deċiża minn arbitru.

[156] F'abbozzi preċedenti tal-Konvenzjoni, b'mod partikolari dak inkluż fid-Dokument ta' Ħidma Nru 1 tal-2005, ġie ddikjarat, f'dak li kien l-Art. 6, li, jekk previst mil-liġi interna tagħha, il-qorti magħżula kienet permessa (iżda mhux obbligata) li tissospendi jew tirrinunzja l-proċedimenti li jitressqu quddiemha sabiex tikseb deċiżjoni dwar il-validità ta' dritt ta' proprjetà intellettwali mill-qorti tal-Istat tar-reġistrazzjoni. (Id-dispożizzjoni kienet aktar ikkumplikata minn hekk u ġiet f'diversi verżjonijiet, iżda din twassal is-sustanza tagħha.) Hija tħassret minħabba li tqieset bħala mhux meħtieġa, mhux minħabba kwalunkwe bidla tal-politika. Is-Sessjoni Diplomatika talbet sabiex dan jiġi kkjarifikat fir-Rapport ta' Spjegazzjoni: ara l-Minuti tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II: Minuti Nru 20, il-para. 29 u 30, Minuti Nru 24, il-para. *19, 21 et seq.*

[157] Għal eċċezzjoni oħra li tapplika f'kawżi speċjali, ara l-Art. 19.

[158] Li kieku din ma kinitx l-intenzjoni, it-test kien juża l-frażi "liġi interna tal-Istat".

[159] Kapaċità tista' tinkludi l-kapaċità tal-korpi pubbliċi li jikkonkludu ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti. Fl-Art. 6 *(b)* u 9 *(b)*, in-nuqqas ta' kapaċità jiġi ttrattat separatament minħabba li kien maħsub bħala mixtieq li jiġu applikati *kemm* il-liġi tal-qorti invokata *kif ukoll* il-liġi tal-qorti magħżula: ara l-para. 150. Fl-Art. 5, min-naħa l-oħra, il-qorti invokata *hija* l-qorti magħżula; għalhekk, ma hemm ebda ħtieġa li dan jiġi ttrattat separatament.

[160] Dwar it-trasferiment ta' kawżi bejn qrati fl-istess Stat, ara l-Art. 5(3) *(b)*, diskuss fil-para. 139, *infra*.

[161] Għall-pożizzjoni fir-rigward tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, bħall-Komunità Ewropea, ara l-Art. 29(4).

130. Fil-każ tal-Istati Uniti tal-Amerika, il-pożizzjoni tista' tiddependi fuq jekk il-qorti magħżula kinitx[162] qorti tal-istat jew qorti federali. Jekk il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti nnomina "l-qrati tal-istat ta' New York", il-kelma "Stat" fl-Artikolu 5(2) probabbilment tirreferi għall-istat ta' New York, mhux għall-Istati Uniti tal-Amerika, f'liema każ il-qorti ta' New York tkun prekluża skont l-Artikolu 5(2) milli tirrinunzja l-ġurisdizzjoni favur qorti, ngħidu aħna, fi New Jersey.

131. Jekk ir-referenza kienet għall-"qrati tal-Istati Uniti", l-Artikolu 5(2) ma jipprekludix trasferiment għal qorti federali fi stat differenti tal-Istati Uniti, minħabba li "Stat" probabbilment ifisser l-Istati Uniti tal-Amerika.[163] L-istess japplika jekk ir-referenza kienet għal qorti federali speċifika – pereżempju, "il-Qorti Distrettwali Federali għad-Distrett tan-Nofsinhar ta' New York". Hawnhekk ukoll, "Stat" tfisser l-Istati Uniti tal-Amerika; konsegwentement, l-Artikolu 5(2) ma jipprekludi ebda trasferiment lejn qorti federali fi stat differenti tal-Istati Uniti tal-Amerika.[164]

132. ***Forum non conveniens.*** Hemm żewġ duttrini legali li abbażi tagħhom qorti tista' tikkunsidra li t-tilwima għandha tiġi deċiża f'qorti ta' Stat ieħor. L-ewwel waħda hija *forum non conveniens.*[165] Din hija duttrina li tiġi applikata primarjament minn pajjiżi li jħaddnu l-liġi komuni.[166] Il-formulazzjoni preċiża tagħha tvarja minn pajjiż għal ieħor, iżda b'mod ġenerali, wieħed jista' jgħid li hija tippermetti lil qorti jkollha ġurisdizzjoni sabiex tissospendi jew tirrinunzja l-proċedimenti jekk hija tkun tal-fehma li qorti oħra tkun forum aktar addattat.[167] L-għoti ta' sospensjoni jew rinunzja huwa diskrezzjonarju u jinvolvi l-ponderazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha fil-kawża partikolari. Dan japplika irrispettivament minn jekk il-proċedimenti jkunux inbdew jew le fil-qorti l-oħra (għalkemm dan huwa fattur li jista' jittieħed f'kunsiderazzjoni).

133. ***Lis pendens.*** *It-tieni duttrina hija dik ta' lis pendens.* Din tiġi applikata primarjament minn pajjiżi li jħaddnu l-liġi ċivili. Hija titlob lil qorti sabiex tissospendi jew tirrinunzja l-proċedimenti jekk ikun hemm qorti oħra li tkun ġiet invokata l-ewwel fi proċedimenti li jinvolvu l-istess kawża ta' azzjoni bejn l-istess partijiet.[168] Din mhijiex diskrezzjonarja, ma tinvolvix il-ponderazzjoni tal-fatturi rilevanti sabiex tiġi ddeterminata l-aktar qorti xierqa u tapplika biss meta l-proċedimenti jkunu diġà nbdew fil-qorti l-oħra.

134. L-Artikolu 5(2) jipprekludi l-possibbiltà li wieħed jirrikorri għal waħda minn dawn id-duttrini jekk il-qorti li favur tagħha jiġu sospiżi jew irrinunzjati l-proċedimenti tkun tinsab fi Stat ieħor, minħabba li dawn id-duttrini jgħidu li l-qorti tastjeni milli teżerċita l-ġurisdizzjoni "fuq il-bażi li t-tilwima għandha tiġi deċiża f'qorti ta' Stat ieħor."

135. **Ġurisdizzjoni skont is-suġġett.** L-Artikolu 5(3) *a)* jgħid li l-Artikolu 5 ma jaffettwax ir-regoli interni dwar il-ġurisdizzjoni skont is-suġġett jew ir-regoli ġurisdizzjonali abbażi tal-valur tal-pretensjoni. Il-frażi "ġurisdizzjoni skont is-suġġett" jista' jkollha varjetà ta' tifsiriet. Hawnhekk, hija tirreferi għad-diviżjoni tal-ġurisdizzjoni fost il-qrati differenti fl-istess Stat abbażi tas-suġġett tat-tilwima. Hija ma tikkonċernax id-determinazzjoni ta' liema qrati tal-Istat jisimgħu l-kawża, iżda l-kwistjoni ta' liema tip ta' qorti *fi* Stat tismagħha. Pereżempju, jistgħu jeżistu qrati speċjalizzati għal kwistjonijiet bħal divorzju, taxxi jew privattivi. B'hekk, qorti fiskali speċjalizzata ma jkollhiex il-ġurisdizzjoni skont is-suġġett biex tisma' azzjoni għal ksur ta' kuntratt. Għalhekk, anki jekk il-partijiet ikunu kkonkludew ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti li jinnomina qorti bħal din, hija ma tkunx obbligata skont il-Konvenzjoni li tisma' l-kawża.

136. F'xi Stati federati bħall-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika, il-ġurisdizzjoni skont is-suġġett tista' tirreferi wkoll għall-allokazzjoni tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Istat u l-qrati federali.[169] Bħala regola ġenerali, wieħed jista' jgħid li l-qrati tal-Istat għandhom ġurisdizzjoni skont is-suġġett fil-kawżi kollha sakemm ma jkunx hemm regola speċifika li ċċaħħadhom mill-ġurisdizzjoni. Il-qrati federali, min-naħa l-oħra, ikollhom ġurisdizzjoni biss jekk ikun hemm regola speċifika li tagħtihom ġurisdizzjoni. Il-partijiet ma jistgħux jirrinunzjaw dawn ir-regoli. Jekk ma teżisti ebda ġurisdizzjoni skont is-suġġett, qorti federali ma tkunx tista'

162 Għandu jiġi mfakkar li fil-Konvenzjoni u f'dan ir-Rapport, "stat" b'"s" żgħira jirreferi għal unità territorjali ta' Stat federali (pereżempju, stat fl-Istati Uniti tal-Amerika); "Stat" b'"S" kbira jirreferi għal Stat fis-sens internazzjonali.

163 Is-sentenza li tirriżulta tkun intitolata għal rikonoxximent u infurzar skont il-Konvenzjoni, minħabba li din tkun sentenza mogħtija minn qorti nnominata fil-ftehim dwar l-għażla tal-qorti: ara l-Art. 8(1).

164 Madankollu, ikollha tingħata "kunsiderazzjoni xierqa" lill-għażla tal-partijiet: ara l-Art. 5(3) *(b).* Dwar jekk is-sentenza li tirriżulta tkunx intitolata għal rikonoxximent skont il-Konvenzjoni, ara l-Art. 8(5).

165 Ara J. Fawcett (ed.), *Declining Jurisdiction in Private International Law,* Clarendon Press, Oxford 1995.

166 Hija fil-fatt oriġinat fl-Iskozja, pajjiż li jħaddan taħlita ta' liġi komuni / ċivili. Hija għadha tapplika fl-Iskozja sal-lum il-ġurnata u kienet adottata wkoll f'ġurisdizzjonijiet tal-liġi ċivili bħal fi Quebec. Għall-applikazzjoni ta' din id-duttrina u sostituti statutorji oħrajn fil-kuntest tal-klawżoli dwar l-għażla tal-qorti, ara A. Schulz, "Mechanisms for the Transfer of Cases within Federal Systems", Dok. Prel. Nru 23 ta' Ottubru 2003 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Diċembru 2003.

167 Għall-formulazzjoni tal-liġi Ingliża, ara A. Dicey, J. Morris & L. Collins, *The Conflict of Laws*, 14th ed., by L. Collins & specialist editors, Sweet and Maxwell, Londra 2006, ir-Regola 31(2) (p. 461); għall-formulazzjoni fl-Istati Uniti tal-Amerika, ara The American Law Institute, *Second Restatement on Conflict of Laws*, The American Law Institute Publishers, St Paul, Minn. 1971, § 84. Għal aktar diskussjoni dwar *forum non conveniens,* b'referenza speċjali għall-effett tagħha fuq il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti, ara R. Brand, "Forum Selection and Forum Rejection in US Courts: One Rationale for a Global Choice of Court Convention", f'J. Fawcett (ed.), *Reform and Development of Private International Law: Essays in Honour of Sir Peter North*, Oxford University Press 2002, p. 51.

168 Ara, pereżempju, l-Art. 27 tar-Regolament ta' Brussell, li jitlob lil kwalunkwe qorti oħra minbarra l-ewwel qorti invokata biex tissospendi l-proċedimenti tagħha b'mozzjoni tagħha stess u biex tirrinunzja l-ġurisdizzjoni jekk tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti invokata.

169 Għal diskussjoni dettaljata dwar il-ġurisdizzjoni Statali u federali fl-Awstralja, fil-Kanada u fl-Istati Uniti tal-Amerika, ara A. Schulz, "Mechanisms for the Transfer of Cases within Federal Systems", Dok. Prel. Nru 23 ta' Ottubru 2003.

tisma' l-kawża, anki jekk il-partijiet jissottomettu ruħhom għall-ġurisdizzjoni tagħha.

137. F'xi pajjiżi, ċerti qrati ikollhom ġurisdizzjoni biss jekk il-valur tal-pretensjoni jkun akbar, jew inqas, minn ammont speċifikat. Billi din tikkonċerna l-allokazzjoni interna tal-ġurisdizzjoni fi Stat wieħed, hija kwistjoni ta' ġurisdizzjoni skont is-suġġett kif definita hawn fuq. Madankollu, xi Stati ma jużawx din it-terminoloġija; għalhekk, l-Artikolu 5(3) *a)* jirreferi speċifikament għal ġurisdizzjoni bbażata fuq il-valur tal-pretensjoni. Il-kummenti fil-paragrafu preċedenti dwar il-ġurisdizzjoni skont is-suġġett japplikaw hawnhekk ukoll.

138. **Regoli proċedurali interni.** Kif intqal hawn fuq,[170] ma kienx maħsub li l-Konvenzjoni għandha taffettwa r-regoli ta' proċedura interna (inklużi r-regoli magħmula fil-qorti) li mhumiex relatati ma' ġurisdizzjoni internazzjonali jew mar-rikonoxximent jew mal-infurzar ta' sentenzi barranin. Uħud minn dawn ir-regoli jistgħu jipprekludu lil qorti milli tisma' kawżi f'ċerti ċirkostanzi. Ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni skont is-suġġett huma biss eżempju wieħed. Eżempji oħrajn huma: regoli li jipprekludu lil ċerti partijiet (bħal għedewwa barranin fi żmien ta' gwerra) milli jressqu proċedimenti; regoli li jipprekludu li jitressqu proċedimenti kontra ċerti partijiet (pereżempju, regoli dwar l-immunità sovrana / Statali[171]); regoli li jipprekludu lill-qrati milli jisimgħu ċerti tilwimiet (pereżempju, l-att tad-duttrina Statali, kif applikat fl-Istati Uniti tal-Amerika); regoli li jitolbu li l-kawżi jitressqu f'perjodu ta' żmien partikolari (proċedurali jew sostantivi); u regoli dwar il-kapaċità li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek (pereżempju, regoli li jgħidu li entità li ma jkollhiex personalità legali ma tistax tressaq proċedimenti legali). Uħud minn dawn il-kwistjonijiet huma espressament imsemmija fil-Konvenzjoni;[172] oħrajn mhumiex. Madankollu, anki jekk mhumiex espressament imsemmija – huwa impossibbli li jiġi kopert kollox – ma kienx maħsub li dawn ir-regoli ta' proċedura l-oħrajn għandhom jiġu affettwati mill-Artikolu 5.

139. **Allokazzjoni interna ta' ġurisdizzjoni.** L-Artikolu 5(3) *b)* jgħid li l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 5 "ma jaffettwawx l-allokazzjoni interna tal-ġurisdizzjoni bost il-qrati ta' Stat Kontraenti."[173] Jekk ma tiġi nnominata ebda qorti speċifika mill-partijiet – jekk, pereżempju, il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jirreferi biss għall-"qrati tan-Netherlands" jew għall-"qrati tal-Istat ta' New Jersey" – ma hemm ebda raġuni għaliex ma għandhomx japplikaw ir-regoli normali dwar l-allokazzjoni interna tal-ġurisdizzjoni.[174]

140. **Qorti speċifika.** Anki jekk il-partijiet jinnominaw qorti speċifika – pereżempju, il-Qorti Distrettwali Federali għad-Distrett tan-Nofsinhar ta' New York[175] jew il-Qorti Distrettwali ta' Tokyo, ir-regoli nazzjonali dwar l-allokazzjoni interna tal-ġurisdizzjoni xorta waħda japplikaw. Madankollu, dan huwa soġġett għall-aħħar sentenza fis-subparagrafu *b)*, li tapplika meta l-qorti jkollha diskrezzjoni fir-rigward ta' jekk għandhiex tagħmel it-trasferiment jew le.[176] Dik id-dispożizzjoni titlob lill-qorti magħżula sabiex tagħti kunsiderazzjoni xierqa lill-għażla tal-partijiet: meta l-partijiet ikunu għażlu qorti speċifika, il-qorti ma għandhiex tipprevali l-għażla tagħhom b'mod faċli.[177]

*Artikolu 6 L-obbligi ta' qorti li mhijiex magħżula*

141. L-Artikolu 6 huwa t-tieni "dispożizzjoni ewlenija" tal-Konvenzjoni. Bħal dispożizzjonijiet oħrajn, din id-dispożizzjoni tapplika biss jekk il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jkun esklussiv u biss jekk il-qorti magħżula tkun tinsab fi Stat Kontraenti.[178] Dan l-Artikolu huwa indirizzat lill-qrati fi Stati Kontraenti minbarra dak tal-qorti magħżula u jitlobhom (ħlief f'ċerti ċirkostanzi speċifikati) biex ma jisimgħux il-kawża, jiġifieri, biex jissospendu jew jirrinunzjaw il-proċedimenti, anki jekk ikollhom ġurisdizzjoni skont il-liġi nazzjonali tagħhom. Dan l-obbligu huwa essenzjali jekk irid jiġi rrispettat il-karattru esklussiv tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti.

142. L-Artikolu 6 japplika biss jekk il-partijiet għall-proċedimenti jkunu marbutin bil-ftehim dwar l-għażla tal-qorti. Normalment, huma għandhom ikunu partijiet mill-ftehim, għalkemm, kif rajna aktar 'il fuq,[179] hemm ċirkostanzi fejn xi ħadd li ma jkunx parti mill-ftehim xorta waħda jkun marbut bih.

143. L-eżempju li ġej[180] juri kif il-Konvenzjoni tista' taħdem f'kawżi bejn diversi partijiet. Nassumu li A, li huwa residenti fil-Ġermanja, ibigħ prodotti lil B, li huwa residenti fi Quebec (il-Kanada). Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati tal-Ġermanja. Il-prodotti jitwasslu lejn Quebec u B jbigħhom lil Ċ, li wkoll huwa residenti fi Quebec. Il-kuntratt bejn B u Ċ ma fih ebda klawżola dwar l-għażla tal-qorti. Jekk Ċ jafferma li l-

[170] Para. 88 sa 92.
[171] Ara l-Art. 2(6).
[172] Ara, pereżempju, l-Art. 2(6).
[173] Huwa ovvju li l-Art. 5(3) *(b)* japplika wkoll meta kawża tiġi ttrasferita minn qorti li tinsab f'post wieħed għall-*istess* qorti li tinsab f'post ieħor. Dan jista' jseħħ f'ċerti pajjiżi – pereżempju, fil-Kanada u fl-Awstralja.
[174] Għall-effett ta' ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti fuq it-tneħħija minn qorti tal-Istat għal qorti federali f'kawżi ta' diversità skont il-liġi tal-Istati Uniti qabel il-Konvenzjoni, ara *Dixon* vs. *TSE International Inc.*, 330 F. 3d 396 (5th Cir. 2003); *Roberts & Schaefer Co.* v. *Merit Contracting, Inc.*, 99 F. 3d 248 (7th Cir. 1996).
[175] Ara *supra*, il-para. 136.
[176] Kif użat fl-Art. 5(3) u 8(5), it-terminu "trasferiment" għandu tifsira ġenerali: huwa ma jirriflettix it-terminoloġija li tintuża fi kwalunkwe sistema nazzjonali tal-liġi. Huwa japplika kull meta kawża li tinbeda f'qorti waħda tiġi ttrasferita għal qorti oħra. Dan jista' jseħħ wara ordni mogħtija mill-ewwel qorti invokata (pereżempju, "trasferiment" fit-terminoloġija tal-proċedura federali tal-Istati Uniti) jew wara ordni mogħtija mill-qorti li lilha tiġi ttrasferita l-kawża (pereżempju, "tneħħija" fit-terminoloġija tal-proċedura federali tal-Istati Uniti).
[177] L-effetti ta' trasferiment fuq l-applikazzjoni tal-Art. 6 u 8 huma kkunsidrati hawn taħt; ara l-para. 156 sa 158 u 175 sa 181, *infra*.
[178] Dan isegwi mid-definizzjoni ta' "ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti" fl-Art. 3 *(a)*.
[179] Para. 97.
[180] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra*.


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

prodotti huma difettużi, huwa jista’ jressaq lil B għad-danni fi Quebec. Huwa jista’ wkoll iressaq lil A (għad-danni) fi Quebec (jekk il-qrati ta’ Quebec ikollhom ġurisdizzjoni skont il-liġi tagħhom), minħabba li l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ma jkunx vinkolanti bejn A u Ċ. Madankollu, jekk Ċ tressaq biss lil B għad-danni fi Quebec u, imbagħad, B ikun jixtieq jissieħeb ma’ A bħala parti terza, B ma jkunx jista’ jagħmel dan: il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jkun vinkolanti bejn A u B. Skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-qorti fi Quebec tintalab tissospendi jew tirrinunzja kwalunkwe proċedimenti li B jressaq kontra A.[181] B’hekk, il-Konvenzjoni tipprevali d-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika li jistgħu, fin-nuqqas tal-Konvenzjoni, jippermettu l-konsolidazzjoni ta’ A fi Quebec jew jippermettu lill-qorti teżerċita ġurisdizzjoni fuq il-pretensjoni kontra A.

144. L-Artikolu 6 jitlob lill-qorti sabiex tissospendi jew tirrinunzja l-“proċedimenti li għalihom japplika ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti”. Sabiex tiddetermina jekk il-proċedimenti humiex soġġetti għal dan il-ftehim, il-qorti għandha tinterpretah. Skont l-Artikolu 3 *a)* tal-Konvenzjoni, il-ftehim japplika għat-tilwimiet “li nqalgħu jew jistgħu jinqalgħu b’rabta ma’ relazzjoni legali partikolari”. Fl-interpretazzjoni tal-ftehim, il-qorti għandha tiddeċiedi x’inhi dik ir-relazzjoni u għal-liema tilwimiet japplika l-ftehim. Hija għandha tiddeċiedi, pereżempju, jekk klawżola dwar l-għażla tal-qorti fi ftehim ta’ self tapplikax għal azzjoni ta’ dannu mill-mutwatarju kontra l-mutwanti għall-infurzar tal-ftehim b’mod allegatament abbużiv.

145. Jekk il-proċedimenti jkunu koperti minn ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti, il-qorti għandha tissospendi jew tirrinunzja dawn il-proċedimenti, sakemm ma tapplikax waħda mill-eċċezzjonijiet.

146. **Ħames eċċezzjonijiet.** L-Artikolu 6 jistabbilixxi ħames eċċezzjonijiet għar-regola li l-proċedimenti għandhom jiġu sospiżi jew irrinunzjati. Meta tapplika waħda mill-eċċezzjonijiet, il-projbizzjoni kontra s-seduta ta’ smigħ titneħħa. Il-Konvenzjoni ma twaqqafx lill-qorti milli teżerċita tali ġurisdizzjoni li jista’ jkollha skont il-liġi tagħha stess. Madankollu, l-Artikolu 6 ma joħloqx bażi ta’ ġurisdizzjoni abbażi tal-Konvenzjoni, u lanqas ma *jitlob* lill-qorti invokata sabiex teżerċita kwalunkwe ġurisdizzjoni li teżisti skont il-liġi tagħha: il-liġi tal-qorti invokata tiddetermina jekk hija għandhiex ġurisdizzjoni jew le[182] u jekk hija tistax teżerċita dik il-ġurisdizzjoni jew le.[183]

147. Il-paragrafi *a)* u *b)* tal-Artikolu 6 jikkorrespondu għad-dispożizzjoni ta’ “null u bla effett” fl-Artikolu II(3) tal-*Konvenzjoni* ta’ New York tal-1958 *dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta’ Deċiżjonijiet ta’ Arbitraġġ Barranin*, filwaqt li l-paragrafi *d)* u *e)* ikopru l-istess bażi bħala “mhux operattivi jew li ma jistgħux jitwettqu” fl-istess dispożizzjoni tal-Konvenzjoni ta’ New York. Il-paragrafu *ċ)* tal-Artikolu 6 kien neċessarju minħabba li, skont il-Konvenzjoni, il-qorti invokata iżda mhux magħżula normalment tkun tista’ tapplika l-liġi tagħha stess sabiex tiddetermina l-validità tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti; għalhekk, kellha ssir eċċezzjoni għall-kawża fejn l-għoti ta’ effett lill-ftehim iwassal għal inġustizzja ċara jew imur b’mod ċar kontra l-ordni pubbliku tal-Istat tal-qorti invokata. Dawn l-eċċezzjonijiet jistgħu jidhru aktar kumplessi minn dawk fil-Konvenzjoni ta’ New York, iżda jekk jiġu eżaminati aktar mill-qrib jinstab li huma simili għal u mhux aktar ġenerali minn dawk fil-Konvenzjoni ta’ New York. Din kienet ukoll l-intenzjoni ċara tas-Sessjoni Diplomatika. Il-kumplessità evidenti tad-dispożizzjonijiet hija dovuta għall-fatt li s-Sessjoni Diplomatika kienet qiegħda timmira għal ċarezza u preċiżjoni akbar minn dawk li jinstabu fid-dispożizzjonijiet pjuttost skeletali tal-Artikolu II(3) tal-Konvenzjoni ta’ New York. Madankollu, il-każistika skont il-Konvenzjoni ta’ New York tista’ tipprovdi gwida siewja għall-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni.

148. L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet – fis-subparagrafi *a)* u *b)* – huma pjuttost standard, iżda t-tielet u r-raba’ – fis-subparagrafi *ċ)* u *d)* – huma intiżi biex japplikaw biss fl-aktar ċirkostanzi eċċezzjonali. Li kieku dawn l-aħħar żewġ eċċezzjonijiet kellhom jiġu applikati b’mod wiesa’ żżejjed, l-iskop kollu tal-Konvenzjoni jispiċċa jiddgħajjef.

149. **L-ewwel eċċezzjoni: null u bla effett.** L-ewwel eċċezzjoni hija meta l-ftehim ikun null u bla effett fuq kwalunkwe bażi, inkluża inkapaċità, skont il-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula.[184] Din hija l-kontroparti tad-dispożizzjoni fl-Artikolu 5(1).[185] Madankollu, filwaqt li, skont l-Artikolu 5(1), il-qorti invokata tkun il-qorti magħżula skont il-ftehim tal-partijiet u tapplika l-liġi tagħha stess, skont l-Artikolu 6 *a)*, il-qorti invokata (iżda mhux magħżula) ma tkunx qiegħda tapplika l-liġi tagħha stess.[186] Din hija differenti mill-Konvenzjoni ta’ New York tal-1958, li ma tispeċifikax liema liġi għandha tiġi applikata sabiex tiġi ddeterminata l-validità ta’ ftehim ta’ arbitraġġ.[187] Billi jispeċifika l-liġi applikabbli, l-Artikolu 6 *a)* tal-Konvenzjoni jgħin sabiex jiġi żgurat li l-qorti invokata u l-qorti magħżula jagħtu sentenzi konsistenti dwar il-validità tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti.

150. **It-tieni eċċezzjoni: inkapaċità.** It-tieni eċċezzjoni hija fejn parti minnhom ma kellhiex il-kapaċità li tikkonkludi l-ftehim skont il-liġi tal-Istat tal-qorti invokata.[188] Hawnhekk ukoll, “liġi” tinkludi r-regoli dwar l-għażla tal-liġi ta’ dak l-Istat.[189] Fit-teħid ta’ deċiżjoni dwar jekk il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti huwiex null u bla effett, il-liġi tal-qorti magħżula għandha tiġi applikata

[181] Ara l-Minuti Nru 2 tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II, il-para. 11 u 12.

[182] Jekk, fi kwalunkwe każ, il-qorti ma jkollha ebda ġurisdizzjoni skont il-liġi tagħha, hija ma jkollhiex għaliex tikkunsidra jekk tapplikax kwalunkwe waħda mill-eċċezzjonijiet skont l-Art. 6.

[183] Pereżempju, skont il-liġi applikata mill-qorti, hija tista’ titwaqqaf milli teżerċita l-ġurisdizzjoni minħabba regola ta’ *lis pendens*.

[184] Għandu jkun imfakkar li “il-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula” tinkludi r-regoli dwar l-għażla tal-liġi ta’ dak l-Istat.

[185] Diskussa hawn fuq fil-para. 125 *et seq.*

[186] Ara n-nota 159, *supra.*

[187] Ara l-Art. II(3).

[188] Fl-Art. 6 *(b)* u 9 *(b)*, “parti” tirreferi għal waħda mill-partijiet oriġinali fil-ftehim dwar l-għażla tal-qorti, mhux għal xi persuna oħra li hija parti mill-proċedimenti.

[189] Ara l-para. 125, *supra.*

mill-qrati fl-Istati Kontraenti kollha skont l-Artikoli 5, 6 u 9. Madankollu, fil-każ ta' kapaċità, kien meqjus bħala ambizzjuż wisq li tiġi stipulata regola uniformi dwar l-għażla tal-liġi għall-Istati Kontraenti kollha; għaldaqstant, skont l-Artikolu 6 *b)*, il-qorti invokata tapplika wkoll il-liġi nnominata permezz tar-regoli tagħha dwar l-għażla tal-liġi għall-kwistjoni tal-kapaċità.[190] Billi n-nuqqas ta' kapaċità jrendi wkoll il-ftehim f'wieħed null u bla effett f'termini tal-Artikolu 6 *a)*, dan ifisser li l-kapaċità hija ddeterminata *kemm* mil-liġi tal-qorti magħżula *kif ukoll* mil-liġi tal-qorti invokata.[191] Jekk, skont waħda mil-liġijiet, parti minnhom ma kellhiex il-kapaċità li tikkonkludi l-ftehim, il-qorti invokata ma tintalabx tissospendi jew tirrinunzja l-proċedimenti.

151. **It-tielet eċċezzjoni (l-ewwel parti): inġustizzja ċara.** It-tielet eċċezzjoni hija fejn l-għoti ta' effett lill-ftehim iwassal għal "inġustizzja ċara" jew "imur b'mod ċar kontra l-ordni pubbliku tal-Istat tal-qorti invokata". F'xi sistemi legali, l-ewwel frażi titqies bħala li hija koperta mit-tieni. L-avukati minn dawk is-sistemi jqisu li huwa assjomatiku li ftehim li jwassal għal inġustizzja ċara bilfors ikun imur kontra l-ordni pubbliku. Fil-każ ta' sistemi legali bħal dawn, l-ewwel frażi tista' tkun żejda. Madankollu, f'sistemi legali oħrajn, il-kunċett ta' ordni pubbliku jirreferi għal interessi ġenerali – l-interessi tal-pubbliku b'mod ġenerali – minflok l-interessi ta' xi individwu partikolari, inkluża parti. Huwa għal din ir-raġuni li ż-żewġ frażijiet huma meħtieġa.

152. Il-frażi "inġustizzja ċara" tista' tkopri l-każ eċċezzjonali fejn waħda mill-partijiet ma tiksibx proċess ġust fl-Istat barrani, forsi minħabba preġudizzju jew korruzzjoni, jew fejn kien hemm raġunijiet oħrajn speċifiċi għal dik il-parti li jwaqqfuha milli tressaq jew tiddefendi l-proċedimenti fil-qorti magħżula. Hija tista' tkun marbuta wkoll maċ-ċirkostanzi partikolari li fihom kien konkluż il-ftehim – pereżempju, jekk kien ir-riżultat ta' frodi. L-istandard huwa intiż biex ikun għoli: id-dispożizzjoni ma tippermettix lil qorti tinjora ftehim dwar l-għażla tal-qorti sempliċiment minħabba li ma jkunx vinkolanti skont il-liġi domestika.

153. **It-tielet eċċezzjoni (it-tieni parti): l-ordni pubbliku.** Il-frażi "imur b'mod ċar kontra l-ordni pubbliku tal-Istat tal-qorti invokata" hija intiża biex tiffissa livell limitu għoli. Hija tirreferi għal normi jew prinċipji bażiċi ta' dak l-Istat; hija ma tippermettix lill-qorti invokata tisma' l-kawża sempliċiment minħabba li l-qorti magħżula tista' tikser, b'xi mod tekniku, regola obbligatorja tal-Istat tal-qorti invokata.[192] Bħal fil-każ ta' inġustizzja ċara, l-istandard huwa intiż biex ikun għoli: id-dispożizzjoni ma tippermettix lil qorti tinjora ftehim dwar l-għażla tal-qorti sempliċiment minħabba li ma jkunx vinkolanti skont il-liġi domestika.

154. **Ir-raba' eċċezzjoni: ma jkunx jista' jitwettaq.** Ir-raba' eċċezzjoni hija fejn għal raġunijiet eċċezzjonali li mhumiex fil-kontroll tal-partijiet, il-ftehim ma jkunx jista' jitwettaq b'mod raġonevoli. Din hija intiża biex tapplika għal dawk il-kawżi fejn ma jkunx possibbli li jitressqu proċedimenti quddiem il-qorti magħżula. Is-sitwazzjoni ma għandhiex tkun assolutament impossibbli, iżda għandha tkun eċċezzjonali. Eżempju wieħed ikun fejn ikun hemm gwerra fl-Istat ikkonċernat u l-qrati tiegħu ma jkunux qegħdin jiffunzjonaw. Eżempju ieħor ikun fejn il-qorti magħżula ma tkunx għadha teżisti, jew tkun inbidlek sa tali punt fundamentali li ma tistax tibqa' titqies bħala l-istess qorti. Din l-eċċezzjoni tista' titqies bħala applikazzjoni tad-duttrina ta' frustrazzjoni (jew duttrini simili), fejn kuntratt jitwaqqa' jekk, minħabba bidla mhux antiċipata u fundamentali fiċ-ċirkostanzi wara l-konklużjoni tiegħu, ma jibqax possibbli li jitwettaq.[193]

155. **Il-ħames eċċezzjoni: il-kawża ma tinstemax.** Il-ħames eċċezzjoni hija fejn il-qorti magħżula tkun iddeċidiet li ma tismax il-kawża. Din tista' titqies bħala li koperta mir-raba' eċċezzjoni, iżda hija differenti biżżejjed biex jimmeritaha trattament separat. L-iskop tagħha huwa li tevita ċaħda tal-ġustizzja: għandu jkun possibbli għal qorti li tisma' l-kawża.

156. **Trasferiment tal-kawża.** Kien spjegat aktar 'il fuq[194] li l-Artikolu 5 ma jaffettwax ir-regoli dwar l-allokazzjoni interna tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati ta' Stat Kontraenti. B'hekk, skont l-Artikolu 5(3) *b)*, il-qrati ta' Stat Kontraenti jistgħu jittrasferixxu l-kawża mill-qorti fejn tkun tressqet għal qorti oħra fl-istess Stat Kontraenti. Jekk il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti irrefera b'mod ġenerali għall-qrati tal-Istat inkwistjoni (pereżempju, "il-qrati tal-Iżvezja"), trasferiment lejn qorti oħra f'dak l-Istat ma jkollu ebda konsegwenza fir-rigward tal-Artikolu 6. Is-sentenza xorta waħda tingħata mill-qorti magħżula; għalhekk, l-Artikolu 6 *e)* ma tapplikax. Jekk, min-naħa l-oħra, il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti rrefera għal qorti speċifika f'dak l-Istat (pereżempju, "il-qorti distrettwali ta' Stokkolma"), trasferiment lejn qorti oħra fl-Istat Stat iwassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6 *e)*, minħabba li l-qorti magħżula (il-qorti distrettwali ta' Stokkolma) tkun iddeċidiet li ma tismax il-kawża.

157. **L-ewwel eżempju.** Din id-distinzjoni ssir b'mod aktar ċar jekk nagħtu żewġ eżempji.[195] Fl-ewwel wieħed, il-partijiet jagħżlu "l-qrati tal-Isvezja". Parti waħda tressaq proċedimenti quddiem il-qorti distrettwali ta' Stokkolma u dik il-qorti tittrasferixxi l-kawża lill-qorti distrettwali ta' Göteborg. Billi din tal-aħħar hija wkoll qorti tal-Isvezja, hija tgħodd bħala l-qorti magħżula. Konsegwentement,

[190] Fil-proċedimenti ta' rikonoxximent jew infurzar, il-qorti indirizzata tapplika wkoll ir-regoli tagħha dwar l-għażla tal-liġi meta tiġi biex tiddeċiedi fuq kwistjonijiet ta' kapaċità skont l-Art. 9 *(b)*: ara *infra,* il-para. 184.

[191] Ara l-Minuti Nru 8 tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II, il-para. 50 sa 59.

[192] Hawnhekk, il-frażi "ordni pubbliku" tinkludi l-ordni pubbliku internazzjonali tal-Istat ikkonċernat: ara l-Minuti Nru 9 tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-Ġurisdizzjoni, ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Sentenzi Barranin fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali (mill-21 sas-27 ta' April 2004), pp. 1 sa 3.

[193] Skont il-liġi Ġermaniża, pereżempju, dan jista' jiġi kopert mid-duttrina ta' *Wegfall der Geschäftsgrundlage.*

[194] Ara *supra*, il-para. 139 *et seq.*

[195] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra.*

wieħed ma jistax jgħid li l-qorti magħżula ddeċidiet li ma tismax il-kawża. L-Artikolu 6 *e)* ma japplikax. Għalhekk, jekk parti waħda tressaq l-istess kawża quddiem qorti fir-Russja, il-qorti Russa tintalab mill-Artikolu 6 sabiex tissospendi jew tirrinunzja l-proċedimenti.

158. **It-tieni eżempju.** Jekk, min-naħa l-oħra, il-partijiet ikunu għażlu "l-qorti distrettwali ta' Stokkolma" u, meta l-proċedimenti tressqu quddiem dik il-qorti, din tkun ittrasferiet il-kawża lill-qorti distrettwali ta' Göteborg, il-qorti magħżula tkun iddeċidiet li ma tismax il-kawża. Hawn japplika l-Artikolu 6 *e)*: il-qorti distrettwali ta' Göteborg ma tkunx il-qorti magħżula. Għalhekk, li kieku waħda mill-partijiet kellha tibda proċedimenti fir-Russja, il-qorti Russa ma tkunx prekluża mill-Artikolu 6 milli tisma' l-kawża.[196]

159. Meta l-qorti li lilha ġiet ittrasferita l-kawża tkun tat is-sentenza tagħha, l-Artikoli 8 u 9 jiddeterminaw jekk dik is-sentenza għandhiex tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stati Kontraenti oħrajn. Meta qorti tkun intitolata bis-saħħa tat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(5) illi tirrifjuta li tirrikonoxxi jew tinforza s-sentenza ta' qorti li lilha tkun ġiet ittrasferita l-kawża mill-qorti magħżula, hija ma tkunx prekluża mill-Artikolu 6 milli hija stess tisma' l-proċedimenti jekk japplika l-Artikolu 6 e).

### *Artikolu 7 Miżuri provviżorji ta' protezzjoni*

160. L-Artikolu 7 jgħid li l-miżuri provviżorji ta' protezzjoni mhumiex irregolati minn din il-Konvenzjoni. Huwa la jesiġi u lanqas jippreklludi l-għoti, ir-rifjut jew it-terminazzjoni ta' tali miżuri minn qorti ta' Stat Kontraenti u ma jaffettwax id-dritt ta' parti li titlob li jittieħdu miżuri bħal dawn. Dan jirreferi primarjament għall-miżuri provviżorji (temporanji) maħsuba biex jipproteġu l-pożizzjoni ta' waħda mill-partijiet, sakemm tingħata sentenza mill-qorti magħżula,[197] għalkemm jista' jkopri wkoll il-miżuri mogħtija wara s-sentenza li huma intiżi biex jiffaċilitaw l-infurzar tagħha. Ordni li tiffriża l-assi tal-konvenut hija eżempju ovvju. Eżempju ieħor huwa inġunzjoni provviżorja li twaqqaf lill-konvenut milli jagħmel xi ħaġa li hija allegata bħala ksur tad-drittijiet tar-rikorrent. It-tielet eżempju huwa ordni għall-preżentazzjoni ta' evidenza sabiex tintuża fil-proċedimenti quddiem il-qorti magħżula. Dawn il-miżuri kollha huma maħsuba biex jappoġġjaw il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti billi jagħmluh aktar effettiv. B'hekk, huma jgħinu sabiex jintlaħaq l-għan tal-Konvenzjoni. Madankollu, huma xorta waħda jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

161. Qorti li tagħti miżura provviżorja ta' protezzjoni tagħmel dan skont il-liġi tagħha stess. Il-Konvenzjoni ma titlobx li tingħata l-miżura, iżda lanqas ma tipprekludi lill-qorti milli tagħtiha. Il-qrati fi Stati Kontraenti oħrajn mhumiex mitluba li jirrikonoxxuha jew jinfurzawha; madankollu, mhumiex imwaqqfa milli jagħmlu dan. Kollox jiddependi fuq il-liġi nazzjonali.

162. Huwa ovvju li l-qorti nnominata fil-ftehim dwar l-għażla tal-qorti tista' tagħti kwalunkwe miżura provviżorja li taħseb li hija xierqa. Jekk miżura provviżorja – pereżempju, inġunzjoni – mogħtija minn dik il-qorti sussegwentement issir permanenti, hija tkun infurzabbli skont il-Konvenzjoni fi Stati Kontraenti oħrajn.[198] Jekk hija sempliċiment temporanja, mela allura ma tikkostitwixxi ebda "sentenza" kif definita mill-Artikolu 4(1).[199] F'kawża bħal din, il-qrati fi Stati Kontraenti oħrajn jistgħu jinfurzawha skont il-liġi nazzjonali tagħhom, iżda ma jkunux obbligati jagħmlu dan skont il-Konvenzjoni.

163. Jekk, wara li l-qorti magħżula tkun tat is-sentenza tagħha,[200] jitressqu proċedimenti sabiex dik is-sentenza tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stat Kontraenti fejn ingħataw miżuri provviżorji, l-Istat rikjest jintalab, skont l-Artikolu 8, sabiex jirrevoka l-miżuri provviżorji (jekk għadhom fis-seħħ) sal-punt li dawn kienu inkonsistenti mal-obbligi tal-Istat rikjest skont il-Konvenzjoni. Pereżempju, jekk qorti oħra minbarra dik magħżula tagħti ordni għall-iffriżar tal-assi sabiex tipproteġi dritt mitlub mir-rikorrent, iżda l-qorti magħżula tiddeċiedi li r-rikorrent ma għandux dan id-dritt, il-qorti li tkun tat l-ordni għall-iffriżar tal-assi għandha tirtira din l-ordni meta s-sentenza tal-qorti magħżula tkun soġġetta għal rikonoxximent skont il-Konvenzjoni u l-qorti li tkun tat l-ordni għall-iffriżar tal-assi tintalab sabiex tirrikonoxxiha.

### *Artikolu 8 Rikonoxximent u infurzar*

164. L-Artikolu 8 huwa t-tielet "dispożizzjoni ewlenija" fil-Konvenzjoni. Huwa jgħid li sentenza mogħtija minn qorti fi Stat Kontraenti nnominata fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti għandha tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stati Kontraenti oħrajn.[201] Għaldaqstant, l-ewwel u l-aktar kundizzjoni importanti għar-rikonoxximent u l-infurzar hija l-eżistenza ta' ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti li jinnomina l-qorti tal-oriġini, li għandha tkun fi Stat Kontraenti.[202] Mhuwiex neċessarju li l-qorti tkun effettivament ibbażat il-ġurisdizzjoni tagħha fuq il-ftehim. L-Artikolu 8 ikopri wkoll dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-qorti tal-oriġini, għalkemm innominata fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti, tkun ibbażat il-ġurisdizzjoni tagħha fuq xi bażi oħra, bħad-domiċilju tal-konvenut.

165. ***Révision au fond.*** L-Artikolu 8(2) jipprojbixxi r-rieżami fir-rigward tal-merti tas-sentenza (għalkemm jippermetti tali rieżami limitat kif meħtieġ sabiex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-Konvenzjoni). Din hija dispożizzjoni standard f'konvenzjonijiet ta' din ix-xorta. Mingħajrha, is-sentenzi barranin jistgħu, f'xi pajjiżi, jiġu riveduti mill-qorti

---

[196] Hija tista' tiddeċiedi li l-liġi tagħha stess titlobha sabiex tirrinunzja l-ġurisdizzjoni (id-duttrina ta' *lis pendens*).

[197] Il-miżura tista' tingħata qabel jew wara li jinbdew il-proċedimenti fil-qorti magħżula.

[198] Art. 8.

[199] Ara l-para. 116, *supra*.

[200] Għandu jiġi mfakkar li, skont l-Art. 4(1) tal-Konvenzjoni, "sentenza" tfisser deċiżjoni fuq il-merti.

[201] Madankollu, is-Sessjoni Diplomatika fehmet li Stat Kontraenti mhuwiex obbligat li jinforza sentenza għal rimedju mhux monetarju jekk dan ma jkunx possibbli taħt is-sistema legali tiegħu. Madankollu, huwa għandu jagħti lis-sentenza barranija l-effett massimu li huwa possibbli skont il-liġi interna tiegħu. Ara l-para. 89, *supra*.

[202] Il-pożizzjoni fejn il-qorti magħżula tittrasferixxi l-kawża lil qorti oħra fl-istess Stat Kontraenti hija ttrattata mill-Art. 8(5).

indirizzata bħallikieku kienet qorti tal-appell li tisma' appell mill-qorti tal-oriġini.

166. **Sejbiet fattwali.** It-tieni sentenza tal-Artikolu 8(2) tgħid li l-qorti indirizzata tkun marbuta mis-sejbiet fattwali li fuqhom il-qorti tal-oriġini bbażat il-ġurisdizzjoni tagħha, sakemm is-sentenza ma tkunx ingħatat b'kontumaċja. F'din id-dispożizzjoni, "ġurisdizzjoni" tfisser ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni; għalhekk, l-Artikolu 8(2) ma japplikax meta l-qorti tal-oriġini tkun ibbażat il-ġurisdizzjoni tagħha fuq xi bażi oħra minbarra l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti. Meta, min-naħa l-oħra, il-qorti tal-oriġini tkun ibbażat il-ġurisdizzjoni tagħha fuq il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti, id-dispożizzjoni tapplika għas-sejbiet fattwali li huma marbuta mal-validità formali jew sostantiva tal-ftehim, inkluża l-kapaċità tal-partijiet li jikkonkluduh. B'hekk, meta l-qorti indirizzata tkun qiegħda tapplika, *eż.*, l-Artikolu 8(1) u tkun trid tiddetermina jekk il-qorti tal-oriġini kinitx "innominata fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti", hija jkollha taċċetta s-sejbiet fattwali magħmula mill-qorti tal-oriġini. Madankollu, hija ma jkollhiex għaliex taċċetta l-evalwazzjoni legali ta' dawk il-fatti minnha. Pereżempju, jekk il-qorti tal-oriġini ssib li l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti kien konkluż b'mezzi elettroniċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3 *ċ) ii)*, il-qorti indirizzata tkun marbuta bis-sejba li l-ftehim kien konkluż b'mezzi elettroniċi. Madankollu, hija xorta waħda tista' tiddeċiedi li l-Artikolu 3 *ċ) ii)* ma kienx issodisfat minħabba li l-livell ta' aċċessibbiltà ma kienx biżżejjed sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 3 *ċ) ii)*. L-istess regola tapplika għall-kwistjoni tal-kapaċità skont l-Artikolu 9 *b)*: il-qorti indirizzata tkun marbuta bis-sejbiet fattwali li tkun għamlet il-qorti tal-oriġini fuq din il-kwistjoni, iżda hija tevalwa dawn il-fatti skont il-liġi tagħha stess.[203]

167. Il-pożizzjoni hija differenti fir-rigward tar-raġunijiet tan-nuqqas ta' rikonoxximent stipulati fis-subparagrafi *ċ), d)* u *e)* tal-Artikolu 9. Dawn ma jikkonċernawx il-ġurisdizzjoni skont din il-Konvenzjoni, iżda l-politika pubblika u l-ġustizzja proċedurali. B'hekk, il-qorti indirizzata għandha tkun tista' tiddeċiedi għaliha nnifisha, b'konformità ma' dawn is-subparagrafi, jekk il-konvenut kienx innotifikat; jekk kienx hemm frodi; jew jekk kienx hemm proċess ġust: sejba mill-imħallef tal-oriġini li huwa ma xxaħħamx, pereżempju, ma tistax tkun vinkolanti fuq il-qorti indirizzata.[204]

168. L-istess jgħodd fir-rigward tal-ġustizzja proċedurali taħt is-subparagrafu *e)*. Nassumu li l-konvenut jirreżisti r-rikonoxximent u l-infurzar fuq il-bażi li l-proċedimenti kienu inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja proċedurali tal-Istat rikjest. Huwa jsostni li ma setax imur fl-Istat tal-oriġini biex jiddefendi l-kawża minħabba li kien ikun fil-periklu li jispiċċa arrestat għal raġunijiet politiċi. Sejba mill-qorti tal-oriġini li turi li dan ma kienx minnu ma tistax tkun vinkolanti fuq il-qorti indirizzata. Fejn huma kkonċernati kwistjonijiet ta' ġustizzja proċedurali, il-qorti indirizzata għandha tkun tista' tiddeċiedi għaliha nnifisha.

169. Ir-riżultat huwa kif ġej: id-deċiżjonijiet mill-qorti tal-oriġini fuq il-merti tal-kawża ma jistgħux jiġu riveduti mill-qorti indirizzata, irrispettivament minn jekk ikunux marbuta ma' kwistjonijiet ta' fatt jew liġi; id-deċiżjonijiet mill-qorti tal-oriġini dwar il-validità u l-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ma jistgħux jiġu riveduti safejn ikunu marbutin ma' kwistjonijiet ta' fatt;[205] id-deċiżjonijiet mill-qorti tal-oriġini fuq il-bażi għal rifjut taħt is-subparagrafi *ċ), d)* u *e)* mhumiex vinkolanti fuq il-qorti indirizzata, irrispettivament minn jekk humiex marbutin ma' fatt jew liġi.

170. **"Rikonoxximent" u "infurzar".** L-Artikolu 8(3) jgħid li sentenza tkun rikonoxxuta biss jekk ikollha effett fl-Istat tal-oriġini u tkun infurzata biss jekk tista' tiġi infurzata fl-Istat tal-oriġini. Dan iwassal għad-distinzjoni bejn rikonoxximent u infurzar. Rikonoxximent ifisser li l-qorti indirizzata tagħti effett lid-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi legali magħmula mill-qorti tal-oriġini. Pereżempju, jekk il-qorti tal-oriġini ssostni li r-rikorrent kellu, jew ma kellux, dritt partikolari, il-qorti indirizzata taċċetta li dan huwa l-każ.[206] Infurzar ifisser l-applikazzjoni l-applikazzjoni tal-proċeduri legali tal-qorti indirizzata sabiex ikun żgurat li l-konvenut jobdi s-sentenza mogħtija mill-qorti tal-oriġini. B'hekk, jekk il-qorti tal-oriġini tiddeċiedi li l-konvenut għandu jħallas lir-rikorrent is-somma ta' 1000 euro, il-qorti indirizzata għandha tiżgura li l-flus jiġu ttrasferiti lir-rikorrent. Minħabba li dan ikun legalment indifendibbli jekk il-konvenut ma kellux jagħti s-somma ta' 1000 euro lir-rikorrent, deċiżjoni li tinforza s-sentenza għandha loġikament tkun ippreċeduta jew akkumpanjata mir-rikonoxximent tas-sentenza. B'kuntrast ma' dan, ir-rikonoxximent ma għandux bżonn ikun akkumpanjat jew segwit minn infurzar. Pereżempju, jekk il-qorti tal-oriġini ssostni li l-konvenut ma kellu jagħti ebda flus lir-rikorrent, il-qorti indirizzata tista' sempliċiment tirrikonoxxi din is-sejba. Għalhekk, jekk ir-rikorrent jerġa' jressaq lill-konvenut għad-danni fuq l-istess pretensjoni quddiem il-qorti indirizzata, ir-rikonoxximent tas-sentenza barranija jkun biżżejjed sabiex tiddisponi mill-kawża.

171. Fid-dawl ta' din id-distinzjoni, huwa faċli li wieħed jara għaliex l-Artikolu 8(3) jgħid li sentenza tkun rikonoxxuta biss jekk ikollha effett fl-Istat tal-oriġini. Ikollha effett tfisser li tkun legalment valida u operattiva. Jekk ma jkollhiex effett, hija ma tikkostitwixxix determinazzjoni valida tad-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet. B'hekk, jekk ma jkollhiex effett fl-Istat tal-oriġini, hija ma għandhiex tiġi rikonoxxuta skont il-Konvenzjoni fi kwalunkwe Stat Kontraenti ieħor. Barra minn hekk, jekk

[203] Madankollu, meta tapplika l-Art. 9 *(a)*, il-qorti indirizzata mhux biss tkun marbuta bis-sejbiet fattwali skont l-Art. 8(2), iżda wkoll bl-evalwazzjoni legali (pożittiva) tal-qorti tal-oriġini fir-rigward tal-validità tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti, ara *infra*, il-para. 182.

[204] L-istess japplika għal sejba minn qorti tal-appell li l-imħallef tal-ewwel istanza ma kienx ħati ta' korruzzjoni.

[205] Madankollu, meta tapplika l-Art. 9 *(a)*, il-qorti indirizzata mhux biss tkun marbuta bis-sejbiet fattwali skont l-Art. 8(2), iżda wkoll bl-evalwazzjoni legali (pożittiva) tal-qorti tal-oriġini fir-rigward tal-validità tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti, ara *infra*, il-para. 182.

[206] Jekk il-qorti tal-oriġini tat sentenza ta' dikjarazzjoni fuq l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' relazzjoni legali partikolari bejn il-partijiet, il-qorti indirizzata taċċetta dik is-sentenza bħala li tiddetermina l-kwistjonijiet li jiġu quddiemha.


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

ma jibqax ikollha effett fl-Istat tal-oriġini, minn hemm 'il quddiem, is-sentenza ma għandhiex tiġi rikonoxxuta skont il-Konvenzjoni fi Stati Kontraenti oħrajn.[207]

172. Bl-istess mod, jekk is-sentenza ma tkunx tista' tiġi infurzata fl-Istat tal-oriġini, hija ma għandhiex tiġi infurzata xi mkien ieħor skont il-Konvenzjoni. Ovvjament, huwa possibbli li s-sentenza tkun effettiva fl-Istat tal-oriġini mingħajr ma tkun infurzabbli hemmhekk. L-infurzabbiltà tista' tiġi sospiża sakemm jinqata' appell (awtomatikament jew minħabba li l-qorti tkun ordnat hekk). F'każ bħal dan, l-infurzar ma jkunx possibbli fi Stati Kontraenti oħrajn sakemm il-kwistjoni tiġi riżolta fl-Istat tal-oriġini. Barra minn hekk, jekk is-sentenza ma tibqax tkun tista' tiġi infurzata fl-Istat tal-oriġini, minn hemm 'il quddiem ma għandhiex tiġi infurzata fi Stat Kontraenti ieħor skont il-Konvenzjoni.[208]

173. **Sentenzi soġġetti għal rieżami.** L-Artikolu 8(4) jgħid li r-rikonoxximent jew l-infurzar jista' jiġi pospost jew irrifjutat jekk is-sentenza tkun soġġetta għal rieżami fl-Istat tal-oriġini jew jekk it-terminu preskrittiv biex jintalab rieżami ordinarju[209] ma jkunx skada.[210] Dan ifisser li l-qorti indirizzata tista' tipposponi jew tirrifjuta r-rikonoxximent jew l-infurzar jekk, u sakemm, is-sentenza tista' titpoġġa fil-ġenb jew tiġi emendata minn qorti oħra fl-Istat tal-oriġini. Madankollu, hija mhijiex obbligata li tagħmel dan.[211] Xi qrati jistgħu jippreferu li jinfurzaw is-sentenza.[212] Jekk sussegwentement din titwarrab fl-Istat tal-oriġini, il-qorti indirizzata tirrevoka l-infurzar. Il-kreditur tas-sentenza jista' jintalab jipprovdi garanzija sabiex jiżgura li d-debitur tas-sentenza ma jiġix ippreġudikat.

174. L-Artikolu 8(4) jagħti lill-qorti indirizzata l-għażla li tissospendi l-proċess tal-infurzar jew inkella tirrifjuta li tinforza s-sentenza. Madankollu, huwa jgħid ukoll li jekk il-qorti indirizzata tagħżel l-għażla tal-aħħar, dan ma jimpedixxi ebda applikazzjoni ġdida għall-infurzar ladarba tiġi kkjarifikata s-sitwazzjoni fl-Istat tal-oriġini. Għaldaqstant, hawnhekk, rifjut ifisser tkeċċija mingħajr preġudizzju.

175. **Proċedimenti ttrasferiti.** L-Artikolu 8(1) jgħid li s-sentenza kellha tingħata minn qorti nnominata fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti. Ser ikun imfakkar li l-Artikolu 5(3) *b)* jippermetti li kawża tiġi ttrasferita mill-qorti fejn tressqu l-proċedimenti għal qorti oħra fl-istess Stat Kontraenti. Kif ġie spjegat fuq,[213] dan ma jikkawża ebda problema jekk il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti nnomina l-qrati ta' Stat Kontraenti b'mod ġenerali (pereżempju, "il-qrati tal-Isvezja"). Madankollu, jekk huwa nnomina qorti partikolari (pereżempju, "il-qorti distrettwali ta' Stokkolma") u dik il-qorti tittrasferixxi l-kawża lil qorti oħra (pereżempju, il-qorti distrettwali ta' Göteborg), sentenza mogħtija minn din tal-aħħar ma titqiesx bħala sentenza mogħtija mill-qorti nnominata: hija ma tkunx konformi mat-termini tal-Artikolu 8(1).

176. Madankollu, l-Artikolu 8(5) jgħid li l-Artikolu 8 japplika wkoll għal sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Kontraenti skont trasferiment[214] tal-kawża kif permess mill-Artikolu 5(3). B'hekk, l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 hija estiża sabiex tkopri kawżi bħal dawn. Madanakollu, l-Artikolu 8(5) jgħid ukoll li, fejn il-qorti magħżula jkollha d-diskrezzjoni li tittrasferixxi l-kawża, ir-rikonoxximent jew l-infurzar tas-sentenza jista' jiġi rrifjutat kontra parti li tkun oġġezzjonat għat-trasferiment b'mod f'waqtu fl-Istat tal-oriġini. Meta tapplika din il-kundizzjoni, l-estensjoni tal-Artikolu 8 ma tibqax titħaddem.

177. Il-kundizzjoni tapplika biss meta l-qorti magħżula jkollha d-diskrezzjoni biex tagħmel it-trasferiment. F'xi pajjiżi, trasferiment jista' jsir f'ċerti ċirkostanzi u l-qorti kkonċernata ma jkollha ebda diskrezzjoni. Il-kundizzjoni ma tapplikax f'kawżi bħal dawn. Madankollu, f'pajjiżi oħrajn, il-qorti li quddiemha jitressqu l-proċedimenti jkollha diskrezzjoni sabiex tiddeċiedi dwar jekk it-trasferiment għandux isir jew le. Dan ta' spiss isir għall-konvenjenza tal-partijiet u tax-xhieda, fl-interessi tal-

---

[207] Waqt id-Dsatax-il Sessjoni Diplomatika li saret f'Ġunju 2001, iddaħħal it-test li ġej, f'parentesi kwadri, fl-Art. 25 tal-abbozz ta' Konvenzjoni preliminari tal-1999: "Sentenza msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi rikonoxxuta miż-żmien u sakemm hija tipproduċi l-effetti tagħha fl-Istat tal-oriġini." It-test attwali kien intiż mill-Għoxrin Sessjoni Diplomatika, li saret f'Ġunju 2005, biex ikollu l-istess tifsira.

[208] Waqt id-Dsatax-il Sessjoni Diplomatika li saret f'Ġunju 2001, iddaħħal it-test li ġej, f'parentesi kwadri, fl-Art. 25 tal-abbozz ta' Konvenzjoni preliminari tal-1999: "Sentenza msemmija fil-paragrafi preċedenti għandha tkun infurzabbli miż-żmien u sakemm hija tkun infurzabbli fl-Istat tal-oriġini." It-test attwali kien intiż mill-Għoxrin Sessjoni Diplomatika, li saret f'Ġunju 2005, biex ikollu l-istess tifsira.

[209] "Rieżami ordinarju" mhuwiex kunċett magħruf mal-biċċa l-kbira tas-sistemi tal-liġi komuni. Huwa jkopri kull forma ordinarja ta' appell. Għal diskussjoni, ara r-Rapport minn Peter Schlosser dwar il-*Konvenzjoni tal-Adeżjoni tad-9 ta' Ottubru 1978 tar-Renju tad-Danimarka, tal-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq għall-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali,* ĠU 1979 C 59, p. 71, fil-para. 195 sa 204.

[210] F'kawżi ta' infurzar, din ir-regola tiġi applikata biss jekk l-infurzar tas-sentenza ma jkunx ġie sospiż fl-Istat tal-oriġini minħabba l-appell. Jekk ikun ġie sospiż, mela allura tapplika r-regola fl-Art. 8(3): ara l-para. 171, *supra.* Dwar ir-rikonoxximent ara l-para. 171, *supra.*

[211] Dan huwa indikat mill-użu ta' "tista'" minflok "għandha" fl-Art. 8(4). F'xi sistemi legali, dan ikun biżżejjed sabiex il-qrati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom fir-rigward ta' jekk jipposponux jew jirrifjutawx ir-rikonoxximent jew le. F'sistemi legali fejn dan ma jkunx il-każ, tista' tiġi adottata leġiżlazzjoni li tippermetti lill-qrati jeżerċitaw diskrezzjoni f'dan ir-rigward. Id-diskrezzjoni permessa skont l-Art. 8(4) tista' tiġi eżerċitata wkoll mil-leġiżlatur, f'liema każ il-leġiżlazzjoni nnifisha tispeċifika jekk il-qrati humiex ser jipposponu jew jirrifjutaw ir-rikonoxximent u, jekk iva, f'liema ċirkostanzi.

[212] Dan jassumi li s-sentenza għadha tista' tiġi infurzata fl-Istat tal-oriġini.

[213] Para. 156 sa 158.

[214] Kif użat fl-Art. 5 u fl-Art. 8, "trasferiment" huwa terminu ġenerali u ma jirreferix għat-terminoloġija ta' kwalunkwe sistema ta' liġi nazzjonali. Huwa japplika kull meta kawża li tinbeda f'qorti waħda tiġi ttrasferita lil qorti oħra. Dan jista' jseħħ wara ordni mill-ewwel qorti invokata (pereżempju, "trasferiment" fit-terminoloġija tal-proċedura federali tal-Istati Uniti) jew wara ordni mill-qorti li lilha tiġi ttrasferita l-kawża (pereżempju, "tneħħija" fit-terminoloġija tal-proċedura federali tal-Istati Uniti).

ġustizzja.[215] F'kawżi bħal dawn, il-partijiet normalment ikollhom id-dritt li joġġezzjonaw għat-trasferiment u l-qrati fi Stati Kontraenti oħrajn ma jkunux mitluba li jirrikonoxxu jew jinfurzaw is-sentenza kontra parti li tkun għamlet oġġezzjoni fil-ħin xieraq.[216] Min-naħa l-oħra, ovvjament, il-Konvenzjoni ma titlobx lil Stati Kontraenti oħrajn sabiex jirrifjutaw ir-rikonoxximent jew l-infurzar.

178. **L-ewwel eżempju.** Ir-rikorrent iħarrek fil-qorti magħżula u l-konvenut jitlob għal trasferiment lejn qorti li ma kinitx magħżula. Ir-rikorrent joġġezzjona, iżda t-trasferiment isir xorta. Il-qorti li lilha tiġi ttrasferita l-kawża ssib lill-konvenut mhux ħati u tordna li r-rikorrent ibati l-ispejjeż. Tali ordni ma għandhiex bżonn tiġi rikonoxxuta jew infurzata kontra r-rikorrent skont il-Konvenzjoni.

179. **It-tieni eżempju.** Ir-rikorrent iħarrek fil-qorti magħżula u l-konvenut jitlob għal trasferiment lejn qorti li ma kinitx magħżula. Ir-rikorrent joġġezzjona, iżda t-trasferiment isir xorta. Il-qorti li lilha tiġi ttrasferita l-kawża ssib lir-rikorrent mhux ħati u tordna li jingħata kumpens għad-danni. Is-sentenza hija soġġetta għal rikonoxximent u infurzar skont il-Konvenzjoni.

180. **It-tielet eżempju.** Ir-rikorrent iħarrek fil-qorti magħżula u l-qorti tittrasferixxi l-kawża b'mozzjoni tagħha stess lil qorti li ma kinitx magħżula. Il-konvenut joġġezzjona, iżda r-rikorrent ma jagħmilx dan. Il-qorti li lilha tiġi ttrasferita l-kawża ssib lir-rikorrent mhux ħati u tordna li jingħata kumpens għad-danni. Is-sentenza ma għandhiex bżonn tiġi rikonoxxuta jew infurzata kontra l-konvenut skont il-Konvenzjoni.

181. Fl-aħħarnett, għandu jiġi enfasizzat li l-kundizzjoni fl-Artikolu 8(5) tapplika biss meta s-sentenza ma tkunx ingħatat mill-qorti nnominata. Jekk il-qorti li lilha tkun ġiet ittrasferita l-kawża titqies biss bħala l-qorti nnominata – pereżempju, meta l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti innomina l-qrati tal-Istat tal-oriġini b'mod ġenerali ("il-qrati tal-Iżvezja"), mingħajr ma tiġi speċifikata qorti partikolari – l-Artikolu 8(5) ma jidħolx fis-seħħ: is-sentenza tkun ingħatat mill-qorti nnominata u l-kawża taqa' taħt l-Artikolu 8(1). F'kawża bħal din, ma jistax jiġi kkunsidrat li s-sentenza ma tiġix rikonoxxuta jew infurzata fuq il-bażi li l-kawża kienet ittrasferita.

*Artikolu 9* *Rifjut tar-rikonoxximent jew tal-infurzar*

182. **Seba' eċċezzjonijiet.** Filwaqt li l-Artikolu 8 jistabbilixxi l-prinċipju tar-rikonoxximent u tal-infurzar, l-Artikolu 9 jistabbilixxi l-eċċezzjonijiet għalih. *Hemm sebgħa minn dawn, fis-subparagrafi (a)* sa *(f).*[217] Meta dawn japplikaw, il-Konvenzjoni ma titlobx lill-qorti indirizzata biex tirrikonoxxi jew tinforza s-sentenza, għalkemm hija ma tipprekludihiex milli tagħmel dan.[218]

183. **L-ewwel eċċezzjoni: null u bla effett.** L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet jirriflettu dawk fl-Artikolu 6 *(a)* u *(b).* Is-subparagrafu *(a)* jgħid li r-rikonoxximent jew l-infurzar jista' jiġi rrifjutat jekk il-ftehim ikun null u bla effett fuq kwalunkwe bażi, inkluża inkapaċità, skont il-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula.[219] Madankollu, huwa jżid, "sakemm il-qorti magħżula ma tkunx iddeterminat li l-ftehim huwa validu", sabiex b'hekk jindika li l-qorti indirizzata ma tistax tissostitwixxi s-sentenza tagħha għal dik tal-qorti magħżula.[220] L-iskop ta' dan huwa li jiġu evitati deċiżjonijiet kunfliġġenti dwar il-validità tal-ftehim fost Stati Kontraenti differenti: huma lkoll mitluba li japplikaw il-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula u għandhom jirrispettaw kwalunkwe deċiżjoni fuq dan il-punt meħuda minn dik il-qorti.

184. **It-tieni eċċezzjoni: inkapaċità.** It-tieni eċċezzjoni, stabbilita fis-subparagrafu *b),* issegwi l-formulazzjoni tal-Artikolu 6 *b).* Kemm fl-Artikolu 9 *b)* kif ukoll fl-Artikolu 6 *b),* il-kapaċità tiġi ddeterminata mil-liġi tal-forum (inklużi r-regoli tiegħu dwar l-għażla tal-liġi). Madankollu, il-forum huwa differenti fiż-żewġ każijiet: fl-Artikolu 6 *b)* huwa qorti li quddiemha jitressqu proċedimenti inkonsistenti mal-ftehim; fl-Artikolu 9 *b)* huwa l-qorti mitluba sabiex tirrikonoxxi jew tinforza s-sentenza tal-qorti magħżula. Kif issemma qabel, kien maħsub li huwa ambizzjuż wisq li wieħed jipprova jgħaqqad flimkien ir-regoli dwar l-għażla tal-liġi fuq il-kapaċità. Il-punt li sar fil-paragrafu 150, hawn fuq, japplika hawnhekk ukoll: minħabba li n-nuqqas ta' kapaċità jagħmel ukoll il-ftehim null u bla effett f'termini tal-Artikolu 9 *a),* il-kapaċità tiġi ddeterminata kemm mil-liġi tal-qorti magħżula kif ukoll mil-liġi tal-qorti invokata: il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jitqies bħala null u bla effett

[215] Ara, pereżempju, id-dispożizzjoni li tippermetti t-trasferiment ta' kawża minn qorti distrettwali federali waħda għal oħra fl-Istati Uniti: 28 Kodiċi tal-Istati Uniti § 1404(a).

[216] Jekk parti waħda oġġezzjonat u l-oħra le, is-sentenza ma jkollhiex għaliex tiġi rikonoxxuta jew infurzata kontra tal-ewwel, iżda kontra tal-aħħar. Għalhekk, kollox jista' jiddependi fuq jekk kinitx il-parti li rebħet jew il-parti li tilfet illi oġġezzjonat. Kien maqbul mis-Sessjoni Diplomatika li, jekk l-effett tas-sentenza li trid tiġi rikonoxxuta jew infurzata ma jistax jinqasam kontra l-parti A (li hija l-parti li toġġezzjona għat-trasferiment u li titlob ir-rikonoxximent u l-infurzar) u kontra l-parti B (li hija l-parti li ma toġġezzjonax għat-trasferiment u li fil-konfront tagħha jintalbu r-rikonoxximent u l-infurzar) b'konformità mal-liġijiet ta' xi pajjiżi, is-sentenza b'mod ġenerali tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzata skont l-Art. 8(5).

[217] Għal eċċezzjonijiet oħrajn, ara l-Art. 8(5), 10 u 11; ara wkoll l-Art. 20.

[218] Dan huwa indikat mill-użu ta' "jista'" minflok "għandu" fix-*chapeau* għall-Art. 9. F'xi sistemi legali, dan ikun biżżejjed sabiex il-qrati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom fir-rigward ta' jekk jirrifjutawx ir-rikonoxximent jew le. Fejn dan ma jkunx il-każ, l-Istat ikkonċernat jista' jadotta leġiżlazzjoni li tistabbilixxi regoli dwar jekk tali sentenzi għandhomx jiġu rikonoxxuti u infurzati u, jekk iva, taħt liema ċirkostanzi – ovvjament, fil-limiti permessi mill-Art. 9. Fid-diskussjoni dwar l-Art. 9, għandu jiġi mfakkar li dan ir-Rapport jikkonċerna biss ir-rikonoxximent u l-infurzar skont il-Konvenzjoni, mhux ir-rikonoxximent jew l-infurzar skont il-liġi interna.

[219] Il-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula tinkludi r-regoli dwar l-għażla tal-liġi ta' dak l-Istat: ara l-para. 125, *supra*.

[220] Il-fatt li l-qorti tal-oriġini tat sentenza mhux bilfors ifisser li hija kkunsidrat il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti bħala validu: jista' jkun li hija ħadet ġurisdizzjoni fuq xi bażi oħra permessa mil-liġi interna tagħha.

jekk parti[221] ma jkollhiex kapaċità skont waħda mil-liġijiet.[222]

185. **It-tielet eċċezzjoni: notifika.** It-tielet eċċezzjoni, stabbilita fis-subparagrafu *(ċ)*, tippermetti n-nuqqas ta' rikonoxximent jekk il-konvenut ma jkunx ġie nnotifikat kif xieraq.[223] Huma involuti żewġ regoli: l-ewwel waħda, stipulata fis-subparagrafu *(ċ) (i)*, tikkonċerna l-interessi tal-konvenut; it-tieni waħda, stipulata fis-subparagrafu *(ċ) (ii)*, tikkonċerna l-interessi tal-Istat tan-notifika.[224]

186. **Il-protezzjoni tal-konvenut.** Is-subparagrafu *ċ) i)* jistabbilixxi test purament fattwali[225] sabiex jiġi żgurat li l-konvenut kien innotifikat kif xieraq. Huwa jgħid li l-qorti indirizzata tista' tirrifjuta li tirrikonoxxi jew tinforza s-sentenza jekk id-dokument li fetaħ il-proċedimenti jew dokument ekwivalenti, inklużi l-elementi essenzjali tal-pretensjoni, ma kienx innotifikat lill-konvenut fi żmien suffiċjenti u b'tali mod sabiex dan ikun jista' jagħmel l-arranġamenti għad-difiża tiegħu. Madankollu, minħabba l-klawżola li tibda b'"sakemm" fl-Artikolu 9 *ċ) i)*, din ir-regola ma tapplikax jekk il-konvenut deher fil-qorti u ppreżenta l-kawża tiegħu mingħajr ma kkontesta n-notifika, anki jekk huwa ma kellux biżżejjed żmien sabiex iħejji l-kawża tiegħu kif xieraq. Dan isir sabiex iwaqqaf lill-konvenut milli jqajjem kwistjonijiet fl-istadju tal-infurzar li huwa seta' qajjem fil-proċedimenti oriġinali. F'sitwazzjoni bħal din, ir-rimedju ovvju għalih ikun li jfittex aġġornament. Jekk jonqos milli jagħmel dan, huwa ma għandux ikun intitolat li jressaq in-nuqqas ta' notifika xierqa bħala bażi għan-nuqqas ta' rikonoxximent tas-sentenza.[226]

187. **Il-protezzjoni tal-Istat tan-notifika.** Ħafna Stati, inklużi l-pajjiżi kbar li għandhom liġijiet komuni, ma għandhom ebda oġġezzjoni għas-servizz ta' ċitazzjoni barranija fit-territorju tagħhom mingħajr parteċipazzjoni tal-awtoritajiet tagħhom. Huwa jarawh sempliċiment bħala kwistjoni ta' għoti ta' informazzjoni. B'hekk, jekk avukat barrani jrid iservi ċitazzjoni barranija fl-Ingilterra, huwa jista' jtir lejn Londra, jaqbad taxi sad-dar tal-konvenut, iħabbat il-bieb u jagħtihielu. Huwa ma jkun għamel xejn ħażin. Xi pajjiżi huma ta' opinjoni differenti. Huma jqisu s-servizz ta' ċitazzjoni bħala att sovran (att uffiċjali) u huma tal-fehma li dan jikser is-sovranità tagħhom għal ċitazzjoni barranija li tiġi servuta fit-territorju tagħhom mingħajr il-permess tagħhom. Permess normalment jingħata permezz ta' ftehim internazzjonali li jistabbilixxi l-proċedura li trid tiġi segwita.[227] Dawn l-Istati ma jkunux lesti li jirrikonoxxu sentenza barranija jekk iċ-ċitazzjoni twasslet b'tali mod li huma kkunsidraw bħala ksur tas-sovranità tagħhom. Is-subparagrafu *ċ) ii)* jikkunsidra din il-perspettiva billi jgħid li l-qorti indirizzata tista' tirrifjuta li tirrikonoxxi jew tinforza s-sentenza jekk iċ-ċitazzjoni tkun ġiet innotifikata lill-konvenut fl-Istat rikjest b'mod li ma kienx kompatibbli mal-prinċipji fundamentali ta' dak l-Istat fir-rigward tas-servizz tad-dokumenti. Kuntrarju għar-raġunijiet l-oħrajn tan-nuqqas ta' rikonoxximent, is-subparagrafu *ċ) ii)* japplika biss għar-rikonoxximent jew għall-infurzar fl-Istat fejn seħħ is-servizz.

188. **Ir-raba' eċċezzjoni: frodi.** Ir-raba' eċċezzjoni, stabbilita fis-subparagrafu *d)*, hija li s-sentenza tkun inkisbet bi frodi f'konnessjoni ma' kwistjoni ta' proċedura.[228] Frodi hija diżonestà intenzjonata jew imġiba ħażina intenzjonata. Eżempji ta' dan ikunu meta r-rikorrent intenzjonalment iwassal iċ-ċitazzjoni, jew jikkawża biex din titwassal, fl-indirizz żbaljat; meta r-rikorrent intenzjonalment jagħti lill-konvenut informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-ħin u l-post tas-seduta ta' smigħ; jew meta waħda mill-partijiet tfittex li tikkorrompi mħallef, ġurat jew xhud, jew intenzjonalment taħbi evidenza ewlenija.

189. **Il-ħames eċċezzjoni: ordni pubbliku.** Il-ħames eċċezzjoni, stabbilita fis-subparagrafu *e)*, hija li r-rikonoxximent jew l-infurzar jista' jkun ċarament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Istat rikjest, inklużi sitwazzjonijiet fejn il-proċedimenti speċifiċi li jwasslu għas-sentenza kienu inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali ta' ġustizzja proċedurali ta' dak l-Istat. L-ewwel parti ta' din id-dispożizzjoni hija intiża biex tiffissa standard għoli b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6. It-tieni parti hija intiża biex tiffoka l-attenzjoni fuq in-nuqqasijiet proċedurali serji fil-kawża partikolari inkwistjoni.[229]

190. Ser jitqies li hemm koinċidenza konsiderevoli fost l-aħħar tliet eċċezzjonijiet, minħabba li huma kollha

---

[221] Fl-Art. 6 *(b)* u 9 *(b)*, "parti" tirreferi għal waħda mill-partijiet oriġinali mill-ftehim dwar l-għażla tal-qorti, mhux għal xi persuna oħra li hija parti mill-proċedimenti.

[222] Ara l-Minuti Nru 8 tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II, il-para. 50 sa 59.

[223] Il-kunċett ta' "notifika" kif użat fl-Art. 9 *(ċ)* huwa ta' natura ġenerali u fattwali. Huwa mhuwiex kunċett tekniku u legali.

[224] L-Art. 9 *(ċ)* jikkonċerna biss jekk il-*qorti indirizzata* tistax tirrifjuta jew le li tirrikonoxxi jew tinforza s-sentenza. Il-qorti tal-oriġini tapplika l-liġi proċedurali tagħha, inklużi konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-servizz tad-dokumenti li huma fis-seħħ għall-Istat inkwistjoni u li huma applikabbli fuq il-fatti tal-kawża. Dawn ir-regoli, li jistgħu jirrikjedu li servizz jitwettaq b'konformità mal-liġi tal-Istat fejn iseħħ, mhumiex affettwati mill-Art. *9 (ċ)*. Madankollu, ħlief għall-firxa limitata pprovduta fl-Art. 9 (*ċ) (ii)*, il-qorti indirizzata ma tistax tirrifjuta li tirrikonoxxi jew tinforza s-sentenza fuq il-bażi li s-servizz ma kienx konformi mal-liġi tal-Istat fejn seħħ, mal-liġi tal-Istat tal-oriġini jew mal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-servizz tad-dokumenti.

[225] Ara l-Minuti tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II: il-Minuti Nru 9, il-para. 98, il-Minuti Nru 11, il-para. 27 u l-Minuti Nru 24, il-para. 28.

[226] Din ir-regola ma tapplikax jekk ma jkunx possibbli li n-notifika tiġi kkontestata fil-qorti tal-oriġini.

[227] *Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar is-Servizz Barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extra-Ġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali* hija l-aktar eżempju importanti. Ara wkoll ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, ĠU 2000 L 160, p. 37.

[228] Il-frodi fis-sustanza jista' jaqa' taħt l-eċċezzjoni tal-politika pubblika msemmija fl-Art. 9 *e)*. Il-Konvenzjoni tittratta l-frodi proċedurali bħala bażi separata ta' nuqqas ta' rikonoxximent minħabba li jista' jkun hemm xi sistemi legali fejn il-politika pubblika ma tistax tintuża fir-rigward tal-frodi proċedurali.

[229] It-tieni parti mhijiex intiża biex tillimita l-ewwel parti: l-ordni pubbliku kif mifhum fil-Konvenzjoni mhuwiex limitat għal kwistjonijiet proċedurali. Madankollu, il-kwistjonijiet ikkonċernati għandhom ikunu ta' importanza fundamentali għall-Istat rikjest.

marbutin, parzjalment jew kompletament, mal-ġustizzja proċedurali. B'hekk, pereżempju, jekk, minħabba l-frodi tar-rikorrent, iċ-ċitazzjoni ma twasslitx lill-konvenut u allura dan baqa' qatt ma sar jaf bil-proċedimenti, l-eċċezzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafi *ċ), d)* u *e)* kollha jkunu potenzjalment applikabbli. Ir-raġuni għal din l-enfasi fuq il-ġustizzja proċedurali hija li, f'xi pajjiżi, il-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja proċedurali (magħrufa wkoll bħala proċess dovut tal-liġi, ġustizzja naturali jew id-dritt għal proċess ġust) huma mogħtija mandat kostituzzjonali.[230] F'pajjiżi bħal dawn, jista' ma jkunx kostituzzjonali li tiġi rikonoxxuta sentenza barranija miksuba fi proċedimenti fejn seħħ ksur fundamentali ta' dawn il-prinċipji.

191. **Is-sitt eċċezzjoni: sentenzi inkonsistenti.** Is-subparagrafi *f)* u *g)* jittrattaw is-sitwazzjoni fejn ikun hemm kunflitt bejn is-sentenza li għaliha jintalbu rikonoxximent u infurzar skont il-Konvenzjoni u sentenza oħra mogħtija bejn l-istess partijiet. Dawn japplikaw meta ż-żewġ sentenzi ma jkunux konsistenti. Madankollu, hemm differenza fil-mod kif jitħaddmu s-subparagrafi *f)* u *g)*.

192. Is-subparagrafu *f)* jikkonċerna l-każ fejn is-sentenza inkonsistenti tkun ingħatat minn qorti fl-Istat rikjest. F'sitwazzjoni bħal din, is-sentenza tipprevali, irrispettivament minn jekk hija tkunx ingħatat l-ewwel: il-qorti indirizzata hija permessa li tagħti preferenza lil sentenza mogħtija minn qorti fl-Istat tagħha stess, anki jekk dik is-sentenza tkun ingħatat wara s-sentenza mogħtija skont il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti. Sabiex din id-dispożizzjoni tapplika, il-partijiet għandhom ikunu l-istess, iżda mhuwiex meħtieġ li l-kawża ta' azzjoni tkun l-istess.

193. Is-subparagrafu *g)* jikkonċerna s-sitwazzjoni fejn iż-żewġ sentenzi jkunu ngħataw minn qrati barranin. Hawnhekk, is-sentenza mogħtija skont il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti tista' tiġi rrifjutata r-rikonoxximent u l-infurzar biss jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin: l-ewwelnett, is-sentenza skont il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti għandha tkun ingħatat wara s-sentenza konfliġġenti; it-tieni, il-partijiet għandhom ikunu l-istess;[231] it-tielet, il-kawża ta' azzjoni għandha tkun l-istess; u r-raba', is-sentenza konfliġġenti għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat rikjest.

*Artikolu 10 Domandi preliminari*

194. **Estoppel u sentenzi barranin.** Qorti sikwit tkun trid tiddeċiedi fuq diversi kwistjonijiet ta' fatt jew dritt bħala materji preliminari qabel tkun tista' tiddeċiedi fuq il-pretensjoni tar-rikorrent. Pereżempju, fl-azzjonijiet taħt ftehim dwar il-ħruġ tal-liċenzji għall-privattivi, jista' jkun li hija tkun trid tiddeċiedi fuq jekk il-privattiva hijiex valida. Din hija deċiżjoni fuq mistoqsija preliminari. Hija twitti t-triq għas-sentenza finali, li ser tkun li l-konvenut huwa, jew mhuwiex, responsabbli li jħallas kumpens għad-danni lir-rikorrent. Ovvjament, il-qorti indirizzata trid tirrikonoxxi din is-sentenza finali u, jekk jiġi ordnat il-ħlas ta' flus (eż. miżata għall-ħruġ ta' liċenzji jew kumpens għad-danni) tinfurzaha (safejn tkun ingħatat skont ftehim dwar l-għażla tal-qorti kopert mill-Konvenzjoni); iżda huwa meħtieġ mill-Konvenzjoni li tirrikonoxxi d-deċiżjoni dwar id-domanda preliminari?

195. Fl-Istati tal-liġi ċivili, sentenza normalment ikollha effett biss fir-rigward tal-ordni finali – id-*dispositif* fi Franza u l-ekwivalenti tagħha f'sistemi legali oħrajn, pereżempju, it-*Tenor* jew *Spruch* fil-Ġermanja u fl-Awstrija. Fid-dinja tal-liġi komuni, min-naħa l-oħra, id-duttrina magħrufa b'diversi modi bħala kwistjoni estoppel,[232] estoppel kollaterali jew preklużjoni tal-kwistjoni[233] titlob li, f'ċerti ċirkostanzi, qorti tirrikonoxxi d-deċiżjonijiet dwar id-domandi preliminari mogħtija f'sentenza preċedenti. Dan jista' japplika kemm meta s-sentenza oriġinali tkun ingħatat minn qorti fl-istess Stat kif ukoll meta tkun ingħatat minn qorti fi Stat ieħor.[234] Madankollu, il-Konvenzjoni qatt ma titlob li jiġu rikonoxxuti jew infurzati tali deċiżjonijiet, għalkemm hija ma tipprekludix lill-Istati Kontraenti milli jirrikonoxxuhom skont il-liġi tagħhom.

196. **Deċiżjonijiet dwar domandi preliminari.** L-Artikolu 10 jikkonċerna materji li jiġu deċiżi bħala domandi preliminari.[235] L-ewwel paragrafu jgħid li meta kwistjoni msemmija fl-Artikolu 2(2) jew fl-Artikolu 21 tkun inħolqot bħala domanda preliminari, id-deċiżjoni dwar din il-mistoqsija ma tiġix rikonoxxuta jew infurzata skont din il-Konvenzjoni. Fid-dawl ta' dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti, din id-dispożizzjoni tista' ma tkunx meħtieġa; madankollu, fil-każ ta' deċiżjonijiet fuq kwistjonijiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni – b'mod partikolari, il-validità ta' ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali – il-kwistjoni hija tant importanti li kien maħsub mixtieq li jkun hemm dispożizzjoni espressa. B'hekk, l-Artikolu 10(1) jikkumplimenta l-Artikolu 2(3), li jgħid li l-proċedimenti mhumiex esklużi mill-Konvenzjoni sempliċiment minħabba li l-qorti tagħti fuq kwistjoni eskluża li nħolqot bħala mistoqsija preliminari.

197. **Sentenzi bbażati fuq domanda preliminari.** L-Artikolu 10(2) ma jikkonċernax in-nuqqas ta' rikonoxximent tad-deċiżjonijiet dwar domandi preliminari, iżda n-nuqqas ta' rikonoxximent ta' ċerti sentenzi jew partijiet minnhom li huma bbażati fuq tali deċiżjonijiet. Dak li jagħmel huwa li jistabbilixxi bażi oħra ta' nuqqas ta' rikonoxximent, minbarra dawk stabbiliti fl-Artikolu 9. Huwa jgħid li r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza

[230] Għall-Ewropa, ara l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; għall-Istati Uniti tal-Amerika, ara l-Ħames Emenda u l-Erbatax-il Emenda fil-Kostituzzjoni tal-Istati Uniti. Ħafna pajjiżi oħrajn għandhom dispożizzjonijiet simili.

[231] Dan japplika wkoll taħt is-subparagrafu *f)*. Ir-rekwiżit li l-partijiet għandhom ikunu l-istess jiġi ssodisfat jekk il-partijiet marbutin bis-sentenzi jkunu l-istess, anki jekk il-partijiet fil-proċedimenti jkunu differenti, pereżempju, meta sentenza waħda tkun kontra persuna partikolari u s-sentenza l-oħra tkun kontra s-suċċessur għal dik il-persuna.

[232] It-terminoloġija Brittanika u tal-Commonwealth fir-rigward tal-liġi komuni.

[233] Dawn l-aħħar żewġ espressjonijiet huma t-tnejn terminoloġija tal-Istati Uniti.

[234] Fuq din tal-aħħar, ara P. Barnett, *Res Judicata, Estoppel and Foreign Judgments*, Oxford University Press 2001.

[235] Dwar x'nifhmu b'mistoqsija preliminari, ara l-para. 194 sa 195, *supra*; ara wkoll in-nota 77, *supra.*

jista' jiġi rrifjutat jekk u *safejn* is-sentenza kienet ibbażata fuq kwistjoni eskluża skont l-Artikolu 2(2).[236] Ovvjament, din l-eċċezzjoni għandha tintuża biss meta l-qorti indirizzata tieħu deċiżjoni fuq il-mistoqsija preliminari b'mod differenti. Anki b'din ir-restrizzjoni, tidher li hija eċċezzjoni li tħalli effetti kbar; madankollu, fil-qasam fejn huwa l-aktar probabbli li tapplika – il-proprjetà intellettwali – hija soġġetta għal kwalifika importanti, li hija stabbilita fil-paragrafu 3.

198. **Deċiżjonijiet preliminari dwar il-validità tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.** Mingħajr ir-regoli speċjali stipulati fl-Artikolu 10(3), l-Artikolu 10(2) waħdu japplika meta s-sentenza tal-qorti tal-oriġini tkun ibbażata fuq deċiżjoni preliminari dwar il-validità. Madankollu, wara talba mill-partijiet interessati fil-proprjetà intellettwali għall-akbar ċarezza u minħabba li l-kwistjoni tal-inkonsistenza tista' tiġi definita b'mod ċar fir-rigward tal-proprjetà intellettwali, is-Sessjoni Diplomatika ddeċidiet li tittratta din il-kwistjoni partikolari f'paragrafu separat. Konsegwentement, meta sentenza tkun ibbażata fuq deċiżjoni preliminari dwar il-validità ta' dritt ta' proprjetà intellettwali minbarra d-dritt tal-awtur jew dritt relatat, l-Artikolu 10(2) huwa kkwalifikat ukoll bl-Artikolu 10(3). Minbarra r-raġunijiet elenkati fl-Artikoli 9 u 11, ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza bħal din jista' jiġi rrifjutat jew pospost skont l-Artikolu 10(2) biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 10(3).

199. ***Is-subparagrafu (a).*** Skont l-Artikolu 10(3) *(a)*, ir-rikonoxximent jew l-infurzar tas-sentenza jista' jiġi rrifjutat jekk u sakemm id-deċiżjoni dwar il-validità tad-dritt tal-proprjetà intellettwali tkun inkonsistenti ma' sentenza (jew deċiżjoni ta' awtorità kompetenti, bħal uffiċċju tal-privattivi) mogħtija fl-Istat li skont il-liġi tiegħu rriżulta d-dritt tal-proprjetà intellettwali.[237] Dan jirrikonoxxi l-pre-eminenza tal-qrati (jew ta' awtoritajiet oħrajn) ta' dak l-Istat, li jista' jkun l-Istat rikjest jew Stat terz. Huwa biss jekk id-deċiżjoni preliminari mill-qorti tal-oriġini tkun konfliġġenti ma' sentenza jew deċiżjoni ta' dak l-Istat li Stati oħrajn ikunu intitolati li jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew jinfurzaw is-sentenza skont l-Artikolu 10(2).

200. It-tħaddim tal-Artikolu 10(3) *(a)* aktar faċli jinftiehem jekk nieħdu eżempju.[238] Nassumu li A tressaq lil B għad-danni fl-Istat X, fejn tfittex li tordna lil B biex tħallas id-drittijiet finanzjarji (royalties) skont ftehim dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-privattivi li fih klawżola esklussiva ta' għażla tal-qorti li tagħti ġurisdizzjoni lill-qrati tal-Istat X. B twieġeb billi ssostni li l-privattiva hija invalida. Jekk nassumu li A hija intitolata li titlob id-drittijiet finanzjarji biss jekk il-privattiva tkun valida, l-affermazzjoni ta' B tkun difiża tajba jekk hija tkun tista' tissostanzjaha; għalhekk, il-qorti għandha tiddeċiedi fuq il-validità tal-privattiva bħala kwistjoni preliminari. Ejjew nassumu li hija tagħmel dan u tikkunsidra l-privattiva bħala valida. Hija tagħti sentenza favur A għal kumpens ta' 1 miljun dollaru. Imbagħad, A tressaq proċedimenti skont il-Konvenzjoni sabiex tinforza din is-sentenza fl-Istat Y. Issa, jekk kien hemm sentenza mogħtija mill-Istat tar-reġistrazzjoni tal-privattiva (li jista' jkun l-Istat Y jew Stat terz, Stat Z), li tikkunsidraha bħala invalida, din is-sentenza tkun konfliġġenti mhux mas-sentenza effettiva fil-kawża skont il-Konvenzjoni – din sempliċiment tgħid li B għandha tħallas kumpens ta' miljun (1) dollaru lil A – iżda mad-deċiżjoni preliminari li l-privattiva kienet valida. Madankollu, billi din id-deċiżjoni preliminari tipprovdi l-premessa loġika li fuqha kienet ibbażata s-sentenza, ser ikun hemm inkonsistenza bejn iż-żewġ sentenzi, għalkemm tali inkonsistenza tkun ta' natura sekondarja. L-iskop tal-Artikolu 10(3) huwa li jippermetti (iżda mhux jobbliga) lill-qrati tal-Istat Y jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew jinfurzaw is-sentenza skont il-Konvenzjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi.

201. **Subparagrafu *b)*.** Skont l-Artikolu 10(3) *b)*, ir-rikonoxximent jew l-infurzar tas-sentenza jista' jiġi pospost[239] jekk il-proċedimenti li jikkonċernaw il-validità tad-dritt ta' proprjetà intellettwali jkunu pendenti fl-Istat li skont il-liġi tiegħu jinħoloq id-dritt tal-proprjetà intellettwali.[240] Dan jagħti lill-qorti indirizzata s-setgħa li tissospendi l-proċedimenti għar-rikonoxximent jew għall-infurzar sakemm joħroġ ir-riżultat tal-proċedimenti dwar il-validità. Jekk is-sentenza dwar il-validità tkun konsistenti ma' dik tal-qorti tal-oriġini, ir-rikonoxximent jew l-infurzar ma jkunx jista' jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 10; jekk tkun inkonsistenti, mela allura japplika l-Artikolu 10(3) *(a)*.

202. **Deċiżjonijiet preliminari dwar kwistjoni eskluża skont l-Artikolu 21.** Il-paragrafu 4 huwa eżattament l-istess bħall-paragrafu 2, ħlief li huwa marbut ma' sentenza bbażata fuq deċiżjoni dwar kwistjoni eskluża permezz ta' dikjarazzjoni magħmula mill-Istat rikjest skont l-Artikolu 21. Madankollu, dan mhuwiex soġġett għall-kwalifika msemmija fil-paragrafu 3: ma teżisti ebda regola speċjali fir-rigward tad-deċiżjonijiet preliminari dwar il-validità ta' dritt ta' proprjetà intellettwali.

*Artikolu 11 Kumpens għal danni*

203. L-Artikolu 11 jikkonċerna l-kumpens għal danni. Huwa jippermetti lill-qorti indirizzata tirrifjuta r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jekk u safejn l-għoti ta' kumpens għal danni ma jikkumpensax lir-rikorrent għal telf jew dannu effettivament imġarrab. Id-dispożizzjoni ekwivalenti fl-abbozz ta' Konvenzjoni tal-2004 kienet l-Artikolu 15, formulazzjoni aktar dettaljata u

236 Għall-pożizzjoni fejn is-sentenza kienet ibbażata fuq kwistjoni eskluża skont l-Art. 21, ara l-Art. 10(4) u *infra*, il-para. 202.

237 Fil-każ ta' dritt irreġistrat, dan ikun l-Istat tar-reġistrazzjoni jew l-Istat fejn ir-reġistrazzjoni titqies bħala li seħħet taħt it-termini ta' konvenzjoni internazzjonali.

238 Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra.*

239 Ix-*chapeau* għall-Art. 10(3) jirreferi kemm għal rifjut kif ukoll għal posponiment. Tal-ewwel normalment japplika skont is-subparagrafu *(a)* u tal-aħħar skont is-subparagrafu *(b)*. Madankollu, anki skont is-subparagrafu *(b)*, il-qorti indirizzata tista' tirrinunzja l-proċedimenti jekk ma jkollha ebda setgħa li tissospendihom, diment li l-kreditur tas-sentenza jkun jista' jressaq proċedimenti ladarba tittieħed deċiżjoni dwar il-kwistjoni tal-validità.

240 Dawn jistgħu jkunu pendenti jew fil-qorti xierqa jew inkella f'uffiċċju tal-privattivi jew f'awtorità simili.

kumplessa.[241] Waqt is-Sessjoni Diplomatika tal-2005 kien maqbul li din id-dispożizzjoni titħassar u tiġi sostitwita bid-dispożizzjonijiet aktar sempliċi tal-Artikolu 11. Ir-raġunijiet huma spjegati hawn taħt fid-dikjarazzjoni maqbula mill-Grupp ta' Ħidma li abbozzaha.

204. L-Artikolu 11 jirreferi għal danni eżemplari u punittivi. Dawn iż-żewġ termini jfissru l-istess ħaġa: huma jirreferu għal danni li huma maħsuba biex jikkastigaw lill-konvenut u jiskoraġġixxu lilu u lil oħrajn milli jagħmlu xi ħaġa simili fil-ġejjieni. Huma jistgħu jiġu kkuntrastati mad-danni kumpensatorji, li huma maħsuba biex jikkumpensaw lir-rikorrent għat-telf li jkun ġarrab, jiġifieri, sabiex ipoġġuh fil-pożizzjoni li kien ikun fiha li kieku ma seħħx l-att illeċitu.

205. Waqt is-Sessjoni Diplomatika tal-2005, ġiet maqbula d-dikjarazzjoni li ġejja mill-membri tal-Grupp ta' Ħidma li fassal l-Artikolu 11 u din ġiet adottata mis-Sessjoni:[242]

"(a) Ejjew nibdew *bi prinċipju bażiku li qatt ma ġie kkontestat*: is-sentenzi li jagħtu kumpens għal danni jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Għalhekk, sentenza mogħtija minn qorti nnominata fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti li, kompletament jew parzjalment, tagħti kumpens għal danni lir-rikorrent, tiġi rikonoxxuta u infurzata fl-Istati Kontraenti kollha skont il-Konvenzjoni. Minħabba li sentenzi bħal dawn mhumiex differenti minn deċiżjonijiet oħrajn li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 8 japplika mingħajr restrizzjoni. Dan ifisser *kemm* l-obbligu tar-rikonoxximent u l-infurzar *kif ukoll* ir-raġunijiet kollha għar-rifjut.

*(b)* Matul in-negozjati, deher b'mod ovvju li xi delegazzjonijiet għandhom problemi b'sentenzi *li jagħtu kumpens għal danni li jmorru ferm 'il bogħod mit-telf effettivament imġarrab mir-rikorrent.* Danni eżemplari jew punittivi huma eżempju importanti. Xi delegazzjonijiet ħasbu li l-eċċezzjoni tal-politika pubblika fl-Artikolu 9 *e)* tista' ssolvi dawk il-problemi, iżda oħrajn għamluha ċara li dan ma kienx possibbli skont il-kunċett limitat tagħhom tal-politika pubblika. *Għalhekk, kien maqbul li għandu jkun hemm raġuni addizzjonali għar-rifjut ta' sentenzi dwar il-kumpens għad-danni.* Dan huwa l-*Artikolu 11 ġdid*. Bħal fil-każ tar-raġunijiet l-oħrajn kollha għar-rifjut, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata u applikata b'mod kemm jista' jkun restrittiv.

(ċ) L-Artikolu 11 huwa bbażat fuq il-*funzjoni primarja mhux ikkontestata tal-kumpens għad-danni*: dan għandu jikkumpensa għat-telf effettivament imġarrab. Għalhekk, l-Artikolu 11(1) ġdid jgħid li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenza jistgħu jiġu rrifjutati jekk u safejn *il-kumpens għad-danni ma jikkumpensax lil parti għat-telf jew għad-dannu effettivament imġarrab*. Għandu jissemma li l-kelma Ingliża 'actual' (bil-Malti 'effettiv') għandha tifsira differenti mill-kelma Franċiża '*actuel*' (li ma tintużax fit-test bil-Franċiż); għalhekk, kwalunkwe telf li jsir fil-ġejjieni huwa kopert ukoll.

(d) Dan *ma jfissirx* li l-qorti indirizzata hija permessa li teżamina jekk hija setgħetx tagħti l-istess ammont ta' kumpens għad-danni jew le. *Il-limitu massimu huwa ferm ogħla.* L-Artikolu 11 jitħaddem biss meta jkun *ovvju* mis-sentenza li l-għotja tidher li tmur 'lil hinn mit-telf jew mid-dannu effettivament imġarrab. B'mod partikolari, dan japplika għad-danni eżemplari jew punittivi. Għalhekk, dawn it-tipi ta' għotjiet ta' kumpens għal danni jissemmew b'mod espliċitu. Iżda f'każijiet eċċezzjonali, il-kumpens għad-danni, li huwa kkaratterizzat

[241] L-Art. 15 tal-abbozz tal-Konvenzjoni tal-2004, li jissemma fil-para. 205, *infra*, jaqra kif ġej:

"*Artikolu 15 Kumpens għal danni*

1. Sentenza li tagħti kumpens għal danni mhux kumpensatorji, inklużi danni eżemplari jew punittivi, għandha tiġi rikonoxxuta u infurzata sal-punt li qorti fl-Istat rikjest setgħet tat kumpens għal danni simili jew komparabbli. F'dan il-paragrafu ma hemm xejn li għandu jipprekludi lill-qorti indirizzata milli tirrikonoxxi u tinforza s-sentenza skont il-liġi tagħha għal ammont li jitla' sal-ammont sħiħ tal-kumpens għad-danni mogħti mill-qorti tal-oriġini.

2. *(a)* Meta d-debitur, wara l-proċedimenti fejn il-kreditur ikollu l-opportunità li jinstema', jissodisfa lill-qorti indirizzata li, fiċ-ċirkostanzi, inklużi dawk li jeżistu fl-Istat tal-oriġini, ingħata kumpens għal danni eċċessivi ħafna, ir-rikonoxximent u l-infurzar jista' jkun limitat għal ammont inqas.

*(b)* Il-qorti indirizzata f'ebda każ ma għandha tirrikonoxxi jew tinforza s-sentenza għal ammont inqas minn dak li seta' ngħata fl-Istat rikjest fl-istess ċirkostanzi, inklużi dawk li jeżistu fl-Istat tal-oriġini.

3. Meta tiġi biex tapplika l-paragrafi preċedenti, il-qorti indirizzata għandha tikkunsidra jekk il-kumpens għad-danni mogħti mill-qorti tal-oriġini jservix biex ikopri l-infiq u l-ispejjeż relatati mal-proċedimenti u, jekk iva, sa liema punt."

[242] Ara l-Minuti Nru 19 tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II, il-para. 13 u 14. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma kienu delegati u rappreżentanti ta': l-Awstralja, l-Awstrija, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Komunità Ewropea, il-Ġermanja, il-Ġappun, in-New Zealand, il-Federazzjoni Russa, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerika. Il-President kien is-Sur Gottfried Musger (l-Awstrija). Fit-test li ġej, ir-referenzi għal Artikoli individwali (li oriġinarjament kienu bbażati fuq l-abbozz tal-Konvenzjoni tal-2004) inbidlu sabiex ikunu konformi man-numerazzjoni adottata fit-test finali.


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

bħala kumpensatorju mill-qorti tal-oriġini, jista' jaqa' wkoll taħt din id-dispożizzjoni.

(e) Din id-dispożizzjoni tittratta wkoll bħala kumpens għal kwalunkwe telf jew dannu effettivament imġarrab dawk l-għotjiet ta' kumpens għal danni li jingħataw abbażi ta' ftehim bejn il-partijiet (danni likwidati) jew ta' statut (danni statutorji). Fir-rigward ta' tali kumpens għal danni, il-qorti indirizzata tista' tirrifjuta li r-rikonoxximent jew l-infurzar biss jekk u safejn dak il-kumpens għal danni jkun maħsub biex jikkastiga lill-konvenut minflok biex jipprevedi stima ġusta ta' livell ta' kumpens xieraq.

(f) Ikun żbaljat jekk wieħed jistaqsi jekk il-qorti indirizzata għandhiex tapplika l-liġi tal-Istat tal-oriġini jew il-liġi tal-Istat rikjest. L-Artikolu 11 jinkludi kunċett awtonomu. Hija ovvjament il-qorti *indirizzata* li *tapplika* din id-dispożizzjoni, iżda din l-applikazzjoni *ma twassalx* għal applikazzjoni sempliċi tal-liġi tal-Istat rikjest dwar il-kumpens għad-danni.

(g) Ir-rikonoxximent u l-infurzar jistgħu jiġu rrifjutati biss *sal-punt* li s-sentenza tmur 'lil hinn mit-telf jew mid-dannu effettivament imġarrab. Għall-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet, dan jista' jkun diġà konsegwenza loġika tal-iskop limitat ta' din id-dispożizzjoni. Madankollu, huwa utli li dan jiġi ddikjarat espressament. Dan iwassal sabiex jiġi evitat li xi sistemi legali possibbilment japplikaw 'approċċ ta' kollox jew xejn' għall-eċċezzjoni tal-politika pubblika.

(h) Kemm il-paragrafu 1 kif ukoll il-paragrafu 2 tal-Artikolu 15 l-antik kienu jinkludu *regoli sofistikati ħafna* dwar kemm mill-kumpens għad-danni mogħti mill-qorti tal-oriġini kellu jiġi rikonoxxut u infurzat *fi kwalunkwe kawża*. Il-Grupp ta' Ħidma ħass li dan jista' jinftiehem bħala li jagħti l-messaġġ żbaljat. L-Artikolu 11 jipprevedi biss rieżami ta' jekk is-sentenza tagħtix kumpens għal danni li ma jikkumpensax għat-telf effettiv; huwa ma jippermetti ebda rieżami ieħor fir-rigward tal-merti tal-kawża. Bħar-raġunijiet l-oħrajn kollha tar-rifjut, dan ser japplika biss f'każijiet eċċezzjonali. Kwalunkwe abbozzar eċċessiv fir-rigward ta' dawk il-każijiet ikun tahom wisq piż politiku.

(i) L-Artikolu 11 *ma jobbligax* lill-qorti sabiex tirrifjuta r-rikonoxximent u l-infurzar. Dan huwa ovvju mill-formulazzjoni tiegħu – il-qorti *tista' tirrifjuta* – u huwa konsistenti mal-approċċ ġenerali fl-Artikolu 9. Għalhekk, id-dispożizzjoni b'ebda mod ma tillimita r-rikonoxximent u l-infurzar ta' għotjiet ta' kumpens għal danni skont il-liġi nazzjonali jew skont strumenti internazzjonali oħrajn, minflok, hija tippermetti (iżda mhux titlob) ir-rikonoxximent u l-infurzar skont il-Konvenzjoni. Għal darba oħra, il-Grupp ta' Ħidma ħass li dispożizzjoni espressa kienet tkun abbozzar eċċessiv li jagħti wisq piż lill-kwistjoni tal-kumpens għad-danni.

(j) L-Artikolu 11(2) huwa l-Artikolu 15(3) l-antik. Skont l-Artikolu 11(1), jista' jiġi sostnut li l-kumpens għad-danni maħsub biex ikopri l-ispejjeż tal-proċedimenti ma kienx qed jikkumpensa għal telf effettiv. Ovvjament, dan ikun żbaljat minn perspettiva komparattiva. Madankollu, huwa raġonevoli li ssir referenza espressa għal din il-problema fi ħdan id-dispożizzjoni. Din ir-referenza ma tinkludi ebda regola vinkolanti; il-fatt li l-kumpens għad-danni huwa maħsub biex ikopri l-infiq u l-ispejjeż għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni.

(k) Fil-qosor: l-Artikolu 11 il-ġdid huwa iqsar mill-Artikolu 15 l-antik, huwa aktar konformi mal-abbozzar ġenerali tal-Konvenzjoni u jindirizza l-kwistjonijiet reali mingħajr ma jżid regoli sofistikati u kumplessi li jistgħu jinftiehmu bil-mod żbaljat. Għalhekk, il-Grupp ta' Ħidma jipproponi li din id-dispożizzjoni tiġi adottata."

*Artikolu 12 Soluzzjonijiet ġudizzjarji (*transactions judiciaires*)*

206. L-Artikolu 12 jgħid li s-soluzzjonijiet li, matul il-kors tal-proċedimenti, ikun ġie approvat minn jew konkluż quddiem qorti ta' Stat Kontraenti innominata fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti u li huwa infurzabbli bl-istess mod bħal sentenza f'dak l-Istat, għandu jiġi infurzat fi Stati Kontraenti oħrajn bl-istess mod bħal sentenza.[243] Meta jitressqu proċedimenti ta' infurzar, il-persuna li tressaq il-proċedimenti għandha tippreżenta d-dokumenti meħtieġa sabiex tistabbilixxi li s-soluzzjoni ġudizzjarja tkun tista' tiġi infurzata fl-Istat tal-oriġini bl-istess mod bħal sentenza.[244]

207. *Tali soluzzjoni xi drabi tissejjaħ "soluzzjoni ġudizzjarja", traduzzjoni tat-terminu bil-Franċiż "transaction judiciaire"*. Fis-sens li fih qed jintuża t-terminu hawnhekk, is-soluzzjonijiet ġudizzjarji mhumiex magħrufa fid-dinja tal-liġi komuni.[245] Fi Franza u f'pajjiżi oħrajn tal-liġi ċivili, dawn huma kuntratti konklużi quddiem imħallef, li permezz tagħhom il-partijiet itemmu

[243] Id-dispożizzjoni ekwivalenti fl-abbozz ta' Konvenzjoni preliminari tal-1999 hija l-Art. 36. Il-kummentarju fir-Rapport ta' Nygh / Pocar jinsab f'pp. 116 u 117. Ara wkoll il-*Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta' Frar 1971 dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Sentenzi Barranin fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali,* l-Art. 19.

[244] Art. *13(1) e).*

[245] Kif użat fl-Art. 12, it-terminu "soluzzjoni" ma jirreferix għal soluzzjoni fis-sens tal-liġi komuni.

litigazzjoni, ġeneralment billi jagħmlu konċessjonijiet reċiproċi. Il-partijiet jissottomettu l-ftehim tagħhom lill-imħallef, li jirreġistrah f'dokument uffiċjali. Tali ftehimiet ġeneralment ikollhom uħud mill-effetti, jew saħansitra l-effetti kollha, ta' sentenza finali. Soluzzjoni ġudizzjarja hija differenti minn ordni ta' kunsens fis-sens tal-liġi komuni (ordni magħmula mill-qorti bil-kunsens taż-żewġ partijiet), billi ordni ta' kunsens hija sentenza u tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata bħala tali skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Min-naħa l-oħra, soluzzjoni ġudizzjarja hija differenti minn soluzzjoni barra l-qorti, minħabba li ssir quddiem imħallef, iġġib il-proċedimenti fi tmiemhom u ġeneralment tkun infurzabbli bl-istess mod bħal sentenza. Għal dawn ir-raġunijiet, hija ddedikata dispożizzjoni speċjali għal dan fil-Konvenzjoni.

208. L-Artikolu 12 ma jgħid xejn dwar ir-rikonoxximent tas-soluzzjoni ġudizzjarja, iżda jgħid biss dwar l-infurzar tiegħu.[246] Is-sinifikat ta' dan huwa spjegat bl-aħjar mod permezz ta' eżempju.[247] Nassumu li A u B jikkonkludu kuntratt bi klawżola esklussiva dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati tal-Istat X. Sussegwentement, A tressaq lil B għad-danni quddiem qorti f'dak l-Istat għal 1000 euro, somma li hija tqis li hija dovuta skont il-kuntratt. Il-partijiet imbagħad jidħlu f'soluzzjoni ġudizzjarja li permezz tagħha B taqbel li tħallas is-somma ta' 800 euro lil A, bl-Istat X ikun l-Istat fejn dan jista' jseħħ.

209. Jekk B tonqos li tħallas, A tista' tressaq proċedimenti sabiex tinforza s-soluzzjoni fl-Istat Y, li huwa Stat Kontraenti ieħor. Dawn il-proċedimenti jkunu koperti mill-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni. Madankollu, nassumu li B tħallas il-flus b'konformità mas-soluzzjoni mingħajr ebda ħtieġa għal proċedimenti ta' infurzar. Jekk A xorta waħda tressaq azzjoni ġdida għall-200 euro li jifdal quddiem il-qrati tal-Istat Y, B ma tistax titlob lill-qorti sabiex tirrikonoxxi s-soluzzjoni skont il-Konvenzjoni bħala difiża proċedurali għall-pretensjoni (li tagħmel il-pretensjoni inammissibbli f'xi sistemi legali). Il-Konvenzjoni ma tipprevedix għal dan, l-aktar minħabba li l-effetti tas-soluzzjonijiet huma differenti ħafna fis-sistemi legali differenti. Madankollu, il-Konvenzjoni ma tipprekludix lil qorti milli tittratta s-soluzzjoni bħala difiża kuntrattwali għall-pretensjoni fuq il-merti.

*Artikolu 13 Dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati*

210. L-Artikolu 13(1) jelenka d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati mill-parti li tfittex ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza skont il-Konvenzjoni.[248] Il-fatt li r-rikonoxximent jissemma fix-*chapeau* għall-Artikolu 13 ma jfissirx li għandu jkun hemm xi proċedura speċjali.[249] Madankollu, anki f'sistemi legali fejn ma hemm ebda proċedura speċjali, il-parti li titlob rikonoxximent għandha tipproduċi d-dokumenti meħtieġa mill-Artikolu 13 jekk il-parti l-oħra tikkontesta r-rikonoxximent tas-sentenza.

211. L-Artikolu 13(1) *a)* jesiġi li tiġi ppreżentata kopja sħiħa u ċċertifikata tas-sentenza. Dan jirreferi għas-sentenza kollha (inkluż, fejn applikabbli, ir-raġunament tal-qorti) u mhux biss għall-ordni finali (*dispositif*). L-Artikolu 13(1) *b)* jesiġi li jiġi ppreżentat il-ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti, kopja ċċertifikata tiegħu jew evidenza oħra tal-eżistenza tiegħu. Il-kelmiet "jew evidenza tal-eżistenza tiegħu" ddaħħlu l-aktar sabiex jipprevedu l-ftehimiet konklużi b'mod elettroniku. Fil-każ ta' ftehimiet bħal dawn, ġeneralment ma jkunx possibbli li jiġi ppreżentat "il-ftehim" innifsu. L-Artikolu 13(1) *ċ)* jitlob li tiġi ppreżentata evidenza dokumentarja li turi li l-konvenut kien innotifikat, iżda dan japplika biss fil-każ ta' sentenza mogħtija b'kontumaċja. F'każijiet oħrajn, il-konvenut ikun preżunt bħala li ġie nnotifikat sakemm ma jippreżentax evidenza li turi l-kuntrarju. Il-liġi tal-Istat rikjest tiddetermina l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dokumenti meħtieġa. Madankollu, għandu jiġi evitat formaliżmu eċċessiv: jekk id-debitur tas-sentenza ma kienx ippreġudikat, il-kreditur tas-sentenza għandu jitħalla jirrettifika l-omissjonijiet.

212. L-Artikolu 13(2) jgħid li l-qorti indirizzata tista' titlob li jiġu ppreżentati dokumenti oħrajn safejn dawn ikunu meħtieġa sabiex jiġi vverifikat li r-rekwiżiti tal-Kapitolu III tal-Konvenzjoni ġew issodisfati. Dan jagħmilha ċara li l-lista fil-paragrafu 1 mhijiex eżawrjenti. Madankollu, għandhom jiġu evitati kwalunkwe piżijiet bla bżonn fuq il-partijiet.

213. L-Artikolu 13(3) jippermetti lil persuna li tfittex ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza skont il-Konvenzjoni li tuża formola rakkomandata u ppubblikata mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat. Il-formola hija stabbilita f'anness għall-Konvenzjoni. Hija tista' titbiddel minn Kummissjoni Speċjali tal-Konferenza tal-Aja.[250] L-użu tal-formola mhuwiex obbligatorju. L-informazzjoni inkluża fiha tista' tintuża mill-qorti indirizzata fin-nuqqas ta' kontestazzjoni. Madankollu, anki jekk ma jkun hemm ebda kontestazzjoni, l-informazzjoni mhijiex konklussiva: il-qorti indirizzata tista' tiddeċiedi fuq il-kwistjoni fid-dawl tal-evidenza kollha li jkollha quddiemha.

214. L-Artikolu 13(4) jgħid li jekk id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 13 mhumiex f'lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest, dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni ċċertifikata f'lingwa uffiċjali, sakemm il-liġi tal-Istat rikjest ma tgħidx mod ieħor. Għalhekk, l-Istati jistgħu jgħidu fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tagħhom jew fil-liġi ta' proċedura tagħhom li ma hija meħtieġa ebda traduzzjoni, jew li traduzzjoni informali hija biżżejjed, anki jekk ma tkunx iċċertifikata.

*Artikolu 14 Il-proċedura*[251]

[246] Rigward id-distinzjoni bejn rikonoxximent u infurzar, ara l-para. 170, *supra*.

[247] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra*.

[248] Din id-dispożizzjoni hija simili għas-subparagrafu *(a)* sa *(ċ)* tal-Art. 29(1) fl-abbozz ta' Konvenzjoni preliminari tal-1999. Il-kummentarju dwar tal-aħħar fir-Rapport ta' Nygh / Pocar jinsab f'pp. 109 u 110.

[249] Ara l-para. 215, *infra*.

[250] Ara wkoll l-Art. 24 u l-kummenti fil-para. 257, *infra*.

[251] Fir-rigward ta' kwistjonijiet proċedurali oħrajn, ara l-para. 88 sa 92 u 138.

215. L-Artikolu 14 jgħid li l-proċedura għar-rikonoxximent, id-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jew ir-reġistrazzjoni għall-infurzar, kif ukoll l-infurzar tas-sentenza, huma rregolati mil-liġi tal-Istat rikjest, sakemm il-Konvenzjoni ma tgħidx mod ieħor.[252] Fejn il-liġi tal-Istat rikjest ma tagħmel ebda dispożizzjoni għal kwalunkwe proċedura speċjali għar-rikonoxximent (bħala distint mill-infurzar) ta' sentenza barranija, sentenza tiġi rikonoxxuta awtomatikament permezz tat-tħaddim tal-liġi, abbażi tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Ovvjament, il-liġi proċedurali nazzjonali ma tkoprix ir-raġunijiet li għalihom jista' jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent jew l-infurzar. Dawn huma rregolati esklussivament mill-Konvenzjoni: ara l-Artikolu 8(1) (it-tieni sentenza).

216. Fil-proċedimenti kollha koperti mill-Artikolu 14, il-qorti indirizzata għandha taġixxi b'ħeffa. Dan ifisser li l-qorti għandha tuża l-aktar proċedura mħaffa disponibbli għaliha. L-Istati Kontraenti għandhom jikkunsidraw modi kif tista' ssir dispożizzjoni bil-għan li jkun żgurat li jiġi evitat kull dewmien bla bżonn.

*Artikolu 15 Diviżibilità*

217. L-Artikolu 15 jipprevedi r-rikonoxximent u l-infurzar ta' parti diviżibbli ta' sentenza meta ssir applikazzjoni għalihom jew meta parti biss mis-sentenza tista' tkun rikonoxxuta jew infurzata skont din il-Konvenzjoni.[253] Pereżempju, jekk għotja ta' kumpens għal danni punittivi ma tkunx infurzata minħabba l-Artikolu 11, il-bqija tal-għotja għandha tiġi infurzata jekk hija tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 8. Sabiex tkun diviżibbli, il-parti inkwistjoni għandha tista' tkun awtonoma: normalment dan ikun jiddependi fuq jekk l-infurzar ta' dik il-parti biss tas-sentenza jbiddilx l-obbligi tal-partijiet b'mod sinifikanti.[254] Safejn dan ikun jiddependi fuq stat tad-dritt, għandha tiġi applikata l-liġi tal-qorti indirizzata.[255]

*Artikolu 16 Dispożizzjonijiet tranżitorji*

218. **Regola Bażika.** L-Artikolu 16 jinkludi dispożizzjonijiet tranżitorji.[256] Ir-regola bażika, stipulata fl-Artikolu 16(1), hija li l-Konvenzjoni tapplika għall-ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti konklużi wara li l-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ għall-Istat tal-qorti magħżula. Skont din ir-regola, id-data ta' meta jinbdew il-proċedimenti hija irrilevanti.

219. **Regola addizzjonali.** Meta l-proċedimenti jkunu fl-Istat tal-qorti magħżula, ir-regola bażika tal-Artikolu 16(1) tkun l-unika regola applikabbli. Madankollu, meta l-proċedimenti jkunu fi Stat ieħor (skont l-Art. 6 jew id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar li jinsabu fil-Kapitolu III), għandha tiġi ssodisfata wkoll regola addizzjonali, li hija stipulata fl-Artikolu 16(2). Skont din ir-regola, il-Kovenzjoni xorta waħda ma tkunx applikata jekk il-proċedimenti jkunu saru qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-Istat tal-qorti invokata. Dan ifisser li, meta l-proċedimenti jitressqu f'qorti oħra minbarra l-qorti magħżula, il-Konvenzjoni ma tapplikax sakemm (a) il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ma kienx konkluż wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-Istat tal-qorti magħżula *u* (b) il-proċedimenti ma jkunux saru wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-Istat fejn tressqu l-proċedimenti.

220. L-effett ta' dawn iż-żewġ regoli jista' jiġi spjegat bl-eżempji li ġejjin. Tabilħaqq, nassumu li l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għall-Istat P fl-1 ta' Jannar 2008 u għall-Istat R fl-1 ta' Lulju 2008. X u Y jidħlu fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti li jinnomina l-qrati tal-Istat P.

- **Eżempju 1.** Il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ġie konkluż fl-1 ta' Diċembru 2007 u X tressaq proċedimenti fil-qrati tal-Istat P fl-1 ta' Lulju 2008. Il-Konvenzjoni ma tapplikax, minħabba li l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti kien konkluż qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-Istat P, jiġifieri l-Istat tal-qorti magħżula, anki jekk il-proċedimenti bdew wara dik id-data. Skont l-Artikolu 5, il-qrati tal-Istat P ma jkunux obbligati li jisimgħu l-kawża.

- **Eżempju 2.** Il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ġie konkluż fil-15 ta' Jannar 2008. Fl-1 ta' Marzu 2008, Y tressaq proċedimenti li l-ftehim għalihom japplika fil-qrati tal-Istat P. Fl-1 ta' April 2008, il-qorti tagħti sentenza b'kontumaċja li ssir infurzabbli fl-Istat P. Fl-1 ta' Awwissu 2008, Y tressaq proċedimenti ta' infurzar fl-Istat R. Minħabba li l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ġie konkluż wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-Istat P (Stat tal-qorti magħżula) u l-Konvenzjoni hija fis-seħħ għall-Istat R (Stat rikjest) meta jinbdew il-proċedimenti ta' infurzar, l-infurzar ser ikun kopert mill-Konvenzjoni.

- **Eżempju 3.** Il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ġie konkluż fil-15 ta' Jannar 2008. Fl-1 ta' Ġunju 2008, Y tressaq proċedimenti li l-ftehim għalihom japplika fil-qrati tal-Istat R. Anki jekk il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għall-Istat R fl-1 ta' Lulju 2008, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jipprekludix lill-qrati tal-Istat R milli jisimgħu l-kawża, billi l-proċedimenti tressqu qabel ma l-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ għall-Istat R, minkejja li l-ftehim ġie konkluż wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-Istat P, li huwa l-Istat tal-qorti magħżula.

[252] Ħlief għal xi bidliet purament verbali, dan huwa l-istess bħall-Art. 30 tal-abbozz ta' Konvenzjoni preliminari tal-1999. Il-kummentarju dwar dan l-Artikolu jinsab f'p. 100 tar-Rapport ta' Nygh / Pocar.

[253] Id-dispożizzjoni ekwivalenti fl-abbozz tal-Konvenzjoni preliminari tal-1999 hija l-Art. 34. Il-kummentarju dwar din id-dispożizzjoni jinsab f'p. 115 tar-Rapport ta' Nygh / Pocar.

[254] Ir-Rapport ta' Nygh / Pocar, p. 115.

[255] *Ibid.*

[256] Ir-regoli fl-Art. 16 ma japplikawx għad-dikjarazzjonijiet li jikkonċernaw ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti skont l-Art. 22: ara l-para. 253 u 254, *infra*.

*Artikolu 17 Kuntratti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni*[257]

221. L-assigurazzjoni mhijiex waħda mill-kwistjonijiet li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 2: fil-fatt, hija koperta għal kollox mill-Konvenzjoni.[258] Dan jgħodd anki jekk ir-riskju assigurat ikun relatat ma' kwistjoni li minnha nnifisha taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, jew minħabba li hija eskluża bis-saħħa tal-Artikolu 2 jew inkella minħabba dikjarazzjoni li saret taħt l-Artikolu 21. L-Artikolu 17(1) jitkellem b'mod ċar fuq dan il-punt. Huwa jgħid li l-proċedimenti skont kuntratt ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni sempliċiment minħabba li l-kuntratt ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jikkonċerna kwistjoni li għaliha ma tapplikax din il-Konvenzjoni.[259] B'hekk, pereżempju, anki jekk it-trasport tal-merkanzija bil-baħar jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni,[260] kuntratt għall-assigurazzjoni tal-merkanzija li tiġi ttrasportata bil-baħar jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

222. **Eżempju.**[261] Nassumu li kumpanija tal-assigurazzjoni residenti fi Franza tikkonkludi kuntratt ta' assigurazzjoni ma' Y, li hija kumpanija residenti fil-Kanada, li permezz tiegħu l-kumpanija tal-assigurazzjoni tikkumpensa lil Y għal kwalunkwe ħsara li setgħet saret lill-merkanzija tagħha matul it-trasportazzjoni tagħha minn Rotterdam sa New York. Il-kuntratt tal-assigurazzjoni jinkludi ftehim dwar l-għażla tal-qorti li jagħti ġurisdizzjoni esklussiva lill-qrati ta' Franza. Il-merkanzija ssirilha ħsara waqt it-tranżitu tagħha; madankollu, il-kumpanija tal-assigurazzjoni tirrifjuta li tħallas. Kwalunkwe proċedimenti mressqa minn Y (il-parti assigurata) kontra l-kumpanija tal-assigurazzjoni skont il-kuntratt tal-assigurazzjoni ser ikunu soġġetti għall-ġurisdizzjoni esklussiva tal-qrati ta' Franza. Għalkemm it-trasportazzjoni tal-merkanzija hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 2(2) *f)*, mhuwiex eskluż li jitressqu proċedimenti skont kuntratt ta' assigurazzjoni għal tali merkanzija: Artikolu 17(1).

223. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 jikkonċerna r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi li jistabbilixxu r-responsabbiltà, jew in-nuqqas ta' responsabbiltà, skont il-kuntratti ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni. Huwa jgħid li r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza fir-rigward tar-responsabbiltà skont it-termini ta' kuntratt ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ma jistax ikun limitat jew irrifjutat fuq il-bażi li r-responsabbiltà tinkludi responsabbiltà li l-assigurat jew l-assiguratur jiġi kkumpensat fir-rigward ta' (a) kwistjoni li għaliha ma tapplikax il-Konvenzjoni; jew (b) għotja ta' kumpens għal danni li għaliha jista' japplika l-Artikolu 11.

224. L-Artikolu 17(2) *a)* jkopri sitwazzjonijiet fejn il-kuntratt ta' assigurazzjoni jkun marbut ma' riskju li minnu nnifsu jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, jew minħabba li huwa eskluż bis-saħħa tal-Artikolu 2 jew minħabba dikjarazzjoni magħmula taħt l-Artikolu 21. Għalhekk, huwa xi ftit jew wisq itenni r-regola tal-paragrafu 1.

225. L-Artikolu 17(2) *b)* huwa marbut ma' sentenzi li jikkonċernaw l-obbligu tal-kumpanija tal-assigurazzjoni li tikkumpensa lill-assigurat jew lill-assiguratur fir-rigward ta' għotja ta' kumpens għal danni li għaliha jista' japplika l-Artikolu 11. Kif ġie spjegat hawn fuq,[262] L-Artikolu 11 jikkonċerna r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza għal danni mhux kumpensatorji; huwa jippermetti lill-qorti indirizzata tirrifjuta r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' parti minn kwalunkwe porzjon mhux kumpensatorju ta' tali sentenza, jew kollu kemm hu, f'ċerti ċirkostanzi. Din is-sentenza għandha tkun distinta minn sentenza dwar kuntratt ta' assigurazzjoni li permezz tiegħu l-kumpanija tal-assigurazzjoni timpenja ruħha li tikkumpensa lill-parti assigurata abbażi tar-responsabbiltà li tħallas kumpens għal danni mhux kumpensatorji. Il-fatt li sentenza għal danni mogħtija fi proċedimenti bejn parti terza u l-parti assigurata tista' ma tkunx rikonoxxuta (kompletament jew parzjalment) skont l-Artikolu 11 (minħabba li d-danni mhumiex kumpensatorji) ma jfissirx li r-rikonoxximent jista' jiġi rrifjutat għal sentenza mogħtija fi proċedimenti bejn il-parti assigurata u l-kumpanija tal-assigurazzjoni tagħha, fejn il-kumpanija tal-assigurazzjoni tkun mitluba tikkumpensa lill-parti assigurata bil-ħlas ta' tali danni.

226. **Eżempju.**[263] Nassumu li kumpanija tal-assigurazzjoni residenti fil-Kanada tikkonkludi kuntratt ta' assigurazzjoni ma' persuna residenti fl-Ingilterra ("il-parti assigurata"), li permezz tiegħu l-kumpanija tal-assigurazzjoni tikkumpensa lill-parti assigurata għar-responsabbiltà ta' parti terza għal dannu personali, inkluża r-responsabbiltà li jitħallas kumpens għal danni punittivi.[264] Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati tal-Ingilterra. Imbagħad, parti terza tressaq lill-parti assigurata għal danni personali fl-Ingilterra u l-qorti tagħti lill-parti terza miljun lira f'danni kumpensatorji flimkien ma' miljun lira f'danni punittivi. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni tirrifjuta li tikkumpensa lill-parti assigurata. Il-parti assigurata tressaq lill-kumpanija tal-assigurazzjoni għad-danni fl-Ingilterra, billi tistrieħ fuq il-klawżola dwar l-għażla tal-qorti. Il-qorti tagħti sentenza kontra l-kumpanija tal-assigurazzjoni għal 2 miljun lira. Il-parti assigurata hija intitolata li tinforza din is-sentenza kontra l-kumpanija tal-assigurazzjoni għall-ammont sħiħ fil-

[257] Fil-para. 221 sa 227, ir-referenzi għall-assigurazzjoni jinkludu r-riassigurazzjoni.
[258] Għal eċċezzjoni minuri, ara n-nota 75, *supra* (azzjoni diretta minn impjegat korrut kontra l-assiguratur tal-impjegatur).
[259] Min-naħa l-oħra, il-Konvenzjoni ma tapplikax għall-proċedimenti skont kuntratt ta' assigurazzjoni li kieku dikjarazzjoni magħmula mill-Istat ikkonċernat skont l-Art. 21 kellha teskludi l-"kwistjonijiet li jikkonċernaw l-assigurazzjoni" mill-Konvenzjoni.
[260] Art. *2(2) f).*
[261] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra.*
[262] Ara *supra*, il-para. 203 sa 205.
[263] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra.*
[264] Jekk il-politika tkoprix tali danni ser ikun jiddependi fuq it-termini tagħha, kif interpretati mil-liġi li tirregolaha.


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

Kanada. Mhuwiex rilevanti li, skont l-Artikolu 2(2) *j)*, il-pretensjonijiet għal danni personali miġjuba minn jew għan-nom ta' persuni fiżiċi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (Art. 17(2) *a)*), jew li, skont l-Artikolu 11, qorti fil-Kanada tista' ma tkunx obbligata li tinforza l-element punittiv fis-sentenza bejn il-parti terza u l-parti assigurata (jekk il-qorti tkun ħadet ġurisdizzjoni skont ftehim dwar l-għażla tal-qorti) (Art. 17(2) *b)*).

227. **Kumpens għal danni punittivi mogħti kontra l-assiguratur.** Madankollu, jekk fil-proċedimenti fl-Ingilterra bejn il-parti assigurata u l-kumpanija tal-assigurazzjoni msemmija fl-eżempju ta' fuq, il-qorti mhux biss ordnat lill-kumpanija tal-assigurazzjoni li tħallas lill-parti assigurata s-somma ta' 2 miljun lira, iżda tat lill-parti assigurata s-somma addizzjonali ta' 1 miljun lira f'danni punittivi (minħabba li l-kumpanija tal-assigurazzjoni naqset mingħajr ebda ġustifikazzjoni milli tħallas lill-parti assigurata fuq talba), din is-somma addizzjonali ta' 1 miljun lira ma taqax taħt l-Artikolu 17(2) *b)*. Jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11 ikunu ġew issodisfati, il-qrati tal-Kanada ma jkunux obbligati li jinforzaw l-għotja addizzjonali skont il-Konvenzjoni.

*Artikolu 18 Ebda legalizzazzjoni*

228. Artikolu 18 jipprovdi li d-dokumenti kollha mibgħuta jew ikkonsenjati skont din il-Konvenzjoni għandhom ikunu eżenti mil-legalizzazzjoni jew minn kwalunkwe formalità analoga, inkluża *Apostille*.[265]

*Artikolu 19 Dikjarazzjonijiet li jillimitaw il-ġurisdizzjoni*

229. Hija l-politika tal-Konvenzjoni li teskludi sitwazzjonijiet għal kollox domestiċi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. L-effett għal din il-politika jingħata mill-Artikolu 1. L-Artikolu 19 isegwi l-politika opposta: huwa jippermetti lil Stat jagħmel dikjarazzjoni li l-qrati tiegħu mhumiex ser japplikaw l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni għal kawżi li jkunu għal kollox *barranin*. Huwa jgħid li Stat jista' jiddikjara li l-qrati tiegħu jistgħu jirrifjutaw li jiddeċiedu dwar tilwimiet li għalihom japplika ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti jekk, ħlief għall-post fejn tinsab il-qorti magħżula, ma jkun hemm ebda rabta bejn dak l-Istat u l-partijiet jew it-tilwima.[266]

230. Fil-prattika, il-partijiet xi drabi jagħżlu l-qrati ta' Stat li magħhom la huma u lanqas il-fatti tal-kawża ma jkollhom ebda konnessjoni. Ir-raġuni hija li ebda parti ma tkun trid tidher quddiem il-qrati tal-Istat tal-parti l-oħra; għalhekk, huma jaqblu li jagħżlu l-qrati ta' Stat newtrali. Xi pajjiżi jilqgħu din is-soluzzjoni b'merħba.[267] Oħrajn iħossu li din timponi piż bla bżonn fuq is-sistemi ġudizzjarji tagħhom. L-iskop tal-Artikolu 19 huwa li jakkomoda lill-Istati fil-kategorija tal-aħħar.

---

265 Dan huwa ekwivalenti għall-Art. 29(2) tal-abbozz ta' Konvenzjoni preliminari tal-1999. Il-kummentarju dwar dik id-dispożizzjoni fir-Rapport ta' Nygh / Pocar jinsab f'p. 110, fejn huwa ddikjarat li din hija prattika li hija stabbilita sewwa fil-kuntest tal-konvenzjonijiet tal-Aja.

266 Billi l-Konvenzjoni tuża l-kliem "jistgħu jirrifjutaw", il-qrati ta' Stat li jkun għamel dik id-dikjarazzjoni jkollhom id-diskrezzjoni dwar jekk iridux jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni jew le. Dan ma jikkawża ebda diffikultà fis-sistemi legali fejn il-qrati ġeneralment igawdu minn ċertu livell ta' diskrezzjoni meta jiġu biex jiddeċiedu jekk iridux jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni jew le. Fis-sistemi legali fejn dan ma jkunx il-każ, tista' tiġi adottata leġiżlazzjoni li tippermetti lill-qrati jeżerċitaw diskrezzjoni skont l-Art. 19. Id-diskrezzjoni permessa skont l-Art. 19 tista' tiġi eżerċitata wkoll mil-leġiżlatur, f'liema każ il-leġiżlazzjoni nnifisha tispeċifika taħt liema ċirkostanzi l-qrati jirrifjutaw li jisimgħu l-kawża.

267 Pereżempju, il-qrati Ingliżi ilhom għal ħafna snin lesti li jisimgħu kawżi bħal dawn u, fl-1984, New York adottat dispożizzjonijiet speċjali sabiex tiffaċilitahom, fejn it-tranżazzjoni tkopri mill-inqas 1 miljun dollaru Amerikan: ara l-Liġi u r-Regoli dwar il-Prattika Ċivili ta' New York, ir-Regola 327(b) u l-Liġi dwar l-Obbligi Ġenerali ta' New York § 5-1402.


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

*Artikolu 20 Dikjarazzjonijiet li jillimitaw ir-rikonoxximent u l-infurzar*

231. L-Artikolu 20 jgħid li Stat jista' jiddikjara li l-qrati tiegħu jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew jinfurzaw sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Kontraenti ieħor jekk il-partijiet ikunu residenti fl-Istat rikjest u r-relazzjoni tal-partijiet u l-elementi l-oħrajn kollha rilevanti għat-tilwima, ħlief il-post fejn tinsab il-qorti magħżula, ikunu marbuta biss mal-Istat rikjest.[268] Din id-dispożizzjoni ssegwi l-politika, diskussa fuq, tal-esklużjoni ta' sitwazzjonijiet għal kollox domestiċi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

232. Sabiex wieħed jifhem x'inhu l-iskop tal-Artikolu 20, huwa għandu jiftakar li l-Konvenzjoni tapplika biss f'kawżi internazzjonali.[269] Madankollu, id-definizzjoni ta' "internazzjonali" għal dan l-iskop tvarja skont jekk wieħed huwiex jikkunsidra l-ġurisdizzjoni,[270] jew ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenza.[271] Għall-finijiet ta' ġurisdizzjoni, kawża ma tkunx internazzjonali jekk il-partijiet ikunu residenti fl-istess Stat Kontraenti u jekk l-elementi l-oħrajn kollha rilevanti għat-tilwima (irrispettivament mill-post fejn tinsab il-qorti magħżula) ikunu marbutin biss ma' dak l-Istat. Madankollu, għall-fini tar-rikonoxximent u l-infurzar, kawża dejjem titqies bħala internazzjonali jekk is-sentenza tkun ingħatat minn qorti fi Stat ieħor minbarra dak fejn intalab ir-rikonoxximent jew l-infurzar. Dak ifisser li kawża li tkun domestika meta tinstema', issir internazzjonali jekk jitressqu proċedimenti sabiex is-sentenza tiġi infurzata fi Stat ieħor. L-iskop tal-Artikolu 20 huwa li jippermetti lil Stat Kontraenti jiddikjara li huwa mhux ser jirrikonoxxi jew jinforza sentenza bħal din jekk il-kawża tkun kollha kemm hi domestika għalih u jekk il-proċedimenti oriġinali jkunu tressqu fil-qrati tiegħu.

233. **Eżempju.**[272] Nassumu li l-partijiet huma residenti fl-Istat A u l-elementi rilevanti l-oħrajn kollha huma marbutin biss ma' dak l-Istat. Huma jaqblu li qorti fi Stat B ikollha ġurisdizzjoni esklussiva. Jekk waħda minnhom tressaq proċedimenti quddiem qorti fl-Istat A, dik il-qorti ma tkunx obbligata li tirrinunzja l-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 6: il-Konvenzjoni ma tkunx applikabbli minħabba li l-kawża ma tkunx internazzjonali skont l-Artikolu 1(2). Madankollu, jekk il-proċedimenti jkunu tressqu fl-Istat B, l-Istat A jintalab mill-Artikolu 8 sabiex jirrikonoxxi s-sentenza li tirriżulta: il-kawża tkun saret internazzjonali skont l-Artikolu 1(3). Dak li jagħmel l-Artikolu 20 huwa li jagħmilha possibbli għall-Istati li jbiddlu din is-sitwazzjoni billi jagħmlu dikjarazzjoni xierqa. Jekk jagħmel dan, l-Istat A ma jkunx mitlub li jirrikonoxxi s-sentenza.

*Artikolu 21 Dikjarazzjonijiet rigward kwistjonijiet speċifiċi*

234. Ser ikun imfakkar li l-Artikolu 2(2) jeskludi ċerti kwistjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. L-Artikolu 21 jippermetti lil Stati Kontraenti individwali jestendu din il-lista, safejn huma kkonċernati, billi jagħmlu dikjarazzjoni. Huwa jgħid li meta Stat ikollu interess qawwi li ma japplikax il-Konvenzjoni għal kwistjoni speċifika, huwa jista' jiddikjara li fil-fatt mhux ser japplika l-Konvenzjoni għal dik il-kwistjoni.[273] Meta jagħmel dikjarazzjoni bħal din, l-Istat għandu jiżgura li d-dikjarazzjoni ma tkunx usa' milli meħtieġ u li l-kwistjoni speċifika eskluża tkun definita b'mod ċar u preċiż.[274] Meta ssir dikjarazzjoni bħal din, il-Konvenzjoni ma tapplikax fir-rigward ta' dik il-kwistjoni fl-Istat Kontraenti li għamel id-dikjarazzjoni.

235. Kien maħsub mis-Sessjoni Diplomatika li din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għal oqsma diskreti tal-liġi, bħal dawk esklużi mill-Artikolu 2(2). Id-dikjarazzjoni ma tista' tuża ebda kriterju ħlief is-suġġett inkwistjoni. Hija tista', pereżempju, teskludi l-"kuntratti ta' assigurazzjoni marittima", iżda mhux il-"kuntratti ta' assigurazzjoni marittima meta l-qorti magħżula tkun tinsab fi Stat ieħor".

236. **Salvagwardji.** Jekk it-tali nonparteċipazzjoni ma tkunx possibbli, xi Stati ma jkunux jistgħu jsiru Partijiet mill-Konvenzjoni. Madankollu, Stat ma għandux jagħmel dikjarazzjoni mingħajr ma jagħti r-raġunijiet. L-interessi tal-partijiet għandhom jiġu ssalvagwardjati wkoll. Bil-għan li jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-Konvenzjoni tapplika tliet prinċipji: it-trasparenza, in-nonretroattività u r-reċiproċità.

237. **It-trasparenza u n-nonretroattività.** Skont l-Artikolu 32, kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir skont l-Artikolu 21 għandha tiġi nnotifikata lid-depożitarju (il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands), li min-naħa tiegħu jgħarraf lill-Istati l-oħrajn. Dan għandu jiżgura t-trasparenza. Huwa previst ukoll li d-dikjarazzjonijiet jitpoġġew fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.[275] Jekk id-dikjarazzjoni ssir wara li l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għall-Istat li jagħmilha, hija ma tidħolx fis-seħħ għal mill-inqas tliet xhur.[276] Minħabba li hija ma tapplikax b'mod retroattiv għall-kuntratti konklużi qabel id-dħul fis-seħħ tagħha,[277] ser ikun possibbli għall-partijiet li jkunu jafu,

[268] Billi l-Konvenzjoni tuża l-kliem "jistgħu jirrifjutaw", il-qrati ta' Stat li jkun għamel dik id-dikjarazzjoni jkollhom id-diskrezzjoni dwar jekk iridux jirrikonoxxu u jinfurzaw tali sentenzi skont il-Konvenzjoni jew le. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tista' tintroduċi obbligu li ma jiġux rikonoxxuti jew infurzati sentenzi barranin f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

[269] Art. 1(1).

[270] Art. 1(2).

[271] Art. 1(3).

[272] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra*.

[273] Tali dikjarazzjoni tista' ssir ukoll fir-rigward ta' kwistjonijiet li huma esklużi mid-dispożizzjonijiet esklużjonarji fl-Art. 2(2) – pereżempju, "drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati" fl-Art. *2(2) n).*

[274] Meta l-Istat Kontraenti li jagħmel id-dikjarazzjoni jkun wera x-xewqa li jagħmel dan, id-dikjarazzjoni tista' l-ewwel tintbagħat f'forma ta' abbozz lis-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza tal-Aja sabiex tiġi ċċirkolata lill-Istati Kontraenti l-oħrajn għall-kummenti tagħhom.

[275] Dan huwa <www.hcch.net>.

[276] Art. 32(4).

[277] Art. 32(5).


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

meta jikkonkludu kuntratt, jekk hijiex ser tiġi affettwata. Dan jipproteġi s-sigurtà legali.

238. **Ir-reċiproċità.** L-Artikolu 21(2) jgħid li, meta Stat jagħmel dikjarazzjoni bħal din, Stati oħrajn ma jintalbux japplikaw il-Konvenzjoni fir-rigward tal-kwistjoni partikolari meta l-qorti magħżula tkun fl-Istat li għamel id-dikjarazzjoni. Dan ifisser li jekk Stat Kontraenti ma jkunx lest li jagħti l-benefiċċji tal-Konvenzjoni lil Stati Kontraenti oħrajn, huwa ma jistax jistenna li jibbenifika mill-Konvenzjoni nfisha.

239. **Ir-rieżami tad-dikjarazzjonijiet.** Huwa previst li t-tħaddim tad-dikjarazzjonijiet skont l-Artikolu 21 jista' jiġi kkunsidrat minn żmien għal żmien, jew fil-laqgħat ta' rieżami li għandhom jinbdew mis-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza tal-Aja skont l-Artikolu 24 jew, bħala pass ta' tħejjija, fil-laqgħat dwar l-Affarijiet u l-Politika Ġenerali tal-Konferenza.[278]

*Artikolu 22 Dikjarazzjonijiet reċiproċi dwar ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti*

240. Skont l-Artikolu 1(1), il-Konvenzjoni tapplika biss għall-ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti. Madankollu, il-ftehimiet mhux esklussivi huma pjuttost komuni, speċjalment fis-settur bankarju internazzjonali. Għalhekk, l-Artikolu 22 joffri l-possibbiltà għall-Istati Kontraenti li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni sabiex din tkopri ftehimiet bħal dawn. Madankollu, din tapplika biss għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni fil-Kapitolu III dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi (l-Art. 8–15).[279] Dispożizzjonijiet oħrajn, b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6, ma japplikawx għal ftehimiet bħal dawn.

241. Sabiex jitħaddem l-Artikolu 22, l-Istat tal-oriġini u l-Istat fejn jintalab ir-rikonoxximent jew l-infurzar għandhom it-tnejn ikunu Stati Kontraenti u t-tnejn għandhom ikunu għamlu dikjarazzjoni skont l-Artikolu 22. Barra minn hekk, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- il-qorti tal-oriġini tkun ġiet innominata fi ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti;
- ma għandu jkun hemm ebda sentenza bejn l-istess partijiet fuq l-istess kawża ta' azzjoni mogħtija minn qorti oħra li l-proċedimenti quddiemha setgħu tressqu b'konformità mal-ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti;[280]
- ma għandux ikun hemm proċedimenti pendenti bejn l-istess partijiet fuq l-istess kawża ta' azzjoni fi kwalunkwe qorti oħra bħal din;
- il-qorti tal-oriġini kellha tkun l-ewwel qorti invokata.

242. Sabiex jikkostitwixxi ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti għall-fini tal-Artikolu 22, il-ftehim għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:[281]

- għandu jkun fil-forma stabbilita mill-Artikolu 3 *ċ)*;[282]
- il-partijiet għandhom ikunu taw il-kunsens tagħhom għalih;[283]
- il-qorti magħżula għandha tkun innominata sabiex tieħu deċiżjonijiet dwar it-tilwimiet li nqalgħu jew li jistgħu jinqalgħu b'rabta ma' relazzjoni legali partikolari;[284]
- il-ftehim għandu jinnomina qorti jew lill-qrati ta' Stat Kontraenti wieħed jew aktar.

243. **Kamp ta' applikazzjoni.** Ħlief għall-fatt li japplika għall-ftehimiet mhux esklussivi, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22 huwa eżattament l-istess bħal dak tal-Konvenzjoni b'mod ġenerali: soġġett għal din l-eċċezzjoni waħda, huwa ma japplikax għal kwalunkwe ftehim dwar l-għażla tal-qorti li ma jkunx kopert mid-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-Konvenzjoni. B'hekk, ir-restrizzjonijiet stipulati mill-Artikolu 2 u mill-Artikolu 21 jitħaddmu wkoll skont l-Artikolu 22.

244. Ħlief sal-punt li tistabbilixxi r-reċiproċità, dikjarazzjoni skont l-Artikolu 22 ma tistax taffettwa lil kwalunkwe Stat ieħor minbarra l-Istat li jagħmilha.

245. ***Artikolu 22(2) b).*** L-Artikolu 22(2) *b)* jimmodifika r-rekwiżit tar-rikonoxximent u tal-infurzar ta' sentenza billi jgħid li tali rikonoxximent jew infurzar mhuwiex obbligatorju meta tkun teżisti sentenza mogħtija minn qorti oħra li quddiemha jistgħu jitressqu proċedimenti b'konformità mal-ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti jew meta jkun jeżisti proċediment pendenti bejn l-istess partijiet fi kwalunkwe qorti oħra bħal din fuq l-istess kawża ta' azzjoni, irrispettivament minn jekk dawn il-proċedimenti nbdewx qabel jew wara dawk li tressqu quddiem il-qorti magħżula jew jekk tali sentenza ngħatatx qabel jew wara dik tal-qorti magħżula. Sabiex wieħed jifhem it-tħaddim ta' din id-dispożizzjoni, jeħtieġ li jikkunsidra meta l-proċedimenti jistgħu jitressqu f'qorti oħra minbarra l-qorti magħżula b'konformità mal-ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti. Dan jiddependi fuq jekk il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti huwiex mhux esklussiv mingħajr limitazzjoni jew mhux esklussiv b'limitazzjoni.

246. **Ftehimiet mhux esklussivi mingħajr limitazzjoni.**[285] Jekk il-ftehim ikun mhux esklussiv

[278] *Ara infra,* il-para. 257.

[279] Dan jinkludi r-raġunijiet li għalihom jista' jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent jew l-infurzar – pereżempju, skont l-Art. 9.

[280] Din tista' tkun kwalunkwe qorti li mhijiex eskluża mill-ftehim; ara *infra,* il-para. 245 *et seq.*

[281] Fil-fatt, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha stipulati fl-Art. 3, ħlief dak tal-esklussività. Dawn ir-rekwiżiti huma elenkati fil-para. 93, *supra.*

[282] Ara l-para. 110 sa 114, *supra.*

[283] Ara l-para. 94 sa 97, *supra.*

[284] Ara l-para. 101, *supra.*

[285] F'dan il-paragrafu, huwa preżunt li l-Istati kollha msemmija huma Partijiet mill-Konvenzjoni u li huma għamlu dikjarazzjoni skont l-Art. 22.

mingħajr limitazzjoni, huwa ma jimponi ebda restrizzjoni fuq il-qrati li jistgħu jitressqu proċedimenti quddiemhom. Huwa sempliċiment jinnomina qorti jew il-qrati ta' Stat Kontraenti weħed jew aktar fuq bażi mhux esklussiva – pereżempju, "il-proċedimenti skont dan il-kuntratt jistgħu jitressqu fil-qrati tal-Korea, iżda dan ma għandux jipprekludi t-tressiq ta' proċedimenti fi kwalunkwe qorti oħra li għandha ġurisdizzjoni skont il-liġi tal-Istat fejn hija tinsab". Meta l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jkun f'din il-forma, il-proċedimenti fi *kwalunkwe* qorti – anki jekk mhux fil-Korea – isiru b'konformità mal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti u, b'hekk, jipprovdu raġuni skont l-Artikolu 22(2) *(b)* sabiex is-sentenza ta' qorti Koreana ma tiġix rikonoxxuta skont il-Konvenzjoni.

247. **Ftehimiet mhux esklussivi b'limitazzjoni.**[286] Il-pożizzjoni hija differenti fil-każ ta' ftehim mhux esklussiv b'limitazzjoni. Ftehim bħal dan jimponi restrizzjonijiet fuq il-qrati li jistgħu jitressqu proċedimenti quddiemhom, madankollu, ma jikkostitwixxi ebda ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti kif definit fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Forma waħda tista' tkun ftehim li jinnomina qorti jew il-qrati ta' żewġ Stati Kontraenti jew aktar *għall-esklużjoni tal-oħrajn kollha* – pereżempju, "il-proċedimenti skont dan il-kuntratt jistgħu jitressqu fil-qrati tal-Korea jew fil-qrati taċ-Ċina" jew "il-proċedimenti skont dan il-kuntratt jistgħu jitressqu biss fil-Qorti Distrettwali ta' Seoul jew fil-Qorti Distrettwali ta' Beijing". Ftehim f'din il-forma jagħti ġurisdizzjoni lill-qrati speċifikati u jipprekludi lil qrati oħrajn milli jeħduha: ftehim bħal dan jikkostitwixxi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni li kieku ma kienx għall-fatt li l-qrati nnominati jinsabu fi Stati Kontraenti differenti. Jekk A tressaq lil B għad-danni f'Seoul u tingħata sentenza, kwalunkwe proċedimenti fuq l-istess kawża ta' azzjoni mressqa minn B f'Beijing (jew sentenza mogħtija hemmhekk) ikunu ostakolu, fis-sens tal-Artikolu 22(2) *b)*, għar-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenza mogħtija mill-qorti f'Seoul.

248. F'eżempju ieħor,[287] il-fora disponibbli għall-partijiet huma saħansitra aktar limitati, iżda l-effett ikun l-istess: fejn A u B ikkonkludew ftehim li permezz tiegħu A tista' tressaq lil B għad-danni *biss* fil-Qorti Distrettwali ta' Seoul, filwaqt li B tista' tressaq lil A għad-danni biss fil-Qorti Distrettwali ta' Beijing, kull parti għandha forum wieħed biss disponibbli u mhux tnejn bħal fl-eżempju ta' qabel. Jekk A tressaq lil B għad-danni f'Seoul u tingħata sentenza, kwalunkwe proċedimenti fuq l-istess kawża ta' azzjoni mressqa minn B f'Beijing (jew sentenza mogħtija hemmhekk) ikunu ostakolu, fis-sens tal-Artikolu 22(2) *b)*, għar-rikonoxximent u l-infurzar, skont il-Konvenzjoni, tas-sentenza mogħtija mill-qorti f'Seoul.[288]

249. **Ftehimiet asimmetriċi.** Il-ftehimiet asimmetriċi ġew diskussi fuq.[289] Dawn huma ftehimiet li taħthom parti waħda tista' tressaq proċedimenti biss fil-qorti magħżula, iżda l-parti l-oħra tista' tressaq proċedimenti fil-qrati l-oħrajn ukoll. Ftehimiet bħal dawn jitqiesu bħala ftehimiet mhux esklussivi għall-fini tal-Konvenzjoni minħabba li jeskludu l-possibbiltà li jingħata bidu għal proċedimenti fi qrati oħrajn għal waħda biss mill-partijiet.

250. **Eżempju:**[290] Nassumu li mutwanti u mutwatarju jidħlu fi ftehim ta' self. Il-ftehim fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti li tgħid, "Il-proċedimenti mill-mutwatarju kontra l-mutwanti jistgħu jitressqu biss fil-Qorti Distrettwali ta' Seoul, iżda l-proċedimenti mill-mutwanti kontra l-mutwatarju jistgħu jitressqu jew f'dik il-qorti jew inkella fi kwalunkwe qorti li jkollha ġurisdizzjoni skont il-liġi tal-Istat fejn tinsab". Il-Qorti Distrettwali ta' Seoul tagħti sentenza u jitressqu proċedimenti sabiex din is-sentenza tiġi infurzata fiċ-Ċina, wara li ż-żewġ Stati jkunu għamlu dikjarazzjonijiet skont l-Artikolu 22. Il-proċedimenti skont il-ftehim tas-self huma pendenti wkoll quddiem qorti fl-Awstralja. Jekk il-proċedimenti msemmija l-aħħar ikunu tressqu mill-mutwanti kontra l-mutwatarju, huma jipprekludu infurzar tas-sentenza Koreana fiċ-Ċina skont l-Artikolu 22, minħabba li kienu konformi mal-ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti.[291] Jekk, min-naħa l-oħra, ikunu tressqu mill-mutwatarju kontra l-mutwanti, dan ma jkunx il-każ; konsegwentement, huma ma jipprekludux l-infurzar tas-sentenza Koreana fiċ-Ċina.[292]

251. **Artikolu 22(2) *ċ)*.** Id-dispożizzjoni kienet maħsuba biex tapplika fejn tressqu proċedimenti quddiem il-qorti l-oħra, iżda dawn ma rriżultawx f'sentenza finali u ma għadhomx pendenti – pereżempju, fejn ġew irrinunzjati skont id-dottrina ta' *forum non conveniens*. Jekk jirriżultaw f'sentenza finali jew jekk għadhom pendenti, mela allura japplika l-Artikolu 22(2) *b)*. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-Artikolu 22(2) *ċ)* jitlob ukoll li l-qorti tal-oriġini tkun l-ewwel waħda invokata. Jekk qorti oħra mhux eskluża mill-ftehim dwar l-għażla tal-qorti kienet invokata l-ewwel fi proċedimenti bejn l-istess partijiet dwar l-istess kawża ta' azzjoni, is-sentenza ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata skont il-Konvenzjoni.[293]

252. Kienet l-intenzjoni tas-Sessjoni Diplomatika li l-Artikolu 22(2) *ċ)* ma japplikax meta l-qorti invokata l-ewwel tkun ħadet ġurisdizzjoni li tmur kontra t-termini tal-ftehim dwar l-għażla tal-qorti. Fi kliem ieħor, l-Artikolu 22(2) *ċ)* huwa soġġett għall-istess restrizzjoni f'dan ir-rigward bħall-Artikolu 22(2) *b)*, u s-sempliċi fatt li qorti mhux permessa mill-ftehim kienet invokata l-ewwel ma jeskludix ir-rikonoxximent u l-infurzar skont is-sistema tad-dikjarazzjoni.

[286] F'dan il-paragrafu, huwa preżunt li l-Istati kollha msemmija huma Partijiet mill-Konvenzjoni u li huma għamlu dikjarazzjoni skont l-Art. 22.
[287] F'dan il-paragrafu, huwa preżunt li l-Istati kollha msemmija huma Partijiet mill-Konvenzjoni u li huma għamlu dikjarazzjoni skont l-Art. 22.
[288] Ara l-para. 104, *supra*.
[289] Ara l-para. 105, *supra*.
[290] F'dan il-paragrafu, huwa preżunt li l-Istati kollha msemmija huma Partijiet mill-Konvenzjoni u li huma għamlu dikjarazzjoni skont l-Art. 22.
[291] Dan ikun il-każ anki jekk dawn ikunu nbdew wara l-bidu tal-proċedimenti fil-Korea u fiċ-Ċina.
[292] Madankollu, jekk is-sentenza Awstraljana ngħatat l-ewwel, il-qorti Ċiniża tista' tkun intitolata sabiex tirrifjuta li tinforza s-sentenza Koreana skont l-Art. 9 *g)*.
[293] Il-Konvenzjoni ma tipprekludix ir-rikonoxximent jew l-infurzar tagħha skont il-liġi nazzjonali.

253. **Dħul fis-seħħ.** Id-dħul fis-seħħ tad-dikjarazzjonijiet taħt l-Artikolu 22 huwa rregolat mill-Artikolu 32(3) u (4). Id-dħul fis-seħħ ser ikun rilevanti wkoll fir-rigward ta' meta dikjarazzjoni tkun "saret" f'termini tal-Artikolu 22. Dikjarazzjoni li ma daħlitx fis-seħħ ma jistax ikollha effetti legali.

254. Id-dispożizzjonijiet tranżitorji stipulati fl-Artikolu 16 ma japplikawx għad-dikjarazzjonijiet taħt l-Artikolu 22. Is-Sessjoni Diplomatika fehmet li l-Istat Kontraenti li jagħmel id-dikjarazzjoni jista' jispeċifika fid-dikjarazzjoni kemm id-dikjarazzjoni jista' jkollha (jekk ikollha) effett retroattiv.[294] B'hekk, l-Istat li jagħmel id-dikjarazzjoni jista' jiddetermina jekk din tkoprix il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti konklużi, il-proċedimenti mibdija jew is-sentenzi mogħtija fl-Istat tal-oriġini qabel ma d-dikjarazzjoni tidħol fis-seħħ għall-Istat rikjest. Fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni bħal din, il-proċedimenti għar-rikonoxximent jew għall-infurzar ta' sentenza jistgħu jitressqu fl-Istat rikjest ladarba d-dikjarazzjoni tidħol fis-seħħ għal dak l-Istat. Ir-rikonoxximent jew l-infurzar imbagħad jista' jingħata skont l-Artikolu 22, anki jekk il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti kien konkluż, il-proċedimenti fil-qorti tal-oriġini nbdew jew is-sentenza oriġinali ngħatat, qabel dik id-data.

255. **Reċiproċità.** Anki jekk ikun hemm dikjarazzjoni fis-seħħ fl-Istat tar-rikonoxximent li tapplika għas-sentenza inkwistjoni, għandu jkun hemm dikjarazzjoni fis-seħħ ukoll fl-Istat tal-oriġini. Iż-żewġ dikjarazzjonijiet għandhom ikunu fis-seħħ meta jintalab ir-rikonoxximent; inkella ma jkun hemm ebda reċiproċità. Ma hemm ebda dikjarazzjoni espliċita la fl-Artikolu 22 u lanqas fl-Artikolu 32 dwar jekk id-dikjarazzjoni fis-seħħ fl-Istat tal-oriġini għandhiex tkun tali li tkun applikat għal sentenza mogħtija mill-Istat tar-rikonoxximent fl-istess data li fiha ngħatat is-sentenza inkwistjoni. Bil-għan li tiġi żgurata ċarezza fuq din il-kwistjoni, Stat li jagħmel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 22 jista' jispeċifika jekk għandux ikun hemm ukoll dik li tista' tissejjaħ "reċiproċità fir-rigward taż-żmien" skont l-Artikolu 22.

*Artikolu 23 Interpretazzjoni uniformi*

256. L-Artikolu 23 jgħid li fl-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-karattru internazzjonali tagħha u lill-ħtieġa li tiġi promossa l-uniformità fl-applikazzjoni tagħha. Din id-dispożizzjoni hija indirizzata lill-qrati li japplikaw il-Konvenzjoni. Hija titlobhom jinterpretawha fi spirtu internazzjonali sabiex tiġi promossa l-uniformità tal-applikazzjoni. Għalhekk, fejn ikun raġonevolment possibbli, għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-kitbiet u d-deċiżjonijiet barranin. Wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li l-kunċetti u l-prinċipji li huma meqjusa bħala assjomatiċi f'sistema legali waħda jistgħu ma jkunux magħrufa jew ikunu miċħuda f'oħra. L-għanijiet tal-Konvenzjoni jistgħu jintlaħqu biss jekk il-qrati kollha japplikawha b'approċċ ta' moħħ miftuħ.[295]

*Artikolu 24 Rieżami tat-tħaddim tal-Konvenzjoni*

257. L-Artikolu 24 jitlob lis-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat sabiex jagħmel l-arranġamenti f'intervalli regolari għar-rieżami tat-tħaddim tal-Konvenzjoni, inklużi kwalunkwe dikjarazzjonijiet magħmula taħtu u sabiex jikkunsidra l-kwistjoni ta' jekk huwiex mixtieq li jsiru emendi fiha. Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' dawn il-laqgħat ta' rieżami jkun li jiġi eżaminat it-tħaddim tad-dikjarazzjonijiet skont l-Artikolu 21 u li jiġi kkunsidrat jekk kull waħda minnhom kinitx għadha meħtieġa.

*Artikolu 25 Sistemi legali mhux unifikati*

258. L-Artikolu 25 jikkonċerna l-problemi li jirriżultaw mill-fatt li xi Stati huma komposti minn żewġ unitajiet territorjali jew aktar, kull waħda bis-sistema ġudizzjarja tagħha. Dawn jidhru l-aktar ta' spiss fil-każ tal-federazzjonijiet – pereżempju, il-Kanada jew l-Istati Uniti tal-Amerika – iżda jistgħu jidhru wkoll fi Stati oħrajn – pereżempju, iċ-Ċina jew ir-Renju Unit. Dan jista' joħloq problema minħabba li, f'kull każ, wieħed irid jiddeċiedi jekk ir-referenza hijiex għall-Istat b'mod ġenerali ("Stat" fis-sens internazzjonali) jew inkella għal unità territorjali partikolari f'dak l-Istat.

259. L-Artikolu 25(1) isolvi din il-problema billi jgħid li, fejn japplikaw sistemi differenti ta' liġi fl-unitajiet territorjali fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni ttrattata fil-Konvenzjoni,[296] il-Konvenzjoni għandha tiġi interpretata bħala li tapplika jew għall-Istat fis-sens internazzjonali jew inkella għall-unità territorjali rilevanti, skont liema minnhom tkun xierqa.

260. L-aktar sitwazzjonijiet importanti li fihom tqum il-kwistjoni huma marbuta mad-definizzjoni ta' ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti (l-Art. 3) u mal-obbligu tal-qorti magħżula li tisma' l-kawża (l-Art. 5). Il-mod li bih japplika l-Artikolu 25 f'dawn is-sitwazzjonijiet diġà ġie diskuss.[297]

261. L-Artikolu 25(2) jagħti aktar effett lill-politika li l-Konvenzjoni ma tiġix applikata għal sitwazzjonijiet għal kollox domestiċi. Huwa jgħid li, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25(1), Stat Kontraenti b'żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom japplikaw sistemi differenti ta' liġi ma jkunx marbut li japplika l-Konvenzjoni għal sitwazzjonijiet li jinvolvu biss tali unitajiet territorjali differenti. Sabiex din id-dispożizzjoni tapplika, il-qorti magħżula għandha tkun tinsab ukoll fl-Istat inkwistjoni; jekk tkun tinsab fi Stat Kontraenti ieħor,

[294] Ara l-Minuti tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II: Minuti Nru 24, il-para. 56 sa 63; Minuti Nru 22, il-para. 74 sa 97.

[295] Id-dispożizzjoni ekwivalenti fl-abbozz ta' Konvenzjoni preliminari tal-1999 hija l-Art. 38(1). Il-kummentarju dwar dan fir-Rapport ta' Nygh / Pocar jinsab fil-pp. 118 u 119.

[296] Il-fatt li wħud mill-unitajiet territorjali rilevanti fi Stat Kontraenti, jew kollha kemm huma, japplikaw il-liġi komuni, mhux bilfors ifisser li huma ma japplikawx is-sistemi differenti tal-liġi. Huma jagħmlu dan jekk ikollhom leġiżlazzjoni differenti – pereżempju, fil-każ tal-Istati Awstraljani jew il-provinċji Kanadiżi soġġetti għal-liġi komuni.

[297] Ara l-para. 107 u 128 sa 131, *supra*.

mela minflok japplika l-Artikolu 20 (jekk ikun hemm dikjarazzjoni xierqa).

262. L-Artikolu 25(2) ifisser li jekk, pereżempju, il-qorti magħżula tkun fl-Ingilterra u s-sitwazzjoni tkun kollha kemm hi interna għar-Renju Unit, ir-Renju Unit ma jintalabx japplika l-Konvenzjoni bis-saħħa tal-fatt li waħda mill-partijiet hija residenti fl-Iskozja.

263. L-Artikolu 25(3) jgħid li qorti f'unità territorjali ta' Stat Kontraenti ma tkunx marbuta li tirrikonoxxi jew tinforza sentenza minn Stat Kontraenti ieħor sempliċiment minħabba li s-sentenza tkun ġiet rikonoxxuta jew infurzata skont il-Konvenzjoni minn qorti f'unità territorjali oħra tal-ewwel Stat Kontraenti. Dan ifisser, pereżempju, li qorti f'Beijing mhijiex marbuta, skont il-Konvenzjoni, li tirrikonoxxi sentenza mill-Ġappun sempliċiment minħabba li dan diġà sar minn qorti f'Hong Kong.[298] Il-qorti f'Beijing għandha tiddeċiedi għaliha nnifisha jekk il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent jew għall-infurzar skont il-Konvenzjoni ġewx issodisfati.

264. Huwa espressament iddikjarat fil-paragrafu 4 li l-Artikolu 25 ma japplikax għall-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika. Fi kliem ieħor, huwa jikkonċerna biss lill-Istati (fis-sens internazzjonali) u lill-unitajiet territorjali fi Stat, li fihom japplikaw sistemi differenti ta' liġi.[299]

*Artikolu 26 Ir-relazzjoni ma' strumenti internazzjonali oħrajn*

265. L-Artikolu 26 jikkonċerna r-relazzjoni bejn il-Konvenzjoni u strumenti internazzjonali oħrajn li huma relatati mal-ġurisdizzjoni, kif ukoll ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi. L-istrumenti ta' dan it-tip jinkludu l-Konvenzjoni ta' Brussell,[300] il-Konvenzjoni ta' Lugano,[301] ir-Regolament ta' Brussell,[302] il-Konvenzjoni ta' Minsk[303] u diversi strumenti fil-Kontinent Amerikan.[304]

266. Il-paragrafi 1 sa 5 tal-Artikolu 26 jikkonċernaw il-kunflitti bejn il-Konvenzjoni u ftehimiet internazzjonali oħrajn; il-paragrafu 6 jittratta l-kunflitti bejn il-Konvenzjoni u r-regoli ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika. L-ewwel għandna nikkunsidraw l-ewwel mistoqsija.

267. Il-problema tat-trattati konfliġġenti tinqala' biss jekk jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel waħda hija li għandu jkun hemm inkompatibbiltà effettiva bejn iż-żewġ trattati. Fi kliem ieħor, l-applikazzjoni taż-żewġ trattati għandha twassal għal riżultati differenti f'sitwazzjoni konkreta. Meta dan ma jkunx il-każ, jistgħu jiġu applikati ż-żewġ trattati. F'xi każijiet, inkompatibbiltà evidenti tista' tiġi eliminata permezz ta' interpetazzjoni. Fejn dan ikun possibbli, il-problema tissolva. Kif ser naraw, l-Artikolu 26(1) jipprova jagħmel dan.

268. It-tieni kundizzjoni hija li l-Istat tal-qorti invokata għandu jkun Parti miż-żewġ trattati. Jekk dak l-Istat ikun Parti minn trattat wieħed biss, il-qrati fih sempliċiment japplikaw dak it-trattat. Għalhekk, l-Artikolu 26 huwa indirizzat għall-Istati li huma Partijiet kemm mill-Konvenzjoni kif ukoll minn trattat ieħor li huwa konfliġġenti magħha.

269. **Il-Konvenzjoni ta' Vjenna.** L-Artikoli 30 u 41 tal-*Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati*, 1969, jikkodifikaw ir-regoli tal-liġi internazzjonali pubblika fir-rigward tat-trattati relatati mal-istess suġġett.[305] Ir-regoli fl-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni għandhom jinqraw f'dan l-isfond.[306] Il-Konvenzjoni ma tistax tagħmel lilha nnifisha tegħleb strumenti oħrajn f'livell akbar minn dak permess mid-dritt internazzjonali. Madankollu, id-dritt internazzjonali ma jippermettix li trattat jgħid li trattat ieħor jipprevali fuqu. Għalhekk, l-iskop tal-Artikolu 26 huwa li jistabbilixxi li, fil-każijiet speċifikati, il-Konvenzjoni ċċedi postha għall-istrument l-ieħor, sakemm it-tnejn ikunu konfliġġenti. Meta ma tapplika ebda waħda minn dawn ir-regoli ta' "ċediment", il-Konvenzjoni jkollha effett sal-limitu kollu permess mid-dritt internazzjonali.

270. **Interpretazzjoni.** L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 26 jinkludi fih regola ta' interpretazzjoni. Din ir-regola tgħid li l-Konvenzjoni għandha tiġi interpretata, safejn ikun possibbli, bħala li hija kompattibbli ma' trattati oħrajn fis-seħħ għall-Istati Kontraenti. Hija tapplika irrispettivament minn jekk it-trattat l-ieħor kienx konkluż qabel jew wara l-Konvenzjoni. B'hekk, meta dispożizzjoni fil-Konvenzjoni b'mod raġonevoli jkollha żewġ tifsiriet, għandha tiġi ppreferuta l-aktar tifsira li tkun kompatibbli mat-trattat l-ieħor. Madankollu, dan ma jfissirx li għandha

---

298 Ovvjament, hija tista' tirrikonoxxi s-sentenza skont il-liġi domestika tagħha.

299 L-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika huma rregolati mill-Art. 29.

300 *Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Infurzar ta' Sentenzi fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali* tas-27 ta' Settembru 1968, ĠU 1998 C 27, p. 1 (ara *supra*, in-nota 9).

301 *Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Infurzar ta' Sentenzi fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali* tas-16 ta' Settembru 1988, ĠU 1988 L 319, p. 9 (ara *supra*, in-nota 10).

302 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU 2001 L 12, p. 1 (ara *supra*, in-nota 50).

303 *Il-Konvenzjoni ta' Minsk dwar l-Assistenza Legali u r-Relazzjonijiet Legali f'Kawżi Ċivili, tal-Familja u Kriminali* tal-1993. Il-verżjoni attwali, kif emendata fit-28 ta' Marzu 1997, tista' tinstab fi traduzzjoni bl-Ingliż u bil-Franċiż fl-Anness II għad-Dok. Prel. Nru 27, "The Relationship between the Judgments Project and certain Regional Instruments in the Arena of the Commonwealth of Independent States", imħejji minn E. Gerasimchuk għall-Uffiċċju Permanenti, disponibbli fuq < www.hcch.net >.

304 Ara A. Schulz, A. Muriá Tuñón u R. Villanueva Meza, "The American instruments on private international law. A paper on their relation to a future Hague Convention on Exclusive Choice of Court Agreements", Dok. Prel. Nru 31 ta' Ġunju 2005 għall-attenzjoni tal-Għoxrin Sessjoni ta' Ġunju 2005, disponibbli fuq < www.hcch.net >.

305 L-Art. 30 u 41 ġeneralment jitqiesu bħala li jiddikjaraw ir-regoli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju fuq dan il-punt; għalhekk, anki dawk l-Istati li mhumiex Partijiet mill-Konvenzjoni ta' Vjenna jaċċettawhom bħala li jistabbilixxu l-pożizzjoni legali b'mod preċiż.

306 Għal diskussjoni sħiħa, ara A. Schulz, "The Relationship between the Judgments Project and other International Instruments", Dok. Prel. Nru 24 ta' Diċembru 2003 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Diċembru 2003, disponibbli fuq < www.hcch.net >.


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

tiġi adottata interpretazzjoni restrittiva sabiex tinkiseb il-kompatibbiltà.

271. **L-ewwel regola ta' "ċediment".** Il-Paragrafu 2 tal-Artikolu 26 jinkludi fih l-ewwel regola ta' "ċediment". Din tapplika irrispettivament minn jekk it-trattat kienx konkluż qabel jew wara l-Konvenzjoni. Hija tgħid li t-trattat konfliġġenti jipprevali meta ebda waħda mill-partijiet ma tkun residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Parti mit-trattat konfliġġenti. Din ir-regola ma tapplikax jekk kwalunkwe waħda mill-partijiet tkun residenti fi Stat li huwa Parti mill-Konvenzjoni iżda mhux mit-trattat konfliġġenti.

272. Meta parti tkun residenti f'aktar minn Stat wieħed (ara l-Art. 4(2)), il-Konvenzjoni ċċedi postha għat-trattat l-ieħor (sal-punt tal-inkompatibbiltà) jekk il-partijiet kollha jkunu residenti *biss* fi Stati li huma Partijiet mit-trattat konfliġġenti jew fi Stati mhux Kontraenti.

273. L-idea wara din ir-regola hija li l-Konvenzjoni ma għandhiex tipprevali f'każ partikolari jekk ebda wieħed mill-Istati li huma Partijiet minnha "ma jkollu interess"[307] fil-prevalenza tagħha. Huwa preżunt li jekk Stat ikun Parti kemm mill-Konvenzjoni kif ukoll mit-trattat, huwa ma jkollu ebda oġġezzjoni jekk tal-aħħar jipprevali. Jekk Stat ma jkunx Parti mill-Konvenzjoni, huwa ma jkollux "interess" li l-Konvenzjoni għandha tipprevali. Konsegwentement, l-Artikolu 26(2) jassumi li huma biss dawk l-Istati li huma Partijiet mill-Konvenzjoni u mhux mit-trattat li għandhom "interess" li jaraw li l-Konvenzjoni tipprevali. Jekk ma jkun involut ebda Stat bħal dan f'kawża partikolari, ma hemm ebda raġuni għaliex il-Konvenzjoni għandha tipprevali f'dik il-kawża.

274. Il-mistoqsija li jmiss hija: Stat *meta* jkollu "interess" f'kawża? It-tweġiba mogħtija mill-Konvenzjoni hija li Stat ikollu interess jekk, iżda biss jekk, waħda mill-partijiet tkun residenti fit-territorju tiegħu. Jekk parti tkun residenti kemm fit-territorju ta' dak l-Istat kif ukoll fit-territorju ta' Stat ieħor – pereżempju, korporazzjoni inkorporata fi Stat wieħed bil-post tan-negozju prinċipali tagħha fi Stat ieħor – huwa xorta waħda jkollu interess. Din hija r-raġuni għaliex ir-regola tapplika biss jekk il-partijiet kollha jkunu residenti *biss* fi Stati li huma Partijiet mit-trattat konfliġġenti jew fi Stati mhux Kontraenti.

275. **Il-Partijiet.** Min jgħodd bħala "parti" għall-fini ta' din ir-regola? Billi l-iskop tar-regola huwa li tiddetermina meta Stat ikollu interess fil-kawża, "parti" għandha tfisser persuna li hija parti mill-ftehim dwar l-għażla tal-qorti, jew li hija marbuta bih jew intitolata li tinvokah.[308] Huma biss dawn il-persuni li għandhom interess fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni u huwa biss fir-rigward ta' dawn il-persuni li Stat għandu interess fil-kawża. Barra minn hekk, il-persuna għandha tkun parti mill-proċedimenti, billi xi ħadd li ma jkunx parti mill-proċedimenti ma jkollu ebda interess f'jekk il-Konvenzjoni tapplikax għalih. Għalhekk, "parti" hija parti mill-proċedimenti, li tkun marbuta bil-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jew intitolata li tinvokah. Min-naħa l-oħra, ma tagħmilx differenza jekk tali persuna kinitx waħda mill-partijiet oriġinali mill-proċedimenti jew jekk isseħbitx fi stadju aktar tard.

276. Issa ninsabu f'pożizzjoni li nagħtu xi eżempji. Għandna nużaw il-Konvenzjoni ta' Lugano bħala eżempju, għalkemm il-kunflitti x'aktarx li jkunu rari fil-prattika, minħabba li ftit hemm inkompatibbiltajiet bejnha u l-Konvenzjoni. L-aktar eċċezzjonijiet importanti jikkonċernaw ir-regola tal-*lis pendens* u l-assigurazzjoni.[309] Aħna għandna nużaw tal-ewwel bħala eżempju.[310] Ir-regola fil-Konvenzjoni ta' Lugano hija li l-qorti magħżula mhijiex permessa li tisma' kawża jekk qorti fi Stat Kontraenti ieħor kienet invokata l-ewwel.[311] Min-naħa l-oħra, skont il-Konvenzjoni, il-qorti magħżula għandha tisma' l-kawża anki jekk kien hemm qorti oħra li kienet invokata l-ewwel.[312]

277. **L-ewwel eżempju.** Kumpanija residenti fin-Norveġja tikkonkludi kuntratt ma' kumpanija residenti fl-Iżvizzera, fejn tajjeb niftakru li kemm in-Norveġja kif ukoll l-Iżvizzera huma partijiet fil-Konvenzjoni ta' Lugano u fil-Konvenzjoni tal-Aja. Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati tal-Iżvizzera. Il-kumpanija Norveġiża tfittex lill-kumpanija Żvizzera għad-danni fin-Norveġja. Sussegwentement, il-kumpanija Żvizzera tfittex lill-kumpanija Norveġiża għad-danni fl-Iżvizzera. Kemm il-qorti Żvizzera kif ukoll il-qorti Norveġiża jridu jiddeċiedu jekk japplikawx il-Konvenzjoni tal-Aja jew il-Konvenzjoni ta' Lugano. Billi ebda waħda mill-partijiet ma hija residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Parti mill-Konvenzjoni ta' Lugano, il-Konvenzjoni ta' Lugano tipprevali. Il-qorti Żvizzera ma tistax tisma' l-kawża qabel u sakemm il-qorti Norveġiża tiddeċiedi li hija ma għandha ebda ġurisdizzjoni.

278. **It-tieni eżempju.** Kumpanija Kanadiża tikkonkludi kuntratt ma' kumpanija Norveġiża. Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati tal-Iżvizzera. Il-kumpanija Norveġiża tfittex lill-kumpanija Kanadiża għad-danni fin-Norveġja. Sussegwentement, il-kumpanija Kanadiża tfittex lill-kumpanija Norveġiża għad-danni fl-Iżvizzera. Għal darba oħra, il-qorti Żvizzera u l-qorti Norveġiża ser ikollhom jiddeċiedu jekk japplikawx il-Konvenzjoni tal-Aja jew il-Konvenzjoni ta' Lugano. Billi waħda mill-partijiet (il-kumpanija Kanadiża) hija residenti f'pajjiż li huwa Parti mill-Konvenzjoni tal-Aja iżda mhux mill-Konvenzjoni ta' Lugano, il-Konvenzjoni ta' Lugano

[307] Għall-finijiet ta' dan ir-Rapport, il-kelma "interess" ma tirreferix għal kwalunkwe kunċett legali domestiku bħal "interessi tal-Istat" jew "interessi governattivi", iżda hija maħsuba biex tirreferi għall-aspettattiva raġonevoli ta' Stat Parti li l-Konvenzjoni tipprevali f'sitwazzjoni fattwali partikolari. Kif ġie spjegat fil-para. 274, il-fattur użat mill-Konvenzjoni sabiex issir din id-determinazzjoni huwa r-residenza tal-partijiet.

[308] Dwar il-kwistjoni ta' meta persuna li ma tkunx parti minn ftehim dwar l-għażla tal-qorti xorta waħda tkun marbuta bih, ara l-para. 97, *supra.*

[309] Eċċezzjoni oħra hija li, kif inhi fil-preżent fil-verżjoni tagħha tal-1988, il-Konvenzjoni ta' Lugano ma tipprevedi ebda forma elettronika.

[310] L-assigurazzjoni hija diskussa fil-para. 302 sa 304, *infra*, b'konnessjoni mar-Regolament ta' Brussell.

[311] Din issegwi mill-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-Art. 17 tal-Konvenzjoni ta' Brussell f'*Gasser* v. *MISAT,* il-Kawża C-116/02, [2003] Ġabra I-14721 (disponibbli fuq < http://curia.europa.eu/ >), interpretazzjoni li kważi tapplika b'ċertezza wkoll għall-Konvenzjoni ta' Lugano.

[312] Art. 5.

ma tipprevalix abbażi tal-Artikolu 26(2).[313] Dan ifisser li l-qorti Żvizzera trid tisma' l-kawża (Art. 5); mhuwiex possibbli għaliha li tistenna li tittieħed deċiżjoni mill-qorti Norveġiża fuq il-kompetenza tagħha (li tkun obbligatorja skont l-Art. 21 tal-Konvenzjoni ta' Lugano).

279. **It-tieni regola ta' "ċediment".** It-tieni regola ta' "ċediment" hija inkluża fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 26. Hija maħsuba biex tgħin lill-Istati li huma Partijiet kemm mill-Konvenzjoni kif ukoll minn trattat inkonsistenti, fejn mhux il-Partijiet kollha minn dan tal-aħħar jissieħbu fil-Konvenzjoni. Hija tgħid li l-Konvenzjoni ma taffettwax l-applikazzjoni minn Stat Kontraenti ta' trattat li ġie konkluż[314] qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għal dak l-Istat Kontraenti, jekk l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ma tkunx konsistenti mal-obbligi ta' dak l-Istat Kontraenti fil-konfront ta' kwalunkwe Stat mhux Kontraenti. Jekk din ir-regola ma teżistix, xi Stati ma jkunux jistgħu jsiru Partijiet mill-Konvenzjoni.

280. It-tieni regola ta' "ċediment" tapplika biss sakemm l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ma tkunx konsistenti mal-obbligi tal-Istat inkwistjoni fil-konfront ta' Stat mhux Kontraenti. Dan ifisser li għandu jkun hemm mill-inqas Stat wieħed li jkun Parti mit-trattat l-ieħor iżda mhux mill-Konvenzjoni. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni ċċedi postha għal dak it-trattat l-ieħor biss jekk l-Istat inkwistjoni altrimenti jkun obbligat li jikser l-obbligi tiegħu fil-konfront ta' tali Stat.

281. L-ewwel regola ta' "ċediment" tinkludi test li jsir biex jiddetermina meta Stat għandu interess f'kawża sabiex ikun intitolat li jinsisti fuq l-applikazzjoni tat-trattat l-ieħor. It-tieni regola ta' "ċediment" ma tinkludi ebda test bħal dan. Għalhekk, mhuwiex faċli li tgħid meta l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ma tkunx konsistenti mal-obbligi ta' Stat Kontraenti fil-konfront ta' Stat li huwa Parti mit-trattat l-ieħor iżda mhux mill-Konvenzjoni. Dan jiddependi fuq it-termini tat-trattat l-ieħor u fuq il-liġi internazzjonali.

282. **Eżempju.** Nassumu li r-Ruritania (Stat immaġinarju) hija Parti mill-Konvenzjoni ta' Lugano iżda mhux mill-Konvenzjoni tal-Aja. L-Iżvizzera hija Parti mill-Konvenzjoni ta' Lugano u ssir Parti mill-Konvenzjoni tal-Aja. Il-Kanada hija Parti mill-Konvenzjoni tal-Aja. Kumpanija Kanadiża tikkonkludi kuntratt ma' kumpanija mir-Ruritania. Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati tal-Iżvizzera. Il-kumpanija mir-Ruritania tfittex lill-kumpanija Kanadiża għad-danni fir-Ruritania. Sussegwentement, il-kumpanija Kanadiża tfittex lill-kumpanija mir-Ruritania għad-danni fl-Iżvizzera. Billi waħda mill-partijiet (il-kumpanija Kanadiża) hija residenti fi Stat li huwa Parti mill-Konvenzjoni tal-Aja iżda mhux mill-Konvenzjoni ta' Lugano, l-Artikolu 26(2) ma japplikax. B'hekk, il-Konvenzjoni ma ċċedix postha għall-Konvenzjoni ta' Lugano fl-Iżvizzera. Dan ikun ifisser li l-qorti Żvizzera jkollha tapplika l-Konvenzjoni tal-Aja; għalhekk, ma jkunx possibbli għaliha li tistenna li tittieħed deċiżjoni mill-qorti tar-Ruritania fuq il-kompetenza tagħha. Madankollu, il-qorti Żvizzera ser tkun obbligata li tagħmel dan skont l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni ta' Lugano. Bil-għan li tissolva din il-problema, l-Artikolu 26(3) jgħid li l-Konvenzjoni ser iċċedi postha għall-obbligu tat-trattat preċedenti tal-Iżvizzera fil-konfront tar-Ruritania.

283. **Trattati preċedenti.** Din it-tieni regola ta' "ċediment" tapplika biss għall-kunflitti ma' trattat *preċedenti*. Il-kwistjoni li tiddetermina meta trattat wieħed ikun preċedenti għal ieħor tqajjem diffikultajiet konsiderevoli fil-liġi internazzjonali. L-opinjoni ġenerali hija li ż-żmien tal-konklużjoni tat-trattati inkwistjoni huwa deċiżiv u mhux id-dħul fis-seħħ tagħhom.[315] Madankollu, l-Artikolu 26(3) tal-Konvenzjoni japplika regola differenti li tikkombina dawn iż-żewġ approċċi: it-tieni regola ta' "ċediment" hija applikabbli jekk it-trattat l-ieħor ikun ġie *konkluż*[316] qabel ma l-Konvenzjoni *daħlet fis-seħħ* għall-Istat inkwistjoni. Barra minn hekk, jekk it-trattat l-ieħor ikun konformi ma' din ir-regola, it-tieni regola ta' "ċediment" tapplika wkoll għal trattat ġdid li jirrevedih jew jissostitwixxih, bl-eċċezzjoni ta' meta r-reviżjoni jew is-sostituzzjoni toħloq inkonsistenzi ġodda mal-Konvenzjoni.

284. **L-ewwel eżempju.** Nassumu li wara li tiġi konkluża l-Konvenzjoni, grupp ta' Stati (li wħud minnhom ma jsirux Partijiet mill-Konvenzjoni) jikkonkludu trattat ieħor dwar l-istess suġġett. Ir-Ruritania mbagħad tirratifika l-Konvenzjoni u tidħol fis-seħħ għaliha. Wara dan, hija tirratifika t-trattat l-ieħor u dan ukoll jidħol fis-seħħ għaliha. Billi t-trattat l-ieħor kien konkluż qabel daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni għar-Ruritania, il-Konvenzjoni ċċedi postha għat-trattat l-ieħor sal-punt li l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ma tkunx konsistenti mal-obbligi tar-Ruritania fil-konfront ta' Stat li huwa Parti mit-trattat l-ieħor iżda mhux mill-Konvenzjoni.

---

[313] Jekk il-Kanada, in-Norveġja u l-Iżvizzera huma kollha Partijiet mill-Konvenzjoni, jidher li ma hemm ebda bażi li fuqha tipprevali l-Konvenzjoni ta' Lugano.

[314] Ara l-para. 283 sa 285.

[315] I. Sinclair, *The Vienna Convention on the Law of Treaties*, 2nd ed., Manchester University Press 1984, p. 98; A. Aust, *Modern Treaty Law and Practice*, Cambridge University Press 2000, p. 183; J.B. Mus, "Conflicts Between Treaties in International Law", 45 *Netherlands International Law Review* 1998, p. 208, pp. 220 sa 222. Opinjoni differenti hija ppreżentata f'E.W. Vierdag, "The Time of the 'Conclusion' of a Multilateral Treaty: Article 30 of the Vienna Convention on the Law of Treaties and Related Provisions", 59 *British Yearbook of International Law* 1988, p. 75, iżda din tidher li mhijiex korretta għar-raġunijiet mogħtija minn J.B. Mus, *supra*.

[316] Sakemm ma jiġix previst mod ieħor, trattat bilaterali ġeneralment jitqies bħala li jiġi konkluż meta jiġi ffirmat; trattat multilaterali ġeneralment jitqies bħala li jiġi konkluż meta jiġi ffirmat l-Att Finali (jew inkella adottat) jew meta jinfetaħ għall-iffirmar, skont liema tkun l-aktar tard. Ara A. Aust, *Modern Treaty Law and Practice*, Cambridge University Press 2000, p. 74. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li, għall-Konferenza tal-Aja, din il-Konvenzjoni ġabet magħha bidla: sa issa, Konvenzjoni tal-Aja tqieset bħala li ġiet konkluża fid-data tal-ewwel iffirmar, mhux fid-data tal-adozzjoni tagħha (l-iffirmar tal-Att Finali fiċ-ċerimonja tal-għeluq tas-Sessjoni Diplomatika) jew fid-data meta nfetħet għall-iffirmar (li normalment tkun l-istess ġurnata). Sakemm ġiet iffirmata għall-ewwel darba, kienet issir referenza għaliha bħala "abbozz ta' Konvenzjoni" mingħajr data. *Il-Konvenzjoni tat-30 ta' Ġunju 2005 dwar il-Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti* hija l-ewwel Konvenzjoni tal-Aja li ssegwi r-regola l-ġdida li titqies bħala li tiġi konkluża fid-data tal-adozzjoni tagħha, meta jiġi ffirmat l-Att Finali u l-Konvenzjoni tinfetaħ għall-iffirmar, irrispettivament minn jekk Stat effettivament jiffirmax il-Konvenzjoni fl-istess ġurnata.


*Ir-Rapport ta' Hartley / Dogauchi*

285. **It-tieni eżempju.** Nassumu li r-Ruritania hija Parti mill-Konvenzjoni ta' Lugano iżda mhux mill-Konvenzjoni. In-Norveġja u l-Iżvizzera huma Partijiet mit-tnejn. Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għalihom wara li tiġi konkluża l-Konvenzjoni ta' Lugano. Nassumu wkoll li, wara li tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni għalihom, il-Konvenzjoni ta' Lugano tiġi sostitwita b'konvenzjoni ġdida.[317] L-Artikolu 26(3) japplika għal dik il-konvenzjoni ġdida sal-punt li jinżammu l-istess inkonsistenzi mal-Konvenzjoni bħall-Konvenzjoni ta' Lugano, iżda ma japplikax fir-rigward ta' kwalunkwe inkonsistenzi ġodda introdotti minnha.

286. **It-tielet regola ta' "ċediment".** It-tielet regola ta' "ċediment" (stipulata mir-raba' paragrafu tal-Art. 26) tikkonċerna biss it-trattati għar-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi. Hija tapplika għal dawn it-trattati, irrispettivament minn jekk dawn ġewx konklużi qabel jew wara l-Konvenzjoni. Meta sentenza mogħtija minn Stat li huwa Parti minn trattat bħal dan tkun trid tiġi rikonoxxuta jew infurzata fi Stat ieħor bħal dan, il-Konvenzjoni ma taffettwax l-applikazzjoni ta' dak it-trattat, sakemm is-sentenza ma tkunx rikonoxxuta jew infurzata b'mod inqas milli previst skont il-Konvenzjoni.

287. Din ir-regola jkollha sinifikat biss meta ż-żewġ Stati kkonċernati jkunu Partijiet kemm mill-Konvenzjoni kif ukoll mit-trattat l-ieħor: il-Konvenzjoni ma tapplikax sakemm iż-żewġ Stati ma jkunux Partijiet minnha u t-trattat l-ieħor ma japplikax sakemm it-tnejn ma jkunux Partijiet minnu. L-iskop tar-regola huwa li tippromwovi r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi. Jekk it-trattat l-ieħor jagħmel dan b'mod aktar effikaċi, jew f'livell akbar, ikun aħjar jekk jitħalla jiġi applikat. Huwa biss meta s-sentenza tkun rikonoxxuta jew infurzata b'mod inqas skont it-trattat l-ieħor li għandha tapplika l-Konvenzjoni. Sakemm il-liġi tal-Istat rikjest ma tistipulax mod ieħor, il-kreditur tas-sentenza jista' jagħżel jekk jinfurzax is-sentenza skont il-Konvenzjoni jew inkella skont it-trattat l-ieħor.

288. **Ir-raba' regola ta' "ċediment".** Ir-raba' regola ta' "ċediment" (stipulata mill-ħames paragrafu tal-Art. 26) tikkonċerna t-trattati li jittrattaw il-ġurisdizzjoni, jew ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza, iżda fir-rigward ta' "kwistjoni speċifika" biss. Bi "kwistjoni speċifika" nifhmu qasam diskret tal-liġi tax-xorta msemmija fl-Artikolu 2(2) jew fl-Artikolu 21. Eżempji ta' kwistjonijiet speċifiċi jinkludu aġenzija kummerċjali, assigurazzjoni marittima jew ħruġ ta' liċenzji għall-privattivi. Fil-każ ta' dawn it-trattati, il-Konvenzjoni ċċedi postha, sal-punt tal-inkonsistenza, irrispettivament minn jekk jiġux konklużi qabel jew wara l-Konvenzjoni u irrispettivament minn jekk il-Partijiet kollha mit-trattat humiex ukoll Partijiet mill-Konvenzjoni.

289. **Dikjarazzjoni.** Madankollu, hemm kundizzjoni. Sabiex din ir-regola tapplika, l-Istat Kontraenti inkwistjoni għandu jagħmel dikjarazzjoni fir-rigward tat-trattat skont l-Artikolu 26(5).[318] Meta ssir dikjarazzjoni bħal din, Stati Kontraenti oħrajn ma jkunux obbligati li japplikaw il-Konvenzjoni, sal-punt tal-inkonsistenza, fir-rigward tas-suġġett imsemmi fid-dikjarazzjoni, jekk il-qorti magħżula tkun fl-Istat li għamel id-dikjarazzjoni. Dan ifisser li jekk, bħala riżultat tat-twettiq tad-dikjarazzjoni, l-Istati li jagħmluha ma jibqgħux soġġetti għal obbligi reċiproċi skont il-Konvenzjoni, Stati Kontraenti oħrajn ma jkunux obbligati li japplikaw il-Konvenzjoni meta l-qorti magħżula tkun fi Stat li jagħmel id-dikjarazzjoni.[319] Madankollu, dan japplika biss "sal-punt ta' kwalunkwe inkonsistenza"; fi kliem ieħor, japplika biss f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn ir-reċiproċità ma tkunx garantita.[320]

290. **Eżempju.** Nassumu li grupp ta' Stati li saru Partijiet mill-Konvenzjoni (l-Istati soġġetti għal "ipoteka marittima") sussegwentement jikkonkludu trattat dwar l-ipoteki marittimi (kwistjoni li hija koperta wkoll mill-Konvenzjoni) li jkollu dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni u dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi. Jekk huma jagħmlu dikjarazzjoni xierqa, il-qrati tagħhom ikunu intitolati li japplikaw it-trattat il-ġdid, minflok il-Konvenzjoni, sal-punt ta' kwalunkwe inkonsistenza. Nassumu li t-trattat dwar l-ipoteki marittimi jistabbilixxi li l-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti huma invalidi fir-rigward ta' ipoteki fil-kategorija "A"; li huma validi fir-rigward ta' ipoteki fil-kategorija "B" biss jekk isiru quddiem nutar; li ser ikunu validi fir-rigward ta' ipoteki fil-kategorija "Ċ" biss jekk il-qorti magħżula tkun fl-Istat tar-reġistrazzjoni tal-bastiment; u li ser ikunu validi fir-rigward ta' ipoteki fil-kategorija "D" biss jekk il-qorti magħżula tkun fi Stat soġġett għal "ipoteka marittima". Meta, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-qorti magħżula tkun fi Stat soġġett għal "ipoteka marittima", l-Istati "mhux soġġetti għal ipoteka marittima"[321] ma jkunux obbligati li japplikaw il-Konvenzjoni fi kwalunkwe każijiet li jinvolvu ipoteki fil-kategorija "A" jew fil-kategorija "D"; ma jkunux obbligati li japplikawha fil-każijiet li jinvolvu ipoteki fil-kategorija "B" jekk il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ma jkunx sar quddiem nutar; u ma jkunux obbligati li japplikawha fil-każijiet li jinvolvu ipoteki fil-kategorija

---

[317] Fil-mument li qed tinkiteb din il-pubblikazzjoni qed isir xogħol sabiex tiġi konkluża Konvenzjoni ta' Lugano riveduta, bil-għan li l-kontenut tagħha jinġieb f'konformità mar-Regolament ta' Brussell. Il-Partijiet Kontraenti ser ikunu l-Komunità Ewropea, l-Islanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

[318] L-Art. 32 ser japplika għal dikjarazzjoni bħal din.

[319] Dan ifisser li, fl-eżempju li jikkonċerna l-ipoteki marittimi (para. 290, *infra*), jekk il-qorti magħżula tkun fi Stat soġġett għal "ipoteka marittima" (Stat li huwa Parti mit-trattat dwar l-ipoteki marittimi), il-qrati fi Stati "mhux soġġetti għal ipoteka marittima" (Stati li mhumiex Partijiet mit-trattat dwar l-ipoteki marittimi) ma jkunux obbligati li jissospendu jew jirrinunzjaw il-proċedimenti skont l-Art. 6, u lanqas ma jkunu obbligati li jirrikonoxxu jew jinfurzaw sentenzi skont l-Art. 8.

[320] Dikjarazzjoni skont l-Art. 26(5) hija differenti minn dikjarazzjoni skont l-Art. 21 minħabba li, skont dan tal-aħħar, il-Konvenzjoni ma tapplikax għal kwalunkwe proċedimenti li jinvolvu l-kwistjoni speċifika inkwistjoni; min-naħa l-oħra, skont l-Art. 26(5), il-Konvenzjoni tkompli tapplika fejn ma jkun hemm ebda inkonsistenza – fi kliem ieħor, f'sitwazzjonijiet fejn dawk l-obbligi skont il-Konvenzjoni li xorta japplikaw għall-Istati li jagħmlu d-dikjarazzjoni (minħabba li mhumiex inkonsistenti mat-trattat) jiggarantixxu r-reċiproċità.

[321] Bi Stati "mhux soġġetti għal ipoteka marittima" nifhmu Stati Kontraenti li mhumiex Partijiet mit-trattat dwar l-ipoteki marittimi.

"Ċ" jekk il-qorti magħżula ma kinitx fl-Istat tar-reġistrazzjoni.

291. **Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.** L-Artikolu 26(6) jittratta s-sitwazzjoni fejn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika (REIO) ssir Parti mill-Konvenzjoni. Jekk dan iseħħ, huwa possibbli li r-regoli (leġiżlazzjoni) adottati mill-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika jistgħu jsibu ruħhom f'kunflitt mal-Konvenzjoni. L-Artikolu 26(6) jinkludi żewġ regoli ta' "ċediment" li japplikaw f'sitwazzjoni bħal din. Huma japplikaw irrispettivament minn jekk ir-regola tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika tiġix adottata qabel jew wara l-Konvenzjoni. Il-prinċipju sottostanti huwa li meta każ ikun purament "reġjonali" f'termini ta' residenza tal-partijiet, il-Konvenzjoni ċċedi postha għall-istrument reġjonali.

292. **L-ewwel regola ta' "ċediment" tar-REIO.** L-ewwel regola ta' "ċediment" dwar il-kunflitti mal-leġiżlazzjoni ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika tirrifletti l-ewwel regola ta' "ċediment" dwar it-trattati konfliġġenti. Hija inkluża fl-Artikolu 26(6) *a)* u tgħid li meta ebda waħda mill-partijiet ma tkun residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Stat Membru tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, il-Konvenzjoni ċċedi postha għal-leġiżlazzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

293. Meta parti tkun residenti f'aktar minn Stat wieħed (ara l-Art. 4(2)), il-Konvenzjoni ċċedi postha għal-leġiżlazzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika (sal-punt tal-inkompatibbiltà) jekk il-partijiet kollha jkunu residenti *biss* fl-Istati Membri tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika jew fi Stati mhux Kontraenti.[322]

294. **Il-Partijiet.** Il-kelma "parti" għandha l-istess tifsira fil-paragrafu 6 tal-Artikolu 26 li għandha fil-paragrafi preċedenti: hija tfisser li persuna li hija parti mill-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jew li hija marbuta bih jew intitolata biex tinvokah.[323] Barra minn hekk, il-persuna għandha tkun parti mill-proċedimenti. Għalhekk, "parti" hija parti mill-proċedimenti li hija marbuta bil-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jew intitolata li tinvokah.

295. **Il-Komunità Ewropea.** Issa ninsabu f'pożizzjoni li nagħtu xi ftit eżempji. Il-Komunità Ewropea hija Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika. Ir-Regolament ta' Brussell huwa biċċa leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea li tkopri ħafna minn dak li tkopri l-Konvenzjoni. L-aktar kunflitti importanti li x'aktarx jitfaċċaw bejn ir-Regolament ta' Brussell u l-Konvenzjoni jikkonċernaw ir-regola ta' *lis pendens* u l-assigurazzjoni. Aħna għandna nużaw dawn id-differenzi biex nagħtu eżempji tat-tħaddim tal-Artikolu 26(6).

296. *Lis pendens.* Skont ir-Regolament ta' Brussell, qorti ta' Stat Membru tal-Komunità Ewropea ma tistax tisma' kawża fejn qorti ta' Stat Membru ieħor kienet invokata fl-ewwel lok bi proċedimenti li jinvolvu l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet (qabel u sakemm il-qorti l-oħra tirrinunzja l-ġurisdizzjoni). Dan japplika anki meta l-qorti invokata t-tieni tkun ġiet innominata fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti.[324] L-ewwel grupp ta' eżempji ser ikunu bbażati fuq dan il-punt.

297. **L-ewwel eżempju.**[325] Kumpanija residenti fl-Awstrija tikkonkludi kuntratt ma' kumpanija residenti fil-Finlandja. Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti li tinnomina l-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam fin-Netherlands. Il-kumpanija Awstrijakka tressaq proċedimenti fl-Awstrija. Il-kumpanija Finlandiża mbagħad tfittex għad-danni f'Rotterdam. Il-qorti ta' Rotterdam ma tistax tisma' l-kawża qabel u sakemm il-qorti Awstrijakka ċċedi l-ġurisdizzjoni.[326] Dan minħabba li ebda waħda mill-partijiet ma hija residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Stat Membru tal-Komunità Ewropea; għalhekk, skont l-Artikolu 26(6) *a)*, ir-regoli tal-Komunità Ewropea mhumiex affettwati mill-Konvenzjoni.

298. **It-tieni eżempju.**[327] Kumpanija residenti fl-Awstrija tikkonkludi kuntratt ma' kumpanija residenti fl-Istat X, Stat li mhuwiex Parti mill-Konvenzjoni. Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti li tinnomina l-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam. Il-kumpanija Awstrijakka tressaq proċedimenti fl-Awstrija. Il-kumpanija mill-Istat X imbagħad tfittex għad-danni f'Rotterdam.[328] Il-qorti ta' Rotterdam ma tistax tisma' l-kawża qabel u sakemm il-qorti Awstrijakka ċċedi l-ġurisdizzjoni.[329] Dan minħabba li ebda waħda mill-partijiet ma hija residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Stat Membru tal-Komunità Ewropea; għalhekk, skont l-Artikolu 26(6) *a)*, ir-regoli tal-Komunità Ewropea mhumiex affettwati mill-Konvenzjoni.

299. **It-tielet eżempju.**[330] Kumpanija residenti fl-Awstrija u kumpanija residenti fil-Brażil jikkonkludu kuntratt. Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti li tinnomina l-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam. Il-kumpanija Awstrijakka tfittex lill-kumpanija Brażiljana għad-danni fl-Awstrija. Il-kumpanija Brażiljana twieġeb billi tressaq

---

322 Dan huwa bbażat fuq l-ispjegazzjonijiet mogħtija fil-para. 273 u 274, *supra.*

323 Dwar il-kwistjoni ta' meta persuna li ma tkunx parti mill-ftehim dwar l-għażla tal-qorti xorta waħda tkun marbuta bih, ara l-para. 97, *supra.*

324 *Gasser* v. *MISAT,* il-Kawża C-116/02, [2003] Ġabra I-14721 (disponibbli fuq < http://curia.europa.eu/ >) (Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej). Din il-kawża kienet dwar id-dispożizzjoni ekwivalenti fil-Konvenzjoni ta' Brussell, iżda tapplika wkoll skont ir-Regolament ta' Brussell.

325 *Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, supra.*

326 Art. 27 tar-Regolament ta' Brussell.

327 *Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, supra.*

328 L-Art. 23 tar-Regolament ta' Brussell (ir-regola tar-Regolament dwar il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti) ikopri wkoll dawk il-kawżi fejn waħda biss mill-partijiet tkun domiċiljata fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea.

329 Art. 27 tar-Regolament ta' Brussell.

330 *Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, supra.*

proċedimenti kontra l-kumpanija Awstrijakka quddiem il-qorti ta' Rotterdam. Il-qorti ta' Rotterdam għandha tisma' l-kawża b'konformità mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, minħabba li waħda mill-partijiet (il-kumpanija Brażiljana) hija residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Stat Membru tal-Komunità Ewropea; għalhekk, l-Artikolu 26(6) *a)* ma jwaqqafx ir-regoli tal-Komunità milli jiġu affettwati mill-Konvenzjoni. Konsegwentement, il-qorti ta' Rotterdam mhijiex permessa li tapplika r-regola ta' *lis pendens* fl-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Brussell. Min-naħa l-oħra, il-qorti Awstrijakka tkun obbligata li tirrinunzja l-kawża kemm skont l-Artikolu 23 tar-Regolament ta' Brussell kif ukoll skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

300. **Ir-raba' eżempju.**[331] Fuq il-fatti stabbiliti fil-paragrafu preċedenti, nassumu li l-qorti Awstrijakka mhijiex obbligata li tirrinunzja l-kawża skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba li tapplika waħda mill-eċċezzjonijiet għal dik id-dispożizzjoni. Madankollu, nassumu li l-obbligu li jiġi rrispettat il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti skont l-Artikolu 23 tar-Regolament ta' Brussell – u, għalhekk, li tirrinunzja l-kawża – għadu japplika. F'sitwazzjoni bħal din, il-qorti Awstrijakka tkun obbligata li tirrinunzja l-kawża skont l-Artikolu 23 tar-Regolament ta' Brussell. L-Artikolu 26(6) tal-Konvenzjoni ma japplikax minħabba li ma jkun hemm ebda inkonsistenza bejn il-Konvenzjoni u r-Regolament: l-eċċezzjonijiet għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni *jippermettu* biss lill-qorti Awstrijakka li tisma' l-kawża; huma *ma jobbligawhiex* biex tagħmel dan. Jekk wieħed iqabbel it-tielet eżempju mar-raba' wieħed, huwa ċar li ma tagħmel ebda differenza jekk tapplikax waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 6 *(a)* sa *(e)*; il-qorti invokata iżda mhux magħżula (li kienet invokata l-ewwel) dejjem għandha tirrinunzja l-kawża skont l-Artikolu 23 tar-Regolament ta' Brussell.

301. **Il-ħames eżempju.**[332] Kumpanija residenti fl-Awstrija u kumpanija residenti fil-Brażil jikkonkludu kuntratt. Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti li tinnomina l-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam. Il-qorti ta' Rotterdam hija invokata l-ewwel. Sussegwentement, il-kumpanija Awstrijakka tfittex lill-kumpanija Brażiljana għad-danni quddiem qorti fl-Awstrija. Il-qorti Awstrijakka tintalab tissospendi jew tirrinunzja[333] l-proċedimenti skont l-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Brussell (*lis pendens*).[334] Hija ma tintalabx tikkunsidra jekk kinitx tapplika waħda mill-eċċezzjonijiet għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba li, anki li kieku kienet tapplika, l-Artikolu 6 *ma jitlobx* lill-qorti Awstrijakka biex tisma' l-kawża.[335] Konsegwentement, l-Artikolu 26(6) *a)* tal-Konvenzjoni ma jaffettwax l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Brussell mill-qorti Awstrijakka.

302. **L-assigurazzjoni.** L-Artikoli 8 sa 14 tar-Regolament ta' Brussell jistabbilixxu r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni għall-proċedimenti b'rabta mal-assigurazzjoni. L-Artikolu 13 jipprojbixxi l-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti li jitilqu minn dawn ir-regoli, ħlief f'ċerti sitwazzjonijiet limitati.[336] Madankollu, il-projbizzjoni kontra l-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti ma tapplikax għal diversi tipi ta' assigurazzjoni marittima u tal-avjazzjoni,[337] u lanqas ma tapplika għal "riskji kbar" kif definiti mil-liġi Komunitarja.[338] Barra dawn l-eċċezzjonijiet, ftehim dwar l-għażla tal-qorti li jitlaq mir-regoli ġurisdizzjonali dwar l-assigurazzjoni huwa invalidu skont ir-Regolament. Il-Konvenzjoni, min-naħa l-oħra, tapplika għat-tipi kollha ta' assigurazzjoni, ħlief dawk li minnhom hija parti persuna fiżika li taġixxi primarjament għal skopijiet personali, familjari jew domestiċi (konsumatur).[339] Bejn dawn iż-żewġ estremi, hemm għadd ta' kuntratti tal-assigurazzjoni li huma koperti mill-Konvenzjoni iżda li għalihom tapplika l-projbizzjoni fuq il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti skont ir-Regolament. Huwa f'dawn il-każijiet li kunflitt huwa possibbli.

303. **L-ewwel eżempju.**[340] Kumpanija tal-assigurazzjoni Olandiża tidħol f'kuntratt ta' assigurazzjoni kummerċjali ma' X, kumpanija residenti fi Spanja. Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti li tispeċifika l-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam. Il-kuntratt huwa kopert mill-projbizzjoni fuq il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti fl-Artikolu 13 tar-Regolament. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni tfittex lil X għad-danni quddiem il-qorti magħżula. Il-qorti magħżula ma tistax tisma' l-kawża: ir-Regolament ta' Brussell jipprevali l-Konvenzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 26(6) *a)* tal-Konvenzjoni.

304. **It-tieni eżempju.**[341] Kumpanija tal-assigurazzjoni Kanadiża tistabbilixxi uffiċċju tal-fergħa (mhux inkorporat

[331] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra*.

[332] *Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, supra.*

[333] Hija tintalab tissospendi l-proċedimenti skont l-Art. 27(1) sa dak iż-żmien li tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-qorti ta' Rotterdam; imbagħad hija tintalab tirrinunzja l-proċedimenti skont l-Art. 27(2).

[334] Hija tintalab ukoll tirrinunzja l-proċedimenti skont l-Art. 23 tar-Regolament ta' Brussell (il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti), sakemm il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ma kienx konformi mal-para. 1 ta' dik id-dispożizzjoni.

[335] Ara l-para. 145, *supra*.

[336] L-uniċi ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti permessi huma dawk li: (1) jiġu konklużi wara li tkun inqalgħet it-tilwima; (2) jippermettu lid-detentur ta' polza, lill-assigurat jew lil benefiċjarju (iżda mhux l-assiguratur) iressqu proċedimenti fi qrati minbarra dawk indikati mir-Regolament; (3) jiġu konklużi bejn detentur ta' polza u assiguratur, li t-tnejn ikunu domiċiljati jew abitwalment residenti fl-istess Stat Membru u li jikkonferixxu l-ġurisdizzjoni fuq il-qrati ta' dak l-Istat; (4) jiġu konklużi ma' detentur ta' polza li mhuwiex domiċiljat fi Stat Membru (ħlief sakemm l-assigurazzjoni tkun obbligatorja jew relatata ma' proprjetà immobbli fi Stat Membru) jew (5) huma marbutin ma' assigurazzjoni li tkopri wieħed mir-riskji stabbiliti fl-Art. 14 tar-Regolament.

[337] L-Art. 13(5) u l-para. 1 sa 4 tal-Art. 14 tar-Regolament.

[338] L-Art. 14(5) tar-Regolament u l-Art. 5 tad-Direttiva Nru 88/357, ĠU 1988 L 172, p. 1, li jemendaw l-Art. 5 tad-Direttiva Nru 73/239, ĠU 1973 L 228, p. 3.

[339] L-Art. 2(1) *(a)* tal-Konvenzjoni.

[340] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra*.

[341] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra*.

separatament) fi Spanja.[342] Hija tidħol f'kuntratt ta' assigurazzjoni kummerċjali ma' X, kumpanija residenti fi Spanja. Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti li tispeċifika l-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam. Il-kuntratt huwa kopert mill-projbizzjoni fuq il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti fl-Artikolu 13 tar-Regolament. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni tfittex lil X għad-danni quddiem il-qorti magħżula. L-Artikolu 26(6) *a)* ma japplikax minħabba li waħda mill-partijiet hija residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Stat Membru tal-Komunità Ewropea (il-Kanada). Il-qorti ta' Rotterdam għandha tisma' l-kawża.

305. **It-tieni regola ta' "ċediment" tar-REIO.** It-tieni regola ta' "ċediment" dwar il-kunflitti mal-leġiżlazzjoni ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika hija simili għat-tielet regola ta' "ċediment" dwar it-trattati konfliġġenti. Hija inkluża fl-Artikolu 26(6) *b)* u tgħid li l-Konvenzjoni ma taffettwax ir-regoli ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika dwar ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenzi bejn l-Istati Membri tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika. Madanakollu, teżisti differenza importanti waħda: ma hemm ebda dispożizzjoni li tgħid li s-sentenza ma tistax tkun rikonoxxuta jew infurzata b'mod inqas milli previst skont il-Konvenzjoni.

306. **Ir-Regolament ta' Brussell.** B'mod ġenerali, ir-Regolament ta' Brussell jipprevedi livell *akbar* ta' rikonoxximent u infurzar mill-Konvenzjoni. Fil-biċċa l-kbira, ir-rikonoxximent u l-infurzar huma awtomatiċi skont ir-Regolament. Ir-raġunijiet tar-rifjut, stabbiliti fl-Artikoli 33 sa 37 tar-Regolament, huma aktar ristretti mir-raġunijiet tar-rifjut skont l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, in-nuqqas ta' dispożizzjoni li tgħid li s-sentenza ma tistax tkun rikonoxxuta jew infurzata b'mod inqas milli previst skont il-Konvenzjoni mhuwiex ta' importanza kbira safejn huwa kkonċernat ir-Regolament ta' Brussell. Madankollu, l-assigurazzjoni hija eċċezzjoni.

307. **L-assigurazzjoni.** L-Artikolu 35(1) tar-Regolament jgħid li sentenza ma tkunx rikonoxxuta jekk tkun konfliġġenti mat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II. Din it-Taqsima tinkludi l-Artikoli 8 sa 14, li (kif rajna[343]) jistabbilixxu regoli dwar il-ġurisdizzjoni għall-proċedimenti b'rabta mal-assigurazzjoni. L-Artikolu 13 tar-Regolament jipprojbixxi l-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti li jitilqu minn dawn ir-regoli, ħlief f'ċerti każijiet limitati.[344] Barra dawn l-eċċezzjonijiet limitati, ftehim dwar l-għażla tal-qorti li jitlaq mir-regoli ġurisdizzjonali dwar l-assigurazzjoni huwa invalidu skont ir-Regolament.[345] Dan ifisser li, meta l-Artikoli 8 sa 14 tar-Regolament jipprevalu fuq il-Konvenzjoni minħabba l-ewwel regola ta' "ċediment" tar-REIO (l-Art. 26(6) *a)* tal-Konvenzjoni), sentenza mogħtija li tmur kontra dawk id-dispożizzjonijiet minn qorti fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea ma tkunx rikonoxxuta jew infurzata fi kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Komunità Ewropea. F'dan il-każ eċċezzjonali waħdieni, ir-Regolament ta' Brussell huwa inqas favorevoli għar-rikonoxximent u l-infurzar mill-Konvenzjoni.

308. Meta, min-naħa l-oħra, il-Konvenzjoni tipprevali fuq ir-Regolament (minħabba li waħda mill-partijiet tkun residenti fi Stat Kontraenti barra l-Komunità Ewropea), l-Artikoli 8 sa 14 tar-Regolament ma jkunux applikabbli; għalhekk, ir-regola fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament ma tapplikax. Konsegwentement, is-sentenza ma tkunx rikonoxxuta u infurzata skont ir-Regolament.[346]

309. **L-ewwel eżempju.**[347] Kumpanija tal-assigurazzjoni Olandiża tidħol f'kuntratt ta' assigurazzjoni kummerċjali ma' X, kumpanija residenti fi Spanja. Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti li tispeċifika l-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam. Il-kuntratt huwa kopert mill-projbizzjoni fuq il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti fl-Artikolu 13 tar-Regolament. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni tfittex lil X għad-danni quddiem il-qorti magħżula. Il-qorti magħżula ma tistax tisma' l-kawża: ir-Regolament ta' Brussell jipprevali l-Konvenzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 26(6) *(a)* tal-Konvenzjoni. Madankollu, jekk il-qorti ta' Rotterdam tisma' l-kawża, is-sentenza tagħha ma tkunx intitolata għal rikonoxximent jew infurzar skont il-Konvenzjoni fi Spanja. Skont l-Artikolu 26(6) *(b)* tal-Konvenzjoni, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Brussell jipprevalu fuq dawk tal-Konvenzjoni u, skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament, is-sentenza ma tkunx rikonoxxuta, minħabba li hija tkun konfliġġenti mal-Artikolu 13 tar-Regolament (inkluż fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu II).

310. **It-tieni eżempju.**[348] Kumpanija tal-assigurazzjoni Kanadiża tistabbilixxi uffiċċju tal-fergħa (mhux inkorporat separatament) fi Spanja.[349] Hija tidħol f'kuntratt ta' assigurazzjoni kummerċjali ma' X, kumpanija residenti fi Spanja. Il-kuntratt fih klawżola dwar l-għażla tal-qorti li tispeċifika l-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam. Il-kuntratt huwa kopert mill-projbizzjoni fuq il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti fl-Artikolu 13 tar-Regolament. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni tfittex lil X għad-danni

[342] Skont l-Art. 9(2) tar-Regolament ta' Brussell, il-kumpanija tal-assigurazzjoni titqies bħala li hija domiċiljata fi Spanja. Madankollu, skont il-Konvenzjoni, hija tkun residenti fil-Kanada.

[343] Para. 302, *supra*.

[344] Ara n-nota 336, *supra*.

[345] Ara l-para. 302, *supra*.

[346] Kwalunkwe soluzzjoni oħra jkollha r-riżultat assurd li l-qorti magħżula tkun intitolata u mitluba li tisma' l-kawża, iżda s-sentenza tagħha ma tkunx rikonoxxuta jew infurzata. Minħabba li ebda qorti, minbarra l-qorti magħżula, ma tista' tisma' l-kawża, ikun impossibbli li tinkiseb sentenza minn qorti fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea li tkun rikonoxxuta u infurzata fi Stati Membri oħrajn tal-Komunità Ewropea. L-assiguraturi minn barra l-Komunità Ewropea mbagħad ikollhom jinnominaw qorti minn barra l-Komunità Ewropea sabiex jiżguraw li s-sentenza li tirriżulta tkun rikonoxxuta fi ħdan il-Komunità Ewropea.

[347] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra*.

[348] Ser ikun imfakkar li fl-eżempji kollha mogħtija f'dan ir-Rapport huwa preżunt, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, li l-Konvenzjoni hija fis-seħħ u li l-Istati msemmija huma Partijiet minnha: ara d-dikjarazzjoni f'p. 20, *supra*.

[349] Skont l-Art. 9(2) tar-Regolament ta' Brussell, il-kumpanija tal-assigurazzjoni titqies bħala li hija domiċiljata fi Spanja. Madankollu, skont il-Konvenzjoni, hija tkun residenti fil-Kanada.

quddiem il-qorti magħżula. L-Artikolu 26(6) *a)* ma japplikax minħabba li waħda mill-partijiet hija residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Stat Membru tal-Komunità Ewropea (il-Kanada). Il-qorti ta' Rotterdam għandha tisma' l-kawża. Is-sentenza tagħha tkun rikonoxxuta u infurzata fi Spanja skont ir-Regolament ta' Brussell. L-Artikolu 35(1) tar-Regolament ma japplikax, minħabba li d-dispożizzjonijiet li jipprojbixxu l-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti fil-kuntratti tal-assigurazzjoni inklużi fl-Artikolu 13 tar-Regolament ma jkunux applikabbli għall-kawża.

*Artikolu 27 L-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni*

311. L-Artikolu 27 jikkonċerna l-modi li bihom Stat jista' jsir Parti mill-Konvenzjoni. Kwalunkwe Stat jista' jsir Parti minnha permezz ta' ffirmar segwit minn ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, jew permezz ta' adeżjoni. (F'xi konvenzjonijiet oħrajn tal-Aja, Stat aderenti jkun f'pożizzjoni inqas favorevoli minn Stat li jirratifika, minħabba li l-adeżjoni f'dawk il-konvenzjonijiet hija soġġetta għall-ftehim tal-Istati li huma diġà Partijiet). Dan mhuwiex il-każ bil-Konvenzjoni). Ikun xi jkun il-metodu li jiġi adottat minn Stat li jixtieq isir Parti, l-istatus li jirriżulta jkun l-istess. Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-aderenza mifruxa għall-Konvenzjoni, huwa f'idejn l-Istati li jagħżlu liema metodu huwa l-aktar konvenjenti għalihom. L-istrumenti rilevanti jiġu ddepożitati lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands, id-depożitarju tal-Konvenzjoni.

*Artikolu 28 Dikjarazzjonijiet fir-rigward tas-sistemi legali mhux unifikati*

312. L-Artikolu 28 jikkonċerna lil dawk l-Istati li jikkonsistu f'żewġ unitajiet territorjali jew aktar.[350] Huwa jippermetti lil tali Stat jiddikjara li l-Konvenzjoni ser testendi biss għal uħud mill-unitajiet territorjali tiegħu. B'hekk, ir-Renju Unit tista' tiffirma u tirratifika, jew taderixxi, għall-Ingilterra biss, u ċ-Ċina tista' tagħmel dan għal Hong Kong biss. Tali dikjarazzjoni tista' tiġi mmodifikata fi kwalunkwe mument. Din id-dispożizzjoni hija partikolarment importanti għall-Istati li fihom il-leġiżlazzjoni neċessarja biex tagħti effett lill-Konvenzjoni tkun trid tgħaddi permezz tal-leġiżlaturi tal-unitajiet (pereżempju, permezz tal-leġiżlaturi provinċjali u territorjali fil-Kanada).

*Artikolu 29 Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika*

313. L-Artikoli 29 u 30 jagħmlu dispożizzjoni sabiex l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ssir Parti mill-Konvenzjoni.[351] Hemm żewġ possibbiltajiet. L-ewwel waħda hija meta kemm l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika kif ukoll l-Istati Membri tagħha jsiru Partijiet. Dan jista' jseħħ jekk huma jgawdu kompetenza esterna konkorrenti fuq is-suġġett tal-Konvenzjoni (kompetenza konġunta) jew jekk xi kwistjonijiet jaqgħu fi ħdan il-kompetenza esterna tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika u oħrajn jaqgħu fi ħdan dik tal-Istati Membri (li tirriżulta f'kompetenza kondiviża jew imħallta għall-Konvenzjoni b'mod ġenerali). It-tieni possibbiltà hija meta l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika weħidha ssir Parti. Dan jista' jseħħ meta hija jkollha kompetenza esterna esklussiva fuq is-suġġett tal-Konvenzjoni. F'każ bħal dan, l-Istati Membri jkunu marbutin bil-Konvenzjoni bis-saħħa tal-qbil tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

314. L-Artikolu 29 jikkonċerna l-ewwel possibbiltà. Huwa jippermetti lill-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika kostitwiti minn Stati sovrani biss isiru Partijiet għall-Konvenzjoni jekk ikollhom kompetenza esterna fuq il-kwistjonijiet kollha koperti minnha jew fuq uħud minnhom. Sakemm ikollha din il-kompetenza esterna, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika jkollha l-istess drittijiet u obbligi bħal Stat Kontraenti. Meta dan ikun il-każ, hija għandha tinnotifika lid-depożitarju dwar il-kwistjonijiet li għalihom hija għandha kompetenza esterna u dwar kwalunkwe bidliet f'dan ir-rigward.[352]

*Artikolu 30 Adeżjoni minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika mingħajr l-Istati Membri tagħha*

315. L-Artikolu 30 jikkonċerna t-tieni possibbiltà, fejn l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika weħidha ssir Parti. Meta dan iseħħ, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika tista' tiddikjara li l-Istati Membri tagħha huma marbutin bil-Konvenzjoni.[353]

316. **It-tifsira ta' "Stat".** Meta Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ssir Parti mill-Konvenzjoni – skont l-Artikolu 29 jew skont l-Artikolu 30 – kwalunkwe referenza fil-Konvenzjoni għal "Stat Kontraenti" jew għal "Stat" tapplika b'mod ugwali, fejn xieraq, għall-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika. Din id-dispożizzjoni hija parallela mal-Artikolu 25(1). L-effett tagħha diġà ġie diskuss.[354] Madankollu, ta' min jinnota li l-Artikolu 26(6) huwa *lex specialis* għall-Artikoli 29 u 30 safejn hija kkonċernata l-applikazzjoni tal-istrumenti legali ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika. Meta l-Konvenzjoni ma ċċedix postha għal strument bħal dan skont l-Artikolu 26(6), ma jkunx

[350] Dan l-Artikolu ma japplikax għall-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

[351] Kien maqbul mis-Sessjoni Diplomatika li "Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika" għandu jkollha tifsira awtonoma (mhux dipendenti fuq il-liġi ta' kwalunkwe Stat) u li għandha tiġi interpretata b'mod flessibbli sabiex tinkludi organizzazzjonijiet sub-reġjonali u trans-reġjonali, kif ukoll organizzazzjonijiet li l-mandat tagħhom jestendi 'lil hinn minn kwistjonijiet ekonomiċi: ara l-Minuti Nru 21 tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II, para. 49 sa 61.

[352] Art. 29(2).

[353] Art. 29(4). Dan ikun il-każ, pereżempju, skont l-Art. 300(7) tat-*Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.*

[354] Ara l-para. 258 sa 260, 17, 107 u 128 sa 131, *supra.*

possibbli li jintużaw l-Artikoli 29 jew 30 sabiex tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni tal-istrument minflok tal-Konvenzjoni.

*Artikolu 31 Dħul fis-seħħ*

317. L-Artikolu 31 jispeċifika meta ser tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni. Hija ser tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-depożitu tat-tieni strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni. Huma stipulati regoli simili għal meta l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għal Stat jew Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika partikolari li sussegwentement isiru Parti minnha,[355] u għal unità territorjali li għaliha ġiet estiża skont l-Artikolu 28(1).[356]

*Riżervi*

318. Il-Konvenzjoni ma fiha ebda dispożizzjoni li tipprojbixxi r-riżervi. Dan ifisser li r-riżervi huma permessi, soġġetti għar-regoli normali tad-dritt internazzjonali konswetudinarju (kif rifless fl-Art. 2(1) *d)* u fl-Art. 19 sa 23 tal-*Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati* 1969).

319. Madankollu, ġiet adottata d-dikjarazzjoni li ġejja mis-Sessjoni Diplomatika:

> "Din il-Kummissjoni tifhem li b'ebda mod ma għandha tiġi inkoraġġita riżerva u li kull meta Stat ikun irid jagħmel riżerva – din għandha ssir biss jekk Stat ikollu interess kbir li jagħmel dan; hija ma għandhiex tkun usa' milli meħtieġ u għandha tiġi definita b'mod ċar u preċiż; hija ma għandhiex tittratta kwistjoni speċifika li tista' tkun is-suġġett ta' dikjarazzjoni; u ma għandhiex tkun detrimentali għall-għan u l-iskop u għall-koerenza tal-Konvenzjoni.
>
> Il-pożizzjoni kif espressa minn din il-Kummissjoni għandha effetti limitati biss għal din il-Konvenzjoni u b'ebda mod ma għandha titqies bħala li hija relatata ma' kwalunkwe Konvenzjoni futura tal-Konferenza tal-Aja."[357]

*Artikolu 32 Dikjarazzjonijiet*

320. Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 19, 20, 21, 22 u 26 jistgħu jsiru mal-iffirmar, mar-ratifika, mal-aċċettazzjoni, mal-approvazzjoni jew mal-adeżjoni jew fi kwalunkwe ħin aktar tard u jistgħu jiġu mmodifikati jew irtirati fi kwalunkwe ħin. Huma jsiru lid-depożitarju (il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands).

321. Dikjarazzjoni magħmula fil-ħin tal-iffirmar, tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni jkollha effett fl-istess ħin mad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-Istat ikkonċernat. Dikjarazzjoni magħmula aktar tard u kull modifika jew irtirar ta' dikjarazzjoni jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-data li fiha d-depożitarju jirċievi n-notifika. Dikjarazzjoni skont l-Artikolu 19, 20 21 u 26 ma tapplikax għall-ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti li jiġu konklużi qabel din tidħol fis-seħħ.[358]

*Artikolu 33 Denunzja*

322. L-Artikolu 33 jgħid li Stat Kontraenti jista' jiddenunzja l-Konvenzjoni permezz ta' notifika bil-miktub lid-depożitarju. Id-denunzja tista' tkun limitata għal ċerti unitajiet territorjali ta' sistema legali mhux unifikata li għaliha tapplika l-Konvenzjoni. Id-denunzja tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tnax-il xahar mid-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva n-notifika. Fil-każ li fin-notifika jkun speċifikat żmien itwal biex id-denunzja tidħol fis-seħħ, din tidħol fis-seħħ wara l-iskadenza ta' tali perjodu itwal mid-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva n-notifika.

*Artikolu 34 Notifiki mid-depożitarju*

323. L-Artikolu 34 jitlob lid-depożitarju sabiex jinnotifika lill-Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u lil Stati u Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika oħrajn li ffirmaw, irratifikaw, aċċettaw jew approvaw il-Konvenzjoni jew li aderixxew għaliha, dwar diversi kwistjonijiet li huma rilevanti għall-Konvenzjoni, bħal firem, ratifiki, dħul fis-seħħ, dikjarazzjonijiet u denunzji.

355 Art. 31(2) *(a)*.
356 Art. 31(2) *(b)*.
357 Ara l-Minuti Nru 23 tal-Għoxrin Sessjoni, il-Kummissjoni II, il-para. 1 sa 31, b'mod partikolari l-para. 29 sa 31.

358 L-Art. 22 mhuwiex imsemmi hawnhekk; b'hekk, dikjarazzjoni skont l-Art. 22 tista' tkopri wkoll il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti konklużi qabel id-data li fiha daħlet fis-seħħ id-dikjarazzjoni skont l-Art. 32(3) jew (4); ara l-para. 253 *et seq.*, *supra*.

**Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat**
**Il-Bureau Permanenti**
Churchillplein 6b
2517 JW L-Aja
Il-Pajjiżi l-Baxxi
Telefown: +31 70 363 3303
Faks: +31 70 360 4867
Posta elettronika: secretariat@hcch.net
Websajt: www.hcch.net

DS-02-16-367-MT-N

HCCH
HAGUE CONFERENCE ON
PRIVATE INTERNATIONAL LAW
CONFÉRENCE DE LA HAYE
DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ

Il-Kummissjoni
Ewropea

ISBN 978-92-79-58152-6

doi : 10.2838/887724